# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



Ħarġa Akkademika XC 2017

# Il-Malti

Rivista tal-Akkademja tal-Malti

ĦARĠA AKKADEMIKA

XC

2017

UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti
**klabb kotba maltin**

**Il-Bord Editorjali**

*Editur*: Dr Mario Cassar

*Membri*: Phyllis Debono

Dr George Farrugia

Sergio Grech

Ann Marie Schembri

Qari tal-provi: Joseph P. Borg, Maria Ferstl

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti

© 2017 L-Akkademja tal-Malti

ISBN: 978-99932-7-648-7

Iddedikat lil
Pawlu Mizzi
Fundatur tal-Klabb Kotba Maltin

# Werrej

L-Editorjal
*Mario Cassar* ........................................................................vii

## Diskorsi

Il-Poeżija Maltija wara Dun Karm
*Achille Mizzi* ........................................................................02

Ċittadini Ewropej għax Ċittadini Maltin
*Manwel Mifsud* ........................................................................07

## Kritika Letterarja

Paradossi Kuluriti u Ritmati – il-Mużikalità fil-Poeżija ta' Charlò Camilleri
*Rev. Glen Attard* ........................................................................14

*Karnival*, dramm ta' Francis Ebejer (1977)
*Dorianne Bartolo* ........................................................................26

*Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa* ta' Trevor Żahra fid-Dawl tal-Ħsieb ta' Bergson
*Manuel J. Ellul* ........................................................................30

L-Aħjar Rumanzi Maltin ta' qabel l-1950
*David Aloisio* ....................................................38

Dettalji dwar il-Proċess tat-Traduzzjoni għall-Malti taż-Żewġ Novelli ta' Honoré de Balzac
*Paul Zahra* ....................................................47

**Storja tal-Lingwa**

De Soldanis fil-Kitbiet tal-Kanonku Panzavecchia
*David Agius Muscat* ....................................................53

It-Traduzzjoni tas-Salmi ta' F. Panzavecchia – Nota dwar Kelma
*Mons. Lawrenz Cachia* ....................................................60

Manwel Pace u Carmelo Mifsud Bonnici – Żewġ Innijiet ta' Żewġ Partiti, imma Familja Waħda
*Oliver Friggieri* ....................................................63

**Lingwistika**

Kunjomijiet Maltin ta' Nisel Taljan: Xi Aspetti Grammatikali u Fonoloġiċi
*Mario Cassar* ....................................................75

Il-Varjazzjoni Lessikali fir-Reġistru tal-Piroteknika Maltija
*Carlston Grima* ....................................................97

**Nekroloġija**

P. Mikiel Fsadni OP (1916-2013)
*P. Pawl Gatt OP* ....................................................140

Valentin V. Barbara (1920-2004)
*Frank Zammit* ....................................................143

# L-editorjal

Mario Cassar

### Għodod Meħtieġa

Fl-1924, bis-saħħa ta' mozzjoni mressqa mill-membru parlamentari Laburista Turu Mifsud, il-Gvern aċċetta li jippubblika l-grammatika tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, miktub minn Ninu Cremona u Ġanni Vassallo. Sal-lum dan il-ktieb għadu meqjus bħala x-xogħol fundamentali fuq l-ortografija u l-grammatika tal-Malti. Fis-snin tletin, imbagħad, l-istess Cremona, bl-għajnuna ta' Ġanni Cilia, ħareġ *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija – L-Ewwel Ktieb: Ortografija u Grammatika* (1934) u *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija – It-Tieni Ktieb: Grammatika u Sintassi* (1938). Dawn iż-żewġ volumi flimkien jikkostitwixxu, fil-fehma ta' ħafna, l-aħjar grammatika ta' lsienna li qatt ġiet ikkompilata.

Biex taġġorna l-ortografija tal-Malti u fl-istess waqt tikkodifika xi rqaqat li kienu qed joħolqu ftit diżgwid fost il-kittieba, l-Akkademja tal-Malti eventwalment ħarġet iż-*Żieda mat-Tagħrif* (1984) u *Aġġornament tat-Tagħrif* (1992). L-istess Akkademja, fl-2004, ippubblikat *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija II* li għaqqad b'mod kritiku x-xogħol oriġinali ta' Cremona maż-żewġ dokumenti importanti li għadna kif semmejna, anki jekk bħala appendiċi. Ix-xogħol seminali ta' Cremona jibqa' utilissimu, iżda jidhrilna li wasal iż-żmien li l-istudent, il-ġurnalista, l-akkademiku, u l-kittieb lokali llum għandhom bżonn grammatika ġdida tal-Malti li tabilħaqq tirrifletti l-qagħda kontemporanja ta' lsienna. Din il-grammatika għandha tibqa' fis-sew leali lejn l-ideat essenzjali ta' Cremona,

imma fl-istess waqt trid tinkorpora r-riforma ortografika li fassal il-Kunsill tal-Malti bis-saħħa tad-dokument *Deċiżjonijiet I* (2008) fuq il-varjanti ortografiċi fil-Malti, u ħwejjeġ oħra li għadhom, b'xorti ħażina, pendenti, fosthom ir-regoli dwar l-Angliċiżmi fil-Malti.

Minkejja r-rispett kbir li kulħadd għandu jkollu lejn Cremona, ma nistgħux ninjoraw il-fatt li xogħlu, tajjeb kemm hu tajjeb, jinkludi għadd ta' żbalji nozzjonali, li jridu jiġu riveduti jew addirittura kkoreġuti. Il-grammatika ġdida tal-Malti li għandna bżonn trid (a) tkun dħulija, sempliċi, u ċara, b'tali mod li tevita spjegazzjonijiet laborjużi; tinkorpora *ż-Żieda*, l-*Aġġornament,* u d-*Deċiżjonjiet* f'volum wieħed (biex ma jibqgħux sparpaljati fi tliet dokumenti separati); u tħaddem terminoloġija aktar aġġornata u sofistikata (eż. ġeminazzjoni, infiessjoni, vokali ewfonika, suffissi prenominali, element preformattiv, eċċ.). Nemmnu li għandna lingwisti u grammatiki bravissimi li kapaċi jwettqu dan il-proġett, verament diffiċli, imma assolutament neċessarju.

Għandna bżonn ukoll dizzjunarju Malti aġġornat. Dak ta' Aquilina ħareġ bejn l-1987 u l-1990, jiġifieri issa ilu f'idejna tletin sena. Qdiena tajjeb u ħaffilna x-xogħol, imma issa ejjew nammettu li qdiem. Jekk xejn, mhuwiex konformi mar-regoli l-ġodda u f'retrospettiva jsofri minn lakuni notevoli. Xi lessikografi, bħal Joe Felice Pace, ħarġu fil-frattemp xi żidiet utli. Oħrajn, bħal Charles Briffa, tabilħaqq introduċew għadd ġmielu ta' vokabuli ġodda fid-dizzjunarji tagħhom. Sar ħafna xogħol siewi wkoll minn numru sabiħ ta' tradutturi fuq reġistri speċifiċi, speċjalment fuq oqsma tekniċi u professjonali li jistgħu jaqdu tajjeb il-ħtiġijiet lessikali ta' żmienna. Madankollu miklem komprensiv, bl-istess nifs u dettall ta' Aquilina, għad irid jara d-dawl. Nafu li qed jinħema dizzjunarju elettroniku li jirrekjedi ħafna ħin u dedikazzjoni. Hux forsi l-każ li sakemm jiġi konkluż dan il-proġett ambizzjuż, tiġi kkompilata lista (*word list*), eżawrjenti kemm jista' jkun, tal-lessiku Malti, elenkat f'ordni alfabetiku. Almenu dak li jkun jista' jikkonsultaha biex jassigura l-korrettezza ortografika tal-kliem, b'konformità mar-regoli attwali.

Għandna bżonn ukoll bħal-ħobż ċekkjatur elettroniku (*spell checker*) tal-Malti. Minn informazzjoni affidabbli li għandna f'idejna jidher li qed nersqu, imma nisperaw li dan il-proġett ma jmutx fuq ruħ ommu. Ejjew nammettu li l-livell tal-Malti miktub fuq l-internet huwa abiżmali. Iċ-ċekkjatur mhux ħa jsolvi kollox, imma żgur li sa jgħin qatigħ biex l-affarijiet jitjiebu b'mod konsiderevoli.

Fl-aħħar nett nixtiequ li d-dokument imħejji mill-Kunsill tal-Malti fuq l-kitba tal-kliem ta' nisel Ingliż jara d-dawl tax-xemx mill-aktar fis possibbli. Saret

konsultazzjoni wiesgħa. Smajna l-qniepen kollha. Imma issa wasal iż-żmien li nieħdu deċiżjoni, anki jekk ma tkunx id-deċiżjoni mixtieqa minn kulħadd. Anki dan il-proġett, li sar bil-ħidma għaqlija ta' diversi nies dedikati, ma jistax jibqa' jrabbi l-għanqbut fuq l-ixkaffa. Appena dan id-dokument (*Deċiżjonijiet 2*) jikseb it-timbru uffiċjali, inkunu nistgħu nibdew naħsbu fuq il-varjanti fonetiċi (*Deċiżjonijiet 3*) biex b'hekk inkomplu nnaqqsu l-inċertezzi li kultant ifixkluna.

Kemm l-istudent kif ukoll l-istudjuż tal-Malti għandu bżonn l-għodda biex jaħdem. L-għodod kollha li semmejna huma assolutament meħtieġa biex nersqu lejn xi forma ta' konsistenza u standardizzazzjoni. Dan ma jistax isir fi klima ta' pika u ostilità. Kien hemm min ikkontesta xi deċiżjonijiet li ttieħdu fl-imgħoddi ... u kellu kull dritt. Anki xi wħud minna, fuq livell individwali, kellhom ir-riservi tagħhom, wara kollox. Imma f'ġieħ l-imħabba li għandna lejn ilsien pajjiżna, ejjew inwarrbu l-intransiġenza u l-orgolju tagħna. Inħallu l-lingwisti esperti jaħdmu bil-kwiet ... u nħalluhom jikkonkludu b'mod seren. Jekk sa nibqgħu nkaxkru saqajna minħabba l-ideat 'prezzjużi' tagħna sa nħallu l-Malti jgħum fil-limbu tad-dubji. Min hu komdu u kuntent b'dan ix-xenarju?

# DISKORSI

# Il-Poeżija Maltija wara Dun Karm

Achille Mizzi

Dun Karm kien il-koloss li ddomina x-xena tal-letteratura Maltija bħal siġra enormi li taħt dellha ma seta' jikber xejn. Wara Dun Karm kien meħtieġ li jkun hemm bidla, bidu ġdid. Dun Karm interpreta l-valuri ta' żmienu, jiġifieri ta' Malta fl-aħħar tas-seklu dsatax u d-dħul tas-seklu għoxrin, tant tajjeb li bħallikieku nkiteb dak kollu li kellu jinkiteb u l-boton ta' poeti ta żmienu, tneħħi waħdiet, kienu biss rifless fjakk tiegħu. L-idjoma Dunkarmjana mxettla f'Romantiċiżmu sorpassat, fi Kristjanità dejqa u istituzzjonalizzata u f'patrijottiżmu li fl-Ewropa kien għamel żmienu, ma kinitx aktar tagħmel sens.

Iżda Dun Karm kien laħaq sar l-imgħallem indiskuss, kien ix-xempju. L-istil lingwistiku tiegħu kien il-mudell li jiddetta kif għandha tinkiteb il-poeżija Maltija. It-teknika poetika u prosodika tiegħu tant kienet meqjuma li saret kważi n-norma li magħha kull kittieb kellu jitkejjel u jitqies. Dun Karm kien sar monument ħaj ta' Malta, il-"fior del mondo".

Insibu diversi drabi fl-istorja u fil-mitoloġija li missier dominanti xi daqqiet jibda jinħass u jitqies mill-ulied bħala xkiel li jostakola l-progress lejn ftuħ, lejn progress, lejn avventuri ġodda. Kienet din it-tendenza psikoloġika li ispirat it-tnissil tal-Moviment Qawmien Letterarju, li tiegħu jiena għandi l-unur ngħid li kont kofundatur u attivist. Għall-kuntrarju xejn ma kont ferħan meta minn fost xi wħud minna ħarġet il-famuża għajta li Dun Karm kien *outdated* – għajta li kien fiha naqra verità imma li nħasset bħala dagħwa oxxena meta ntqalet.

Kien f'dan il-punt li l-protagonisti tas-sittinijiet twebblu li jxandru bidla mill-qiegħ fil-letteratura Maltija? Dan kollu kien jindika li f'Malta kellna kriżi letterarja li qed ittektek bħal bomba tal-ħin.

Biex wieħed jifhem it-taqliba letterarja li seħħet wara Dun Karm, wieħed irid iqis li wara l-gwerra l-kultura u l-letteratura Taljana, li kienu l-pedamenti tal-produzzjoni letterarja sa dak iż-żmien, ħadu daqqa ta' ħarta u naqqsu mill-popolarità minħabba li issa dawn kienu mċappsa xi ftit jew wisq bit-tebgħa tal-Faxxiżmu. Kien hemm diversi raġunijiet oħra, fosthom l-attakki mill-ajru, il-ġuħ tal-gwerra u t-taħlit tal-popolazzjoni Maltija. Għall-kuntrarju dak kollu li kien Anglo-Sassonu f'daqqa waħda sar moda u popolari. Bil-mod il-mod il-letteratura Ingliża bdiet tiġi mgħallma wisq iżjed fl-iskejjel sekondarji, speċjalment f'dawk governattivi, u fl-Università. Fis-snin sittin seħħ ukoll fenomenu influwenti: it-tixrid tal-kotba rħas tal-Penguin u ditti oħra li bdew joħorġu traduzzjonijiet waħda wara l-oħra tal-poeżija internazzjonali; kotba li fetħulna għajnejna għall-iżviluppi li seħħew fil-poeżija Ewropea, Amerikana u Russa. F'daqqa waħda ntbaħna li l-poeżija kontemporanja Maltija li kienet qed tinkiteb mid-Dunkarmjani kienet mill-anqas sebgħin sena lura. Ma ninsewx ukoll il-popolarità tal-mezzi tax-xandir bit-trażmissjonijiet radjufoniċi u televiżivi li bdew ixerrdu mhux biss il-qari letterarju imma wkoll kull xorta ta' informazzjoni.

Kien jinħass ukoll li hemm il-bidu tar-rivoluzzjoni intellettwali, l-affermazzjoni tal-identità nazzjonali u l-emanċipazzjoni tal-poplu Malti li bil-mod il-mod kienu qegħdin iseħħu mal-miġja tal-Indipendenza politika. Sa fl-aħħar il-poplu Malti beda jistenbaħ u japprezza dak kollu li hu tiegħu u li jagħmlu Malti. Imnebbaħ minn dan il-qawmien, li għall-bidu kien sottili, beda jafferma ruħu l-Moviment Qawmien Letterarju. Dan il-moviment kellu bħala ideal tiegħu l-għarfien tal-ilsien Malti bħala lsien nazzjonali u t-tixrid tiegħu bħala mezz ta' tisħiħ tal-identità u tal-kultura Maltija. Ideal ieħor aktar urġenti kien it-tiġdid tal-Letteratura Maltija biex tirrifletti l-ħajja u l-ambjent ta' madwarna kif ukoll ix-xejriet letterarji internazzjonali, li għal Malta kienu ġodda iżda li kienu ilhom żmien li daħlu fl-Ewropa. B'hekk dawn iż-żgħażagħ kienu jemmnu li qed jinterpretaw lil Malta kontemporanja u li l-letteratura Maltija għandha tingasta ruħha fil-kurrenti tal-letteratura mondjali.

Bdew jinkitbu xogħlijiet bi stil, b'tematika u b'versifikazzjoni ġdida. Forsi l-akbar distintiv tal-poeżija moderna kien id-densità metaforika ta' ħafna mill-poeżija. Aristotile kien jemmen li l-metafora hija l-aqwa element tal-istil poetiku u ma tistax tiġi mgħallma għax hija d-don tal-ġenju.

Bdiet issir enfasi fuq il-*vers libre*, nieqes minn kull ritmu u rima li jisfrutta l-melodija u l-kadenzi naturali tal-lingwa. U dan biex donnu jesprimi aħjar l-eżuberanza u l-għaġla ta' dawk is-snin.

Beda jsir tentattiv biex jiġi sfruttat aħjar l-element Semitiku-Romanz u naqas l-enfasi fuq il-Malti safi. Il-poeti bdew jistudjaw kif l-aħjar jiskopru s-setgħat moħbija tal-lingwa li fiha kienu ntebħu li għad hemm potenzjalitajiet poetiċi mhux mikxufa. Dan kien antiċipah l-istess Professur Ġużè Aquilina fil-ħarġa ta' *Il-Muża Maltija* tal-1948.

Inbidel ukoll il-mod kif tiġi ttrattata r-reliġjon li ma baqgħetx ir-reliġjon personali kampanilistika bi twemmin iffossilizzat. Aktar enfasi bdiet issir fuq ir-relazzjoni intima bejn l-individwu u l-Ħallieq fi ħdan il-misterji universali u mingħajr l-intervent ta' intermedjarji umani.

Il-poeti moderni Maltin bdew jemmnu li m'għandux ikun hemm poeżija strettament Maltija għax il-Poeżija hija waħda, universali u traxxendenti għall-bnedmin kollha minkejja li l-lingwa tkun differenti. Ma setax jonqos li din il-qasma irriversibbli bejn it-tradizzjonalisti u l-hekk imsejħa modernisti li seħħet minħabba l-pubblikazzjoni ta'għadd ta' antoloġiji ta' proża, poeżiji u drammi ġodda taħsad lill-pubbliku u tqajjem polemiċi sħan kemm fost l-intelliġenzja kif ukoll fost dawk anqas mgħarrfin. Il-qiegħa saħnet sewwa u kien hemm min ħassu mħawwad u urtat mill-isfidi kontra l-ordni morali u ċivili u fuq kollox kontra l-ħajja Kattolika u l-hekk imsejħa valuri Nsara. Dawn fil-biċċa l-kbira kienu nies magħmulin li twieldu qabel il-gwerra. Madankollu kien hemm ukoll fost dawn nies li ħaddnu l-ideali tal-Moviment Qawmien Letterarju u kkollaboraw anke bil-kitba kreattiva. L-aktar li nħasdu u opponew din il-mewġa kienu l-awturi stabbiliti li qiesu din il-bidla bħala theddida għal dak kollu li kitbu, li emmnu fih u li stinkaw għalih. Huwa fatt kurjuż li saħansitra fl-istess Moviment kien hemm ċerti nies li ħaddnu biss parti mill-ideali, jiġifieri dawk favur it-tixrid u t-tisħiħ tal-ilsien Malti iżda baqgħu lura milli jaċċettaw il-poeżija l-ġdida (hekk imsejħa 'moderna'). Dawn kienu nies li tkaxkru mill-entużjażmu tal-mument favur l-ilsien Malti iżda ma fehmux il-bżonn ta' tiġdid letterarju, li kien il-pern ta' kollox. Lanqas ma fehmu dawn it-talin li żmien il-patrijottiżmu u r-Romantiċiżmu kien għadda. Dawn in-nies tfixklu l-kawża lingwistika mal-kawża letterarja u dehru li riedu jieħdu biss rikba fuq il-Moviment. Kien hemm imbagħad oħrajn li kienu jitkellmu bil-goff bħallikieku l-letteratura bdiet fi żmienhom. Dawn kienu Estremisti li kienu jippretenduha ta' Progressisti imma li spiċċaw biex aktar għamlu ħsara milli ġid u biegħdu lit-Tradizzjonalisti u komplew fetħu l-ferita. Ma' dawn

irridu ngħoddu lil dawk il-psewdo-poeti li bdew jesperimentaw bl-addoċċ u li kkupjaw mudelli barranin li kienu diġà skaduti... ngħidu aħna l-poeżija tat-tikek, il-guffaġni grotteska ta' ċerti espressjonijiet li kienu intiżi biex jixxukkjaw, il-poeżiji f'sura ta' oġġetti diversi u ħafna *gimmicks* oħra.

U x'kien il-frott ta' dan id-dibattitu estetiku li seħħ fis-snin sittin?

Forsi l-aktar karatteristika li kienet tispikka fil-kitba bikrija tal-Moviment kienet il-poeżija tal-protesta li bdiet tinkiteb minn xi wħud mill-protagonisti ewlenin li kienu ħabrieka u elokwenti. Dawn kienu mqanqla minn qilla interna, minn rabja għall-qagħda soċjali kontra inġustizzji perċepiti. Mal-mixja tas-snin din l-attitudni kombattiva nbidlet, forsi anke minħabba l-maturazzjoni tal-età li qanqlet f'dawn in-nies interess fil-filosofija u l-prattika reliġjuża orjentali minflok ix-xeħta antireliġjuża jew irreliġjuża tal-bidu.

Bħalma diġà semmejna, kienet għaddejja esperimentazzjoni sħiħa fil-kitba tal-poeżija; mhux biss fejn tidħol l-essenza tal-poeżija imma anke fuq l-istess pubblikazzjoni tal-kotba. Ħarġu moda l-fuljetti li jiswew inqas u jistgħu jiġu ċirkolati b'aktar faċilità. Bdiet tinkiteb ukoll il-poeproża. Il-poeti moderni bdew ġlieda eleganti kontra l-provinċjaliżmu tal-mentalità soċjali Maltija u l-poeta sar investigatur u vjaġġatur.

Kien hemm ġibda lejn l-eċċitament tal-belt industrijalizzata bil-faxxinu ta' umanità bieżla li tnemmel u tħawtel. Iżda maż-żmien din l-attitudni reġgħet marret lura lejn l-apprezzament tar-rustiku minħabba t-taħsir tal-ġmiel naturali li beda jseħħ f'Malta minħabba l-iżvilupp żregolat.

Fil-biċċa l-kbira tal-aħjar fost il-poeti seħħet kriżi li r-riżultat tagħha kien li mill-fixla frenetika l-ispirtu deluż għadda għal xeħta riflessiva u meditattiva.

Dun Karm kien il-pijunier li sab lingwa ħarxa li qajla kienet ġiet imħaddma fil-letteratura sofistikata, lingwa li kienet tgħodd għall-ħtiġiet primittivi ta' dawk li kienu jaqilgħu ħobżhom bl-għaraq ta' ġbinhom. Huwa fetaħ it-triq biex din l-għodda li wiret, safja u sabiħa, mingħand missirijietna għaraf iħaddimha bil-għaqal u minnha għamel strument raffinat li bih laħaq l-ogħla qċaċet tal-poeżija. Kienu biss waħdiet mill-poeti moderni li mxew fuq il-passi tiegħu u ħaduha b'missjoni li jfettħu r-reġistru tal-Malti bħala għodda letterarja u jkomplu jiskopru l-potenzjalitajiet moħbija tiegħu.

Min għex is-snin sittin jaf li ħafna mill-poeti moderni qatt ma rrikonoxxew il-wirt li inkonxjament ħadu mingħand Dun Karm, minkejja li dan il-wirt għadu sal-lum jidher ċar daqs il-kristall fil-poeżija tagħhom. Qed nirreferi hawnhekk għall-*angst,* li ħafna mill-poeżiji ta' Dun Karm, l-aktar *Il-Jien u Lil hinn Minnu* huma mfawrin bih. Il-kelma *angst* iddaħħlet fil-filosofija u

fl-arti fis-seklu dsatax aktarx mill-Eżistenzjalista Søren Kierkegaard u tfisser dik l-ansjetà, il-biża' u d-dubju li jaħkmu lill-bniedem quddiem il-veritajiet eterni tal-ħajja u tal-mewt. Għax il-bniedem, għall-kuntrarju tal-annimal li jitmexxa mill-istint, għandu r-raġuni li tagħtih il-jedd li jgħarbel u jagħżel. U hawn qiegħda l-problema li tnissel fil-moħħ uman din ix-xewqa tal-istħarriġ u s-sens tal-inutilità tal-istess stħarriġ.

Nistħajjilkom tistaqsuni: "U int fejn kont f'din it-taqliba kbira?" Kif kont taħsibha fuq il-poeżija moderna li int kont u għadek tikteb? Jekk tippermettuli sa nħallikom f'idejn il-Professur Oliver Friggieri biex bi ftit kliem ta' mgħallem ifisser fejn ninfilsa jien f'dan l-itinerarju kollu.

> "Sa mill-bidu Achille Mizzi wera li għalih l-interpretazzjoni tal-Moderniżmu ma tistax tkun tajba u sħiħa jekk ma ssirx fi ħdan it-tradizzjoni klassika romantika. Aktar milli jressaq il-poeżija taha dinjità ġdida billi fissirha bi klassiċità differenti, tipika tax-xejriet fundamentali li lil-letteratura Ewropea tas-seklu għoxrin jorbtuha mas-seklu dsatax mingħajr ma jreġġgħuha lura." [1]

Bnadi oħra Friggieri jkompli jaħtarni minn fost il-poeti moderni bħala "il-werriet denn ta' Dun Karm."[2] Dan il-piż nerfgħu mhux mingħajr ċertu taqtigħ il-qalb u biża' li b'kitbieti ma nagħtix ġieħ biżżejjed lil dan il-poeta li sa minn tfuliti dejjem żammejtu bħala l-ogħla fost il-poeti li tawna l-gżejjer tagħna.

*Diskors li sar f'serata f'ġieħ Dun Karm bit-tema 'Seddaq il-Għaqda fil-Maltin' fil-Palazz ta' Sant'Anton, H'Attard, nhar 23 ta' Ottubru 2014*

**Noti**

1 O. Friggieri. Studju dwar "Vetrati Milwiena". *Problemi ta' Llum,* Jannar 1999.

2 O. Friggieri. Studju dwar *Achille Mizzi – Poeżiji – 1963-1989.* p.lv.

# Ċittadini Ewropej għax Ċittadini Maltin

Manwel Mifsud

Nixtieq qabelxejn nixxi ħajr lill-Kunsill tal-Malti u lill-għaqdiet tal-Malti talli afdaw fija u tawni l-opportunità li nindirizza l-miġemgħa fil-ftuħ ta' din il-lejla ddedikata lill-ilsien matern fl-isfond tal-multilingwiżmu. Ningħaqad magħhom biex nirringrazzja lill-Eċċellenza tagħha l-President tar-Repubblika, Marie Louise Coleiro Preca, talli regolarment u b'konvinzjoni mhux biss tkun preżenti imma tilqa' fid-dar uffiċjali tagħha l-għaqdiet li jaħdmu għall-ilsien Malti. Dan aħna nifhmuh bħala rikonoxximent u appoġġ kemm għall-ħidma tagħhom u kemm għall-ilsien nazzjonali tagħna.

Jiena tal-fehma li aħna, bħala bnedmin u anke bħala soċjetajiet, insibu t-twettiq sħiħ tagħna meta nilħqu l-armonija bejn l-identità u d-drittijiet tagħna u l-identità u d-drittijiet ta' għajrna u ta' min hu madwarna. F'termini kulturali, din l-armonija bejn il-Jien u l-Lil hinn minnu tesprimi ruħha f'bilanċ xieraq bejn l-għożża, iż-żamma u l-promozzjoni tal-kultura endemika tagħna, imsawra minn missirijietna matul sekli ta' tiġrib f'din il-ħolqa ta' gżira, u l-ftuħ u d-dispożizzjoni tajba li għandu jkollna biex nilqgħu l-influwenzi barranin u biex inħossuna ċittadini ta' Ewropa u dinja miftuħa. Hija sfida li qiegħda quddiem kull żagħżugħ u żagħżugħa Maltija u għandha tkun preżenti u ċara f'kull għażla tal-mexxejja tagħna f'kull livell.

Ikolli nistqarr li din l-armonija, dan il-bilanċ mhuwiex ħafif biex jintlaħaq, u dan għal bosta raġunijiet. Ibda biex, ir-relazzjonijiet tal-poplu tagħna ma' popli oħra dejjem kienu mniġġsin mir-relazzjoni ħakkiem-maħkum, li minnha

nfisha qajla tħajjar, tispira jew tippermetti l-parità u l-koperazzjoni. Għalkemm il-poplu u l-ilsien tagħna għexu f'din l-art ma' popli u ilsna oħra, ir-rieda ta' niesna u lsienhom dejjem inżammu fil-baxx u ma kinux meqjusa fejn kienu jittieħdu d-deċiżjonijiet l-importanti. Mhux għaġeb, mela, li niesna, jaħasra, draw jarmu lilhom infushom u kulma hu tagħhom, u tgħallmu joqogħdu għal bilanċ kiefer u realtà inġusta li fihom kulma kien barrani kien aħjar minn tagħhom, sempliċiment għax kien barrani. Realtà li biż-żmien il-ġilda drat.

Imma donnu kulħadd, darba jew oħra, tasal is-siegħa tiegħu. Bil-ħelsien mill-ħakma barranija u bit-twaqqif tar-Repubblika, niesna għall-ewwel darba f'millennji ġew f'qagħda li setgħu jaħsbu għal rashom, jaħkmu lilhom infushom u jfasslu triqithom. Issa setgħu jpoġġu fuq l-istess mejda u jitkellmu, jinnegozjaw u jfasslu sewwasew mal-popli li fl-imgħoddi kienu l-ħakkiema tagħhom. U lsienna seta' jieħu r-ruħ u jibda jitqies l-ilsien veru tal-pajjiż, u – kif kien xtaq Vassalli – jidħol f'tant oqsma uffiċjali li minnhom kien għadu mbarri. Kien dan li wassalna biex infittxu sħubija ma' dawn il-popli f'xirka usa', l-Unjoni Ewropea, li l-valuri u l-aspirazzjonijiet tagħha kienu fil-mira tagħna tal-anqas mill-miġja fostna tal-Ordni tal-Kavallieri.

Għall-ewwel darba fl-istorja tagħna, issa nistgħu nibżgħu għall-ġid tagħna, ngħożżu u nkabbru l-kultura Maltija tagħna u lsienna, u nġeddu l-wirt li ħallewlna missirijietna, ikkonfortati anzi mwieżna mill-fehmiet liberali u demokratiċi tal-istituzzjonijiet Ewropej u dinjin. U fl-istess ħin, mingħajr sottomissjoni u bla kburija żejda, ta' sħab indaqs, ninfetħu u niddakkru mill-kultura kbira tal-pajjiżi l-oħra u nitgħallmu l-ilsna sbieħ tagħhom.

Ikolli ngħid li l-istorja tagħna, imqar jekk ġarrbitna mhux ftit, ma kinitx xħiħa magħna. Illum għandna lsien tagħna, xitla li trawmet matul is-sekli u xorbot minn kull għajn li fawret fuqha, lingwa mill-aktar interessanti li żammet ħajja u hija mħaddma f'bosta oqsma tal-ħajja, ilsien li dara jkun flessibbli biex ħafif jitgħallem u jintgħaġen ma' ilsna oħra. Dan hu l-ilsien ta' Malta. U miegħu, l-Ingliż, ilsien uffiċjali ta' importanza ewlenija fid-dinja tal-lum, li b'xorti tajba għandu tradizzjoni twila fostna, għeruq fondi ta' 'l fuq minn 200 sena. U ilsna oħra, Ewropej u mhumiex, li ilhom magħna jew reċenti, it-Taljan, il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Ispanjol, l-Għarbi, iċ-Ċiniż u oħrajn, li jintgħallmu fostna u li jitħaddmu fin-negozju u fit-turiżmu. Bil-kejl tal-UNESCO u tal-istituzzjonijiet Ewropej, bħall-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa, li jixtiequ li kull ċittadin Ewropew ikollu l-ħila jfisser ruħu bi 3 ilsna, ibda minn ilsienu, din tagħna hija sitwazzjoni ideali, għaliex f'bosta pajjiżi tal-Ewropa ċ-ċittadini jew jafu jitkellmu lsien jew djalett wieħed biss,

inkella jafu tnejn, li t-tieni wieħed minnhom huwa lsien li llum mhuwiex fost l-aktar mexxejja.

Iżda jkolli ngħid li, dan il-vantaġġ kbir tal-multilingwiżmu li writna, mhux talli m'aħniex nisfruttawh, imma – sforz in-nuqqas ta' għarfien u forsi tal-għaqal tagħna – wisq drabi qegħdin narmuh bla rażan ta' xejn. Mhix l-ewwel darba li, wara li attendejt konferenza jew forum tal-Kunsilli Nazzjonali tal-pajjiżi Ewropej, li fih ammirajt il-ħidma kbira li qed iwettqu l-pajjiżi biex nieshom jiksbu mqar żewġ ilsna, u minn hemm tlieta u erbgħa, imfietaħ għall-futur Ewropew tagħhom, ġejt lura biex insib li hawn qed isir eżattament l-oppost, u li bosta familji Maltin mixjin bil-maqlub ta' kif qed jimxu l-familji fl-Ewropa, għax qed iqisu l-bilingwiżmu bħala piż żejjed u lsien twelidhom bħala kommodità li jistgħu jgħaddu mingħajrha.

Minflok ma jintroduċu lil uliedhom għall-ħajja bilingwi ta' madwarhom sa mill-bidu, ikellmuhom b'lingwa waħda biss u jaħbulhom l-oħra għal bosta snin, bit-tama li mbagħad, meta joħorġu mis-serra lingwistika tagħhom, jiksbu u jaħkmu t-tieni waħda meta jitfarfru. Imma, huwa fatt magħruf li l-ilsien li tibda bih jibqa' dejjem l-isħaħ wieħed u l-punt ta' riferiment ta' kulma titgħallem wara.

It-tieni deċiżjoni ta' ħsara li qed tinfirex fostna bħal pesta hija li f'din l-għażla jitwarrab sewwasew l-ewwel ilsien tal-familja, il-Malti, ilsien li – lil hinn mill-valur simboliku tiegħu bħala l-ilsien tal-identità tagħna – għadu l-aktar ilsien mitkellem fit-toroq, fil-ħwienet, fuq ix-xogħol, fil-knejjes, u fil-ħajja soċjali tagħna. B'hekk xi wħud qed itellgħu lil uliedhom barranin f'art twelidhom, aljenati mir-realtà immedjata ta' madwarhom, sewwasew kif bil-mezzi elettroniċi qed ifittxu l-wens ta' familja dinjija virtwali filwaqt li jinqatgħu mill-eqreb u l-egħżeż qraba tagħhom.

Ma nixtieqx inkun iebes mal-poplu tiegħi li tani ħafna, imma din għalija hija mġiba bla għaqal u bla viżjoni, aljenazzjoni li ma nistgħu nġerrgħuha u nlibbsuha bl-ebda skuża. B'diqa kbira nħoss u jkolli ngħid li, minkejja l-progress materjali kbir li għamel il-poplu tagħna fl-aħħar ħamsin sena, fejn tidħol l-identità u r-ruħ tiegħu, fejn jidħol l-ilsien tiegħu, baqa' lura wisq u għadu mwaħħal fi żmien ta' jasar li llum għadda minn fuqna, f'tip ta' kolonjaliżmu mentali ġdid li ma jagħmlilna l-ebda ġieħ.

Għaliex dan huwa sewwasew kontra dak li jisħqu l-aqwa istituzzjonijiet edukattivi dinjija, li jsejsu l-bidu ta' kull tagħlim fuq is-sisien tal-lingwa materna. L-ewwel prinċipju tal-"UNESCO Guidelines on Language and Education" jgħid li: *Mother tongue instruction is essential for initial instruction and literacy and should be extended to as late a stage in education as possible.* U f'liema pajjiż,

ħlief fostna, issir ħaġa bħal din? Għaliex fl-2017 għadni nista' ntenni l-kliem ta' Mikiel Anton Vassalli tal-1796 u nsibu jgħodd għal-lum daqskemm għal żmienu? "*Bnadi oħra,* – jgħidilna Vassalli – *imkien ma ltqajt ma' missirijiet li jgħidu 'l uliedhom: La titkellem bil-lsien ta' fejn Alla ħalqek u wieldek; iżda hawn rajt u smajt. Bnadi oħra l-ewwel bi lsienhom, u* ***bih*** *imbagħad ilsna oħra jitgħallmu; iżda hawna le, donna m'aħniex bħal nies oħra.*" Donnu li, għal xi wħud minna, inqas ma nkunu Maltin iktar nistgħu nkunu Ewropej. L-Ewropa ma tgħidx hekk: l-Ewropa tridna Maltin bid-diversità u bl-esperjenza partikolari tagħna – għax bihom nagħmlu Ewropa iktar għanja – u bl-ilsien imlewwen tagħna li bih inżejnu ma' ġnus oħra l-qawsalla lingwistika tagħha.

Jien qalbi qawwija li għad nitgħallmu. Imma meta? Tgħid għad nistenbħu meta ma jkunx fadlilna ħlief it-tifkiriet, ix-xbihat, l-ilħna rrekordjati ta' lsien li darba kellna, kif diġà ġralna fl-arkitettura tagħna, fil-mużika, u f'bosta drawwiet siewja li nkinsu bla ħniena? "Ġens Malti qum, irqadt, irqadt biżżejjed!"

Xi jrid isir biex ma nistenbħux għal realtà kiefra, għal ħsara li ma tissewwiex?

1. Aħna l-ħaddiema tal-Malti rridu naħdmu bis-sħiħ biex inxandru lill-familji Maltin, b'kull mezz u b'kull mod, il-vantaġġ tal-multilingwiżmu tagħna. Irridu nfehmuhom li l-Malti huwa ġid kbir li writna u li neħtiġuh biex nikbru ta' Maltin f'Ewropa magħquda, f'dinja miftuħa. Din hija għajta li rridu nsemmgħuha elf darba, sa ma tibda tinftiehem u tintlaqa' tassew, sa ma tidħol taħt il-ġilda.
2. Irridu naħsbu wkoll f'dawk li diġà ċċaħħdu mill-ewwel ilsien tagħhom u – mingħajr ħtija tagħhom – huma l-ewwel vittmi ta' fehmiet żbaljati. Dawn l-ulied jeħtieġu l-għajnuna kollha tagħna, li toħroġ mir-rikonoxximent ta' dan l-istat ta' fatt, imma għajnuna li rridu nibqgħu nifhmuha bħala tiswija ta' ħsara sfortunata u bl-ebda mod bħala ġustifikazzjoni tal-fehmiet żbaljati li kkawżawha.
3. Imma l-isforz tagħna ma jistax jasal mingħajr l-appoġġ ċar u qawwi tal-Istat, li jrid jgħin f'din il-kampanja u, fuq kollox, irid ikollu politika ċara u soda fejn jidħlu l-għażliet lingwistiċi tagħna, l-aktar fil-qasam tal-edukazzjoni mill-ewwel snin sal-Università. Ma jistax ikun artab u jċedi għall-opportuniżmu tal-ftit li qed iqiegħdu l-interessi tagħhom qabel l-akbar interess tal-pajjiż u li lesti jirrendu l-lingwa – l-aqwa mezz ta' komunikazzjoni – mezz ta' firda u diskriminazzjoni tal-klassi. Ideoloġiji bħal dawn joħduna lura u mhux 'il quddiem fil-mixja demokratika tagħna.

4. L-aħħar appell tiegħi huwa lilek, għażiża President tagħna, biex tissokta anzi tqawwi l-appoġġ tiegħek għall-għażliet favur ilsienna, element ewlieni tal-identità Maltija li inti l-aqwa garanti u ambaxxatriċi tagħha. Il-pożizzjoni tiegħek, 'il fuq minn kull xejra partiġġjana, hija mogħnija b'saħħa kbira ta' persważjoni favur għażliet li – jekk Alla jrid – għad iressquna lejn il-bilanċ mixtieq li bih inkunu tassew ċittadini tal-Ewropa u ta' dinja multilingwi għaliex ċittadini veri ta' Malta Maltija.

*Diskors li sar f'serata b'tifkira tal-Jum Internazzjonali tal-Lingwa Materna – UNESCO bit-tema "Ġejjieni Sostenibbli bis-saħħa ta' Edukazzjoni Multilingwi" organizzata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u l-għaqdiet tal-Malti, nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Marzu 2017, fil-Palazz ta' Sant'Anton, H'Attard*

# KRITIKA LETTERARJA

# Paradossi Kuluriti u Ritmati

## Il-mużikalità fil-poeżija ta' Charlò Camilleri

Rev. Glen Attard

*I hear the question upon your lips: What is to be a colour?*
*Colour is the touch of the eye, music to the deaf, a word out of the darkness.*
*Because I've listened to souls whispering –*
*like the susurrus of the wind – from book to book, and*
*object to object for tens of thousands of years, allow me to say*
*that my touch resembles the touch of angels.*
*Part of me, the serious half, calls out to your vision while*
*the mirthful half soars through the air with your glances.*
*I'm so fortunate to be red! I'm fiery. I'm strong. I know*
*that men take notice of me and that I cannot be resisted.*

– ORHAN PAMUK, *My Name is Red,* tr. Erdağ M. Göknar, London: Faber and Faber, 2002, 225.

### Mal-ewwel daqqa t'għajn

M'hemmx dubju li *Tattwaġġi* jirrifletti l-viżjoni simbolika ta' kif wieħed iħares lejn ir-realtà. Il-ġabra poetika f'idejna ma tistax ma tfakkarniex f'dak li jżomm il-ħassieb Russu Pavel Florenskij (1882-1937) – li Camilleri skopra f'Ruma – meta jikteb li

> il-ktieb, fis-sħuħija tiegħu, jeħtieġ li jkun biċċa xogħol artistika li jkollha l-kompożizzjoni u l-binja proprja u partikulari tagħha. L-istruttura u d-dehra ta' barra jeħtieġ li tirrifletti l-ħsieb ġewwieni li hemm warajha. Il-qjies, it-tip

ta' karta u l-qoxra, it-tipa u l-bqija tal-kontenut huma d-dimensjoni espressiva li meta maħsuba tajjeb tikkorrispondi mal-ħsieb tal-ktieb fih innifsu (*BV*, 179).

Fil-produzzjoni tal-kapulavur tiegħu *Il-Kolonna u s-Sies tas-Sewwa* (1914), Florenskij nnifsu enfasizza l-karattru estetiku tal-ktieb u b'metikolożità ħaseb id-dettalji tal-pubblikazzjoni sal-anqas dettall, inkluż il-kulur preċiż tal-qoxra u l-karattru tal-kitba.

Camilleri, ta' simbolista li hu, għamel l-istess (u f'xi mumenti naf li pprova l-paċenzja tal-pubblikaturi). Għandna f'idejna ktejjeb aħmar karg, b'faċċata li turi dettall (modifikat) minn fotografija artistika li turi tpinġija (jew tattwaġġ) ta' dettall mill-*Guernica* (1937) ta' Pablo Picasso. Fuq wara fin-nofs silta mill-poeżija *Tattwaġġ* li nistgħu neħduha bħala ċ-ċavetta li tgħaqqad is-sens tat-tmienja u ħamsin poeżija miġbura. L-aħmar hu l-kulur tal-passjoni u l-imħabba, l-ewforja, u l-unjoni, imma jfisser ukoll għall-poeta mewt, tiġrib, u qalb maqsuma. L-aħmar mela huwa kulur paradossali u enigmatiku, żewġ karatteristiċi li ċertament joqogħdu sew għall-awtur. Fir-ritratt griż tal-faċċata tispikka l-omm tal-Guernica tgħolli leħinha b'binha mejjet – bħal donnha Duluri kontemporanja – li sal-aħħar minuta Picasso baqa' jtella' u jniżżel ipenġilhiex demgħa ħamra karga.

Kif appena wieħed jagħti daqqa t'għajn il-poeżiji nfushom, jilmaħ tliet perjodi:

a) żmien reliġjuż: (1996-98) fejn tidher qawwija t-tema kristoloġika u d-dinamika li din iġġib magħha – jiġifieri twaħħid miegħu, tixjin bħalu – jidentifika lilu nnifsu fl-istat tiegħu ta' saċerdot, u tinħass qawwija x-xewqa għall-awtentiċità.
b) żmien Ruman: (2003-05) fejn naraw diversi esperimenti fl-istil tal-kitba kif ukoll fit-temi li jislet, speċjalment l-imħabba u l-fjoritura artistika-spiritwali.
ċ) żmien minimalista: (2008-16) fejn, frott tal-lejl mudlam tar-ruħ, il-poeta jasal għal stil aktar sobrju u minimalista li jirrifletti l-vjaġġ interjuri tar-ruħ lejn dak li hu l-essenzjali tal-ħajja.

Iżda aktar milli kronoloġikament, naħseb li għandna nħarsu lejn dawn il-perjodi tematikament li bħal tliet kuluri huma distinti imma jisfumaw f'xulxin biex jarrikkixxu l-esperjenza li l-poeta qed jgħix.

Interessanti wkoll l-għażla tal-poeta għaż-żewġ poeżiji li jservu bħala l-qafas ta' din il-ġabra, jiġifieri l-ewwel waħda (*Fil-Ġnien taż-Żebbuġ*) u l-aħħar (*2016-1996*). Il-poeta jibda *in medias res* fejn it-ton qiegħed jantiċipa azzjoni

li sejra sseħħ ma ddumx. Il-vjaġġ interjuri tal-poeta diġà beda, wassalna sax-xifer, "Il-kalċi mimli kważi sax-xfar", jikteb, "iż-żmien jiqsar", "daqt il-waqt jasal". Huwa joħloq sens ta' antiċipazzjoni u ħerqa, u kważi kważi urġenza li jseħħ diġà dak li għandu jseħħ. L-aħħar poeżija mbagħad iġġib flimkien ħarsa lura b'ton nostalġiku ma' ħarsa mimlija tama lejn il-futur. "Fakkartni fl-irfigħ ta' ruħi", jgħidilna. Għal darba oħra, Kristu jiftaħ u jagħlaq din il-ġabra, "rasi mgħaddsa f'ġenbek imċarrat banju" u "ħallimtni b'ġejjieni mistur li sa llum għadu oskur". F'kelma waħda, il-bidu m'huwiex strettament bidu u lanqas it-tmiem mhuwa strettament tmiem fis-sens klassiku tal-kelma. Ċertament dan iħallina bit-togħma għal aktar, u l-mistoqsija tiġi naturali fuq fommna: mela x'inhu ġej?

**Ir-ritmu**

L-ewwel punt importanti fil-poeżija ta' Camilleri huwa r-ritmu, li huwa element fundamentali fil-movimenti tal-poeta ta' bejn il-kliem u s-skiet. Ir-relazzjoni ta' bejn dawn it-tnejn hija għalkollox determinata mill-viżjoni li jrid jaqsam magħna. B'kadenzi ritmiċi u oħrajn aritmiċi, il-poeta jżewwaq din il-ġabra [*Tattwaġġi*] b'għadd sabiħ ta' poeżiji li, komposti fi stili differenti, jevokaw sensi differenti. Aktar milli sempliċi gost, dawn ir-ritmi jikxfulna l-aspetti differenti tal-karattru ta' Camilleri. Din il-ġabra hija fil-fatt magħmula minn ritmi b'rimi bejn wieħed u ieħor uniformi, u oħrajn b'rima mkissra għall-aħħar. Mill-banda l-waħda nsibu poeżiji bħal *Talba, 53* u *Ġerħet ix-Xiħ* li, bi stil minimalista għall-aħħar u rima uniformi, joħolqu ritmu omoġenju, nadif, u ordnat, filwaqt li fl-istess ħin għandna poeżiji bħal *Tislima*, *Lil Alla ta' Missirijietna*, u *Insomnija* li, hu u jesperimenta, il-poeta joħloq ritmi eteroġenji, b'waqfiet twal u oħrajn qosra ta' pawżi u kadenzi fil-kliem jew fis-sens, iżda fl-ebda ordni partikulari, u bla ebda rima. X'jgħid dan dwar il-persuna ta' Camilleri jekk mhux l-amalgamazzjoni tat-tradizzjonali u l-kontemporanju, tal-ordni u l-kaos, tal-konformità u l-esperimentazzjoni?

Kunċett bażiku tal-poeżija huwa s-silenzju. Hija l-logħba fina ta' bejn ħoss u skiet li ħolqot uħud mill-aħjar biċċiet mużikali ta' kull żmien, l-ewwel fosthom in-natura, li l-eżistenza tagħha hija minnha nnifisha ritmika mużikali li talterna bejn skiet u ħoss. Biżżejjed indawru l-ħsieb tagħna lejn il-mewġ, ir-riħ, ix-xita, iċ-ċaqliq tal-platti tektoniċi, il-werżieq, it-tvenvin ta' ġwienaħ l-għasafar, il-ħsejjes tal-foresti. Mill-mużika l-iktar antika u primordjali – dik naturali –,

għal dik espressa bi strumenti varji li ħolqu ġenji bħal Bach u Tchaikovksy, skont kif il-kultura u ż-żmien ippermettu, ir-ritmiċità għamlet li l-bniedem jipparteċipa fiċ-ċikli naturali tas-skiet u l-ħoss, kenosi u tlugħ, distruzzjoni u ħolqien, kaos u ordni, ektropija u entropija, mewt u ħajja. Il-poeżija mela mhijiex biss qsim ta' esperjenza primordjali, spontanja, u vixxerali, imma hija wkoll tkomplija ta' ritmi mużikali naturali sofistikati. Huwa mis-silenzju li toħroġ il-poeżija, titliegħeb f'mużika ta' kliem, pawżi qosra, pawżi itwal, ripetizzjonijiet, kontrapożizzjonijiet, metafori, eċċ., biex lejn is-skiet terġa' tirritorna. Esperjenza qawwija, rudimentali, emottiva, u spiritwali – il-poeżija vera – li hekk kif titlaħħam fi kliem, diġà tiftaqar mis-sbuħija tal-ispontanjetà tagħha. Ritmu kostanti, imma mhux uniformi, li daqqa 'l fuq u daqqa 'l isfel nalternaw bejn l-emozzjonijiet, il-burdati, il-widien u l-qċaċet, li jżewqu l-istess ħajja tal-poeta.

Jekk pereżempju nduru lejn *Teħbir* naraw ċar kif ir-ritmu kalman li toħloq il-punteġġjatura jkompli jaċċentwa l-burdata tqila li l-poeta jinsab fiha:

Ħassejt il-bard,
xewk xewk qam ġismi.
Qalbi sitta sitta,
tħabbat bdiet.
Insatru
ħsibijiet tqal
fid-dalma.
Kelmti waqfet
biex le ma tlissen
il-poeżija.

Jekk imbagħad induru lejn *52* in-nuqqas ta' punteġġjatura jagħti r-ritmu l-oppost, f'sintonija mar-"riħ ivenven", u jurina biċ-ċar x'emozzjoni joħloq dan fil-poeta:

waqqaf
dar-riħ
ivenven
u jħabbat
indannat
ma' ħitan

mohħi
splodut
bl-irbumbjar
internat
ta' vojt
vakwat.

Ta' min isemmi wkoll *Stennija* li fiha Camilleri "fid-dlam bla ma jħenn" jinsab jistenna "iż-żerniq wara l-lejl". L-użu, fil-fatt, tal-alliterazzjoni tal-ittra ħ jagħti ton sottili lill-poeżija li aħna u naqrawha, għalkemm il-kliem jagħti sens ta' "ħerqa" u aġitazzjoni, ninnutaw li r-ripetizzjoni f'kull vers tal-konsonanti ħ bħal trid timita nifs 'il barra ta' serħan li l-poeta qed jieħu u hu jistenna "bewset l-imħabba":

| | |
|---|---|
| Bil-ħerqa nistenna | [... ħ] |
| fil-ħemda tal-lejl | [... ħ] |
| bewset l-imħabba | [... ħ] |
| il-ħodon ħanin | [... ħ] |
| li jnessi għal dejjem | |
| iż-żmien u il-ħin. | [... ħ] |
| | |
| Bil-ħerqa nistenna | [... ħ] |
| ż-żerniq wara l-lejl, | |
| id-dawl illi jaħfen | [... ħ] |
| lid-dlam bla ma jħenn. | [... ħ] |

Mhuwiex dan il-lejl forsi lejl ta' għaqda mistika li minflok toħroġ lill-poeta mill-ġisem u taqtgħu mill-art, tankrah fl-esperjenza tal-ġisem li jħannen u jokrob bil-pjaċir għall-bewsa tal-imħabba ta' Alla, għaż-"żerniq wara l-lejl", għad-"dawl li jaħfen id-dlam"? Fi *Glendalough* naraw l-istess idea tal-għaqda mistika bħala serħan fiH:

Fuqi nifsek sħun
jonfoħ fir-riħ ivenven
qalb xtieli mħawla
f'masġar l-eternità.

Il-kuntrast u l-iperbole tan-nifs sħun fir-riħ ivenven iservi biex jenfasizza, fil-fatt, is-sottilezza ta' din l-għaqda mistika. Timplika viċinanza, attenzjoni, u xewqa ġenwina biex ruħu tistrieħ għall-irdoss ta' dik għanjet it-tajr li jidwi fil-ħemda, għalkemm fil-kundizzjoni preżenti tiegħu l-poeta jinsab mismut fis-sirda. Jidher ċar fil-ħsieb tal-poeta t-twaħħid tal-"amor sacro" u l-"amor profano". Dak li l-moħħ razzjonali Grieg-Latin-Oċċidentali ddistingwa u ssepara, jiġifieri l-imħabba pura-divina mill-imħabba umana-karnali, ħassieba bħal Platun (f'*Phœdrus*), Santu Wistin (f'*L-Istqarrijiet*), San Bernard ta' Clairvaux (f'*Diskorsi ma' Thierry*), Schopenhauer, Hartmann, u Bergson għaqdu f'viżjoni unittiva. Mircea Eliade jispjega dan fl-istudju tiegħu dwar l-istorja tar-reliġjon *The Sacred and the Profane* (1963) meta jitkellem dwar l-*homo religiosus*:

> Il-bniedem reliġjuż jassumi għalih mod ta' għajxien partikulari fid-dinja li wieħed jista' dejjem jirrikonoxxi minkejja d-diversità tal-forom murija lilna mill-istorja tar-reliġjonijiet. Hu x'inhu l-kontenut storiku li fih jinsab, l-*homo religiosus* dejjem jemmen li teżisti realtà assoluta, sagra, li tittraxxendi din id-dinja imma li timmanifesta ruħha f'din id-dinja, u allura tqaddisha u tagħmilha aktar reali. [L-*homo religiosus*] jemmen ukoll li l-ħajja għandha oriġini sagra u li l-eżistenza umana tista' tirrealizza l-potenzjalitajiet kollha tagħha sakemm f'din id-dimensjoni reliġjuża, jiġifieri, fir-realtà. L-allat ħolqu lill-bniedem u d-dinja, l-eroj kulturali komplew f'dan l-att tal-ħolqien, u l-istorja ta' dawn l-atti divini u semidivini tinsab ikkonservata fil-miti. Jekk aħna wkoll inkomplu l-istorja sagra, u nimitaw l-aġir divin, il-bniedem ipoġġi u jżomm qrib tiegħu lill-allat, jiġifieri, dak li hu tassew reali u sinifikanti. (Eliade, 1963, 202)

L-*homo religiosus* ma jifridx l-isfera divina minn dik umana, u allura lanqas ma jifred l-imħabba sagra mill-imħabba profana. Camilleri huwa ċar f'dan. F'*Visio* p.eż. naqraw:

> Ma' ħarstek iltqajt
> jien u għaġġilt lejn dari
> u bdejt inħobbok.

Għall-poeta, moħbi fid-dinja li tidher, fil-ġirja lejn darna, hemm realtà li ma tidhirx, Alla nnifsu, li minn wara s-siparju tal-ħajja tagħna – wara "velu" jgħidilna San Ġwann tas-Salib – fis-skiet itarrax u b'ħarsa fissa, jistenniena

nħobbuH lura. Bl-istess qalb li tħobb lill-bnedmin, il-poeta jfittex il-wiċċ moħbi ta' Alla, u jħobbu. Mhux ta' b'xejn li wieħed mill-faxxini tiegħu huwa l-Misteru tat-Trasfigurazzjoni fuq il-Muntanja Tabor. F'*Nitbaħnan f'Ruma* jiftaħ hekk:

Minn maqdes għal ieħor,
bħax-xebba fl-Għanja ta' Salamun,
terraqt mgħaġġel infittex
fit-toroq u wesgħin tal-Belt
kollni tama li nsib il-Maħbub.

Aktar minn hekk, jekk fi *Stennija* għedna li l-alliterazzjoni tal-ittra ħ trid tfisser nifs 'il barra ta' serħan waqt li jistenna lill-Għarus Divin, f'*Ad mortem festinamus* l-istess alliterazzjoni – li toħloq sens ta' aspirazzjoni – tagħti vuċi lill-karba tal-mewt li biha l-poeta bħal jintelaq għalkollox f'din id-"dinja bla lqugħ". Nemmen li aktar milli sens negattiv, din it-telqa tevoka sens ta' realiżmu, simili għall-atteġġjament realistiku ta' Qoħelet li jiftaħ proprju l-Ktieb tiegħu bil-frażi qasira imma tqila, "O frugħa tal-frugħat [...] kollox frugħa u ġiri wara r-riħ" (1:2,14). Camilleri jikteb:

Bla sinsla dal-ġisem,
il-moħħ ukoll ħfief,
nitħabtu f'ħidmietna
li jtiru mar-riħ!

Ċertament li nistgħu nibqgħu nsemmu eżempju wara ieħor ta' poeżiji li l-istess ritmu tagħhom jeħodna lil hinn mill-kliem innifsu u jpoġġina fl-aħħar mill-aħħar quddiem it-traxxendentali, imma nixtieq indawrilkom l-attenzjoni għal wirja li tella' Robert Ryman fl-2016 fil-gallerija Chelsea fi New York, biex napprezzaw kif ġie espress dan l-istess sens ulterjuri tar-ritmiċità fl-arti viżiva u performattiva. Ryman ġabar uħud mix-xogħlijiet tiegħu ta' dawn l-aħħar sittin sena. Dak li jiddistingwi mhux biss din il-wirja imma wkoll lil Ryman inġenerali huwa l-użu kostanti tal-kulur abjad. Il-bċejjeċ tal-arti, li huma kollha mpittrin bojod, imwaħħlin fuq il-ħitan għera tal-mużew, li huma wkoll miżbugħin bojod, jagħtu l-impressjoni ta' *camouflage*, kważi kważi inviżibbli, u allura donnhom joħolqu sens ta' vojt, li fil-fatt mhuwa vojt xejn. L-intenzjoni ta' Ryman kienet li x-xogħlijiet tiegħu jiġu eżebiti taħt dawl naturali, imma l-kuraturi, minflok, ramgħu l-wirja għad-dawl ta' tubi bojod, li għamel l-effett ta' inviżibiltà kemxejn

statiku imma effettiv xorta waħda. Interessanti l-esperimenti ta' Ryman fuq diversi materjali, fosthom kanvas, aluminju, karti, u *fiberglass*, kollha kemm huma xogħlijiet fl-abjad. Interessanti wkoll l-anonimità tax-xogħlijiet, li fil-maġġoranza tagħhom huma intitolati sempliċiment *Untitled*. Interessanti wkoll il-pożizzjoni u l-qisien tax-xogħlijiet, uħud imwaħħlin mal-ħajt, oħrajn mal-art, oħrajn maqlugħin xi ħamsin ċentimetru 'l barra mill-ħajt, b'tali mod li d-dellijiet tal-viżitaturi inevitabilment jaqgħu fuq biċċa xogħol jew oħra. Dettall importanti ieħor huwa l-pinzellatti pjuttost bruski fuq il-kanvas. Taħt il-kulur abjad, minn bejn l-ixquq, jispuntaw ukoll diversi kuluri oħra, bħal kannella, ambra, aħmar, blu skur, u aħdar safrani.

F'din it-tip ta' arti konċettwali, Ryman, bħal Camilleri, ipoġġi quddiemna ritmu kostanti (fl-użu tal-kulur abjad) imma mhux uniformi. Il-logħob bil-kuluri u l-mezzi li juża Ryman biex jesprimi l-arti tiegħu – il-logħba essenzjalment ta' bejn dak li jidher u dak li ma jidhirx u l-qari ta' dawn minn min qiegħed quddiemhom – mhuwiex wisq differenti mil-logħba poetika-spiritwali ta' bejn il-ħsejjes u s-silenzji li jaqsam magħna Camilleri fil-poeżiji tiegħu. Għal Ryman, minn ġo l-abjad (l-inviżibbli) jispuntaw il-kulur, id-dellijiet, l-impronta istintiva-interpretattiva tal-viżitatur (il-viżibbli). Forsi Camilleri mhuwiex jagħmel l-istess? Il-poeżija wara kollox hija pjattaforma ta' interpretazzjoni, l-awtur imut biex tidħol l-assimilazzjoni li kull wieħed u waħda minna jagħmel mal-poeżija. U allura l-poeżija għalina wkoll issir katalist ta' esperjenza spiritwali li ġol-profan tad-dinja empirika – empirika imma reali daqskemm tista' tkun – naraw ħjiel jew *vestigia* ta' dinja inviżibbli, dinamika, spiritwali. Mingħajr dan l-orizzont, fil-fatt, il-poeżija ftit li xejn tagħmel sens.

## Paradossoloġija

Din il-bażi mistika hija l-fundament li fuqha jinbena t-tieni punt fil-poeżija ta' Camilleri, il-paradoss. Fl-istudju tagħha dwar il-paradossoloġija bħala mezz effikaċi ta' spiritwalità Nisranija, Miriam Winter issostni li jeżisti l-paradoss għaliex jeżistu l-paradigmi; it-tnejn, fil-fatt, huma konsegwenza ta' xulxin. Il-kultura dominanti ta' post jew żmien partikulari taħkem fuq dak li hu meqjus "normali" fl-aġir u l-ħsieb filwaqt li tiġġudika bħala stramb, ambigwu, jew "queer" dak kollu li jazzarda jmur kontra din id-dominanza jew paradigma. Skont Winter, hija fin-natura tan-Nisrani li jippersonifika fih il-paradoss, u Camilleri jidentifika lilu nnifsu immensament bħala Nisrani. Il-paradoss

huwa stil ta' ħajja, vjaġġ interjuri, tgħid hi, li fih wieħed jaffaċċa lilu nnifsu fil-verità. Nikkwota: "Il-paradoss huwa sfida ta' dak li jidher ovvju. Il-paradoss huwa l-ħidma ma taqtax biex inħallu l-qadim u nkunu bnedmin ġodda u aħjar; huwa li nżomm il-fidi anke meta akkużat li abbandunajtha, huwa li nagħti tama lil min hu mingħajr tama, huwa li nħobb meta tonqos l-imħabba. Il-paradoss huwa radd il-ħajr 'l Alla anke f'nofs id-disprament, huwa l-maħfra qabel jien stess inkun maħfur, huwa l-qalb mistrieħa f'Alla f'dinja dejjem iżjed kaotika, huwa ħelsien mill-biża'. Fil-kultura Nisranija, tiddikjara Winter, il-paradoss huwa l-paradigma" (ara Winter, 2009, 24-25). Biżżejjed niftakru fil-versi ta' Dun Karm Psaila, "Int għallimtna tan-niket il-hena, int għallimtna fil-hemm inberkuk."

Il-paradossoloġija fuq kollox timplika filosofija ta' ħajja mgħixa mhux tant fis-sigurtà ta' naħa jew oħra tal-ispettru imma fin-nofs, fix-xifer ta' fejn jiltaqgħu ż-żewġ naħat; żewġ dinjiet, biex ngħidu hekk, li jiġu flimkien paradossalment u lill-poeta jżommuh inċert u allura miftuħ għal kull possibiltà. Fi kliem Winter dan l-istat tan-nofs huwa "kontradittorju, inkredibbli, assurd imma irreżistibbli, impossibbli imma veru" (Winter, 2009, 15). Għalkemm dan l-istat tan-nofs jimplika inċertezza daqstant ieħor jimplika ftuħ u rispett għal dak li jittraxxendi l-loġika. Ma jagħmilx sens fil-fatt li dak li jgħix f'dan l-ispazju inċert ikun ċert li l-oġġettiv ma jeżistix. Dak li nistgħu narawh ambigwu b'xi mod jagħmel sens għaliex għal Camilleri hija l-possibiltà ta' orizzont oġġettiv li tagħti sens lil dan kollu. Għaldaqstant, b'mod dekostruzzjonist għall-aħħar il-poeta ma jħalli xejn għall-ovvju jew għall-isterjotip. Diġà għedna li f'din il-ġabra ta' poeżiji la l-bidu mhu bidu u lanqas it-tmiem mhuwa tmiem. F'*Nitbaħnan f'Ruma*, Ruma, li hija l-qalba tal-Kristjaneżmu, hija wkoll "relikwa ta' passat glorjuż", "pagana", il-"qabar ta' Alla li siket u tbikkem". Bl-istess mod f'*L-Oraklu*, ix-xena tax-xemx tiżreġ u s-sħaba li minnha jinstema' leħen misterjuż tevoka fl-istess waqt ix-xena tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej fuq it-Tabor kif ukoll ix-xena tal-oraklu fit-tempju ta' Delfi, li skont il-leġġenda kien jitkellem Apollo permezz tal-profetessa Pythia mitlufa fi trans. Nistaqsi: hija din il-kontrapożizzjoni ta' għeruq opposti tal-istess xena profanazzjoni tal-fidi Nisranija jew il-magħmudija ta' kultura pagana? Il-paradoss ma jagħtinix il-lussu li nwieġbu għax jara l-validità taż-żewġ naħat.

Nieħdu eżempju ieħor biex naraw aħjar kif iħaddem il-paradoss: il-metafora tal-lejl. Għal Camilleri l-lejl ifisser nostalġija, stennija, ħolm, xewqat, imma jfisser ukoll solitudni, tixjin, il-waqfien tal-poeżija, u nuqqas ta' wens meta p.eż. fi *Tniebri* jqabblu mal-blat samm tax-xagħri, li jniggeż mar-riġlejn l-għollieq,

ix-xewk u l-ħurrieq. F'*Mimlija bil-Grazzja* mbagħad jgħidilna x'jara f'dan il-"blat samm, xewk, u għollieq":

> rajt fiha das-seklu
> mifluġ bid-dnubiet

Il-lejl mela għal Camilleri għandu diversi livelli. Huwa fl-istess waqt il-lejl tiegħu u l-lejl tal-umanità. Huwa lejl kajman iżda huwa wkoll lejl ta' bla wens. Fuq kollox huwa lejl ta' passjoni imma huwa wkoll il-lejl tan-"nagħsa tqila" li jinsab fiha Alla (f'*Lil Alla ta' Missirijietna*). Din il-kontrapożizzjoni ta' ideat, filwaqt li tesplora l-metafora tal-lejl minn kull aspett possibbli, tiftaħ beraħ il-possibiltà fil-qalb tal-poeta għall-paradoss bħala mezz ta' unjoni miegħu nnifsu, mal-umanità, u ma' Alla. Kittieb Russu li ċertament Camilleri ispira ruħu minnu – għaliex permezz tal-paradoss dlam-dawl iħaddem l-istess dinamika – huwa Fjodor Dostoevskij. In-novella ċelebri *L-Idjota* tirrakkonta l-istorja tal-Prinċep Lev Nikolaevič Myškin, żagħżugħ sabiħ, ruxxan, xagħru safrani bħal jarmi d-dawl, ta' kważi tletin sena, li jerġa' lura lejn il-belt ta' San Pietruburgu wara li kien ilu erba' snin f'*sanatorium* fl-Iżvizzera. Il-Prinċep jirrappreżenta dawk il-kwalitajiet umani li Dostoevskij tant xtaq jara fis-soċjetà Russa ta' żmienu: onestà, ftuħ, umiltà, altruwiżmu, u kompassjoni, kwalitajiet li radikalment kienu jikkontrastaw man-nobbiltà korrotta u mikluba għall-poter, irrappreżentata fil-membri tal-familji Jepančin, Ivolgin, Baraškov, u Burdovskij. Il-Prinċep, fl-innoċenza tiegħu, jidħol bejn il-basla u qoxritha f'intriċċi kumplikati ta' żwiġijiet, self ta' flus, omiċidji, u serq.

Waħda mir-relazzjonijiet l-aktar importanti li toħroġ is-sens simboliku tad-dlam u d-dawl, u l-għaqda intima tagħhom flimkien, hija dik ta' bejn il-Prinċep Myškin u Parfën Semjenovič Rogožin. Filwaqt li t-tnejn li huma jixtiequ jiżżewġu lil Anastasja Filippovna, l-imħabba ta' Rogožin hija mħabba għajjura, ossessjonata, u kompetittiva filwaqt li dik tal-Prinċep hija mimlija kompassjoni u altruwiżmu. Dostoevskij, fil-persuni tagħhom it-tnejn, ipoġġi quddiem il-qarrej il-qawwa tal-imħabba ta' Rogožin li teqred – l-għerq *rog* fir-Russu, fil-fatt, ifisser qrun, allużjoni ċara għall-qawwa tal-ħażen – filwaqt li l-imħabba ta' Myškin hija mimlija kompassjoni u onestà. F'xena mill-aktar suġġestiva, Dostoevskij jlaqqa' liż-żewġ protagonisti fl-indana ta' fuq tad-dar fejn, huma u jitkellmu flimkien, jagħtu s-slaleb tal-magħmudija lil xulxin. Dan il-ġest sempliċi jgħaqqad liż-żewġt irġiel flimkien, jagħmilhom issa aħwa għal xulxin, u jagħtihom valur litterarju li, paradossalment, Myškin u Rogožin

jirrappreżentaw żewġ naħat tal-istess persuna, il-qawwiet tajba u ħżiena attivi f'kull persuna.

Il-paradoss huwa element litterarju importanti ħafna f'Dostoevskij. Il-Prinċep Myškin huwa l-"idjota" għaliex ma jidħolx fin-normi aċċettati mis-soċjetà, għaliex huwa innoċenti, għaliex iħobb b'kompassjoni u mhux b'ingann u poter. Jisseħħer u jaqa' fil-muta quddiem il-pittura ta' Hans Holbein ta' Kristu mejjet, korp bla ebda ħajja, bla ġmiel ta' xejn, imħassar u meqrud, li aktar milli sens ta' qawmien mill-imwiet tagħti sens ta' tmiem mingħajr tama, iżda fl-istess ħin jisseħħer ukoll minn dik il-mara mill-kampanja li kienet qed iġġorr tarbija tat-twelid, li kif appena tarah trodd is-salib.

Għalkemm opposti, lil Myškin u Rogožin narawhom il-ħin kollu flimkien u, meta fl-aħħar tan-novella, Rogožin jiġi arrestat minħabba l-omiċidju ta' Anastasja, il-Prinċep jaqa' f'silenzju jdamdam, u, wara li jiġi mogħti s-sentenza ta' ħmistax-il sena ta' xogħol iebes fis-Siberja, Myškin jerġa' jittieħed fis-*sanatorium* fejn kien qabel. Tolqotna l-mistoqsija retorika ta' Georg Steiner, "Mingħajr id-dlam kif nistgħu nifhmu x'inhu d-dawl?" Jiġifieri, mingħajr il-vojt tal-lejl kif sejrin nindunaw li, fil-fatt, qiegħda żżernaq ġurnata ġdida mill-bogħod?

Għalhekk jagħmel sens li dak li Camilleri jibqa' jiftakar u jsellem fit-tifkira tal-Professur Dun Peter Serracino Inglott huwa preċiżament dan l-istat ta' bejn żewġ dinjiet li jevoka l-misteru tal-paradoss:

stħarriġt
b'dehen l-għorrief
ħosbiena
il-kif u l-għala
tal-misteru moħbi
jitliegħeb
minn dejjem
bejn żewġ dinjiet

[...]
fuq did-daqsxejn
ta' laqxa mikula
bir-raxx mielaħ
ta' baħar qalil
iħebb għal Finisterra

fejn il-bidu u t-tmiem
jitbewsu
sa jitfanndu
f'xulxin
għar-ritmu
taż-żifna eterna
f'dal-misteru moħbi
sa minn dejjem
u mikxuf
quddiem min qalbu bla ħjiena.

## Għeluq

Il-*Guernica* ta' Picasso, għalkemm ispirata minn fatt storiku konkret – il-bumbardament infami fuq ir-raħal ċkejken ta' Guernica fit-Tramuntana ta' Spanja fis-26 t'April 1937 –, Picasso nnifsu jistqarr li l-interpretazzjoni simbolika taf tvarja mill-intenzjoni tal-awtur tagħha. U hekk, filwaqt li bilfors xi ftit jew wisq Camilleri jikxef lilu nnifsu f'dak li esprima, *Tattwaġġi* jqanqalna biex nirrelataw bl-istess passjoni mal-kitba mħollija f'idejna, u minn hemm niskopru u nistagħnu b'tifsiriet u immaġinarju simboliku ieħor infinit.

## Biblijografija

Mircea Eliade, The Sacred and the Profane: The Nature of Religion, tr. Willard R. Trask, New York: Harcourt, Brace, & World (1963).

Pavel Florenskij, On Realism, in Beyond Vision: Essays on the Perception of Art, ed. Nicoletta Misler, tr. Wendy Salmond, London: Reakton (2002).

Miriam Therese Winter, Paradoxology. Spirituality in a Quantum Universe, New York: Orbis (2009).

# *Karnival*, dramm ta' Francis Ebejer, 1977*
## Analiżi tal-karattri u tat-temi rikorrenti

Dorianne Bartolo

Dan id-dramm għandu għadd ta' personaġġi li huma f'kuntrast għal xulxin. Hemm uħud li jiġġieldu filwaqt li oħrajn jipprovaw iżommu l-kalma. Il-palk f'dan id-dramm jidher li huwa maqsum fi tliet partijiet. Iż-żewġ partijiet prinċipali jidher li huma opposti għal xulxin: it-terrazzin ta' Anġlu u Manwela u binhom Joe, u d-Dar il-Qadima tal-aħwa Marija Grazzja, Liljana u David. Il-parti l-oħra hija t-triq li tifred dawn iż-żewġt idjar. B'rabta mal-familja ta' Anġlu hemm it-tfajla ta' Joe, Melina. Ma' dawn il-karattri hemm personaġġ ieħor li żgur huwa marbut mal-Karnival: il-Maskerat. Jidher li dan il-karattru kien għadu jipparteċipa f'dawn is-snin. Il-maskerat f'dan id-dramm jista' jiġi mqabbel mal-personaġġ tal-buffu f'aspetti artistiċi oħra, ngħidu aħna, fir-rumanzi ta' Carmelo Camilleri.

Fid-dramm stess, wieħed jista' jsib analiżi ta' dawn il-karattri. Min-naħa "Manwela: Aħna ġewwa kif tarana barra" u minn oħra, "it-tlitt aħwa...barra mhux dejjem jitkellmu kif jitkellmu ġewwa – u l-kuntrarju" (Ebejer 127). Tul id-dramm, dawn l-istqarrijiet jidher li huma veri jew jersqu lejn dak li jiġri tassew. It-tema ċentrali hija l-'Karnival'. Kollox donnu jiġi aċċettat proprju għaliex huwa l-Karnival. Minkejja dan, xorta hemm distakk u mibegħda bejn dawk tat-terrazzin u dawk ta' faċċata. Meta kien jinstema' xi għajdut, il-Maskerat kien ikun qisu l-kuxjenza u b'ton niggieżi ġieli qal, "Il-ġirien moderni mhux

** Rebbieħ tal-Premju Atturi – Rothmans, 1976. Inħadem għall-ewwel darba fit-Teatru Manoel mill-Atturi Theatre Grupp f'Ottubru tal-1977 (Ebejer 126).*

hekk suppost! Rajt ma rajtx u smajt ma smajtx – suppost!" (Ebejer 130). Jingħad hekk minħabba li kontinwament, Manwela tat-terrazzin, kienet toħloq argumenti ma' dawk tad-Dar il-Qadima.

Manwela toħloq distakk bejn l-għejxien tal-familja tagħha u ta' dawk ta' faċċata. Minkejja li trid tagħti stampa ta' waħda li ma jimpurtahiex minn dak li huwa irrelevanti għaliex moderna, fil-verità tagħmel bil-kontra. Il-personaġġ Anġlu jsemmi aspett li jidher fir-rumanz modern ukoll u li jmur lil hinn mix-xejriet romantiċi. Dan l-aspett huwa t-tbegħid mir-raħal u l-għeluq tiegħu. Marija Grazzja wkoll issemmi dan il-punt meta lil Anġlu ġġibu konxju li issa li "qsamt it-triq" (Ebejer 181) tista' titbiegħed minn dak li jorbtok ma' darek.

Kif imsemmi qabel, il-Maskerat jilgħab parti donnu l-kuxjenza ta' kull min jinsab f'din it-triq mimlija azzjoni. Il-Maskerat, bil-maskra quddiem wiċċu, ma jridx jikxef l-identità tiegħu quddiem il-personaġġi l-oħra. Fl-aħħar tat-tieni att "Ineħħi l-maskra" (Ebejer 172). L-udjenza tarah, iżda l-karattri le. Jibqa' jgħatti wiċċu minnhom u għalhekk l-identità ma tinkixifx. Dan jista' jkun minħabba li huwa żmien il-Karnival jew inkella biex il-Maskerat ikun ir-rappreżentant tal-ipokrezija. F'waqtiet ikun qed ikanta u għalhekk juri ġesti ta' xi ħadd ferħan iżda meta fl-aħħar "ineħħi l-maskra" jkun hemm dubju huwiex qed "jongħos" jew "jolfoq" (Ebejer 172). Il-Maskerat stess donnu jagħti ħjiel għal din l-ipokrezija meta jistqarr "Fil-Karnival mhux kulħadd wiċċ b'ieħor?" (Ebejer 135) Fl-aħħar tat-tielet att, "Jarmi l-maskra taħt il-ħajt tad-Dar il-Qadima" (Ebejer 193) biex donnu juri li għax spiċċa l-Karnival m'hemmx bżonn ta' iktar ipokrezija.

It-tema tal-ipokrezija tista' tintrabat ukoll mal-punt li semmejt li l-aħwa "mhux dejjem jitkellmu kif jitkellmu ġewwa" (Ebejer 127). Jinħoloq ħajt bejn dak li jiġri bejn l-aħwa u dak li jseħħ ma' dawk ta' faċċata. Il-kliem mhux dejjem ikun l-istess u l-verżjoni tal-kliem tvarja skont lil min qed ikellmu dawn il-personaġġi. Xi drabi anki Liljana s-soru tispiċċa tgħid dak li ma tixtieqx minħabba ħaddieħor, f'dan il-każ minħabba dawk ta' faċċata. Tispiċċa tgħid kliem li jmur kontra n-Nisranità tagħha, "Ma ngħidlekx kemm bgħadtha" (Ebejer 165) u "Is-sentimenti li wirtet mhuma xejn anqas ħorox minn dawk ta' kelb..." (Ebejer 165). Kliem bħal dan ikollu jingħad minħabba l-lingwaġġ aħrax u intolleranti li tuża Manwela. Manwela tinsisti li ħaddieħor huwa "Bla qalb!" (Ebejer 175) u tipprova tiġġustifika lilha nnifisha ma' ħaddieħor, "U jien le? Jien x'jien? Tas-swat?" (Ebejer 175). Il-ħin kollu trid tkun f'attakk personali ma' dawk tad-Dar il-Qadima, mal-Maskerat u mal-familjari tagħha wkoll.

Lil dawk ta' quddiemha tixtieq li kieku tneħħihom minn darhom biex tkun tista' tara l-Buskett. Kontinwament taħseb fuqhom u tara kif se tikkritikahom u tgħid kontra l-mod ta' għejxien tagħhom. Manwela tirreferi għalihom bħala nies "vulgari" (Ebejer 162). Il-Maskerat idejjaqha wisq. Tirreferi għalih bħala "xitan" (Ebejer 135) u "Dardira" (Ebejer 145) u turih biċ-ċar li ma tridux fit-triq tagħhom, wisq aktar f'darha, "Daqskemm jaħmluk widnejja!" (Ebejer 129). Ma' żewġha l-ħin kollu tuża kliem aħrax u ta' tgħajjir, "ċapsa" (Ebejer 151). Anġlu, madankollu jibqa' kalm u għalih, bħall-oħrajn, jgħaddi kollox għax "mhux il-Karnival?" (Ebejer 151). Fil-Karnival ir-rutina tas-soltu tinkiser u xi wħud jippruvaw imexxu kollox kif iridu huma bħal Marija Grazzja meta tgħid "Fil-Karnival, il-ħin kif irridu jien" (Ebejer 134). Marija Grazzja donnha hi s-simbolu tal-briju tal-Karnival flimkien mal-Maskerat. It-tnejn jidhru kuntenti f'dawn it-tlett ijiem minkejja li Marija Grazzja għandha kundizzjoni mentali minħabba sitwazzjoni li għaddiet minnha għoxrin sena ilu fl-istess żmien.

B'dan id-dramm li ttella' darba, nistgħu nanalizzaw it-tema ta' Ebejer li ried iwassal – tema li tressaqna lejn il-kontemporanjetà. Ebejer prova joħloq ambjent realistiku f'dawn is-snin għaliex issa Malta hija tal-udjenza, mhux aktar tad-dilettanti biss. Il-lingwaġġ kellu jkun jinftiehem sew għaliex hekk kienet il-ħtieġa f'dan il-perjodu ta' Ebejer. Fil-gazzetti lokali dehru għadd ta' riklami biex jippromwovu dan id-dramm. Dan kien dramm b'xogħol oriġinali ta' bniedem li jitqies bħala l-aqwa drammaturgu ta' pajjiżna. Minbarra r-riklami, ġew ukoll stampati artikli dwar il-ħila li kellu Ebejer biex jagħti stampa tal-'Karnival' bil-mod tiegħu u joħloq personaġġi li jinterpretaw il-karattru tagħhom b'mod l-iżjed perfett.

**Biblijografija**

Ebejer, Francis. "Karnival." Ebejer, Francis. *Tliet drammi oħra: Vum-barala-zungarè; Meta morna tal-Mellieħa; Karnival.* Malta: Valletta: Klabb Kotba Maltin, 1977. 126-193.

**Din hija lista tal-artikli u r-riklami ta' fejn issemma d-dramm 'Karnival'.**

*L-Orizzont*

30 ta' Settembru 1977, paġna 2
3 t'Ottubru 1977, paġna 3
5 t'Ottubru 1977, paġna 5
7 t'Ottubru 1977, paġna 5

25 t'Ottubru 1977, paġna 11

*It-Torċa*

2 t'Ottubru 1977, paġna 10

*Il-Mument*

18 ta' Settembru 1977, paġna 8

30 t'Ottubru 1977, paġna 7

*Il-Ħajja*

12 t'Ottubru 1977, paġna 5

*Leħen is-Sewwa*

15 t'Ottubru 1977, paġna 9

*Times of Malta*

3 ta' Ottubru 1977, paġna 2

4 ta' Ottubru 1977, paġna 7

5 ta' Ottubru 1977, paġna 2

*The Sunday Times of Malta*

11 ta' Settembru 1977, paġna 22

2 ta' Ottubru 1977, paġna 21

16 ta' Ottubru 1977, paġna 21

# *Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa* ta' Trevor Żahra fid-Dawl tal-Ħsieb ta' Bergson

Manuel J. Ellul

*"Il-Komiku ma jeżistix 'il barra minn dak li hu proprjament uman."*[1]

**Introduzzjoni**

Fl-Ebrajk u fil-lingwi Semitiċi kollha, fosthom il-Malti, il-kelma "daħak/ daħaq"[2] hi mnissla mill-għerq S.H.Q. Li jiġri huwa li fil-Malti l-konsonanti "S" tevolvi fl-ittra "D," filwaqt li l-konsonanti "Ħ" u "Q" jibqgħu l-istess.[3]

**Id-daħk fil-ħsieb differenti tal-bniedem**

Awtur li tkellem fit-tul dwar id-daħk kien Mikhail Bachtin. Huwa jistqarr li personaġġi magħrufa kienu jħarsu lejn d-daħk b'modi differenti. Ippokrate, pereżempju, kien isostni li kemm it-tabib kif ukoll il-marid għandhom ikunu ferħanin u vivaċi biex b'hekk ikunu kapaċi jieqfu lill-mard.[4] Min-naħa l-oħra San Ġwann Kriżostmu, wieħed mill-*patres* tal-Knisja, jistqarr li ċ-ċajt u d-daħk kienu ġejjin mix-xitan. Għaldaqstant il-Kristjan għandu jkun kostantement serju.

Artistotli, fl-Etika Nikomachea jibni l-filosofija etika tiegħu fuq il-prinċipju li *in medio stat virtus*. Dan ifisser li wieħed jikseb il-ħajja virtuża biss permezz tat-triq tan-nofs. Il-virtù etika tinstab dejjem fin-nofs bejn żewġ vizzjijiet, "wieħed ta' eċċess u l-ieħor ta' nuqqas."[5] Għal Aristotli, mela, anki d-daħk irid jieħu t-triq tan-nofs. Il-bniedem vulgari jużа kull opportunità biex idaħħak u jwaqqa' għaċ-ċajt, mingħajr ma jqis jekk hux ser iweġġa' lil ħaddieħor. Min-naħa l-oħra min hu serju ħafna, meta jiċċajtaw ftit miegħu, jeħodha ħażin. Aristotli

jgħallem li wieħed għandu jevita l-estremi: għandu jkun dekoruż, kapaċi jagħżel il-mument opportun biex jiċċajta, u m'għandu qatt ikun dispreġattiv mal-oħrajn. Għandu wkoll ikun kapaċi jieħu ċajta.

## It-tliet teoriji ewlenin dwar id-daħk

Jeżistu tliet teoriji ewlenin dwar id-daħk:

(1) L-ewwel teorija hija s-*superiority theory*. Skont filosofi bħal Thomas Hobbes, aħna nidħku għax inħossuna aqwa minn ħaddieħor

(2) Teorija oħra hija r-*relief theory*. Esponent ewlieni ta' din it-teorija huwa Sigmund Freud, li jħares lejn id-daħk bħala mod kif wieħed jeħles mit-tensjoni. Dik l-enerġija li wieħed ikun uża biex jerrepprimi sentimenti sesswali u ta' ostilità, jispiċċa biex imbagħad joħrogħa f'xi ċajta[6]

(3) It-tielet teorija hi magħrufa bħala l-*incongruity theory*. Din it-teorija tinbena fuq l-idea li d-daħk jeżisti għax ikun hemm inkonsistenza, nuqqas ta' qbil jew inadegwatezza. Hemm diversi teoriji u ideat filosofiċi dwar id-daħk li jaqgħu fi ħdan din it-teorija. Għalkemm it-teorija dwar id-daħk tal-filosfu Franċiż Henri Bergson, "mhijiex faċli biex tikklassifikaha,"[7] jien personalment nemmen li għandha taqa' taħt din it-teorija.

## Henri Bergson: ir-riġidità bħala s-sors tad-daħk

F'*Revue de Paris,* Bergson kiteb tliet artikli fuq id-daħk li wara ġew ippubblikati fil-ktieb jismu: *Le Rire : essai sur la signification du comique.*[8] Hemm kritiċi bħal John Morreall li jgħidu li t-teorija ta' Henri Bergson għandha tidħol fit-tradizzjoni tas-*superiority theories* għaliex wieħed jidħak b'ħaddieħor għax iħossu superjuri minħabba n-nuqqas ta' flessibilità li jara fih. Mary Ann Cassar tgħid li filwaqt li huwa minnu li d-daħk għal Bergson jeżisti għax in-nies ma jaġixxux b'mod flessibbli, l-enfasi mhijiex fuq daħk bħala espressjoni ta' superjorità, iżda bħala mod li għandu jwassal lil persuna biex tikkoreġi n-nuqqas ta' flessibilità tagħha.[9]

Mistoqsija importanti li jistaqsi Bergson hija din: Aħna biex nidħku? Biex iwieġeb din il-mistoqsija, huwa jibda billi juża diversi metafori. Waħda minnhom tgħid li fi tfulitna, aħna kollha lgħabna l-logħba ta' *Jack and the box,* il-logħba tal-pupu li jkollu molla u li joħroġ minn ġol-kaxxa permezz ta' molla b'mod

mekkaniku. Tagħlqu u jerġa' jaqbeż 'il barra. Terġa' tagħlqu. Jerġa' jaqbeż 'il barra. Tipprova tagħlqu bl-għatu. Mill-ewwel jerġa' jtajjar l-għatu biex joħroġ.[10] Permezz ta' din il-metafora, Bergson irid jurina li aħna nidħku b'dak kollu li għandu funzjoni riġida, mekkanika, awtomatika u li allura mhuwiex flessibbli. Aħna nidħku, pereżempju, b'xi ħadd li jkun nieżel it-taraġ u meta jkun wasal fl-aħħar jipprova jinżel tarġa ineżistenti. L-inżul tat-taraġ ta' din il-persuna huwa mekkaniku, u allura tad-daħk, proprju kif inhu mekkaniku u tad-daħk *Jack in the box*!

Din ir-riġidità tipika tal-magni tqabbad id-daħk. Eżempju ta' din ir-riġidità tinstab fil-"Ħajja sigrieta tan-nanna Ġenoveffa" ta' Trevor Żahra. Fost ir-raġunijiet għaliex missier Ġenoveffa, Attilio, ma riedx li bintu tiżżewweġ lil Zanzu hemm il-fatt li n-nannu ta' Zanzu, "għalkemm kien ilu aktar minn għoxrin sena mejjet, kien għadu magħruf mar-raħal bħala l-akbar sakranazz li qatt rat id-dinja… dak li kien kisser il-kelb fl-istatwa ta' Santu Rokku tal-pjazza."[11]

Il-kliem "għalkemm kien ilu aktar min għoxrin sena mejjet, kien għadu magħruf bħala l-akbar sakranazz li qatt rat id-dinja" juri riġidità kbira fil-ħsieb, daqslikieku nbniet qisha qoxra fuq il-bniedem u bħala konsegwenza beda jġib ruħu qisu magna. Għal Bergson din ir-riġidità tqabbad id-daħk. Issa l-biża' li wieħed jiġi middieħek iservi bħala inċentiv biex wieħed ma jibqax riġidu fil-ħsieb tiegħu u jsir aktar flessibbli.[12] Fl-aħħar fil-fatt Attilio kellu jaċċetta lil Zanzu bħala r-raġel tat-tifla tiegħu. Fid-dawl tat-teorija ta' Bergson, ser nieħu tliet aspetti mill-ħsieb tiegħu fuq id-daħk u napplikahom għar-rumanz umoristiku *Il-ħajja sigrieta tan-nanna Ġenoveffa* ta' Trevor Żahra.

## Il-ħajja sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa

Fl-istorja ferm imqanqla tan-nanna Ġenoveffa ġara li n-neputi tagħha Renzo Manduca jsib manuskritt fuq il-ħajja sigrieta tagħha. Għalkemm kulħadd kien jaħseb li "l-mara ta' dari kienet mara miġbura, mansweta u umli,"[13] dan juri li dan xejn ma kien japplika għal Ġenoveffa. Fil-manuskritt fil-fatt naqraw dwar karattru mqareb, mimli passjoni u enerġija, dinamiku u enerġetiku. Il-mara kienet taf sew xi ssarraf id-dinja.

Fil-ktieb naqraw dwar l-ewwel infatwazzjoni li kellha għal Eugene fi tfulitha, u l-isperimentar fil-ħajja sesswali fl-iskola, ma' sħabha Maggie Jones u Ċettina D'Amato. Hemm ukoll il-ġrajja tal-ewwel laqgħa tagħha ma' żewġha Zanzu ġewwa t-tieġ ta' Pia. Għalkemm missierha kien ħadha qatgħa bla ħabel

kontra din ir-relazzjoni, hi xorta għamlet ta' rasha u spiċċat iżżewġitu. Wara t-tieġ hemm l-ewwel lejl appassjonat li qattgħu flimkien hi u Zanzu, u kemm Zanzu beda jsibha diffiċli li jikkonsma ż-żwieġ b'żewġ inkwatri ta' Santa Rita u tal-Aċċjomu u ras San Ġwann maqtugħa jħarsu lejh. Ġenoveffa tirrakkonta dwar it-twelid ta' Giovanni, l-ewwel fost sitt it-tfal, u kif dan it-twelid tella' l-familja kollha fis-seba' sema u dwar storja amoruża li kellha ma' Mario Zammit waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Ir-rumanz jispiċċa b'Ġenoveffa li żżur il-qabar ta' Zanzu, li kien ħallieha armla ta' erbgħin sena.

## It-teknika ta' Żahra biex idaħħak

Biex idaħħak lil min jaqra Trevor Żahra b'ebda mod ma jiddejjaq ikun espliċitu u vulgari. Darba minnhom, pereżempju, naqraw li wara argument sħun ma' Ġenoveffa, Zanzu ma jiddejjaqx jgħidilha li "l'injokki [tista' ddaħħalhom] waħda waħda ġo [sormok]."[14]

L-element ta' inkongruwenza tipika tal-*incongruity theories* huwa wkoll preżenti ħafna fir-rumanz. Darba oħra naqraw li kien hemm żmien meta waqt l-att sesswali Ġenoveffa u Zanzu kienu jispiċċaw jgħidu "l-aktar kliem oxxen li beda ġej [f'moħħhom]; espressjonijiet ħamalli li kull meta [kienet] [t]ismagħhom jingħadu fit-toroq kienu [jdarrsuha] u [jħammrulha] wiċċha."[15] L-inkongruwenza f'dan l-episodju tinsab fil-fatt li flok att sesswali mimli mħabba u ġentilezza, hemm biss vulgarità u oxxenità. Eżempju ieħor ta' inkongruwenza huwa meta Ġenoveffa tgħid li għalkemm Maggie Jones ma kinitx Kattolika, xorta waħda kienet tifhem fit-Teoloġija. Skont hi, fil-fatt:

> "kull meta mara jew raġel ikollhom x'jaqsmu flimkien, ikunu qed jagħmlu dnub, anke meta jkunu miżżewġin; imma peress li dan hu meħtieġ biex iġibu t-tfal fid-dinja, id-dnub ma kienx ikun fuq spallejhom, imma kien jgħaddi għal għand it-tarbija u minħabba f'hekk din kienet titwieled bid-dnub tan-nisel u jkollhom bżonn il-magħmudija."[16]

## L-ewwel aspett tat-teorija ta' Bergson: il-konnessjoni bejn id-daħk u l-uman

Bergson jibda t-teorija filosofika tiegħu billi jistqarr, bħal ħafna oħrajn, li "l-komiku ma jistax jeżisti 'l barra minn dak li hu proprjament uman."[17] Dan

ifisser li hemm konnessjoni intrinsika bejn l-uman u l-komiku. Fil-fatt, filwaqt li għal Bergson huwa possibbli li tidħak b'xi ħaġa li m'hijiex umana, bħal xi annimal, wieħed fil-verità jidħak għax jilmaħ fl-oġġett "attitudni ta' bniedem jew espressjoni umana."[18] Ġenoveffa tgħid li fl-ewwel lejla tagħha ma' Zanzu, meta marret biex taħtaf il-parti privata ta' Zanzu, sabitu qisu "bugħarwien bħal dawk ta' ħdejn il-ħerża tal-bir." Għal Bergson, mill-ġdid, dan id-daħk jiġi mill-fatt li l-bugħarwien huwa mqabbel mal-parti intima tar-raġel, jiġifieri mal-uman.

Għal Bergson anki ċerti espressjonijiet fil-lingwaġġ idaħħkuna, għaliex ifakkruna f'xi element uman. L-espressjoni "inħokk il-bajd"[19] pereżempju, fis-sentenza "Allura jiena m'għandix id-dritt inħokk il-bajd kemm irrid?"[20] iddaħħakna għax mill-ġdid, hawn għadna referenza għall-parti privata tar-raġel, għal xi ħaġa li hija purament umana. Il-konklużjoni hija mela waħda: "il-komiku ma jistax jeżisti 'l barra minn dak li hu proprjament uman."[21]

## It-tieni aspett tat-teorija ta' Bergson: l-emozzjonijiet u d-daħk: tramuntana u nofsinhar

Henri Bergson jemmen li l-akbar għadu tad-daħk huwa l-emozzjonijiet tal-ħniena u tas-simpatija.[22] Fil-ktieb ta' Żahra hemm diversi episodji fejn din il-parti tat-teorija ta' Bergson tista' tiġi applikata. F'episodju partikolari, pereżempju, Ġenoveffa tidħol fil-ħsibijiet tagħna u tgħidilna li fi xbubitha kienet tassew tfajla "sabiħa, grazzjuża, ħelwa u desiderabbli."[23] Minkejja dan tistqarr bla tlaqliq ta' xejn li kien jirnexxilha tiġbed l-aktar "ġuvintur koroh, diżgrazzjati, u imbeċilli"[24] li kien hemm fis-suq. Hi tagħti deskrizzjoni komika ta' kull wieħed minnhom.

Wieħed minnhom, pereżempju, kien qed jistudja għal nutar, kien twil u rqiq, u kien jilbes tassew ikrah. Biex jirbaħ imħabbitha, kien jieħu pjaċir ikantalha. Ieħor, Silvestre Mamo, kien iħobb jiktbilha poeżiji tat-Taljan tant sbieħ li kienet tqabbilhom ma' tal-poeti Taljani Foscolo u Leopardi. Minkejja dan, l-apparenza tiegħu kienet tassew kerha: kien "qasir u imbaċċaċ," u donnu ma kienx ġab ruħu, għax kien qisu "tifel tal-preċett."[25] Ma' din il-lista ta' deskrizzjonijiet koroh u fl-istess ħin komiċi hemm Ramiro li meta mar biex ibusha, indunat li "kellu ħalqu jinten pesti... riħa arinġi u żejt imranġat..."[26]

Skont it-teorija ta' Bergson, aħna fil-bidu nħossu ħniena kbira għal dawn l-irġiel koroh. Huma lkoll kienu qegħdin jippruvaw juru l-imħabba tagħhom b'diversi modi, iżda ma kinux qed jiġu apprezzati. Ġenoveffa kienet qiegħda

tħares biss lejn il-qoxra ta' barra, mingħajr ma tħares lejn dak li hemm ġewwa. U allura suppost meta naħsbu ftit, nispiċċaw inħennu għalihom, nissimpatizzaw magħhom u nitnikktu. Għal Bergson dawn l-aneddoti jdaħħkuna għax ineħħu minna nfusna dawn l-emozzjonijiet ta' ħniena u simpatija fil-konfront ta' dawn l-irġiel. Għal Bergson m'hemmx diskussjoni: il-ħniena, is-simpatija u d-daħk huma t-tramuntana u n-nofsinhar ta' xulxin.

## It-tielet aspett tat-teorija ta' Bergson: id-daħk fi grupp

Bergson jikkonkludi li biex ikun hemm id-daħk irid ikun hemm xi forma ta' udjenza li tista' tkun kemm reali kif ukoll immaġinarja. Huwa jgħid: "Id-daħk – [...] jikxef dejjem element ta' ftehim, jekk mhux saħansitra kompliċità, bejn nies oħra li qegħdin jidħku."[27] Dawn in-nies, din l-udjenza, tista' tkun preżenti kemm realment u kemm immaġinattivament fis-sitwazzjoni.

F'episodju partikolari tar-rumanz il-protagonista titkellem dwar l-avventuri tagħha l-iskola tas-sorijiet li kienet tattendi. Hawnhekk hija tibda tiddeskrivi sidirha u tgħid "li kien għadu ċkejken daqs żewġ pastini tal-lewż morr."[28] Ġenoveffa tkompli billi tqabbel sidirha ma' dak ta' Maggie Jones li kien "wieqaf u ppuntat, bil-bżieżel imtellgħin ħarira 'l fuq bħal gażaża fi flixkun tat-trabi."[29] Filwaqt li huwa minħabba l-inkongruwenza li dan il-paragun jikxef li wieħed jidħaq, biex inkomplu fuq l-aspett tat-teorija ta' Bergson, wieħed jidħaq ukoll għax teżisti kompliċità bejn l-awtur tad-djarju, Ġenoveffa, jew tal-ktieb, Trevor Żahra, u l-udjenza li qiegħda taqra.

## Konklużjoni

Bħala konklużjoni nistgħu allura ngħidu li għal Bergson id-daħk jeżisti bħala mod kif wieħed jikkoreġi r-riġidità. Barra minn hekk, għal dan il-filosofu:

(1) hemm konnessjoni intrinsika u inseparabbli bejn id-daħk u l-uman. Jekk fix-xena għal xi raġuni jonqos l-uman, żgur li ma jistax ikun hemm il-komiku

(2) l-emozzjonijiet tal-ħniena u tas-simpatija u d-daħk huma l-akbar għedewwa ta' xulxin u ma jistgħu qatt, taħt ebda ċirkostanza, imorru id f'id

(3) ma jistax ikun hemm id-daħk mingħajr il-preżenza tal-bniedem fi grupp. Dan il-grupp jista' jkun jgħix kemm fir-realtà, kif ukoll fl-immaġinazzjoni tal-persuna.

**Noti**

1 Henri Bergson, *Il riso. Saggio sul significato del comico. Introduzione di Fabio Ceccarelli. Traduzione e note di Franco Stella Classici del pensiero,* ir-raba' edizzjoni (Milano: BUR, 2008) 38. – Din hi traduzzjoni tiegħi tal-frażi ta' Henri Bergson: *Il comico non esiste al di fuori di ciò che è propriamente umano.*

2 Joseph Aquilina, *Maltese – English Dictionary, Volume one, A-L,* (Malta: Midsea Books Ltd, 1987) 191.

3 Mary Ann Cassar, *Logic, Laughter and Laughter Provocation,* L-Università ta' Malta, teżi tal- Ph.D. mhux ippubblikata, 2006, 21.

4 Michail Bachtin, *L'opera di Rabelais e la cultura popolare. Riso, carnevale e festa nella tradizione medievale e rinascimentale* (Torino: Giulio Einaudi editore, 2001) 77.

5 Joe Friġġieri, *In-Nisġa tal-Ħsieb, Storja tal-Filosofija, l-ewwel volum, mill-Griegi tal-Qedem sar-Rinaxximent* (Malta: Media Centre, 2000) 96.

6 Aaron Smuts, *Humor,* in *Internet Encyclopedia of Philosophy. A Peer-Reviewed Academic Resource,* 13 ta' Settembru, 2015 <http://www.iep.utm.edu/humor/>.; Sigmund Freud, *Il motto di spirito e la sua relazione con l'inconscio.*. Traduzione di Piero L. Segre, Edizione integrale (Roma: Newton Compton editori, 2015).

7 Smuts

8 Bergson III.

9 Mary Ann Cassar, "Freud on Bergson on Laughter," *A Philosopher at large. Essays Commemorating Peter Serracino Inglott,* ed. Jean Buttigieg, Jean-Paul De Lucca, Claude Mangion (Malta: BDL Publishing, 2013) 43.

10 Bergson 76-77.

11 Trevor Żahra, *Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa* (Malta: Merlin Library Limited, 2008) 11.

12 Cassar, *Freud on Bergson on Laughter* 43.

13 Żahra 9.

14 Żahra 97.

15 Żahra 113-114.

16 Żahra 28.

17 Bergson 38 – Traduzzjoni tiegħi tas-sentenza: *Il comico non esiste al di fuori di ciò che è umano.*

18 Bergson 38 – Traduzzjoni tiegħi tal-kliem: *Rideremo di un animale, ma perchè avremmo sorpreso in esso un'attitudine d'uomo o un'espressione umana.*

19 Żahra 118.

20 Żahra 118.

21 Bergson 38 – Traduzzjoni tiegħi tas-sentenza: *Il comico non esiste al di fuori di ciò che è umano.*

22 Bergson 39

23 Żahra 35.

24 Żahra 36.

25 Żahra 38.

26 Żahra 40.

27 Bergson 40. – Din hi traduzzjoni tiegħi tal-frażi: *Il riso nasconde sempre il presupposto di un'intesa, direi quasi di complicità, con altri burloni reali e immaginari.*

28 Żahra 27.

29 Żahra 28.

# L-Aħjar Rumanzi Maltin ta' qabel l-1950

David Aloisio

Dan l-aħħar, studju tal-BBC[1] dwar il-qari ta' elfejn persuna Ingliża wera li ħafna huma dawk li jistqarru li xi darba jew oħra qraw ix-xogħlijiet klassiċi (jew kanoniċi) ta' pajjiżhom – fil-verità jkunu qegħdin jibblaffjaw. Fost ir-raġunijiet għal din l-imġiba stramba hemm il-fatt li ħadd ma jrid joħroġ ta' mażetta waqt xi konverżazzjoni bi pretensjonijiet intellettwali. Aktarx li diversi Maltin isegwu lill-Ingliżi f'dan ir-rigward iżda wisq nibża' li hawn bosta Maltin li lanqas jibblaffjaw ma jistgħu – għax forsi lanqas qatt ma indenjaw ruħhom isiru jafu mqar it-titli tal-aqwa rumanzi u l-ismijiet tal-aqwa rumanziera Maltin.

Theodor Adorno, kritiku ewlieni fix-xena letterarja internazzjonali, huwa kawtel ħafna meta jiddiskuti "l-hekk imsejħa klassiċi." Meta xogħol letterarju jiġi meqjum bħala kitba monumentali jkun hemm periklu kbir li l-ġenerazzjoni tal-lum tittrattah sempliċiment bħala fossila kulturali jew "relikwa."[2] Għaldaqstant lista bħal din tista' tbattal ix-xogħol letterarju mill-apprezzament veru, li jiġi biss permezz tal-qari *mill-ġdid* tiegħu, u ġġibu qisu ljun li mis-savana Afrikana spiċċa f'gaġġa bit-tfal iħarsu lejh u jilagħqu l-ġelat. Proprju l-iskop ta' din il-lista huwa dak oppost. Bħal Harold Bloom, kritiku ta' fama mondjali li jibni l-opinjoni tiegħu fuq l-idea klassika tal-kanoniċità letterarja, il-qarrejja huma mħeġġa jaqraw dawn ir-rumanzi antiki sabiex ifittxu (u jsibu) l-gost estetiku u jaslu għal riflessjoni ġewwiena u privata. Fil-fatt, jitkellem fuq il-klassiċi fid-dawl tar-relazzjoni intima bejn il-qarrejja u l-kittieba li pproduċewhom.[3] L-għaxar rumanzi Maltin ta' hawn taħt intgħażlu, fost l-oħrajn, kemm minħabba

n-natura rappreżentattiva tagħhom, kif ukoll minħabba l-attenzjoni akkademika li ngħataw matul is-snin abbażi tal-valur letterarju tagħhom. Din il-lista tal-ġawhar letterarju hija biss suġġeriment u b'ebda mod ma hi xi lista awtorevoli jew uffiċjali. L-ordni li jinsabu fiha r-rumanzi hija kronoloġika.

## 1. *Ineż Farruġ* (1889)

Meqjus bħala l-ewwel rumanz letterarju bil-Malti, *Ineż Farruġ* ta' Anton Manwel Caruana jintroduċi t-tematika tat-tbatija tal-Maltin li bħala poplu maħkum ħassewhom oppressi f'pajjiżhom stess. Ineż, il-protagonista fittizja u rappreżentattiva tal-poplu, tisfa vittma ta' kumplott li ebda eroj, lanqas il-maħbub tagħha stess, ma jirnexxilu jeħlisha minnu. Fil-fatt *Ineż Farruġ* jitqies bħala "rumanz storiku tellief"[4] għax flok l-eroiżmu jittrażmetti biss l-idea li fil-Maltin taħt il-ħakma Spanjola nibtet ix-xewqa li, b'xi mod u xi darba, għad tinbidel il-qagħda soċjali tagħhom. Permezz ta' *Ineż Farruġ*, Caruana stabbilixxa ruħu bħala pijunier li ttanta jgħolli t-tematika u l-lingwa popolari għal-livell estetiku u joħloq rumanz miktub bil-Malti li jista' jkun "oġġett ta' ammirazzjoni."[5]

## 2. *Nazju Ellul* (1909)

Ġużè Muscat Azzopardi, missier il-letteratura Maltija, introduċa l-karattru tal-eroj epiku fix-xena letterarja lokali, l-aktar permezz ta' *Nazju Ellul*. Dan ir-rumanz storiku ħejja għalih b'narrattivi oħra li ttrattaw ukoll it-tema tal-eroj nazzjonali, ewlenin fosthom, *Toni Bajjada* (1878), Ċejlu Tonna (1886) u Ċensu Barbara (1893). Madankollu, dawn it-tliet xogħlijiet qosra kienu biss "abbozzi, disinji elementari, tal-personaġġ ewlieni fil-fantażija tal-awtur, Nazju Ellul li jwassal sal-grad aħħari l-mixja narrattiva kollha."[6] Muscat Azzopardi, l-awtur Romantiku "meqjus bħala mudell tal-Malti letterarju ta' żmienu,"[7] fittex li fiċ-ċentru tal-attenzjoni jitfa' lill-eroj Malti, ir-rappreżentant ta' poplu li skont it-twemmin Romantiku ħaqqu attenzjoni daqs jew aktar mill-ħakkiema tiegħu, attenzjoni li xi darba kellha twassal għall-ideal politiku ta' nazzjon ħieles.

### 3. *Ivan u Prascovia* (1905)

L-"aqwa xogħol artistiku li pproduċa"[8] Manwel Dimech jiddistingwi ruħu mill-bqija, kemm minħabba l-ambjentazzjoni lil hinn mill-konfini ta' Malta, kif ukoll minħabba li "jitqies bħala l-ewwel rumanz [Malti] li ħaddan fih messaġġ [politiku] bħal dan b'mod daqshekk dirett."[9] Ambjentat fil-belt ta' Nijni Novrogod, fir-Russja, il-plott idur madwar il-koppja żagħżugħa msemmija fit-titlu; fl-isfond iseħħ irvell kontra r-reġim tal-Kżar li jwassal liż-żewġ żgħażagħ jeżiljaw lilhom infushom u jiżżewġu f'Pariġi. L-intenzjoni didattika ta' Dimech tinħass sa min-nota awtorjali fil-bidu li tissuġġerixxi li bil-qari tar-rumanz il-qarrej "għandu jistenna li jsib bosta ħwejjeġ ta' tagħlim."[10] L-idea li dan ir-rumanz inkomplet (peress li kellu joħroġ f'6 partijiet imma ġew stampati 4 biss) jista' jitqies, fi kliem Dimech innifsu, bħala "xi ħaġa li jistħoqqilha tibqa' bħala monument tal-ġmiel u tas-sbuħija tal-ilsien Malti"[11] huwa x'aktarx dovut għall-fatt li nkiteb minn awtur ta' piż storikopolitiku kbir u wieħed mir-riformaturi ewlenin ta' Malta li emmnu fil-forza soċjali tal-letteratura; awtur Malti li minħabba raġunijiet politiċi (kif jixhed dan ir-rumanz innifsu li t-tieni edizzjoni tiegħu, dik tal-1972, dehret sebgħa u sittin sena wara l-ewwel edizzjoni), kemm-il darba ġie mwarrab mit-tagħlim tal-istorja politika u letterarja ta' pajjiżna.

### 4. *Is-Saħħar Falzun* (1908 – 1912)

Agostino Levanzin huwa "figura tassew imlewna, eklettika u kurjuża li aktarx m'għandniex bħalha fil-letteratura tagħna."[12] Huwa baqa' magħruf l-aktar għas-sawma ta' 31 ġurnata li għamel għal skopijiet ta' riċerka xjentifika fl-Amerika fl-1912,[13] eżattament kif intemmet il-publikazzjoni ta' *Is-Saħħar Falzun*. Madankollu, il-figura ta' Levanzin bħala awtur ġiet, b'xorti ħażina, imwarrba mil-lenti tal-kritika letterarja u għalhekk mill-attenzjoni tal-qarrejja. *Is-Saħħar Falzun* wieħed mill-itwal rumanzi Maltin u li ħareġ f'faxxikli tul medda ta' ħames snin, jista' jitqies bħala wieħed mir-rumanzi storiċi ewlenin mhux biss minħabba tulu iżda wkoll minħabba l-kontribut letterarju bikri fejn jidħlu stil elevat u teknika mirquma ta' narrazzjoni, attributi li donnhom jikxfu x-xewqa tiegħu li jagħti prova ta' kif il-Malti jista' jintuża bħala lingwa letterarja. Fuq kollox, bħal Dimech, Levanzin emmen li anke permezz ta' rumanz seta' jasal it-tagħlim lill-poplu li ma kienx edukat, fuq livell kemm storiku kif ukoll morali.

## 5. *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* (1930)

Dan ir-rumanz, influwenzat tematikament minn Dimech, hu uniku stilistikament għall-kontemporanji tiegħu għax fih Ġwann Mamo juża n-narrattiva satirika biex jattakka bil-pinna ġenjali li kellu. Kif mistenni, kien hemm ħafna li ddarrsu b'din it-tip ta' letteratura u saħansitra kien hemm min neħħa l-kopja tar-rumanz mill-biblijoteka nazzjonali.[14] Ħafna intellettwali lanqas irrikonoxxew il-valur letterarju tiegħu – ngħidu aħna, il-Professur Aquilina, il-kritiku letterarju ewlieni ta' żmienu, ma inkludiehf'ebda volum tal-*Antoloġija ta' Proża Maltija*. Fortunatament, illum il-ġurnata, kemm l-akkademja[15] kif ukoll il-pubbliku bdew jagħrfu li dan ir-rumanz huwa kontribut imprezzabbli għal-letteratura lokali. L-injoranza tal-Maltin, il-motiv ewlieni tar-rakkont ta' Mamo, toffri element ta' spettaklu farsesk li jqanqal lill-qarrejja biex jidħku. Madankollu miċ-ċajta li jippreżenta Mamo, il-qarrejja jistgħu, jekk iridu, jgħaddu għar-riflessjoni dwar paradoss fundamentali – riflessjoni dwar kemm il-Maltin kienu għadhom lura fl-istess żmien li pajjiżi oħra qabdu t-triq mgħaġġla tal-progress. Din l-antiteżi tinħass sa mit-titlu nnifsu bl-ewwel parti tirrappreżenta l-klassi l-baxxa li drat tgħix fil-ħajja patetika u anakronika tar-raħal Malti, u bit-tieni parti tissimbolizza d-dinja l-ġdida li qed tiżviluppa lil hinn. Għaldaqstant, il-qari ta' dan ir-rumanz jista' jħalli effett oppost għal dak tad-daħk għaliex indirettament iqanqal sens ta' stmerrija, rabja u fuq kollox xewqa għal riforma soċjali. Iżda l-qarrejja mhuma b'ebda mod obbligati jaslu għal din il-konklużjoni – bil-qari ta' dan ir-rumanz umoristiku jistgħu jagħżlu li jaljenaw irwieħhom biss, b'analoġija mal-karattri-tip li qed jaqraw dwarhom.

## 6. *Żmien l-Ispanjoli* (1937)

Ir-rumanzi li kiteb Ġużè Galea jiddistingwi lilhom infushom minn rumanzi oħra għaliex joffru narrattiva tat-tip popolari li ma tħaddanx il-kontenut politiku b'mod espliċitu bħal dak li l-qarrejja jsibu f'*Ivan u Praskovia* u f'*Taħt Tliet Saltniet*. Għaldaqstant, Galea huwa dak li kiteb ir-rumanz storiku fis-sens dejjaq tal-kelma – rumanz li jibqa' marbut direttament mal-ġrajja li qed jirrakkonta mingħajr ma jinħass il-bżonn urġenti li jibdilha f'impenn għal riforma soċjali. Bi Żmien l-Ispanjoli, l-ewwel rumanz li kiteb, Galea rebaħ it-tieni premju, wara *Taħt Tliet Saltniet*, fil-konkors għar-rumanzi bil-Malti mniedi mill-Gvern fl-1935. L-istorja ewlenija ta' mħabba "kortiġjana"[16] bejn Ena Monroi, tfajla

nobbli u Ġorġ Farruġ, żagħżugħ minn Ħal Qormi, tista' titqies bħala t-tlaħħim rappreżentattiv tar-relazzjoni ambivalenti bejn il-ħakkiem barrani u l-poplu Malti dejjem maħkum. Galea huwa magħruf ukoll għall-kitba ta' żewġ rumanzi storiċi oħra, *San Ġwann* (1938) u *Raġel bil-Għaqal* (1943). Delia jfaħħar lil Galea u jistqarr li "bħala rumanzier hu wieħed mill-aqwa li għandna fil-Letteratura Maltija" għax "jaf jagħti lewn u ħajja u ġmiel f'dak li jikteb" u jistqarr li Żmien l-Ispanjoli "hu l-aqwa rumanz li kiteb."[17]

## 7. *Taħt Tliet Saltniet* (1938)

F'korrispondenza mal-Professur Ġużè Aquilina nnifsu Chetcuti stqarr, "Jiena nqisu l-aħjar rumanz Malti li għandna, aħjar wisq minn *Nazju Ellul*."[18] Friggieri, f'kuntrast ma' dak li qal dwar *Inez Farruġ*, jiddefinixxi dan ir-rumanz storiku-soċjali bħala "rumanz storiku rebbieħ" għaliex jigglorifika eroj singulari (lil Mikiel Anton Vassalli).[19] Fis-sena li ġie ppubblikat, Caruana ddeskriva x-xogħol ta'Aquilina bħala rumanz ta' "stil għoli u fih, biex ingħidu hekk, grad ta' letteratura li għad ma laħaqha ebda rumanz ieħor bil-Malti."[20] Dan l-uniku rumanz ta' Aquilina jista' jitqies bħala l-ewwel rumanz ta' teżi peress li jistħarreġ b'mod espliċitu l-argument nazzjonalistiku fil-kuntest Malti u jiżvolġih fil-forma narrattiva. Il-ftuħ tal-ġrajja, ambjentat fl-1789, is-sena tar-Rivoluzzjoni Franċiża, ma jistax ma jissuġġerix u ma jipprovokax mal-ewwel il-ħsieb tal-qarrejja Maltin li qraw dan ir-rumanz fiż-żmien li pajjiżhom, f'nofs is-seklu 20, kien għadu maħkum mill-barrani. Interessanti l-fatt li wara li rebaħ il-konkors għar-rumanzi bil-Malti mniedi mill-Gvern, dan ir-rumanz sab ħafna intoppi sabiex jiġi ppubblikat minkejja li Żmien l-Ispanjoli, ir-rebbieħ fit-tieni post, ġie mitbugħ fi żmien qasir. X'aktarx li dawn l-intoppi nħolqu mill-awtoritajiet li ma tantx għoġbuhom "it-tendenzi soċjalisti"[21] tar-rumanz ta' Aquilina u li għalhekk ma setax jiġi ssuġġerit bħala ktieb għas-sillabu tal-iskejjel. Ir-rumanz ġie ppubblikat tliet snin wara li tlesta mill-awtur.

## 8. *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938)

Fl-1938, apparti li ġie ppubblikat *Taħt Tliet Saltniet*, ġie mxandar ukoll ir-rumanz ta' Ġużè Ellul Mercer. Fir-reċensjoni tiegħu tal-1938, Caruana jqabbilhom flimkien, "għalkemm it-tnejn miktubin tajjeb, it-tnejn sbieħ,

jolqtuk u jħajruk taqrahom u tħajjar lil min jaqrahom, bejniethom hemm bħal għammieq li jifridhom għal kollox minn xulxin."[22] Caruana jissokta jitkellem fuq id-differenza abbażi tal-istil tal-kitba; madankollu, fid-dawl tal-istorja tal-letteratura Maltija, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* jitqies differenti minħabba li introduċa element ġdid u importanti fix-xena tan-narrattiva lokali – skont Friggieri, "Ma' Leli twieled fil-letteratura Maltija l-antieroj modern."[23] Għaldaqstant ir-rumanz ta' Ellul Mercer jingħata prominenza (saħansitra huwa r-rumanz studjat mill-istudenti tal-Malti fil-livell avvanzat) għaliex, minkejja r-residwi Romantiċi li jħaddan, jitqies bħala l-pijunier tar-rumanzi Moderni u jimmarka, b'mod partikolari l-prototip tar-rumanz psikoloġiku bil-Malti. Bis-saħħa ta' dan ir-rumanz, l-attenzjoni tal-awtur u tal-qarrejja ma baqgħetx fuq l-istorja barranija (deskrizzjonijiet fiżiċi, azzjonijiet) iżda bil-mod il-mod bdiet tiġi trasferita fuq l-istorja ġewwiena (il-qagħda spiritwali, psikika) tal-karatti fir-rumanz.

## 9. *Is-Salib tal-Fidda* (1939)

Fid-*Dizzjunarju tat-Termini Letterarji*, ir-rumanz ta' Wistin Born jiġi definit bħala wieħed mill-"aħjar rumanzi sentimentali Maltin"[24] flimkien mar-rumanzi ta' Ġużè Bonniċi li influwenza bil-kbir lil Born, kif jistqarr l-awtur stess fid-daħla għal *Is-Salib tal-Fidda*. Il-ġrajja ta' mħabba, li b'analoġija remota tista' tfakkar f'dik fi Żmien l-Ispanjoli, iddur madwar żewġ karattri twajba – Xandru, sajjied fqir u orfni, u Rożina tifla sinjura mill-Belt, bint tabib. Ir-rumanz baqa' jsaħħar lill-qarrejja li jinħakmu mill-empatija mqanqla mill-ġrajja ta' qsim il-qalb li twassal għall-klajmaks traġiku; ħafna kienu dawk li qraw ir-rumanz fl-iskola sekondarja jew semgħuh jinqara minn Charles Arrigo fuq ir-Rediffusion. Ir-rumanz joffri narrattiva mexxejja b'xejriet realisti, bla ebda pretensjoni ta' riforma soċjali jew politika. Born innifsu jenfasizza l-kontenut realista tar-rumanz meta jistqarr li "kull bniedem u kull bniedma li wrejt fih, jien kollha rajthom, smajthom u, lil xi wħud kellimthom ukoll."[25] Born, bil-pinna mirquma tiegħu, donnu jaħtaf lill-qarrejja u jeħodhom lura fil-vjaġġ sentimentali ta' karattri fittizji, rappreżentanti tal-klassijiet soċjali eżistenti f'Malta tal-bidu tas-seklu l-ieħor; skont Briffa, "Born iħaddem l-kompetenza letterarja tiegħu sabiex jeżamina l-kwalità ta' soċjetà li qed tipproduċi lill-individwu."[26]

## 10. *L-Ibleh* (1948)

Ħafna huma konxji mill-esperjenzi kiefra ta' swat, ħabs u eżilju li sofra Dimech imma forsi huma ftit li jafu x'ġarrab Ġużè Orlando. Fl1933- sarlu rejd tal-pulizija f'daru u tressaq il-Qorti mixli li kellu letteratura sedizzjuża. Orlando ġie kkundannat il-ħabs u mmultat. X'aktarx li esperjenzi ħarxa bħal dawn wasslu lil Orlando biex f'kitbietu, b'mod partikolari f'*L-Ibleh*, jippreżenta "konklużjoni xettika, mneżżgħa minn kull ħjiel ta' illużjoni dwar ir-realtà Maltija."[27] F'dan ir-rumanz psikoloġiku huwa jinqata' min-narrattiva li sa dak iż-żmien tqieset konvenzjonali u bħal Mamo u Ellul Mercer kiteb dwar ir-realtà qarsa ta' soċjetà aljenata. Madankollu, Orlando jitbiegħed ukoll mir-Realiżmu għax ittrasforma l-osservazzjonijiet realisti f'esperjenza psikoloġika ta' individwu b'kuxjenza li tassimila dak kollu li qiegħed jiġri madwarha, individwu bla isem li l-qagħda psikika tiegħu tibqa' l-istess matul ir-rakkont kollu. Minn dawn l-għaxar xogħlijiet magħżula, dan ir-rumanz huwa l-uniku wieħed irrakkuntat fl-ewwel persuna b'tali mod li "d-dinja ta' barra tispiċċa biex issir kuxjenza, il-kawża tal-'bluha' nnifisha tar-rakkontatur, il-protagonista u fl-istess ħin il-vittma."[28] Il-protagonist antieroj, li 'tbellah' meta fil-bidu tar-rumanz waqgħet bomba tal-gwerra maġenbu, jimxi minn post għal ieħor f'Malta u jixtarr il-qagħda miżera u inġusta li fiha kienu l-Maltin; fost il-kwadri li jiddeskrivi hemm ix-xena tal-Mandraġġ, silta li ħafna qarrejja baqgħu jiftakru peress li kienet studjata għall-eżami tal-Malti fi tmiem is-sekondarja. Il-mottiv ċentrali tal-individwu li xeba' bl-apatija tal-Maltin li lanqas jafu x'laqathom jagħmel lil dan ir-rumanz mudell influwenti għall-kittieba li ġew warajh u li elaboraw bis-sħiħ din it-tematika.

*Nota: verżjoni ftit differenti ta' dan l-artiklu dehret fl-ENCORE, No. 5 Ġunju-Awwissu 2016, pp. 62-64*

**Noti**

1 http://www.telegraph.co.uk/books/what-to-read/the-book-most-people-have-lied-about-reading--and-its-not-war-an

2 Adorno, Theodor (1992), "On Tradition" f'*Telos* tax-Xitwa 1992-1993, Nru. 94, 77.

3 Bloom, Harold (1994) *The Western Canon*, New York: Riverhead Books, 17.

4 Friggieri, Oliver (1995) "Ġużè Muscat Azzopardi – L-Epika Msarrfa f'Rumanz" f'*L-Istudji Kritiċi Miġbura*, Malta: Malta University Sevices Ltd., 38.

5 Friggieri, Oliver (1995) "Ġużè Aquilina – Spunti għal Stħarriġ Tematiku ta' *Taħt Tliet Saltniet*" f'*L-Istudji Kritiċi Miġbura*, Malta: Malta University Sevices Ltd., 241.

6 Friggieri, Oliver (1995) "Ġużè Muscat Azzopardi – L-Epika Msarrfa f'Rumanz" f'*L-Istudji Kritiċi Miġbura*, Malta: Malta University Sevices Ltd., 38.

7 Ibid., 37.

8 Montebello, Mark (2011) *Manwel Dimech – Ivan u Praskovja u kitbiet oħra*, Malta: SKS, 30.

9 Ibid, 32.

10 Azzopardi, Ġeraldu (1972) "Kelmtejn Qabel" f'Dimech, Manwel, *Ivan u Prascovia*, Malta: Union Press, i.

11 Dimech, Manwel (1900) *Il-Bandiera tal-Maltin*, il-gazzetta tat-3 ta' Marzu 1900, 4b.

12 Friggieri, Oliver (1995) "Agostino Levanzin – Rumanzier u Ġurnalist" f'*L-Istudji Kritiċi Miġbura*, Malta: Malta University Sevices Ltd., 87.

13 Bugeja, Lino (2012) "Agostino Levanzin, man for all reasons" f' *The Sunday Times* tal-15 ta' Lulju, 2012.

14 Neputi (NDP) "B'Apoloġija lin-Nanna Venut" fil-gazzetta Żminijietna ta' Novembru/Diċembru 1980, 7.

15 Friggieri kien fost l-ewwel kritiċi li apprezza l-validità letterarja tar-rumanz u tar-rumanzier innifsu. Ngħidu aħna, huwa kien dak li rriċerka mqar id-data tat-twelid u tal-mewt ta' Mamo peress li ma kinux dokumentati. Friggieri kiteb hekk dwar kif l-awtur espona l-ħsieb tiegħu fir-rumanz, "Mamo jippreżenta ruħu bħala l-ħassieb imdawwal li qiegħed jara l-kriżi daqskemm it-triq imbiegħda tas-soluzzjoni" (1984) Ġwann Mamo – Il-Kittieb tar-Riforma Soċjali, Malta: Mid-Med Bank Limited.

16 Fenech jiddeskrivi din ir-relazzjoni b'dan l-aġġettiv u jispjega kif din it-tema "kienet il-qofol fil-għana tat-trovaturi." Fenech, Dwardu (1973) "Żmien l-Ispanjoli" f'*Il-Malti* ta' Marzu tal-1973, Nru. 49, 24.

17 L-Editur (1981) "Tifkiriet u Fehmiet ta' Ġino Muscat Azzopardi u Patri Ġużè Delia" f'*Il-Malti – Numru Speċjali: Ġużè Galea (1901-1978)* , Nru. 57, 17.

18 Chetcuti, Ġużè, f'Cassar Pullicino, Ġużè (1974) *Aquilina u l-Malti*, Malta: Klabb Kotba Maltin (n.39/40), 106.

19 Friggieri, Oliver (1995) "Ġużè Aqulina – Spunti għal Stħarriġ Tematiku ta' Taħt Tliet Saltniet" f'*L-Istudji Kritiċi Miġbura*, Malta: Malta University Sevices Ltd., 242. Hawn Friggieri jiddefinixxi l-aspett risorġimentali bħala l-intenzjoni tal-kittieb li "jbiddel il-kelma Maltija f'għodda biex Malta tikseb identità politika u biex trawwem kuxjenza kulturali Maltija."

20 Caruana, Franġisku Saveru (1938)"Mill-Album tagħna – Żewġ Romanzi u Grammatka" f'*Il-Malti* ta' Diċembru 1938, 114.

21 Cassar Pullicino, Ġużè (1974) *Aquilina u l-Malti*, Malta: Klabb Kotba Maltin (n.39/40), 107.

22 Caruana, Franġisku Saveru (1938)"Mill-Album tagħna – Żewġ Romanzi u Grammatka" f'*Il-Malti* ta' Diċembru tal-1938, Nru. 14, 114.

23 Friggieri, Oliver (1995) "Leli ta' Ħaż-Żgħir – mir-Realtà għall-Kuxjenza" f'*L-Istudji Kritiċi Miġbura*, Malta: Malta University Sevices Ltd.,172.

24 Friggieri, Oliver (2000) *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*, Malta: PEG, 687.

25 Born, Wistin (1946) "Kelmtejn Qabel" f' *Is-Salib tal-Fidda*, Malta: A. C. Aquilina & Co., 1.

26 Briffa, Charles (2003) *Ir-Rumanz Malti Sa Nofs is-Seklu Għoxrin*, Malta: PIN, 242.

27 Friggieri, Oliver (1985) "L-Ibleh – Il-Kuxjenza Mnikkta f'Soċjetà Aljenata" f' Orlando, Ġużè (1985) *L-Ibleh*, Malta: Penprint, I.

28 Ibid, III.

# Dettalji dwar il-Proċess tat-Traduzzjoni għall-Malti taż-żewġ Novelli ta' Honoré de Balzac

Paul Zahra

*"A great age of literature is perhaps always a great age of translations."*
*Ezra Pound*

**1. Introduzzjoni**

B'*Il-Kappillan ta'Tours* (2015), it-tielet ktieb f'*Il-Kollezzjoni Traduzzjonijiet Letterarji* u t-tieni traduzzjoni tiegħi ta' Balzac, komplejt insaħħaħ fehmti dwar kemm il-letteratura tradotta għall-Malti tista' timla l-vojt li jeżisti fil-kamp letterarju tal-proża Maltija. Dan għax fis-seklu dsatax, li fih inkitbu bosta mill-kapolavuri tal-letteratura Ewropea, fil-qasam tal-proża letterarja bil-Malti sfortunatament ma jeżisti prattikament xejn. Is-seklu dsatax hu baħħ bħalma huma baħħ f'dan ir-rigward is-sekli ta' qablu. Għalhekk l-istil u t-teknika ta' xogħlijiet ta' proża letterarja ta' awturi bħal Balzac qatt ma tħaddmu f'kitba bil-Malti fil-kuntest storiku li fih inħolqu.

Madankollu t-traduzzjoni tista' twassal lill-qari bil-Malti xi wħud mix-xogħlijiet letterarji ta' awturi bħal Balzac.[1] B'hekk jimtela xi ftit il-vojt li semmejt u jistagħnew kemm il-lingwa kif ukoll l-istil letterarju Malti. Fuq kollox joħroġ bid-dieher li l-Malti bħala lingwa hu flessibbli biżżejjed sabiex iwassal dak li nkiteb b'mod partikulari fis-seklu dsatax u b'mod ġenerali fis-sekli preċedenti u sussegwenti. Il-Malti mhux il-problema. Il-problema hi u minn dejjem kienet in-nuqqas ta' tradutturi Maltin.

Dan in-nuqqas ta' tradutturi letterarji, apparti kwistjonijiet assoċjati ma' introjtu u pubblikazzjoni, parzjalment hu kkawżat għax it-traduzzjoni mhix sempliċement li tiftaħ ktieb u taqbad tittraduċih. L-ewwel ħtieġa hi l-kompetenza fil-lingwa sors li jeħtiġilha bosta snin biex din tinħakem. Inutli

li wieħed jipprova jittraduċi jekk ma jkollux ħakma sħiħa tal-lingwa li minnha jkun qed jittraduċi billi xogħlijiet letterarji, pereżempju tal-kalibru ta' Balzac, jitħaddmu fihom prattikament il-parametri lingwistiċi kollha. It-tieni hemm bżonn li t-traduttur ikollu formazzjoni lingwistika, jiġifieri jkun imkisser fil-kunċetti li bihom jitħaddmu l-mekkaniżmi ġenerali tal-lingwi kollha u li japplikahom fit-traduzzjoni tiegħu. Min ma għandux perċezzjoni lingwistika jwassal xogħol imkagħbar u mqanżaħ. It-tielet ħtieġa tobbliga t-traduttur li jkun midħla tal-letteratura u tal-kunċetti u t-tekniki assoċjati magħha. Ir-raba' kull xogħol letterarju li jkun qed jiġi tradott jeħtieġlu jkun studjat u analizzat permezz ta' qari intensiv dwar il-ġenetika letterarja tiegħu u b'mod speċjali dwar l-interpretazzjoni mogħtija dwaru mid-diversi skejjel tat-teorija letterarja. Dan jinkludi wkoll l-istudju tal-kuntest kulturali tal-lingwa barranija. Il-ħames it-traduttur jeħtieġlu jkun imkisser fit-teorija, fit-teknika u fil-kritika tat-traduzzjoni biex jagħraf il-problemi u b'hekk jisseparahom, janalizzahom, jissuperahom. Fuq kollox it-teorija tgħinu jifhem eżattament x'jimplika fil-prattika l-proċess tat-traduzzjoni. Finalment, it-traduttur irid ikollu ħakma u mħabba lejn il-lingwa nattiva tiegħu biex b'hekk iħaddimha b'mod naturali f'sitwazzjonijiet li bosta drabi jġibuh dahru mal-ħajt minħabba d-differenzi li jeżistu bejnha u bejn il-lingwa li minnha jkun qed jittraduċi.

F'din il-kitba nixtieq nuri kif bit-tħaddim ta' wħud mill-punti li għadni kif semmejt hawn fuq, b'mod speċjali tat-teorija tat-traduzzjoni, wasalt għat-traduzzjoni tax-xogħlijiet tiegħi ta' Balzac. Se nibni d-diskussjoni tiegħi billi nuża t-termini *mikrokuntest* u *makrokuntest* kif jinsabu f'Katharina Reiss.[2] Madankollu, dak li tgħid Reiss – dwar ċerti aspetti ta' dawn iż-żewġ nozzjonijiet – qed nużah b'riżerva[3] fl-ispjegazzjoni applikata li tirrigwardja t-traduzzjonijiet tiegħi ta' Balzac lejn il-Malti. Imbagħad se ngħaddi għall-intertestwalità u l-kultura tal-lingwa sors.

## 2. Il-mikrokuntest jew il-kliem f'kuntest immedjat

### 2.1 Il-lessiku

It-traduzzjonijiet ta' *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*[4] u ta' *Il-Kappillan ta' Tours*[5] ħteġilhom, bħat-traduzzjonijiet l-oħrajn li għamilt s'issa, eżattezza fl-għażla tal-kliem sabiex dan jirrifletti b'mod preċiż ix-xogħol oriġinali. Ejjew inqabblu l-pittura mat-traduzzjoni u nieħdu għal mument l-eżempju ta' xi ħadd

li jrid kopja tas-*Sunflowers* ta' Van Gogh. Jekk Van Gogh il-fjuri fil-pittura tiegħu pittirhom sofor min jordna replika tagħha jippretendi li dawn il-fjuri jkunu sofor u mhux ngħidu aħna koħol jew roża. L-istess jiġri fit-traduzzjoni fl-għażla tal-kliem; jekk l-awtur għoġbu juża ċertu lessiku mela jeħtieġ li dan il-lessiku jintuża fit-traduzzjoni. Meta dan ma jsirx ikun qed jitwassal adattament u mhux traduzzjoni.[6] B'hekk fl-għażla tal-kliem ekwivalenti f'dawn iż-żewġ traduzzjonijiet tan-novelli ta' Balzac imxejt fuq l-eżempju tal-pittura ta' Van Gogh u fejn stajt ħaddimt il-metodoloġija tat-teorija tiegħi tal-forma ortografika u tat-tifsira semantika fl-għażla tal-lessiku.[7]

It-teorija tal-forma ortografika u tat-tifsira semantika timxi fuq il-prinċipju bażiku li kull kelma li tintuża fid-diskors Malti, sew jekk ġejja mis-Semitiku, ir-Rumanz jew l-Ingliż, għandha titqies valida f'kull kuntest lingwistiku jekk dan ikun jeħtieġha. Għalhekk meta traduċejt ċertu kliem ma qgħadtx nara jekk dan kellux jiġi tradott bis-Semitiku u mhux bir-Rumanz billi l-prijorità tiegħi hi li nħaddem id-determiniżmu lingwistiku stabbilit mill-awtur innifsu u nuża s-sinonimi interlingwistiċi li huma komuni bejn iż-żewġ lingwi. Eżempju ta' dan hu l-aġġettiv *essentiel* li ġie tradott *essentiel* > *essenzjali* u mhux *essentiel* > *meħtieġ*. Sintendi anki fejn fil-Malti Rumanz jeżistu żewġ sinonimi intralingwistiċi, bħal pereżempju l-aġġettiv *parfait*, dan ġie tradott bħala *parfait* > *perfett* u mhux *parfait* > *eżatt*. Dan ma jfissirx li din il-metodoloġija għandha titħaddem b'mod riġidu speċjalment fit-traduzzjoni letterarja (għax jista' jkun hemm ċirkostanzi li ma jiġġustifikawhiex) iżda għandha tkun l-ewwel pass li minnu għandu jitlaq it-traduttur. Jekk il-kuntest lingwistiku jesiġi mod ieħor,[8] u dan kien il-każ xi drabi wkoll f'dawn iż-żewġ novelli ta' Balzac, kelli noqgħod għalih biex it-traduzzjoni ma tispiċċax waħda mekkanika bħalma jiġri meta wieħed juża pereżempju l-funzjoni tal-Google *translate* jew il-*machine translation*.

Effettivament, kuntrarjament għal dak li forsi jaħsbu ħafna, fil-Malti Semitiku u fil-Malti Rumanz kważi jeżisti l-lessiku kollu meħtieġ biex issir it-traduzzjoni ta' xogħlijiet b'deskrizzjonijiet kumplessi bħalma joffru r-rumanzi u n-novelli ta' Balzac u ta' awturi oħrajn kemm tas-seklu dsatax kif ukoll ta' sekli li ġew qablu u sa ċertu punt dak li ġie warajh u dak li ninsabu fih. Dan għax it-traduzzjonijiet ta' xogħlijiet mis-seklu dsatax ma jinvolvux daqstant l-użu meħtieġ ta' kliem kontemporanju missellef mill-Ingliż li qed jidħol fil-Malti bl-istess rata mgħaġġla li llum il-ġurnata ngħixu ħajjitna.[9] Il-Malti, bħalma jaf kulħadd, attwalment qed jevolvi fid-direzzjoni li tressqu aktar lejn l-influwenza Ingliża. Dan hu proċess naturali, għalhekk irriversibbli.

Iżda jekk nixtiequ nżommu ħaj il-Malti Semitiku u l-Malti Rumanz kif kienu użati qabel din l-influwenza Ingliża, nistgħu nagħmlu dan b'mod partikulari u effettiv permezz tat-traduzzjonijiet letterarji ta' xogħlijiet barranin li nkitbu qabel nofs is-seklu għoxrin. Permezz tagħhom inkunu nistgħu nsalvaw lessiku Malti li l-proża tal-Malti kontemporanju diffiċli ferm li tħaddem. It-traduttur ta' awturi bħal Balzac ikollu juża kliem bi frekwenza lingwistika baxxa bħal: *lill-exxejiet u lill-vejiet* (p.18), *semaforu* (p.28), *deboxxaġni* (p.42) u *bulvar* (p.80) li t-tħaddim tagħhom jinsab f'*Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*; u *kjostru* (p.3), *allievi* (p.6), *żennuna* (p.15) u *trikkitrakki* (p.72) li użajthom bħala kliem ekwivalenti li ltqajt miegħu f'*Il-Kappillan ta' Tours*. Iżda aktar ma jgħaddi żmien aktar dan iċ-ċans ta' dan it-tip ta' tħaddim lessikali jista' jintilfef billi t-tradutturi u l-kittieba li twieldu meta l-Malti kien għadu ftit mittiefes mill-influwenza tal-globalizzazzjoni Ingliża qed jonqsu bil-konsegwenza li dawn se jkunu f'qagħda ferm aktar diffiċli li jirnexxilhom iħaddmu ċertu Malti idjomatiku li kontemporanjament mhux imħaddem aktar kemm fid-diskors kif ukoll fil-kitba.

Għalhekk, billi ħafna mil-lessiku meħtieġ għat-traduzzjoni ta' xogħlijiet klassiċi mhux imħaddem la fid-diskors Malti u lanqas fil-proża Maltija u billi jinsab "maqbud" fid-dizzjunarju Malti-Ingliż ta' Joseph Aquilina dan jeħtieġlu "jinħall" permezz ta' traduzzjonijiet ta' awturi tal-kalibru ta' Balzac. Qed ngħid "maqbud" għax spiss dan ma jinsabx iddokumentat ħlief fid-dizzjunarju ta' Aquilina jew fid-dizzjunarji li bena xogħlu fuqhom. Għalhekk kultant, jekk mhux bosta drabi, l-aċċessibilità ta' dan il-lessiku kienet ferm diffiċli għalija billi sfortunatament wieħed mid-difetti tad-dizzjunarju Ingliż-Malti ta' Aquilina hu li mhux dejjem jirrifletti dak li jinsab fil-kontraparti tiegħu tal-Malti-Ingliż. U hawnhekk l-esperjenza għallmitni sabiex indur fuq it-teżawru monolingwi ta' Mario Serraċino Inglott li permezz tas-sinonimi misjubin fih stajt nissupera d-diffikultajiet u n-nuqqasijiet fid-dizzjunarju Ingliż-Malti ta' Aquilina u permezz tagħhom nirritorna lejn id-dizzjunarju Malti-Ingliż tiegħu.[10] It-teżawru ta' Serraċino Inglott joffri wkoll addizzjonijiet li f'ċerti każijiet huma maqbużin fid-dizzjunarju Malti-Ingliż ta' Aquilina. Sorsi oħrajn ta' referenza li sibthom ta' għajnuna għat-traduzzjonijiet tiegħi kienu t-traduzzjoni biblika ta' Pietru Pawl Saydon u t-traduzzjonijiet tal-epiċi klassiċi ta' Victor Xuereb. Fil-Franċiż użajt ukoll id-dizzjunarju Franċiż-Malti ta' Joseph Cutayar li hu sors lessikali importanti għal min jittraduċi minn din il-lingwa.

## 2.2 Is-sentenza

Erba' eżempji tipiċi ta' sentenzi twal fil-kitba ta' Balzac huma dawn meħudin respettivament minn *Il-Kappillan ta' Tours* u minn *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*:

*Li, barra minn hekk, ma kien qed isib xejn mibdul fiha; li kien dejjem raha hekk; li kien bil-qalb kollha sottomess għal xi wħud mill-kapriċċi tagħha, hu u jaf li din ix-xebba rispettabbli kienet it-tjubija, il-ħlewwa nfisha; u li kien meħtieġ li wieħed jattribwixxi l-kambjamenti żgħar tal-burdata tagħha għas-sofferenzi kkawżati minn pulmonite li dwarha hi ma kinitx titkellem, u li għaliha hi kienet rassenjata bħala Nisranija ta' vera.*[11]

*Sabiex titberred l-impressjoni ta' dawk li jemmnu li d-dinja kienet qed issir jum wara ieħor aktar spiritwża, u li t-tpaċpiċ fil-vojt modern jissupera kollox, meħtieġ li jiġi osservat hawnhekk li dawn it-tabelli, li l-etimoloġija tagħhom tidher stramba għal bosta negozjanti Pariġini, huma l-inkwatri mejtin ta' inkwatri ħajjin li bis-saħħa tagħhom l-antenati makakki tagħna kien jirnexxilhom jiġbdu l-parruċċani lejn in-negozji tagħhom.*[12]

*L-assjomi favoriti tiegħu kienu li, biex issib il-ferħ, mara ma kellhiex ħlief li tiżżewweġ raġel tal-klassi tagħha; meta wieħed jitla' 'l fuq iżżejjed illum jew għada jispiċċa kkastigat; l-imħabba tirreżisti ftit wisq kontra l-inkwiet tal-ħajja tal-familja; b'hekk jeħtiġilha ssib fiż-żewġ naħat kwalitajiet sodi biex ikunu ferħanin; il-miżżewġin ma jeħtiġilhomx juru li jafu aktar minn xulxin, billi qabel kollox jeħtiġilhom li jifhmu lil xulxin; raġel li jitkellem bil-Grieg u mara bil-Latin jissograw li jmutu bil-ġuħ.*[13]

*Bħalma, biex tgħix, siġra jeħtiġilha ssib mill-ġdid f'kull siegħa l-istess zokkor, u li dejjem ikollha l-għeruq tagħha fl-istess ħamrija, Birotteau ħtieġlu dejjem jittrottja f'Saint-Gatien; dejjem jirfes fin-naħa tal-Mail fejn kien jippassiġġa abitwalment, bla waqfien jiġġerra fit-toroq li minnhom kien jgħaddi, u jkompli jmur fit- tliet salotti, li fihom kien jilgħab, kull filgħaxija, il-wist u t-trikkitrakki.*[14]

Fi stil li fih jintużaw sentenzi twal alternati b'sentenzi qosra, it-tul tas-sentenzi ġeneralment jindika kemm ir-ritmu tal-ħsieb u tal-azzjoni kif ukoll dak tad-deskrizzjonijiet li jkunu għaddejjin fir-rakkont. Il-kitba bil-Malti, b'regola ġenerali, iżżomm madankollu mas-sentenza qasira u b'hekk tevita s-sentenzi elaborati li nsibu f'kittieba bħal Balzac.[15] Dan jista' jwassal sabiex wieħed jgħid li aktarx il-Malti forsi jinħass aktar naturali u mexxej bl-użu

ta' sentenzi qosra. Iżda minkejja dan xorta waħda fit-traduzzjonijiet tiegħi ta' Balzac żammejt mat-tul tas-sentenza kif mibnija minnu. Nistqarr ukoll li jien u nagħmel dan ma ħassejtx li l-Malti kien qed jitlef mill-użu naturali tiegħu. Għaldaqstant, wara l-analiżi u t-traduzzjonijiet tiegħi tal-istil ta' kitba mħaddem minn Balzac, naħseb li fil-proża bil-Malti, meta din bdiet tinkiteb, l-użu tas-sentenzi qosra aktar hu marbut man-nuqqas ta' ħsieb elaborat. Sfortunatament, il-kitba bil-Malti, minħabba dan il-vojt kbir li jeżisti fiha sa kważi qabel in-nofs tas-seklu għoxrin, ma tinżilx fil-profondità u ma telaborax il-forma tal-ħsieb bħalma tagħmel il-kitba fis-seklu dsatax permezz ta' awturi bħal Balzac u oħrajn, Franċiżi u mhux.

### 3. Il-makrokuntest jinkludi l-paragrafi u t-test sħiħ

It-traduttur fit-traduzzjoni letterarja marbut mhux biss mal-kontenut tat-test letterarju iżda wkoll mal-forma tal-istil partikulari mħaddem mill-awtur fir-rumanz jew novella tiegħu. Għalhekk, kif tgħid Reiss: "Form-focused texts ... must be translated with a clear focus on the form of expression in the source language and on the aesthetic effect which this will have evoked in the original readership."[16]

Għalkemm jien qrajt u studjajt uħud mix-xogħlijiet ta' Balzac qabel ma ttraduċejt *Id-Dar tal- Qattus bir-Rakketta f'Idu* u *Il-Kappillan ta' Tours* kien meta kont qed nittraduċihom li tassew ġejt konxju tal-istil tiegħu li miegħu hu marbut it-tul tal-paragrafi użat minnu. Imbagħad kienet il-kritika letterarja dwar Balzac li fetħitli għajnejja li jekk dawn jitqassru jitilfu t-tifsira u l-effett li hu jixtieq iwassal.

Balzac ipitter kwadri fi kwadri maġenb xulxin u f'xulxin u jekk jitqassru fin-novelli u r-rumanzi tiegħu l-paragrafi kif mogħtijin minnu, l-effett deskrittiv u narrattiv ta' dan il- makrokuntest jisfuma u b'hekk jiddgħajjef. Għalhekk mhux il-kompitu tat-traduttur li jadatta t-traduzzjoni. Hu mill-banda l-oħra l-qarrej li jeħtieġlu jadatta l-mod kif jaqra jekk verament jixtieq igawdi dawn ix-xogħlijiet b'mod sħiħ u awtentiku. Dan li ġej hu eżempju fiżiku ta' paragrafu wieħed fin-novella *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*:

> *Id-dellirju ta' mħabba li ħakem lil Théodore ġiegħel biex f'ħakka t'għajn għaddiet sena sħiħa minn fuq il-koppja żagħżugħa mingħajr l-iċken sħaba li setgħet tibdel l-ikħal tas-sema li fih kienu qed jgħixu. Għalihom, l-eżistenza ma*

*kellhiex toqol. Ta' kuljum Théodore kien jaħli fjorituri ta' pjaċiri inkredibbli. Hu kien jieħu gost ivarja l-passjoni li kien iħoss, b'dik it-telqa ratba tal-mistrieħ fejn l-erwieħ jittajru tant 'il fuq fl-estażi biex hemm jidhru li qed jinsew ir-rabta tal-ġisem. Billi ma kinitx kapaċi tirrifletti, Augustine ferħana ħejjiet ruħha għall-pass milwi tal-ferħ tagħha. Ma ħassithiex li għamlet biżżejjed biex terħi lilha nfisha għall-imħabba aċċettabbli u qaddisa taż-żwieġ. Sempliċi u bla ħażen, hi ma kinitx taf la bl-eleganza tal-irroftar, lanqas bil-ħakma li mażmażella żagħżugħa tal-klassi għolja seta' jkollha fuq żewġha permezz ta' kapriċċi spiritużi. Kienet tħobb wisq biex tqis il-ġejjieni, u ma kenitx timmaġina li ħajja tant delizzjuża kellha xi darba tispiċċa. Għalhekk ferħana li kienet il-pjaċiri kollha ta' żewġha, hi emmnet li din l-imħabba li ma setgħetx tintefa kellha tkun għal dejjem għaliha l-aqwa fost il-ġojjelli kollha, bħalma l-lealtà u l-ubbidjenza tagħha kellhom ikunu attrazzjoni eterna. Fl-aħħar, il-ferħ ta' mħabbitha għamilha tant tixgħel, li sbuħitha qanqlet fiha l-kburija u ġegħlitha tkun konxja li seghtet għal dejjem tirrenja fuq raġel bħas-Sur de Sommervieux li kien tant faċli jitqanqal bl-imħabba. B'hekk l-istat ta' mara miżżewġa ma wassalhiex tagħrif ieħor għajr dak tal-imħabba. F'nofs dan il-ferħ, baqgħet ix-xebba innoċenti li kienet tgħix fid-dalma ta' rue Saint-Denis, u ma ħasbet xejn biex tieħu l-imġiba, l-istruzzjoni, it-ton tan-nies eleganti li magħhom kellha titħallat. Kliemha kien kliem ta' mħabba li fih hi kienet tifrex tassew ċerta rfinezza ta' ħsieb u delikatezza ta' espressjoni; iżda hi kienet tuża kliem komuni man-nisa kollha meta kienu jsibu ruħhom jogħdsu f'passjoni li kienu jħossuhom jagħmlu parti minnha. Jekk, b'kumbinazzjoni, idea differenti minn dawk ta' Théodore kienet tintwera minn Augustine, l-artist żagħżugħ kien jidħak bħalma nidħku għall-ewwel żbalji li bniedem barrani jagħmel, għalkemm nispiċċaw li jdejquna jekk ma jiġux ikkoreġuti. Madankollu, wara li għaddiet malajr din is-sena tant affaxxinanti, Sommervieux ħass għodwa waħda l-ħtieġa li jkompli b'xogħlu u bi drawwietu. Martu kienet tqila. Beda jiltaqa' mill-ġdid ma' ħbiebu. Matul it-tbatijiet twal tas-sena li fiha, għall-ewwel darba, omm żagħżugħa tredda' tarbija, hu ħadem ċertament mimli ħeġġa; iżda kultant kien imur lura jfittex x'jaljenah fis-soċjetà eleganti. Id-dar li fiha kien imur b'mod l-aktar volontarju kienet dik tad-Dukessa de Carigliano li kienet spiċċat biex tattira għandha l-artist famuż. Meta Augustine ġiet f'tagħha, meta binha ma ħtiġlux aktar il-kura assidwa li ma tħallix li omm tgawdi l-pjaċiri tad-dinja, Théodore kien laħaq il-punt li jixtieq jesperjenza dak il-ferħ ta' amur proprju li s-soċjetà tagħtina meta nidhru quddiemha ma' mara sabiħa, oġġett ta' għira u ta' ammirazzjoni. Il-ġiri minn salun għal ieħor hi u turi lilha*

*nfisha fihom fid-dija tal-glorja ta' żewġha, hi u tara lilha nfisha l-għira tan-nisa kollha, kien għal Augustine ħsad ġdid ta' pjaċiri; iżda din kienet l-aħħar riflessjoni li kellu jixħet il-ferħ tal-ħajja miżżewġa tagħha. Bdiet biex offendiet il-vanità ta' żewġha, meta, minkejja sforzi fiergħa, kienet tħalli tidher l-injoranza tagħha, l-ineżattezza ta' kliemha u d-djuqija ta' ħsibijietha. In-natural ta' de Sommervieux, maħkum matul kważi sentejn u nofs mill-ewwel passjonijiet tal-imħabba, reġa' ħa, bit-trankwillità ta' pussess anqas żagħżugħ, l-inklinazzjoni u d-drawwiet tiegħu li għal mument kienu żvijaw mill-mogħdija tagħhom. Il-poeżija, il-pittura u l- ferħ skwiżit tal-immaġinazzjoni għandhom fuq l-imħuħ edukati drittijiet impreskrittibbli. Dawn il-ħtiġijiet ta' ruħ qawwija ma tqarqux f'Théodore matul dawn is-sentejn, kienu sempliċement sabu mergħat ġodda. Meta l- għelieqi tal-imħabba kienu nqasmu, meta l-artist kien, bħat-tfal, ġabar il-ward u l-fjurdulis b'tant avidità li ma ndunax li jdejh ma setgħux iżommuhom aktar, ix-xena nbidlet. Jekk il-pittur kien juri lil martu t-tħażżiż tal-isbaħ kompożizzjonijiet, kien jismagħha tgħajjat bħalma kien għamel ix-xwejjaħ Guillaume: "Tassew sbieħ!" L-ammirazzjoni tagħha mingħajr ħeġġa ma kinitx ġejja minn sentiment li jaf jagħraf, iżda mill-fiduċja ta' mħabbitha. Augustine kienet tippreferi ħarsa milli l-isbaħ pittura. Għaliha l-qalb kienet l-unika oġġett sublimi. Fl-aħħar, Théodore ma setax aktar jirrifjuta l-evidenza ta' verità kiefra: martu ma kinitx sensibbli għall-poeżija, hi ma kenitx tgħix fl-istess dinja bħalu, hi ma kenitx issegwih fil-kapriċċi kollha li kellu, fl-improvizzazzjonijiet tiegħu, fil-ferħ tiegħu, fi tbatijietu; hi kienet timxi mingħajr ma turi immaġinazzjoni fid-dinja reali, filwaqt li hu kellu rasu fis-sħab. L-imħuħ ordinarji ma jistgħux japprezzaw is-sofferenzi li jitwieldu f'persuna li, marbuta bl-aktar sentiment intimu fost is-sentimenti kollha, hi obbligata li żżomm lura ġo fih bla waqfien l-akbar twessigħ għażiż ta' ħsibijietha, u li titfa' fil-baħħ l-istampi li qawwa maġika tisforzaha li toħloq. Għal Sommervieux, dan is-supplizzju kien daqstant krudili, daqs l-għamar tas-sentiment li kellu għas-sieħba tiegħu, permezz tal-ewwel liġi tiegħu, li qatt ma jevitaw xejn minn xulxin, u li jagħqdu flimkien l-iżvugar tal-ħsieb bl-istess mod bħall- iżvugar tar-ruħ. Ma nistgħux nidħku bil-voluntajiet tan-natura bla ma niġu kkastigati: hi bla ħniena bħan-Neċessità, li, ċertament, hi speċi ta' natura soċjali. Sommervieux sab kenn fil-kalma u s-silenzju tal-kamra fejn kien jaħdem, hu u jittama li d-drawwa li jgħix mal-artisti tkun tista' tibdel lil martu, u tiżviluppa fiha ż-żerriegħa tardiva ta' intelliġenza għolja li ċerti mħuħ superjuri jemmnu li teżisti qabel it-twelid fi ħdan il-bnedmin kollha; iżda Augustine kienet tant sinċerament reliġjuża li ma kinitx titbeżża' mit-ton tal-*

*artisti. Waqt l-ewwel pranzu li ta Théodore, hi semgħet pittur żagħżugħ jgħid b'dik il-leġġerezza tat-tfal li hi ma kellhiex għarfien tagħha u li taħfer kull ċajta minn dak kollu li mhux sagru: "Iżda, Madama, kif tista' l-ġenna li temmen fiha tkun isbaħ mit-Trasfigurazzjoni ta' Raffaello? Eh! u tassew, jien xbajt inħares lejha." Augustine kienet twassal għalhekk f'din is-soċjetà spirituża moħħ mingħajr fiduċja li ma kien jaħrab lil ħadd. Kienet tfixkel. L-artisti mfixklin huma bla ħniena: jaħarbu jew jiġu jitmejlu. Il-Madama Guillaume kellha, fost ridikulaġnijiet oħrajn, dik li tesaġera d-dinjità li lilha kienet tidhrilha bħala l-qofol ta' mara miżżewġa; u għalkemm ta' spiss kienu jgħadduha biż-żmien minħabba fiha, Augustine ma kinitx taf tiddefendi lilha nnfisha mill-imitazzjoni ħafifa tal-prudenza ta' ommha. Din l-esaġerazzjoni ta' pudur, li nisa virtużi mhux dejjem jistgħu jevitaw, issuġġeriet xi epigrammi bi tħażżiż tal- lapes li d-divertiment innoċenti tagħhom kien wisq floku biex Sommervieux ikun jista' jinkorla kontrihom. Dawn il-botti setgħu kienu anki aktar krudili, wara kollox ma kinux ħlief it-tpattijiet li ħbiebu kienu qed jagħmlulu. Iżda xejn ma seta' jkun ħafif għal ruħ li kienet faċilment tirċievi bħal dik ta' Théodore impressjonijiet strambi. Bl-istess mod ħass insensibbilment bruda li ma setgħetx ħlief tkompli tikber. Biex jirnexxi l-ferħ taż-żwieġ, jeħtieġ li wieħed jitla' muntanja li l-art ċatta dejqa tagħha hi tassew viċin ta' ġenb li daqskemm ikun wieqaf ikun jiżloq, u li l-imħabba tal-pitturi setgħet tinżel minnu. Iġġudika li martu ma kinitx kapaċi tapprezza l-kunsiderazzjonijiet morali li kienu jiġġustifikaw, f'fehmietu, is-singularità tal-manjieri tiegħu lejha, u emmen li kien tassew innoċenti hu u jaħbi l-ħsibijiet li hi ma setgħetx tifhem u d-differenzi ftit li xejn ġustifikati fit-tribunal ta' kuxjenza burgiża. Augustine għalqet lilha nfisha f'dulur ta' swied il-qalb u sieket. Dawn is-sentimenti moħbija poġġew bejn iż-żewġ miżżewġin velu li kellu jeħxien minn jum għal jum. Mingħajr ma żewġha naqas milli juri rispett lejha, Augustine ma setgħetx iżżomm lilha nfisha milli titriegħed hi u tarah iħalli għaċ-ċrieki tas-soċjetà eleganti t-teżori ta' moħħu u ta' grazzja li qabel kien ippoġġi f'saqajha. Ma damitx ma interpretat b'mod fatali d-diskors spirituż li kien jingħad fiċ-ċrieki tas-soċjetà eleganti dwar l-infedeltà tal-irġiel. Ma kinitx titniehed, imma l-attitudni tagħha kienet tissarraf f'ċanfiriet. Tliet snin wara żwiegħa, din il-mara żagħżugħa u gustuża li tqieset tant brillanti fil-karozzella tleqq tagħha, li kienet tgħix fi sfera ta' glorja u ta' flus li ġġib l-għira ta' tant nies li jieħdu l-ħajja kif tiġihom u li mhumiex kapaċi japprezzaw ġustament is-sitwazzjonijiet tal-ħajja, spiċċat maħkuma minn dwejjaq vjolenti. Tilfet kulurha. Irriflettiet, qabblet; imbagħad, id-dwejjaq fetħilha l-ewwel paġni tal-*

*esperjenza. Għamlet riżoluzzjoni li tibqa' tqawwi qalbha fiċ-ċirku ta' dmirijietha, hi u tittama li din l-imġiba ġeneruża kellha dalwaqt jew aktar tard iġġibilha lura l-imħabba ta' żewġha; iżda dan ma kellux ikun hekk. Meta Sommervieux, għajjien mix-xogħol, kien joħroġ mill-kamra fejn kien ikun jaħdem, Augustine ma kinitx taħbi fil-pront xogħolha, il-pittur ma setax ma jarax lil martu traqqa' bir-reqqa kollha ta' mara tad-dar għaqlija l-ħwejjeg tad-dar u tiegħu. B'ġenerożità, hi kienet tipprovdi, mingħajr tlissin ta' kliem, il-flus meħtieġa għall-kapriċċi ta' żewġha; iżda, billi xtaqet li tippreżerva l-fortuna tal-għażiż Théodore tagħha, kienet tqanċeċ kemm għaliha nfisha, kif ukoll f'ċerti aspetti tat-tmexxija tad-dar. Din l-imġiba hi inkompatibbli mal-ħajja imxi ħa mmorru tal-artisti li, fl-aħħar tal-karriera tagħhom, ikunu tant gawdew mill-ħajja, li qatt ma jistaqsu lilhom infushom l-għala rvinaw ruħhom. Inutli li jiġu nnotati d-degradazzjonijiet kollha ta' kulur li bihom il-bixra tleqq tal-qamar il-għasel li kellhom għaddiet għal dalma tant profonda. Lejla minnhom, Augustine kiebja, li għal żmien twil kienet ilha tisma' lil żewġha jitkellem b'entużjażmu dwar il-Madama d-Dukessa de Carigliano, ingħatat mingħand ħabiba xi ftit pariri kollha karità kiefra dwar it-tip ta' rbit li Sommervieux kien fassal f'moħħu għal din in-namura famuża li kienet tnemmes fil-palazz imperjali. Ta' wieħed u għoxrin sena, fl-aqwa ta' żgħożitha u ta' ġmielha, Augustine rat li kienet qed tiġi mibdula ma' mara ta' sitta u tletin sena. Hi u tħossha mdejqa qalb il-folla tas-soċjetà eleganti u bil-festi li kienu solitarji għaliha, l-imsejkna ma setgħetx tifhem xejn aktar l-ammirazzjoni li hi kienet tqanqal, lanqas ix-xewqa li kienet tnebbaħha. Wiċċha ħa sura ġdida. Id-dwejjaq firex fil-fattizzi tagħha l-ħlewwa tar-rassenjazzjoni u l-bjudija ta' mħabba traskurata. Ma damitx ma bdiet tiġi kkorteġġjata mill-aktar irġiel seduċenti; iżda hi baqgħet solitarja u virtuża. Xi ftit kliem ta' stmerrija, li kienu jiżolqu lil żewġha, kienu jqanqlu fiha qtigħ il-qalb li diffiċli wieħed jemmen. Dawl fatali wrieha d-difetti tal-kuntatt li, minħabba l-miskinezza tal-edukazzjoni tagħha, ma kinux qed iħallu lil ruħha li jkollha għaqda sħiħa ma' dik ta' Théodore: kellha ġo fiha biżżejjed imħabba biex taħfirlu u biex tikkundanna lilha nfisha. Bkiet bi dmugħ tad-demm, u indunat tard wisq li kien hemm tiżwiġ ħażin ta' mħuħ daqskemm kien hemm tiżwiġ ħażin ta' drawwiet u ta' klassi. Hi u toħlom dwar l-għaxqiet matul ir-rebbiegħa tal-għaqda tagħha, fehmet il-firxa tal-ferħ mitmum, u kkonvinċiet lilha nfisha li ħsad ta' mħabba tant sinjura kienet ħajja sħiħa li ma setgħetx titħallas ħlief bin-niket. Madankollu hi kienet tħobb b'mod wisq sinċier biex titlef kull tama. Issograt ukoll fl-età ta' wieħed u għoxrin sena tibda tgħallem lilha nfisha u tibni immaġinazzjoni li tal-anqas tkun denja ta' dik li*

*hi kienet tammira. "Jekk jien m'iniex poetessa," kienet tgħid bejnha u bejn ruħha, "tal-anqas għandi nipprova nifhem il-poeżija." U hi u turi din ir-rieda qawwija, din l-enerġija li n-nisa kollha għandhom meta jħobbu, il-Madama de Sommervieux ippruvat tibdel il-karattru tagħha, il-manjieri u drawwietha; iżda hi u tiddevora l-volumi, hi u titgħallem b'kuraġġ, ma rnexxilhiex ħlief issir aktar ġifa. Il-ħeffa tal-moħħ u l-manjieri grazzjużi tal-konverżazzjoni huma don tan-natura jew il-frott ta' edukazzjoni mibdija mill-benniena.*[17]

Dan il-paragrafu waħdu fih elf sitt mija u ħamsa u tmenin kelma u jestendi minn paġna 55 sa paġna 60. Dan ifisser paragrafu ta' kważi ħames paġni! Meta wieħed janalizzah jinduna bil-kumplessità tal-istil deskrittiv ta' Balzac – stil li jista' jaqta' nifs it-traduttur biex jittraduċih. Paragrafi bħal dan ta' hawn fuq u oħrajn simili jinvolvu tħaddim intensiv mill-awtur ta' elementi deittiċi u klitiċi. Dan jikkomplika ruħu meta fil-proċess traduttiv it-traduttur jiltaqa' ma' pereżempju nomi li l-ġeneru tagħhom ma jaqbilx bejn il-par lingwi li jkun qed jaħdem bihom. Dan hu frekwentement il-każ meta l-par lingwi jkunu l-Franċiż u l-Malti. Din is-sitwazzjoni ssir aktar diffiċli meta pereżempju l-plural tan-nomi fil-Franċiż jeħtieġlu li jkun tradott fil-Malti permezz ta' nomi kollettivi. Wieħed irid jiftakar li t-tifsir tal-elementi deittici u klitiċi fil-kitba jiddependi biss fuq il-kuntest miktub.[18] B'hekk it-test jeħtieġlu jkun analizzat bir-reqqa biex kemm jista' jkun it-tifsir oriġinali ma jintilef xejn minnu. Dan li ġej hu paragrafu simili ta' sitt mija u żewġ kelmiet mifrux fuq aktar minn tliet paġni li jinsab f'*Il-Kappillan ta' Tours*:

*Dan l-appartament, li kien jintlaħaq b'taraġ tal-ġebel, kien jinsab f'ġenb tad-dar li kien jagħti lejn in- Nofsinhar. Dun Troubert kien jokkupa l-pjanterran, u Mademoiselle Gamard l-ewwel sular tal-bini prinċipali li kien jagħti fuq it-triq. Meta Chapeloud daħal fl-appartament tiegħu, il-kmamar kienu vojta u s-soqfa suwed bid-duħħan. Ix-xambrelli tal-fuklari tal-ġebel bi skultura tal-ħabba gozz qatt ma kienu ħadu lagħqa żebgħa. Biex jimlieh bl-għamara, il-kanonku fqir beda biex qiegħed fih sodda, mejda, ftit siġġijiet, u l-kotba li kellu. L-appartament kien bħal mara sabiħa mċarċra. Iżda, sentejn jew tlieta wara, mara xiħa ħalliet elfejn frank lil Dun Chapeloud, din is-somma flus użaha biex xtara librerija tal-ballut, li kienet relikwa mit-twaqqigħ sal-anqas ġebla ta' kastell mill-Bande Noire, u li l-artisti kellhom ammirazzjoni għal-linji skolpiti rimarkabbli tagħha. Il-qassis akkwistaha, imħajjar anqas mill-prezz irħis milli mid-daqs perfett li kien hemm bejn il-qisien tal-għamara u dawk*

*tas-sala li fiha kellu jpoġġiha. Il-flus li kien faddal ippermettewlu għalhekk li jirrinnova għalkollox is-sala li sa dakinhar kienet miżmuma ħażin u mitluqa. L-art kienet magħruka kif suppost, is-saqaf miżbugħ abjad; il-lavur tal-injam kien illustrat b'mod u maniera li setgħu jidhru l-vini tal-ballut. Fuklar tal-irħam ħa post dak antik. Il-kanonku kellu wkoll biżżejjed gosti biex ifittex u jsib żewġ pultruni tal-ġewż skolpiti. Imbagħad mejda twila tal-ebanu u żewġ vetrini ta' Boulle spiċċaw biex taw lil din is-sala fiżjonomija mimlija karattru. Fi żmien sentejn, il-ġenerożità ta' diversi persuni devoti, u legati minn penitenti reliġjużi, għalkemm żgħar, imlew bil-kotba l-ixkafef tal-librerija li sa dakinhar kienet għadha vojta. Fuq kollox, wieħed miz-zijiet ta' Chapeloud, Oratorjan xiħ, ħallielu l-ġabra in folio tal-Patrijarki tal-Knisja, u diversi xogħlijiet oħrajn prezzjużi għal qassis. Birotteau, sorpriż aktar u aktar mit-tibdil suċċessiv ta' din is-sala li qabel kienet imneżżgħa, wassal lilu nnifsu ftit ftit għal invidja involuntarja. Xtaq li jippossjedi din il-vetrina, tassew skont il-gravità tal-ħajja ekkleżjastika. Din il-passjoni żdiedet jum wara jum. Aljenat matul ġranet sħaħ jaħdem f'dan l-irtir, il-vigarju seta' japprezza s-silenzju u l-paċi, wara li kien ammira b'mod primittiv it-tqassim ferrieħi tiegħu. Matul is-snin li segwew, Dun Chapeloud bidel ċella f'oratorju li nisa ħbieb devoti kienu jieħdu gost isebbħuha. Imbagħad, aktar tard, mara sinjura offriet lill-kanonku għall-kamra tas-sodda tiegħu sett għamara b'tapizzerija li kienet ħadmet hi stess għal żmien twil taħt għajnejn dan ir-raġel amabbli mingħajr ma hu kien jissuspetta fejn kellha tispiċċa. Il-kamra tas-sodda mbagħad kellha l-istess effett bħalma kellha s-sala, u ħalliet lill-vigarju impressjonat. Fl-aħħar nett, tliet snin qabel mewtu, Dun Chapeloud kien lesta l-kumdità kollha tal-appartament tiegħu billi fih kien iddekora l-kamra tas-salott. Għalkemm sempliċiment miksija b'bellus aħmar ta' Utrecht, l-għamara kienet tħajjar lil Birotteau. Mill-ewwel ġurnata li fiha l-ħabib tal-kanonku ra l-purtieri tad-damask aħmar, l-għamara tal-kewba, it-tapit Aubusson li kien iżejjen il-kamra kbira li kienet għadha kemm titbajjad, l-appartament ta' Chapeloud sar għalih l-oġġett ta' monomanija sigrieta. Li jgħix hemm, li jorqod fis-sodda bil-purtieri tal-ħarir fejn kien jorqod il-kanonku, u li jkollu l-kumditajiet kollha tiegħu madwaru, kif kien isibhom Chapeloud, kien għal Birotteau l-hena sħiħa: ma kienx jara lil hinn minnha. Dak kollu li l-affarijiet tad-dinja jġiegħlu jitrabba b'invidja u b'ambizzjoni fil-qalb tal-irġiel l-oħrajn ikkonċentra għal Birotteau fis-sentiment sigriet u profond li bih hu kien jixtieq appartament li kien jixbah lil dak li kien ħoloq Dun Chapeloud. Meta ħabibu kien jimrad, ċertament kien imur għandu minħabba l-imħabba sinċiera li kellu għalih; iżda, hu u jsir jaf bl-indispożizzjoni tal-kanonku, meta*

*kien iżommlu kumpanija, kien jitilgħulu mingħajr ma jrid, minn qiegħ qalbu elf ħsieb li l-formula l-aktar sempliċi tagħhom kienet dejjem, "Jekk Chapeloud imut, sa nkun nista' nieħu l-appartament tiegħu." Madankollu, billi Birotteau kellu qalb eċċellenti, ideat dojoq u intelliġenza limitata, ma kienx jasal biex jimmaġina l-mezzi li bihom kien iġiegħel lil ħabibu jħallilu b'wirt il-librerija u l-għamara.*[19]

Jekk dawn il-paragrafi jinqasmu f'għadd ta' paragrafi jkun ifisser li t-tila ta' Balzac titqatta' f'biċċiet żgħar u b'hekk jintilef l-effett tal-makrokuntest li hu jixtieq iwassal lill-qarrej. Jispiċċa wkoll l-għan ta' Balzac li jgħaqqad flimkien l-estetika tal-kitba ma' dik tal-pittura. Ma kienx faċli li dan l-istil ta' kitba jiġi tradott iżda bir-reqqa u bil-paċenzja rnexxieli nirreplika l-kitba oriġinali ta' Balzac bil-Malti. Imxejt b'mod fidil mat-test sors biex persuna li ma tafx Franċiż tkun tista' sserraħ rasha li qed taqra dak li verament inkiteb minn Balzac mingħajr ebda intervent mingħandi. Il-proċess ta' replikazzjoni mhux faċli iżda wara kollox din hi l-isfida tat-traduttur letterarju. Xogħol it-traduttur mhux l-istess bħal dak tal-awtur. It-traduttur hu sempliċement il-medjatur li l-impenn tiegħu hu li jwassal dak li nkiteb minn ħaddieħor. B'hekk hu obbligat li fil-proċess tat-traduzzjoni jsegwi d-determiniżmu lingwistiku mhux biss fl-għażla lessikali iżda wkoll fit-tul tas-sentenzi u tal-paragrafi *a priori* stabbilit mill-awtur innifsu.

Inkwantu għat-test sħiħ dan jiġi involut b'mod partikulari meta jiġi tradott l-isem tax-xogħol letterarju billi bosta drabi dan ikun qed jirreferi b'mod globali għall-aspett l-aktar importanti tiegħu. It-traduzzjoni tal-isem ta' ktieb għandha minħabba f'hekk issir, jekk hu possibbli, b'mod formali u tqis il-kuntest sintagmatiku immedjat u l-kuntest ġenerali b'mod sħiħ. Fit-traduzzjoni tal-ismijiet ta' *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu* u ta' *Il-Kappillan ta' Tours* ma kellix problemi minn dan il-lat, bħalma kelli fit-traduzzjoni tal-isem tar-rumanz *Meaulnes it-Twil*,[20] dan għax it-traduzzjoni tal-ismijiet taż-żewġ novelli ta' Balzac setgħet faċilment issir b'mod dirett mingħajr il-ħtieġa ta' traduzzjoni dinamika.[21]

Il-proċess tat-traduzzjoni jinvolvi wkoll it-test sħiħ; pereżempju, meta titħaddem l-allegorija. Naraw pereżempju li:

*L-istorja ta'* Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu *tista' tinqara għal dak li hi. Iżda allegorikament tista' titqies ukoll li hi l-ħrafa ta'* Ċenerentola *bil-maqlub jew it-tkomplija tagħha lil hinn mit-tmiem pożittiv li din tispiċċa bih. Ir-realtà wara*

*kollox mhix ħlief id-diżintegrazzjoni tal-illużjonijiet tal-ħrejjef immaġinattivi. Hawnhekk hu rimarkabbli l-fatt li Balzac jipponta lejn din l-interpretazzjoni fejn fir-rakkont jagħmel referenza diretta għal din il-ħrafa meta l-familja Guillaume tmur għar-rappreżentazzjoni tagħha fit-teatru tal-*Variétés.[22]

Billi l-analoġija allegorika b'rabta mal-ħrafa ta' Ċenerentola tinsab mifruxa man-novella kollha ħtieġli nkun konxju tagħha fit-test sħiħ u mhux sempliċement biss fejn issir referenza diretta għaliha. Traduttur li ma janalizzax it-test sħiħ jispiċċa biex iħalli barra aspetti importanti tan-narrattiva u ma jwassalx traduzzjoni fidila – jekk jista' jkun – mija fil-mija tax-xogħol oriġinali.

## 4. L-intertestwalità letterarja u l-elementi kulturali

Kemm il-letteratura Franċiża kif ukoll Ewropea, Russa u Amerikana, huma frott it-tlaqqigħ ta' ħassieba kbar ma' kunċetti filosofiċi li jibnulhom ħsibijiethom. Għalhekk, f'dan ir-rigward, il-letteratura Maltija hi fqira għax ma għandhiex mudelli li tista' timxi fuqhom imħaddmin minn kittieba Maltin. Dan il-faqar loġikament jista' jitfejjaq bis-saħħa tat-traduzzjonijiet letterarji. Fejn hi kkonċernata il-letteratura Franċiża, huma utli fl-opinjoni tiegħi t-traduzzjonijiet letterarji ta' awturi bħal Balzac, Standhal, Flaubert, Hugo, Zola u Proust[23] li lkoll iħaddmu filosofija u forom ta' proża kkonkretizzati f'kitbiethom. Barra minn hekk huma spiss japplikaw fin-narrattiva tagħhom intertestwalità akkwistata ħafna drabi minn xulxin, mill-Bibbja u mix-xogħlijiet klassiċi (fis-sens wiesa' li jinkludi l-lingwi klassiċi u vernakulari) tradotti għall-Franċiż. Żewġ eżempji ta' intertestwalità mħaddma minn Balzac fejn it-tieni wieħed hu aktar sottili minn ta' qablu jidhru, kif se nagħtihom hawn taħt, f'*Il-Kappillan ta' Tours* – fejn fl-ewwel silta qasira hu jagħmel referenza diretta għar-rumanzi klassiċi Franċiżi *Pantagruel* (1532) u *Gargantua* (1534) ta' Rabelais, filwaqt li fit-tieni waħda ssir insinwazzjoni għall-mitoloġija Griega:

*Matul diversi ġranet, donnu bħal Gargantua, li martu mititlu hi u tiled lil Pantagruel, ma kienx jaf kellux jifraħ bit-twelid ta' ibnu, jew jitnikkitx li kellu jidfen it-twajba Badbec, hu u jidħak bih innifsu billi jifraħ bil-mewt ta' martu, u jiddiplora t-twelid ta' Pantagruel.*[24]

*"Tinsiex is-sehem tiegħek, int konċiljatriċi u mhux parti interessata. Iżen kliemek! Studja l-inflessjonijiet tal-vuċi tal-vigarju ġenerali. Jekk tmellislu geddumu, tkun waqqajtu."*[25]

L-udjenza primarja, jiġifieri dik Franċiża, faċilment tifhem ir-referenzi li qed isiru għal Rabelais filwaqt li l-qarrej Malti żgur li ma jifhimx din ir-referenza jekk ma jkunx midħla tal-letteratura Franċiża. It-tieni eżempju hu aktar sottili għax anki l-udjenza primarja taf ma tifhimx l-intertestwalità li toriġina mill-mitoloġija Griega fejn it-tmellis tal-geddum tal-allat speċjalment ta' Żews hu forma ta' supplikazzjoni li tkun qed tiġi aċċettata.[26] Intertestwalità simili tinsab ukoll f'dawn iż-żewġ eżempji meħudin din id-darba min-novella *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*:

> *Għandu mnejn kollox jirranġa, issa naraw. Dejjem hemm mod kif ninqalgħu minn xi għawġ. Aħna l-irġiel m'aħniex dejjem bħar-ragħaj Ċeladon għan-nisa tagħna.*[27]
>
> *"Se tmut bil-mistħija minħabba dan: se npittirha! Iva, se nuriha bil-fattizzi ta' Messalina hi u ħierġa billejl mill-palazz ta' Klawdju."*[28]

Fl-ewwel eżempju ġie spjegat b'nota f'qiegħ il-paġna biex il-qarrej Malti jifhem din ir- referenza letterarja għall-persunaġġ mir-rumanz pastorali *L'Astrée* ta' Honoré d'Urfé. Sintendi, il-qarrejja Franċiżi, speċjalment dawk midħla tal-letteratura ta' pajjiżhom, faċilment jifhmu din ir-referenza ta' Balzac. It-tieni eżempju li fih tissemma' Messalina hu aktarx meħud minn Plutarku jew minn xi awtur klassiku ieħor. Fl-1829 il-qarrej Franċiż ma ħtiġlux daqstant sforz biex jifhem din ir-referenza billi l-kultura klassika kienet mgħallma fl-iskejjel iżda dan mhux neċessarjament il-każ għall-qarrej Malti tal-lum billi l-istudji klassiċi mhumiex obbligatorji u sfortunatament ftit huma dawk li jinteressaw ruħhom fihom. Dan it-tħaddim kumpless u intensiv tal-intertestwalità li nsibu f'Balzac u f'awturi Franċiżi oħrajn jgħodd l-istess għal-letteratura Ingliża, Taljana, Spanjola, Ġermaniża, Russa u Amerikana iżda ma jistax jgħodd għar-rumanz Malti fis-seklu dsatax billi dan kif għidt aktar 'il fuq ma jeżistix u l-użu tiegħu beda jinħass mis-seklu għoxrin 'l hawn fi ftit kittieba Maltin li fix-xogħlijiet tagħhom jagħtu prova tal-qari intensiv (ara nota 15 hawn taħt).

## 5. Konklużjoni

Il-proċess tat-traduzzjoni li ħaddimt biex traduċejt *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu* u *Il- Kappillan ta' Tours* juri bid-dieher l-importanza taż-żamma kemm tal-istess tip ta' lessiku, kif ukoll dik tal-istess tul kemm tas-sentenzi

kif ukoll tal-paragrafi. Din iż-żamma biss tista' fl-aħħar mill-aħħar twassal għar-replika preċiża li tirrifletti l-istil uniku ta' awtur bħal Balzac fit-test sħiħ fil-lingwa mira. Meta mqabblin ma' xogħlijiet oħrajn ta' Balzac bħal *Le Père Goriot* u *Illusions perdues* dawn iż-żewġ novelli huma biċċtejn qosra iżda l-kumplessità tal-istil ta' Balzac xorta waħda hi l-istess: it-tul tax-xogħol hu fattur ftit li xejn importanti f'dan ir-rigward. Għalhekk, minkejja li *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu* u *Il-Kappillan ta' Tours* huma novelli relativament qosra, xorta waħda ħtiġilhom analiżi letterarja u testwali intensiva biex titwassal kemm jista' jkun replika vera tax-xogħol oriġinali.

Meta l-qarrej Malti jiltaqa' ma' traduzzjonijiet bħal dawn jista' jsibha xi ftit jew wisq diffiċli sakemm jadatta ruħu għall-istil tagħhom fil-livell tas-sentenza u tal-paragrafi. Jaf ukoll jaqta' qalbu li jaqrahom għax mhux imdorri jiflaħ għalihom speċjalment jekk ma jkunx jaqra ħlief bil-Malti. Mill-banda l-oħra, it-traduttur ma jistax, biex jagħmilha eħfef għall-qarrej, iqassar pereżempju t-tul tas-sentenzi jew tal-paragrafi. Lanqas ma jista' jissostitwixxi ċerti konnotazzjonijiet kulturali fil-lingwa sors permezz tad-domestikazzjoni għax *a priori* jaf li l-qarrej Malti jista' ma jifhimhomx. Fil-fehma tiegħi, il-missjoni tat-traduttur, għall-kuntrarju ta' dak li jgħid Ernst-August Gutt,[29] hi dik li jirreplika kemm jista' jkun ix-xogħol letterarju kif dan ingħata lill-udjenza primarja, jiġifieri lill-udjenza kontemporanja li għaliha kien indirizzat ix-xogħol oriġinali. L-udjenza sekondarja jeħtiġilha tadatta lilha nfisha biex b'hekk tkun hi li tmur lejn l-awtur u l-istil tiegħu u mhux l-awtur li jmur lejha. Balzac jeħtieġlu jibqa' Balzac kemm fi żmienu kif ukoll f'pajjiżu u mhux jiġi domestikat għal żmienna u għal pajjiżna. Dan hu li ppruvajt nagħmel biex noffri lill-qarrej traduzzjoni skolastika u mhux sempliċement adattament tax-xogħol oriġinali.

**Noti**

1 Balzac waħdu bejn wieħed u ieħor għandu 93 xogħol letterarju.

2 Katharina Reiss, *Translation Criticism – The Potentials & Limitations: Categories and Criteria for Translation Quality Assessment*, (trans. Erroll. F. Rhodes), American Bible Society, St Jerome Publishing, Manchester, 2000.

3 Qed nagħmel din ir-riżerva billi fejn jidħol il-lessiku ma naqbilx għalkollox ma' Reiss li tgħid: "If full equivalence with the source text is the criterion by which

the semantic components of the target text are to be judged, the standard for the *lexical* components must be *adequacy*." (korsiv misjub fl-oriġinal) *ibid.*, 57. Abbażi tat-teorija tiegħi tal-forma ortografika u tat-tifsira semantika jirriżulta li fil-parti l-kbira tal-lessiku bejn il-Franċiż u l-Malti bosta drabi jeżistu sinonimi sħaħ li bis-saħħa tagħhom wieħed jista' jgħid li parti sostanzjali ta' test tradott tista' ssir kelma b'kelma biex b'hekk jitwassal dak li Reiss qed issejjaħlu *semantic component* permezz tal-lessiku b'mod sħiħ u mhux adegwat. Filwaqt li dak li hi ssejjaħ *lexical adequacy* skonti hu t-tieni pass li għandu jittieħed fl-għażla tal-lessiku. Dan isir meta t-traduzzjoni ma tistax issir abbażi ta' kelma b'kelma. Għalhekk inqis li d-distinzjoni netta li tagħmel Reiss bejn l-aspett semantiku u lessikali hi wisq kategorika biex naqbel magħha. Ara *ibid.*, 53-59.

4 Honoré de Balzac, *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*, (trad. Paul Zahra), sensiela *Kollezzjoni Traduzzjonijiet Letterarji*, Paola, 2012.

5 Honoré de Balzac, *Il-Kappillan ta' Tours*, (trad. Paul Zahra), sensiela *Kollezzjoni Traduzzjonijiet Letterarji*, Qrendi, 2013.

6 Ara Paul Zahra, 'Traduzzjoni Letterarja jew Adattament Letterarju? Tifsiriet, Implikazzjonijiet u Analiżi Teoretika Permezz ta' Kampjuni Testwali', f'Charles Briffa, *Aspetti tat-Traduzzjoni Maltija: It-Transfer Kreattiv fit-Traduzzjoni bil-Malti, Horizons*, 2015, 366-99.

7 Ara Paul Zahra, 'Il-Forma Ortografika u t-Tifsira Semantika fl-Għażla tal-Lessiku Malti fl-Oqsma tat-Traduzzjoni u tat-Terminoloġija', *Symposia Melitensia* Nru 11, 2015, 227-56.

8 Pereżempju fost oħrajn id-dimensjoni temporali – jiġifieri ż-żmien li fih inkiteb jew hu rifless fih ix-xogħol letterarju – għandha tkun ukoll fattur fl-għażla tal-lessiku.

9 Is-self tal-Malti mill-Ingliż nistgħu ngħidu li beda mal-wasla ta' Ingliżi f'Malta. Maż-żmien żdiedet il-kwantità tal-kliem li llum qed nissellfu minnu u nbidel ukoll il-mod fonetiku u ortografiku li bih qed nadottaw il-lessiku meħud minnu. Eżempju ta' kelma misjuba f'*Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu* missellfa mill-Ingliż hu *l-ell tal-biċċiet tad-drappijiet* (p. 41). Eżempju ta' kelma f'*Il-Kappillan ta' Tours* din id-darba missellfa mill-Ingliż fil-Franċiż iżda mhux fil-Malti li kelli nissellifha hi *wist* (p. 84). Jibqa' xorta waħda evidenti li f'dawn iż-żewġ novelli l-użu ta' kliem missellef mill-Ingliż hu verament insinifikanti għalhekk ma jibdel xejn minn dak li qed ngħid dwar l-użu tas-Semitiku u tar-Rumanz fl-ambitu tax-xogħlijiet tradotti mis-seklu dsatax.

10 Id-dizzjunarju ta' Charles Briffa, *The English-Maltese Dictionary for the 21st Century*, Allied Publications (2015), apparti li hu aktar reċenti minn dak ta'

Aquilina, jimla wkoll numru ta' lakuni li jinsabu fid-dizzjunarju Ingliż-Malti ta' dan tal-aħħar. Madankollu, waqt il-proċess tat-traduzzjoni ta' dawn iż-żewġ novelli, id-dizzjunarju ta' Briffa ma kienx għadu stampat; allura, ma stajtx nużah u għalhekk ma nistax nikkunsidrah għall-finijiet ta' dawn iż-żewġ traduzzjonijiet.

11 Honoré de Balzac, *Il-Kappillan ta' Tours*, 61.

12 Honoré de Balzac, *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*, 19-20.

13 *ibid.*, 52.

14 Honoré de Balzac, *Il-Kappillan ta' Tours*, 84.

15 Madankollu, jeżistu eċċezzjonijiet u traċċi ta' dan it-tip ta' tħaddim fil-Malti fil-letteratura tas-seklu għoxrin [p.e. *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika* (1930-31) ta' Juan Mamo, *Silġ fuq Kemmuna* (1982) ta' Alfred Sant, *Il-Ħolma Maltija* (1994) ta' Frans Sammut, *Trojan* (2015) ta' Alex Vella Gera].

16 Malmkjaer Kirsten, Meaning and Translation, in Malmkjaer Kirsten & Windle Kevin, *The Oxford Handbook of Translation Studies*, Oxford University Press, 2011, 113. Il-kwotazzjoni mogħtija minn Malmkjaer meħuda minn Reiss, K. (1971/2000). *Translation Criticism – The Potentials and Limitations: Categories and Criteria for Translation Quality Assessment*. Trans. E.F. Rhodes, Manchester/ New York: St Jerome/American Bible Society.

17 Honoré de Balzac, *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*, 55-60.

18 Rigward id-diffikultajiet tal-elementi deittici wieħed jista' jaqra dak li tispjega Christiane Nord fil-ktieb tagħha *Text Analysis in Translation: Theory, Methodology, and Didactic Application of Model for Translation-Oriented Text Analysis*, (Second Edition), Rodopi, Amsterdam & New York, 62-9.

19 Honoré de Balzac, *Il-Kappillan ta' Tours*, ibid., 9-12.

20 Alain-Fournier, *Meaulnes it-Twil*, (trad. Paul Zahra), Faraxa, Qrendi, 2012.

21 (Għal aktar dettalji dwar it-titlu tar-rumanz *Meaulnes it-Twil* ta' Alain-Fournier wieħed jista' jara l-introduzzjoni tiegħi fl-edizzjoni Faraxa 2012.)

22 Honoré de Balzac, *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*, xiii.

23 Għalkemm Proust jikteb fis-seklu għoxrin xorta waħda l-għeruq tiegħu jinsabu fis-seklu dsatax; għalhekk, abbażi ta' dan qed ninkludih ma' dawn l-awturi.

24 Honoré de Balzac, *Il-Kappillan ta' Tours*, 13-14.

25 *Ibid.*, 103-104.

26 Ara F. S. Naiden, *Ancient Supplication*, Oxford, 2006.

27 Honoré de Balzac, *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*, 46

28 Honoré de Balzac, *ibid.*, 79

29 Ernst-August Gutt, *Relevance Theory: A Guide to Successful Communication in Translation*, Summer Institute of Linguistics and United Bible Societies, 1992.

# STORJA TAL-LINGWA

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

# De Soldanis fil-Kitbiet tal-Kanonku Panzavecchia

David Agius Muscat

Waqt li konna qed inqallbu l-manuskritti tal-Kanonku Fortunato Panzavecchia (1797-1850), li jinsabu fil-*Fondo Panzavecchia* fl-Arkivju tal-Katidral ta' Malta, iltqajna ma' xi referenzi fuq il-Kanonku Ġan Piet Franġisk Agius de Soldanis. Ma ħadnihiex wisq bi kbira minħabba li bħala studjuż serju tal-Malti, Panzavecchia ma setax ma jixtarrx il-kitbiet ta' dan il-kanonku Għawdxi. Barra xi kotba, Panzavecchia ġew f'idejh ukoll xi manuskritti tiegħu u li wħud minnhom baqgħu qalb il-karti tiegħu.

## Manuskritti ta' de Soldanis fil-kollezzjoni ta' Panzavecchia

Aktarx l-iktar ħaġa li tolqot hija l-kopja manuskritta tal-ktieb *Della lingua Punica Presentemente usata da Maltesi*,[1] li ġie ppubblikat fl-1750 għand Generoso Salomoni, Ruma. Il-kopja mhix miktuba bil-kaligrafija ta' de Soldanis u jista' jkun li hija dik finali li l-istampatur kien uża biex jistampa minn fuqha l-ktieb.[2] Barra li l-kitba tal-manuskritt hija fidila mal-kitba li hemm fil-ktieb, in-noti fil-qiegħ tal-paġni tal-ktieb jibdew dejjem bl-ittra alfabetika "a", filwaqt li n-noti fil-manuskritt mhumiex fil-qiegħ tal-paġna imma fi tmiem il-kapitlu. Dawn jibdew bl-ittra "a" u jibqgħu sejrin skont l-ordni alfabetika.

Barra dan il-manuskritt sibna żewġ manuskritti oħrajn miktubin minn de Soldanis. L-ewwel wieħed fih ġabra ta' qwiel Maltin bit-tifsir ta' kull wieħed minnhom bit-Taljan. Dawn il-qwiel mhumiex fil-manuskritt magħruf *Apoftegmi*

*e Proverbi Maltesi, raccolti e spiegati in lingua Italiana dal Canonico Agius*,[3] u wħud minnhom lanqas mhuma qegħdin fid-*Ḋamma*.[4]

Il-manuskritt l-ieħor huwa ittra oriġinali li de Soldanis kien kiteb lil ħabibu Fra Gaetano Reboul fuq il-kwistjoni tal-pubblikazzjoni tal-ktieb tal-konġura ta' Mustafà Bassà.[5]

Ma nafux kif dawn il-manuskritti spiċċaw għand Panzavecchia. Jista' jkun li kien xtrahom mingħand xi ħadd, jew inkella qalagħhom. Fil-*Fondo Panzavecchia* nsibu bosta manuskritti ta' oħrajn, bħal dawk li jittrattaw l-istorja ta' Malta u bosta paniġierki.

## Il-karattru ta' de Soldanis

L-ewwel tagħrifa datata li Panzavecchia niżżel fuq de Soldanis titfa' dawl fuq il-ħajja u l-karattru tiegħu.[6] Nafu diġà minn stqarrijiet awtobijografiċi oħrajn kemm il-Kanonku Għawdxi ma kienx komdu jgħix fil-gżejjer Maltin, l-iktar minħabba daqshom u għeluqhom, li kienu jxekkluh milli jkompli jwessa' għerfu.[7] Is-swied il-qalb tiegħu jidher li baqa' magħruf snin wara mewtu.

Panzavecchia kien qed jikteb fl-1815, meta de Soldanis kien ilu mejjet ħamsa u erbgħin sena. Panzavecchia dik il-ħabta kien għad għandu tmintax. Kien sieħbu l-Arċipriet (aktarx Vinċenz Cachia) li tarraflu l-biċċa, u Panzavecchia, bħalma kien jagħmel soltu, kiteb dak li sema' fil-*Giornale* privat tiegħu.[8] Mit-tagħrifa li l-Arċipriet għaddielu nifhmu li dan seta' kien jafu għax l-informazzjoni li konna nafu biha hija tajba.

Fit-tagħrifa Panzavecchia niżżel li dan il-letterat Malti kellu żewġ ħutu oħra li kienu jilbsu l-libsa ta' San Ġwann, u wieħed minnhom kien sagristan maġġuri tal-istess knisja.[9] Skont l-Arċipriet, l-aħwa kienu ġew allevati mill-Prijur Alpheran. Dejjem skont l-Arċipriet, de Soldanis kien damm ħajtu f'manuskritt, u dan sab postu l-Biblijoteka.[10] L-Arċipriet tarraf lil Panzavecchia li de Soldanis kien żar diversi postijiet l-Italja u għamel ħafna ħbieb letterati.[11] Fl-aħħar, skont l-Arċipriet, de Soldanis kien inħatar biblijotekarju mill-Balliju de Tencin, dak li kien waqqaf il-Biblijoteka, u warajh kien hemm biblijotekarji Navarro u Bellanti.[12]

Imbagħad, lejn tmiem it-tagħrifa, Panzavecchia niżżel deskrizzjoni qasira tal-karattru ta' de Soldanis. Skont l-Arċipriet, de Soldanis kien bniedem seren u allegruż ħafna f'żgħożitu, imma meta kiber iffissa li kien marid u ma kien ikellem lil ħadd. Skont l-Arċipriet, de Soldanis kien ikun qisu l-ħin kollu qed jibki.[13] Nota tal-aħħar tgħid li ħafna mill-opri tiegħu kienu manuskritti.

Jista'jkun li kienet din "l-ipokondrija" li xekklet lil de Soldanis isib l-enerġija u jippubblika l-bosta manuskritti li kien għad kellu. Hi kif inhi, din kienet l-ewwel u l-aħħar darba li Panzavecchia kiteb fuq il-karattru ta' de Soldanis, aktarx mixgħul mill-interess li kellu dik il-ħabta li fin-notamenti privati tiegħu jniżżel tagħrifiet privati fuq Maltin li b'xi mod kienu ħallew marka fuq il-pajjiż.

## Il-*Grammatica* ta' De Soldanis

Panzavecchia semma lil de Soldanis bosta drabi fil-manuskritti tiegħu tal-1830. L-ewwel referenza fuq de Soldanis qiegħda f'abbozz ta' ittra ta' kritika li Panzavecchia kien qed iħażżeż fuq il-ktieb *Guida di Malta* ta' Giuseppe Pericciuoli Borzesi (1830).[14] Fil-kritika tiegħu Panzavecchia kiteb li huwa dejjem għamel differenza bejn li kittieb jippubblika ktieb biex dan jiġi ddedikat lil xi ħadd, jew inkella li l-kittieb jiddedika l-ktieb lil xi ħadd bit-tir li jkun ppubblikat il-ktieb tiegħu. Skontu, il-kotba kollha li kienu qed jiġu ppubblikati fi żmienu, inkluż dak ta' Borzesi, kellhom il-ħsieb imsemmi l-ewwel.

Panzavecchia mbagħad irrefera għal de Soldanis. Fil-fehma tiegħu, anki l-*Grammatica* ta' de Soldanis kienet aktarx iggwidata mill-ewwel ħsieb. Hu tant kien għamel dediki li kien qisu ried jiddedika kull nom, pronom, verb, partiċipju u l-bqija, li ried jgħaddi għall-istampar ġabra ta' ittri dedikatorji. Kien għalhekk, fil-fehma ta' Panzavecchia, li lil de Soldanis ħatruh biblijotekarju. Panzavecchia rrimarka li kieku hu għamel l-istess, ibqa' żgur li kienet tingħatalu xi katedra wkoll.

Fl-1830 Panzavecchia kien medhi bl-istudju tal-grammatika tal-Malti għax fil-karti tiegħu ta' dik is-sena niżżel it-titli ta' żewġ kotba tal-grammatika: id-*Della Lingua Punica* ta' de Soldanis u l-*Myslen* ta' Vassalli.[15] Mat-titlu tal-ktieb ta' de Soldanis niżżel ukoll ir-referenza *RR 8.18*. Fl-1834 Panzavecchia reġa' rrefera għal de Soldanis, did-darba billi niżżel lista qasira ta' xogħlijiet ta' studjużi li kienu kitbu fuq nisel il-Malti.[16] L-ewwel fil-lista jidher isem de Soldanis u l-ktieb tiegħu *Della Lingua Punica*, bit-titlu sħiħ, u wkoll jirreferi għan-*Nuova Scuola di Grammatica*. Fil-lista ġab ukoll lil Johannes Henricus Majus u l-ktieb *Specimen Linguae Punica in hodierna Melitensium superstitis* (1725).

Dakinhar Panzavecchia kiteb qasir qasir fuq il-*Grammatica* ta' de Soldanis. L-ewwel kiteb li de Soldanis kien qata' bi snienu biex joħroġ il-ktieb tal-*Grammatica*, u li l-Kavallier Turnon kien ħadem ukoll għalih. Imbagħad Panzavecchia għadda għal xi kummenti fuq il-grammatika nnifisha.

Fil-fehma tiegħu, għalkemm il-*Grammatica* ta' de Soldanis kienet qasira, konċiża u mingħajr ħafna regoli, kienet indispensabbilment meħtieġa. Skontu, l-alfabett li ġab hu ma kien xejn għajr dak Għarbi (inkluża l-ordni) maħżuż b'ittri Taljani jew Latini u li kellhom jiġu sostitwiti biex jieħdu l-ħoss proprju tagħhom; għażla li Panzavecchia ma qabilx magħha. Panzavecchia semma wkoll li de Soldanis kien qabad fuq l-artiklu, in-nom, il-pronom u l-verb, li fil-konjugazzjoni kien jimxi skont is-sistema Ewropea. Fl-aħħar nett Panzavecchia kkopja kważi kelma b'kelma s-sentenza ta' de Soldanis fuq il-konjugazzjoni tal-verb "*essere*".[17]

F'nota qasira tal-aħħar Panzavecchia niżżel il-paġna 108 tal-*Grammatica* bħala referenza fuq il-muniti ta' Malta.

## Nisel il-Malti

Fl-1834 Panzavecchia kiteb abozz ta' artikolett, aktarx maħsub għall-ġurnal *Propagatore delle Cognizioni Utili*, bl-isem *Coltura della Lingua Maltese*.[18] F'dan l-artikolett irrefera għall-kwistjoni ta' nisel il-Malti, u għalhekk ma setax ma jsemmix lil de Soldanis.

Kiteb fuq żewġ skejjel opposti: l-ewwel waħda tħaddan lil dawk mogħmija mill-istudji eruditi ta' de Soldanis, li jqisu l-Malti bħala fdal prezzjuż tal-Puniku sempliċiment minħabba xi terminu jew analoġija; l-oħra tħaddan lil dawk li mingħalihom jifhmu u, waqt li jaraw il-Malti attwali fi stat korrott, kienu jqisuh taħlita tal-lingwaġġ Saraċen b'eluf ta' lingwaġġi oħra Ewropej.

F'dan l-artikolett Panzavecchia fiehem lill-qarrej li hu ma kienx biħsiebu jidħol bejn il-basla u qoxritha. Għalih il-Malti kien mezz biex bis-saħħa tiegħu jintgħallmu ilsna oħrajn.

Dan il-punt Panzavecchia reġa' saħaq fuqu fl-akbar biċċa xogħol lingwistika tiegħu, *Grammatica della Lingua Maltese* (1845), minsuġa b'attitudni friska lejn il-lingwa bħala sistema waħda u mħallta.[19] Għal darb'oħra ma tax tagħrif fuq l-istorja tal-Malti u qata' l-għatx bil-perżut ta' min seta' jistenna fiha l-pożizzjoni tiegħu fuq il-kwistjoni qadima ta' jekk il-Malti hux ġej mill-Puniku jew inkella mill-Għarbi. Lanqas ma ta tagħrif storiku ta' nsiġ il-Malti fiż-żewġ dizzjunarji li kien qed idomm u li tagħhom laħaq ippubblika biss l-ewwel faxxiklu. Hawnhekk qed nirreferu għad-*Dizionario Etimologico* u għad-*Dizionario Frasiologico* (1850).[20]

Madankollu, fid-daħla tad-*Dizionario Etimologico*, Panzavecchia wera li huwa kien mar il-Biblijoteka, kif kien għamel bosta drabi, u hemm ra

d-*Ḋamma* ta' de Soldanis. Semma li l-Maltin kienu damu jitnikkru fuq l-alfabett, tant li dizzjunarju bil-għamla etimoloġika, sa żmienu, kien għadu ma sarx. Panzavecchia kien fehem li ħadd ma kien wasal biex jifhem l-istruttura lingwistika tal-Malti u jorbotha mar-regoli tal-grammatika. Fi kliemu, kellu jkun "il-ġenju u l-ħabrieki kbir" de Soldanis li minkejja dawn id-diffikultajiet kollha kien għaddas rasu għal din il-biċċa xogħol u kiteb dizzjunarju li baqa' manuskritt.[21] Panzavecchia stqarr li huwa kien iħossu debitur lejn xogħol de Soldanis, minkejja li daħal fl-għalqa tal-Malti bla ma kien jaf l-ilsna Semitiċi.[22] Fisser li kien minħabba f'hekk li x-xogħol ta' de Soldanis u d-dizzjunarju manuskritt ma setgħu jaqdu lil ħadd.

**De Soldanis f'abbozz ta' ktieb ta' Panzavecchia**

Mid-drabi l-oħra li Panzavecchia rrefera għal de Soldanis nikkonfermaw mhux biss qima li kellu lejh, imma ħeġġa biex dan il-persunaġġ isir magħruf mal-Maltin. Dan nafuh għax darba beda jħejji ktieb bil-Malti fuq għadd ta' persunaġġi Maltin li kienu baqgħu jissemmew Malta u lil hinn minnha għal għerfhom, għal qdusithom u għall-valuri tagħhom.[23] Fih ried isemmi biss dawk il-persunaġġi li, sa minn qabel ġie Kristu fid-dinja, isimhom kien deher fil-kotba tal-barranin, jew li taw kontribut bir-riċerka. Fil-folji manuskritti ta' dan l-abbozz, Panzavecchia ma kitibx tagħrif fit-tul u lanqas ma roqom kitbietu. Iktar kien moħħu li jfittex jikteb il-ħsieb tal-ktieb u jniżżel f'lista l-persunaġġi li ried isemmi fih.

Fost dawn Panzavecchia semma lil de Soldanis, li fuqu niżżel biss li kien twieled Għawdex, li kien kanonku, u li kien ħadu Malta l-Balliju De Tencin biex għamlu biblijotekarju.[24]

Dan l-abbozz Panzavecchia kien kitbu bl-alfabett tal-*Grammatica* (1845) u għalhekk nistgħu niddeduċu li kitbu fl-istess żmien tagħha, minħabba li qabel kien juża alfabett differenti. Mill-1844-1848 Panzavecchia kien direttur tal-iskejjel primarji u, minħabba li f'dan iż-żmien sa ma miet huwa ħareġ diversi kotba għall-iskejjel f'forma katekitika, nistgħu nobsru li dan l-abbozz, miktub f'forma katekitika wkoll, inkiteb għat-tfal tal-iskejjel. Għalkemm dan l-abbozz ftit jitfa' dawl fuq il-persunaġġi li semma, l-ismijiet li ġabar juru min kienu n-nies li fil-fehma tiegħu kellhom jitgħallmu fuqhom it-tfal Maltin fl-iskejjel.

*L-awtur jirringrazzja wkoll lil Mario Gauci u lil Dun Ġwann Azzopardi mill-Arkivju tal-Katidral*

**Noti**

1 AKM [Arkivju tal-Katidral ta' Malta], Pan [Panzavecchia] 132, ff. 76-109.

2 Ħajr lil Dr Olvin Vella li barra li nduna li l-kaligrafija mhix ta' de Soldanis qasam miegħi din it-teorija.

3 BNM [Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta], Libr. 142 i.

4 Pubblikazzjoni bil-qwiel kollha ta' de Soldanis se tkun ippubblikata dalwaqt. Panzavecchia nnifsu ġabar lista' ta' qwiel bil-ħsieb li jistampaha. Panzavecchia kiteb li de Soldanis u Vassalli kienu ġabru għadd ta' qwiel u li Vassalli biss kien stampa l-ġabra tiegħu. Ara Agius-Muscat, 106.

5 Studju fuq dan il-manuskritt jinsab fl-istampa.

6 AKM, Pan 101, f. 141$^{r-v}$.

7 Ara, ngħidu aħna, Joseph Cassar Pullicino, "De Soldanis: Approaches to a Biography", fil-*Journal of Maltese Studies (27) – Essays on de Soldanis*, ed. Olvin Vella (Malta, 2010), 13; Arnold Cassola, "De Soldanis' Relationship with Gozo (1753-1757)", f'*De Soldanis – An Eighteenth Century Intellectual*, ed. Godwin u Olvin Vella (Malta, 2012), 39-45.

8 David Agius-Muscat, *Il-Kanonku Fortunato Panzavecchia (1797-1850) – Il-Lingwista u l-Edukatur*, teżi tal-M.A. fil-Malti (L-Università ta' Malta, 2005), 42-44.

Dan l-Arċipriet wisq probabbli kien Dun Vinċenz Cachia (c. 1746-1833), Belti u li kien arċipriet tal-Isla mill-1800 sal-1819. Tagħrif bijografiku fuqu jinsab f'Alexander Bonnici, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. III, (Malta, 1991), 37-38.

9 Ara Cassar Pullicino, 3. Skontu, De Soldanis kellu mill-inqas tliet ħutu oħra u li kollha kienu impjegati mill-Ordni. Wieħed minnhom kien Fra Melchiore, li kien sagristan fil-knisja konventwali ta' San Ġwann, l-ieħor kien Fra Salvatore, li kien Kappillan Ospidallier, u l-ieħor kien Fra Giuseppe.

10 Il-manuskritt jismu *Brevi cenni della vita di Mons. Alpheran Vescovo di Malta.* Ara BNM, Libr. 155, ff. 199$^{r}$-204$^{r}$. Il-manuskritt huma msemmi wkoll fil-*Bibliography*, f''Vella (2010), 151.

11 Din l-informazzjoni hija kkonfermata wkoll mill-bosta studji li saru fuq de Soldanis.

12 Ara l-iktar William Zammit, *The* Notizie Sopra l'Origine: *de Soldanis as Librarian*, f'Vella u Vella (2012), 87-91.

13 In-nota ta' Panzavecchia taqra hekk: "*Mi si dice che questo Abela* [aqra Agius] era in sua gioventù assai gioviale, ed allegro, ma che essendo cresciuto in età *s'impecondrì non parlava con nessuno e sembrava pianger sempre; si hanno molte sue opere MS.*" Il-kelma "*impecondrì*" ġejja minn "*ipocondria*". Din hija marda psikika ta' xi

ħadd li jaħseb li hu marid. Fid-*Ḋamma* (f. 461) de Soldanis spjegaha bħala "suied el kalb".

14 AKM, Pan 100, f. 9$^{r}$.

15 AKM, Pan 100, f. 175$^{r}$.

16 AKM, Pan 100, ff. 200$^{r-v}$.

17 Panzavecchia kiteb: "*Da la conjugazione del verbo essere ei aggiunge un verbo attivo e passivo per servire di esempio.*" Ara AKM, Pan 100, f. 200w. Qabbel ma' Gio. Pietro Francesco Agius de Soldanis, *Della Lingua Punica Presentemente Usata da Maltesi &c.* (Ruma, 1750), 93.

18 AKM, Pan 100, f. 185$^{r}$.

19 Manwel Mifsud, *Loan Verbs - A Descriptive and Comparative Study* (Leiden, 19915), 1-2.

20 L-ewwel faxxiklu taż-żewġ dizzjunarji għadhom ma nstabux, għalkemm xorta waħda nistgħu nieħdu xi tagħrif fuqhom minn manuskritti tad-daħliet tagħhom. Ara Agius-Muscat, 220-24.

21 AKM, Pan 30, f. 11$^{r}$.

22 De Soldanis kiteb li meta kien Ruma fl-1752 huwa kien mar jistudja l-Għarbi f'La Sapienza. Ara AKM, Pan 133, f. 21$^{r}$.

23 AKM, Pan 34, ff. 1-9. Ara Agius-Muscat, 205-7.

24 AKM, Pan 34, f. 3$^{v}$.

# It-Traduzzjoni tas-Salmi ta' F. Panzavecchia Nota dwar Kelma

Mons. Lawrenz Cachia

Bejn Ottubru 1841 u Ottubru 1842 il-Kanonku Fortunatu Panzavecchia, qassis għaref mill-Isla (1797 - 1850) ittraduċa s-Salmi tal-Bibbja mil-Latin għall-Malti.

Din it-traduzzjoni, flimkien ma' dawk tal-Ktieb tal-Ġenesi u ta' siltiet mill-Vanġeli li għamel l-istess Kanonku, qatt ma stampahom iżda ħalliehom bħala manuskritti li maż-żmien waslu (u jinsabu) fl-Arkivju-Mużew tal-Katidral tal-Imdina. Kien wara 150 sena li l-Professur Ġermaniż Reinhold Kontzi, ħabib ta' Malta u tal-Malti, u li studja l-Malti tajjeb, ippubblika t-traduzzjonijiet ta' Panzavecchia, li semmejt hawn fuq, f'edizzjoni kritika fejn il-kummentarju ta' Kontzi huwa bil-Ġermaniż [(1)]. Fil-Ktieb tas-Salmi hemm erba' salmi nieqsa, u aktarx li dawn intilfu billi l-folji damu ħafna mhux miġbura sewwa.

Hawn se nitkellem fuq it-traduzzjoni tas-Salmi li, bħat-traduzzjonijiet l-oħra ta' Panzavecchia, saru minn fuq il-Latin tal-Vulgata. Iżda Panzavecchia jagħtina ħjiel li kkonsulta wkoll kemm test tas-Salmi bl-Għarbi kif ukoll it-test oriġinali tas-Salmi bl-Ebrajk.

Panzavecchia fil-biċċa l-kbira tas-salmi, wara t-traduzzjoni jagħtina wkoll lista ta' varjanti, jiġifieri kliem (jew frażijiet) li setgħu jieħdu l-post ta' kelmiet / frażijiet tradotti minnu. Dawn ġeneralment huma ftit għal kull salm, iżda hemm xi każi fejn jagħti numru ġmielu ta' varjanti għall-istess salm. (Hemm ukoll xi salmi bla varjanti).

Xi drabi, ħdejn il-kelma varjanti jagħti l-kelma korrispondenti bl-Għarbi miktuba bl-alfabett Għarbi. Dawn huma 36, xi wħud kelmiet singli u oħrajn

frażijiet. Imbagħad, darbtejn biss, ħdejn il-varjanti jagħti l-kelma / frażi bl-Ebrajk miktuba bl-alfabett Ebrajk. Dawn iż-żewġ każijiet huma: (a) il-frażi *bid-dmugħ* flok bil-biki (Salm 125 ) u (b) l-kelma *fakattni* flok żortni (Salm 16). Huwa fuq din it-tieni kelma li nixtieq nikkummenta.

L-ewwel nett hija ħaġa kurjuża li Kontzi, li fuq varjanti oħra ta spjegazzjonijiet tajbin, fuq din ma jidher li sab xejn xi jgħid. Għall-kuntrarju hemm diversi kummenti li nixtieq nagħmel.

## Korrezzjoni

L-ewwel nett il-kelma mogħtija bħala varjanti minn Panzavecchia hija mfarrka ġmielha, għaliex kellha tkun u tinkiteb *ftaqadtni* mhux *fakattni*. Il-verb huwa ftaqad (bl-ewwel forma faqad li fil-Malti ntilfet). Dwar il-forma mnissla, ftaqad, waqt li l-Miklem jgħid li ma għadhiex tingħad, fil-fatt għadha tingħad, iżda f'partijiet biss ta' Malta. Kif semmejt f'artiklu tiegħi miktub ħafna snin ilu[(2)], fil-Gudja l-kelma kienet korrenti sewwa meta jiena kont Kappillan hemmhekk (1959 -1963), u qaluli li għadha xi ftit korrenti llum ukoll, għalkemm mhux daqs qabel.

Panzavecchia li xi drabi huwa attent ħafna għall-kliem, drabi oħra jikteb xi ftit bla ma jaħseb. Hekk insibu każ analogu ħafna meta (fil-Ġenesi) jikteb *fattsieq* flok *fardsieq*.

Il-verb ftaqad bil-Malti, kif smajtu jiena, ifisser "żar biex jindokra", "ta daqqa t'għajn biex jara hemmx kollox sewwa". Din it-tifsira taqbel ħafna, anzi hija identika mat-tifsira tal-verb *paqad* fil-Lhudi. Għal min ma jafx, fil-Lhudi l-P u l-F sikwit jinbidlu ma' xulxin, u jinkitbu bl-istess ittra li tieħu tikka meta jkollha ħoss ta' P u titlef it-tikka meta jkollha ħoss ta' F.

Nagħti t-tifsira tal-verb Lhudi mid-dizzjunarju: "attend to, visit, muster". U konnessi ma' dawn: "pay attention to, observe with particular care, visit to test, to search". Dawn huma t-tifsiriet ewlenin (Brown -Driver - Briggs).

Il-kelma hija ta' ċerta importanza wkoll għaliex fis-Settwaġinta (Bibbja bil-Grieg) ġiet maqluba bil-kelma "episkeptomai" li hi marbuta ma' episkopeô (ἐπισκοπέω) li skont id-dizzjunarju tfisser "to look upon, to inspect, to observe, to examine" (Liddell and Scott's). Mill-kelma episkopeô ġejjin il-kelmiet "episcopus, bishop, isqof".

Issa ħaġa kurjuża u interessanti hija li filwaqt li l-verb faqad-ftaqad fil-Malti żamm l-istess tifsira tal-Lhudi (u tas-Sirjak, cfr Payne Smith), dik it-tifsira ntilfet kważi għalkollox fl-Għarbi modern.

**Noti**

1. Reinhold Kontzi, *Wort und Schrift,* 1999.
2. L. Cachia, *L-Ilsien Malti il-Bieraħ u l-Lum.*

# Manwel Pace u Carmelo Mifsud Bonnici Żewġ Innijiet ta' Żewġ Partiti, imma Familja Waħda

Oliver Friggieri

Manwel Pace huwa l-isem ta' poeta qadim, tipiku tal-kitba tal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin sas-sittinijiet, li huwa wkoll ġdid. F'ħajtu għamel kulma seta' biex mhux biss jikteb il-versi minn qalbu u b'serjetà sħiħa, iżda wkoll biex ixandarhom b'mod li ma jkun jaf bih ħadd. Fl-1964 Karmenu Vassallo wasal għall-konklużjoni li diversi poeżiji mxandrin f'almanakki u f'rivisti, bi psewdonimu, kienu ta' xi ħadd li jismu Manwel Pace (jew Emanuel J. Pace), minn Bormla.

Bis-saħħa ta' Joseph Pace, il-poeżiji ta' missieru, Manwel Pace, issa nġabru għall-ewwel darba fi ktieb, id-dokument li jħaddan il-versi ta' poeta umli li ma riedx li jkun magħruf bħala poeta. Il-poeżiji li huwa xandar fi 'Pronostku Malti', f''Leħen il-Malti' u f''Il-Berka' huma ffirmati bi psewdonimi bħal 'Ħannibal Malta', 'Maleth', 'Karmel Bethsajda'.

### L-awtur tal-Innu Laburista: Manwel Pace, ir-raġel ta' Giovanna Ross

Dan hu ftit mit-tagħrif, miktub minn Joseph Pace, Karmenu Vassallo, u Paul E. Heywood, li Joseph Pace inkluda fil-ktieb ta' missieru *Tliet Ġawhriet*, ippubblikat fl-2015 wara li Joseph Pace ddeċieda li kien se jagħmel ħaġa tajba li jiġbor il-versi ta' missieru u jxandarhom fi ktieb. B'hekk isem qadim sar ukoll isem ġdid fil-Letteratura Maltija. Fil-kuntest tal-poeżija Maltija fi żmien imqalleb b'żewġ gwerer dinjija u b'konfronti politiċi qawwijin fil-pajjiż, is-

sehem tiegħu jiftiehem f'dan id-dawl: huwa rnexxielu jorganizza l-anonimità 'pubblika' tiegħu bħala poeta, waqt li baqa' jikteb.

Barra mis-silta meħuda minn *Vatum Consortium* ta' Karmenu Vassallo, kemm Paul E. Heywood u kemm Joseph Pace jagħtu tagħrif siewi dwar il-persunalità ta' raġel twajjeb u sensittiv, li jlaħħam il-figura klassika-romantika tal-Poeta bħala persuna-li-tħobb aktar milli bħala persuna-li-tikteb. Il-kritika morali tirbaħ fuq il-kritika letterarja.

Joseph Pace jipprovdi t-tagħrif essenzjali kollu dwar missieru (paġni 17-21). Manwel Pace twieled fit-13 ta' Settembru 1898 f'Bormla minn Giuseppe Pace u Rosalia Tanti, it-tnejn Bormliżi. Kienu sitt ulied. Giuseppe miet ta' 45 sena, u l-piż ta' familja kbira (fosthom tlitt itfal taħt l-għaxar snin) waqa' fuq Rosalia. Manwel ħa l-edukazzjoni tiegħu għand il-Freres u fil-Liċeo, u daħal skrivan fit-Tarzna. Fl-1932 Manwel iżżewweġ lil Giovanna Ross, magħrufa wkoll bħala Jennie, bint Saver (tabib) u Carmela, u kellu tliet ulied: Miryam, Joseph u George. Fl-1972 qabdu attakk ta' puplesija, u wara t-tieni wieħed kellu juża s-siġġu tar-roti, u mbagħad kellu jgħix dejjem fis-sodda. Huwa miet fit-3 ta' Marzu 1975. Sa hawn jaslu r-riflessjonijiet ta' Joseph Pace, miktubin b'eleganza u b'qima ta' iben li ma jrid jonqos f'xejn lil missieru.

F'*Vatum Consortium* Karmenu Vassallo, waqt li jikteb fil-plural, isemmi wkoll li Manwel Pace huwa l-awtur tal-versi tal-Innu tal-Partit tal-Ħaddiema. Stqarrija ffirmata minn G. Bencini, is-Segretarju Ġenerali tal-Partit tal-Ħaddiema, bid-data tat-30 ta' Novembru 1929, imxandra f' 'Il Cotra' (n. 119, 5 ta' Diċembru 1929, p.6), tgħid hekk:

''Il Cumitat Esecutiv, fl'ahhar lakgha li chellu, ghazel bhala Innu tal Partit, l'innu li haun tAht stampat, minn fost l'ohrajn li geu mibghuta lis-Segretariu Generali tal Partit ghal Concors li gie mieftuh f'dan il giurnal biex jinghazel innu li icun l'innu ufficiali tal Partit tal Haddiema.

Il Cumitat Esecutiv jitlob ucoll lill Musicisti Maltin li jaghmlu il Musica ta' dan l'Innu u li jibghatuha ghand is Segretariu Generali is Sur Gian Bencini, 91 Sda. Ridolfo, Sliema.

Zmien ghal da nil Concors xahar mid data ta dan il giurnal.''

Wara din l-istqarrija 'Il Cotra' ppubblikat il-versi tal-innu. Minbarra tibdiliet żgħar fl-aħħar strofa, l-aspett l-iżjed interessanti hu li bħala l-awtur tal-innu hemm imniżżel l-isem Giuse Ellul, u mhux Manwel Pace, kif kellu jkun. Fost il-ftit kitbiet dwaru hemm 'Insellmu lil Manwel Pace' (*L-Orizzont*, 28/1/1982, p. 7) ta' Raymond Mahoney, u 'Il-Versi tal-Innu tal-Partit Laburista' (*Kull Ħadd*, 30/5/2010, p. 9) ta' Michael Fsadni. Hemm fatt importanti li jixraqlu

li jkun magħruf u mistħarreġ minħabba d-dawl li jixħet fuq ir-realtà politika Maltija: Carmelo Mifsud Bonnici u Manwel Pace huma membri ta' familja waħda. Għal Ugo Mifsud Bonnici, iben il-Gross, Manwel Pace huwa z-Ziju Manwel. Ugo, mudell tal-qies u tad-dehen: huwa iben tal-awtur tal-Innu tal-Partit Nazzjonalista, u huwa neputi tal-awtur tal-Innu tal-Partit Laburista.

## L-awtur tal-Innu Nazzjonalista, Carmelo Mifsud Bonnici: ir-raġel ta' Maria Ross

Carmelo Mifsud Bonnici, magħruf bħala 'Il-Gross', wieħed mill-persunaġġi ewlenin fl-istorja tal-Partit Nazzjonalista, twieled f'Bormla fl-1897, u fl-1928 iżżewweġ lil Maria Ross, it-tifla tat-tabib Saver Ross u Carmela. Huma kellhom żewġ ulied, il-Prim Imħallef Giuseppe Mifsud Bonnici, u l-President Emeritu ta' Malta Ugo Mifsud Bonnici. Carmelo Mifsud Bonnici huwa l-awtur tal-versi tal-Innu tal-Partit Nazzjonalista (1932).

Għall-iskopijiet tar-rabta bejn Carmelo Mifsud Bonnici u Manwel Pace fi ħdan familja waħda, nirrepeti t-tagħrif essenzjali dwar Manwel Pace. Huwa twieled f'Bormla fl-1898 minn Giuseppe Pace u Rosalia Tanti, it-tnejn minn Bormla. Fl-1932 huwa żżewweġ lil Giovanna Ross, magħrufa wkoll bħala Jennie, hi wkoll it-tifla tat-tabib Saver Ross u Carmela. Huma kellhom tliet ulied, Miryam, Joseph u George. Manwel Pace huwa l-awtur tal-versi tal-Innu tal-Partit tal-Ħaddiema (1929).

Dan ifisser li l-innijiet taż-żewġ partiti ewlenin fl-istorja politika ta' Malta għandhom il-versi tagħhom miktubin minn żewġ poeti minn Bormla, u li dawn iż-żewġ awturi huma miżżewġin lil aħwa, Maria Ross u Giovanna Ross, huma wkoll Bormliżi.

## Ir-rabta bejn iż-żewġ innijiet

Il-versi taż-żewġ innijiet, miktubin fl-istess medda dejqa ta' żmien, 1929-1932, minn żewġ poeti mrobbijin fl-istess ambjent, huma l-prodott ta' żewġ Bormliżi li, aktarx anki għaliex kienu miżżewġin lil żewġ aħwa, kitbu bi spirtu li ma kellux joffendi lill-avversarji. Stħarriġ tal-istil taż-żewġ testi jista' jwassal biex jingħarfu: (a) ix-xejriet li hemm jixxiebhu bejniethom, kif ukoll (b) ix-xejriet li huma differenti, jew opposti, bejniethom.

Ewlieni fost l-elementi li jixxiebhu hemm it-tħaddim ta' metri popolari. Pace jagħżel l-ottonarju fi strofi ta' erba' versi, kwartini, bir-rima alternata, b'rima maskili dejjem u li tistrieħ kull darba fuq il-konsonanti *n*: *ħaddemin-ħin*, *żmien-ħelsien*, *imnikktin-fqajrin*, *xulxin-ħaddemin*, *sħun-tkun*. Waqt li r-rima ta' Pace ssegwi skema regolari ta' alternanza bejn vers u ieħor, Mifsud Bonnici għandu skema tar-rima ħielsa, mhux-regolari, u hi rima kemm maskili u kemm femminili. Pace jippreżenta rima bejn kliem tronk ta' nisel Semitiku, minħabba li l-kliem kollu tal-innu huwa Semitiku, waqt li Mifsud Bonnici jikteb dejjem rima femminili, bejn kliem Malti li hu kemm Semitiku (*tagħkom-magħkom*, *tagħna-magħna*) u kemm Romanz u Semitiku (*Nazzjonalista-tista'*).

Iż-żewġ poeti kienu qegħdin jiktbu fi żmien il-Kwistjoni tal-Lingwa. Minbarra l-konfront bejn it-Taljan (il-lingwa ewlenija tal-kultura Maltija kollha sa madwar it-Tieni Gwerra Dinjija) u l-Ingliż (il-lingwa tal-poter politiku), kien hemm ukoll il-konflitt tal-Malti ma' kull lingwa dominanti li ħallietu nieqes minn kull għarfien. Dawn ix-xejriet lingwistiċi (u soċjali) tas-snin tletin, li biegħdu liż-żewġ partiti kbar minn xulxin, huma riflessi tajjeb fl-Innu tal-Partit Laburista u fl-Innu tal-Partit Nazzjonalista. Iż-żewġ kurrenti kontemporanji favur il-'Malti Safi' (Malti li jagħżel kliem ta' nisel Għarbi biss) jew favur 'Malti-Taljan' (li jagħżel ukoll kliem ta' nisel Romanz, l-aktar Taljan u Sqalli) huma wkoll kawżi ta' konflitt bejn il-Partit Tal-Ħaddiema u l-Partit Nazzjonalista. Din id-distinzjoni bejn kliem u ieħor hi rappreżentata fiż-żewġ innijiet: l-Innu ta' Manwel Pace hu miktub kollu kemm hu bi kliem ta' nisel Semitiku (kif kien għadu kemm għamel Dun Karm fl-1922 meta kiteb is-sitt versi tal-Innu Malti bi kliem Semitiku biss), waqt li l-innu ta' Carmelo Mifsud Bonnici hu magħmul minn nisġa ta' kliem Semitiku u kliem Romanz.

## 'L-Għaqda' Laburista, 'il-Patria' Nazzjonalista

Id-differenza ewlenija bejn iż-żewġ innijiet tinsab fil-kelliem li jinstema' jitkellem f'kull wieħed. L-innu Nazzjonalista huwa magħmul mill-kliem ta' ġemgħa sħiħa ta' nies, li huma l-Maltin, imsemmijin fil-versi 7-9 bħala *Kattolċi, Latini, Maltin veri*. Din il-vuċi korali tinstema' fil-verbi importanti kollha, sensiela ta' verbi fl-ewwel persuna plural: *aħna*. L-innu huwa l-espressjoni ta' folla unanima li qiegħda tindirizza lil xi ħadd, persuna waħda ( vers 12: 'inti tridna...' ), li hi mara, (vers 1: 'sbejħa patrija'; vers 11:'Malta tagħna').

Għall-kuntrarju, l-Innu Laburista jesprimi l-kliem li xi ħadd jgħid matul il-ħames kwartini biex il-folla tingħaqad. Il-kelmiet *għaqda* (versi 1, 16) u *ningħaqdu* (vers 4) jesprimu t-tnejn il-bżonn li l-moviment Laburista jkun unit. L-innu kollu hu mibni fuq verbi fit-tieni persuna plural (vers 1: *ittajru*) u fl-ewwel persuna plural (vers 12: *nagħtu*). Iż-żewġ tipi ta' verbi jalternaw, waqt li xi drabi jintisġu flimkien (versi 7-8):

*Bierku* s-siegħa li *aħna* fiha
*Rajna* d-dawl, *rajna* l-ħelsien.

'L-għaqda' Laburista u l-'patrija' Nazzjonalista huma personifikazzjonijiet li jbiddlu ż-żewġ organizzazzjonijiet (partit u pajjiż) f'figuri li t-tnejn se jiggarantixxu l-għaqda (vers 1 tal-Innu Laburista: 'ningħaqdu'; vers 18 tal-Innu Nazzjonalista: 'ruħ waħda l-għaqda').

Ir-relazzjoni bejn iż-żewġ partiti tingħaraf l-aħjar fid-dawl tad-differenza ideoloġika tagħhom. L-Innu Laburista, li jsejjaħ lill-ħaddemin (versi 2, 16), jisħaq fuq il-ġustizzja soċjali, kif jidher f'dawn is-siltiet (versi 9, 10, 12, 13, 14):

Tagħder qalbna l-ġuħ u l-faqar,
Dmugħna jkun għall-imnikktin,
...
Hienja nagħtu għall-fqajrin.

U bħal aħwa lkoll ninħabbu
U li ngħinu lil xulxin.

L-Innu Nazzjonalista huwa sejħa biex il-'Maltin veri' (vers 9) jiġġieldu għall-jeddijiet kostituzzjonali tagħhom. Carmelo Mifsud Bonnici jagħżel kliem qawwi, tipiku tal-lingwaġġ tar-Risorġiment Taljan, biex jesprimi l-idea li l-Maltin huma determinati fil-kawża tagħhom. L-innu kollu huwa espressjoni ta' stedina għal konfrontazzjoni sħiħa. Waqt li Manwel Pace jindika hu wkoll l-aspett ġelliedi bħala parti mill-kawża kollha (vers18: 'Jibqa' demmkom jiġri sħun'), għal Mifsud Bonnici l-Maltin huma msejħin li jitqabdu sal-aħħar (vers 13: 'demmna nċarċru'; vers 15: 'Lesti għal kollox'), għax din hi kawża nazzjonali (versi 20, 22, 24):

Qumu bl-eluf minn tagħkom,
...
F'dis-siegħa tat-taqbid.
...
Għall-ġlieda tal-art tagħna.

Iż-żewġ innijiet jesprimu sejħa għall-qawmien: Pace jsejjaħ lill-kotra bil-kelmiet *ittajru* (vers 1) u *'il quddiem* (vers 17), u Mifsud Bonnici bil-kelmiet *ejjew* (versi 19, 21,25) u *qumu* (versi 20, 25). Fiż-żewġ innijiet hemm il-motiv ta' kawża reliġjuża; Alla hu msemmi minn Pace fil-vers 15, u minn Mifsud Bonnici fil-vers 25. Kemm l-Innu Nazzjonalista u kemm l-Innu Laburista (versi 26 u 20 rispettivament) jagħlqu biċ-ċertezza tar-rebħa:

Ejjew biex *nirbħu* żgur.
Tagħna *r-rebħa* fl-aħħar tkun.

Il-metafora tal-Omm, fondamentali fil-Poeżija Maltija kollha, hi preżenti fiż-żewġ innijiet. Pace jevoka lill-Omm mingħajr ma jsemmiha (vers 13: 'U bħal aħwa lkoll ninħabbu'), waqt li Mifsud Bonnici jiftaħ direttament biha (vers 1: 'Sbejħa patrija, uliedek aħna'). Il-motiv tal-preżent, issa u hawn, huwa importanti fit-tnejn. Pace jagħżel il-kelmiet *fis* (vers 1), *f'dan il-ħin* (vers 4), *issa* (versi 5-6), waqt li Mifsud Bonnici jikteb innu li, mill-bidu sal-aħħar, huwa appell lill-Maltin biex, issa u hawn, *iqumu* (versi 20, 25).

Id-destinatarji ta' dawn iż-żewġ innijiet f'għamla ta' appelli huma differenti. Pace qiegħed jikteb l-innu f'isem il-'ħaddemin' (vers 2), u 'L-għaqda... tal-ħaddemin' (vers 16), jiġifieri l-Partit tal-Ħaddiema. Waqt li jfittex dejjem il-kelma Maltija Semitika, huwa jagħżel il-kelma *għaqda* (Semitika) bil-ħsieb li din tfisser 'partit' (Romanza). Il-fatt li l-innu tiegħu hu miktub kollu kemm hu bi kliem Malti 'safi' - kif kien jingħad dwar il-Malti mingħajr kliem mhux-Semitiku - joffri kuntrast politiku, u mhux biss stilistiku, mal-pożizzjoni pro-Taljana tal-Partit Nazzjonalista. Dan hu wieħed mill-eżempji li jindikaw il-pożizzjoni li hu ħa dwar il-Kwistjoni tal-Lingwa, li kienet fl-aqwa tagħha fi żmienu. L-innu Laburista, mela, hu miktub f'termini ta' klassi soċjali (vers 9: *l-ġuħ u l-faqar*; vers 10: *imnikktin*; vers 12: *fqajrin*).

Min-naħa l-oħra, l-innu ta' Mifsud Bonnici għandu destinatarji ta' xeħta partiġġjana: huma Maltin Nazzjonalisti (versi 2-1: 'sbejħa patrija, uliedek aħna/ Tal-Partit Nazzjonalista';'*Nazzjonalisti*, vers 19). Jekk huma 'Nazzjonalisti',

huma wkoll *Kattolċi* (vers 7), *Latini* (vers 8), jiġifieri 'Maltin veri' (vers 9). Fil-kelma 'Latini' tinġabar il-konvinzjoni Nazzjonalista kollha li kienet parti mill-qofol tal-Kwistjoni tal-Lingwa. Waqt li f'xogħlijiet oħrajn wera l-ħakma sħiħa tal-Ilsien Malti li kellu, hawnhekk Carmelo Mifsud Bonnici jrid jisħaq fuq ir-rabta bejn Malta u l-kultura Taljana. Sensiela ta' kliem Malti Romanz hi maħsuba biex tqiegħed storja sħiħa fuq fomm kull min se jkanta: *oppressjoni, vittorjuża, trijonfanti, monument, glorja* (versi 3-6). Eżempju ieħor jinsab fil-binja sintattika tal-versi 3-5. Il-kostruzzjoni ta' din is-sentenza hi magħrufa bħala devjazzjoni sintagmatika, minħabba li tbiddel l-ordni normali tal-kliem li jsawwar sentenza Maltija. Hi Latiniżmu li jinħass l-aktar fit-tqegħid tal-verb lura fis-sentenza. Din hi l-kostruzzjoni ta' Carmelo Mifsud Bonnici, u l-oħra hi l-kostruzzjoni normali:

Irriduk mill-oppressjoni

Tal-għedewwa toħroġ tista' vittorjuża u trijonfanti,

Monument għall-glorja tagħna.

Ta' Kattolċi,

Ta' Latini,

Maltin veri;

Naħilfuh!

Irriduk tista' toħroġ

vittorjuża u trijonfanti,

monument għall-glorja tagħna,

mill-oppressjoni tal-għedewwa; (dan) naħilfuh

ta' Kattolċi,

ta' Latini,

(ta') Maltin veri.

Fuq in-naħa l-oħra kien hemm il-pożizzjoni Feniċja ta' Strickland. Il-Puriżmu

tal-Innu Laburista, fuq naħa, u l-Italjaniżmu tal-Innu Nazzjonalista, fuq in-naħa l-oħra, juru li ż-żewġ innijiet, espressjoni ta' żewġ blokki popolari kbar, jesprimu wkoll il-firda tipika tal-pajjiż: il-qasma fi tnejn, id-duwalità li hi fattur kostanti, fiss, li jitbiddel skont ix-xejriet taż-żmien. L-innijiet huma eżempji tal-kostanti u tal-varjabbli fil-ħsieb Malti tas-snin għoxrin-tletin. Imqabblin flimkien, iż-żewġ innijiet juru kemm hemm kliem komuni bejniethom, jiġifieri kliem ippreferut li jsawwar il-lessiku essenzjali tad-diskors politiku. Huwa eqdem minn żmien iż-żewġ poeti, waqt li hu tipiku wkoll tal-Poeżija tar-reġjun. Dawn huma listi tal-kliem li jista' jitqies l-istess jew kważi-sinonimu fiż-żewġ innijiet:

*Innu tal-Partit tal-Ħaddiema*
għaqda, sbejjaħ, jsejjaħ, ningħaqdu, f'dan il-ħin, issa, issa, s-siegħa li aħna fiha, ħelsien, aħwa lkoll, Alla, demmkom, tagħna r-rebħa... tkun.

*Innu tal-Partit Nazzjonalista*
Sbejħa, uliedek aħna, demmna, libertà, tgħajtilna, għaqda, f'dis-siegħa, Alla.

Dan ix-xebh bejn żewġ innijiet miktubin fl-istess firxa ta' snin (1929-1932), u maħsubin bħala espressjoni ta' żewġ movimenti kontra xulxin, huwa aspett importanti għaliex juri li fil-qiegħ ta' kollox iż-żewġ partiti kellhom għan wieħed, kif urew il-kisbiet kollha li wasslu biex kolonja ssir stat indipendenti u repubblika ħielsa. Dan il-qbil essenzjali jiftiehem aħjar jekk jitqies fil-kuntest tal-epoka: l-irvell tas-Sette Giugno (1919), l-ewwel Parlament (1921), l-ewwel festa nazzjonali (1922), l-ewwel preżentazzjoni tal-Innu Malti (1922).

## Fl-isfond tar-Risorġiment Taljan

Jekk jitwessa' dan il-kwadru Malti, kollox jista' jitqiegħed fil-kuntest tal-qagħda kulturali ta' Malta, kolonja Ingliża, b'kultura Taljana, bi lsien ta' nisel Semitiku, bi tradizzjoni Nisranija. L-istħarriġ tax-xebh bejn iż-żewġ innijiet juri s-sehem taż-żewġ awturi fi tradizzjoni kulturali waħda, Italo-Maltija. Hi tradizzjoni antika li rat it-tiġdid tagħha fi żmien ir-Risorġiment Taljan meta l-preżenza ta' bosta eżiljati Taljani fl-ewwel sittin sena tas-seklu dsatax għenet ħafna fl-iżvilupp tal-kuxjenza nazzjonali Maltija. Riferiment ħafif

għall-kliem tipiku li hemm f'*Il Canto degli Italiani* – magħruf bħala *Fratelli d'Italia* (1847) – ta' Goffredo Mameli (1827-1849) juri kif iż-żewġ innijiet huma espressjoni tal-maturità politika li biha Malta waslet għas-sovranità. F'dan il-kliem meħud mill-innu ta' Mameli, eżempju tar-Romantiċiżmu komuni għar-reġjun kollu, hemm il-kliem-muftieħ taż-żewġ innijiet: fratelli, l'Italia s'è desta, vittoria, l'Italia chiamò, uniamoci, amiamoci, libero, Dio.

**Żewġ Partiti, Kultura Waħda**

Ix-xebh qiegħed hemm bħalma hemm id-differenza. L-istħarriġ tal-qofol tematiku u stilistiku taż-żewġ innijiet jista' juri li ż-żewġ partiti li bnew lil Malta moderna setgħu jirnexxu bis-saħħa tal-paradoss li jikkaratterizzahom: huma differenti, ulied realtà waħda. Fuq il-qbil inbniet id-differenza, bħalma d-differenza hi meħtieġa biex jinkiseb il-qbil. Carmelo Mifsud Bonnici u Manwel Pace, l-awturi ta' żewġ partiti opposti, bħala rġiel miżżewġin lil aħwa, jesprimu realtà li qabel ma hi partiġġjana, hi nazzjonali.

Lingwaġġ Taljan u lingwaġġ Semitiku, jeddijiet kostituzzjonali u ġustizzja soċjali, poter vs poplu, sinjur vs fqir, partit vs patrija: dawn ix-xejriet u oħrajn juru li ż-żewġ innijiet huma mitwielda fi ħdan l-istess familja.

*Nota: verżjoni ftit differenti ta' dan l-artiklu dehret f'Il-Mument, 2 ta' April 2017, pp.* 30-31; 9 ta' April *2017 pp. 31-30*

**Appendiċi**

## INNU TAL-PARTIT TAL-ĦADDIEMA

Lejn din l-għaqda fis ittajru
Xjuħ u żgħażagħ ħaddemin,
Leħen sbejjaħ lilna jsejjaħ
Biex ningħaqdu f'dan il-ħin.

Issa l-jum mistenni twieled,
Issa tar tal-biża' ż-żmien,
Bierku s-siegħa li aħna fiha,
Rajna d-dawl, rajna l-ħelsien.

Tagħder qalbna l-ġuħ u l-faqar.
Dmugħna jkun għall-imnikktin,
Sew ħilitna kemm saħħitna,
Hienja nagħtu għall-fqajrin.

Li bħal aħwa lkoll ninħabbu
U li ngħinu lil xulxin,
Sew kif Alla b'amar ħalla
L-għaqda jrid tal-ħaddemin.

'Il quddiem fil-ħidma mbierka,
Jibqa' demmkom jiġri sħun;
Seddqu qalbkom, qawwu qalbkom,
Tagħna r-rebħa fl-aħħar tkun.

*Manwel Pace*
(1929)

## INNU TAL-PARTIT NAZZJONALISTA

Sbejħa patrija, uliedek aħna
Tal-Partit Nazzjonalista,
Irriduk mill-oppressjoni
Tal-għedewwa toħroġ tista'
Vittorjuża u trijonfanti,
Monument għall-glorja tagħna.
Ta' Kattolċi,
Ta' Latini,
Maltin veri;
Naħilfuh!

Malta tagħna,
Meta inti tridna
Demmna nċarċru
Għal-libertà.
Lesti għal kollox
Jekk int tgħajtilna.
Ruħ waħda l-għaqda
Minn tagħna tkun.

Ejjew Nazzjonalisti,
Qumu bl-eluf minn tagħkom,
Ejjew bil-bnadar magħkom
F'dis-siegħa tat-taqbid.
Mill-bliet u mill-kampanji
Għall-ġlieda tal-art tagħna.
Qumu, għax Alla magħna,
Ejjew biex nirbħu żgur.

*Carmelo Mifsud Bonnici*
(1932)

# LINGWISTIKA

# KUNJOMIJIET MALTIN TA' NISEL TALJAN: XI ASPETTI GRAMMATIKALI U FONOLOĠIĊI

Mario Cassar

**Ftit premessi**

Il-grammatika hija l-qasam tal-istudju xieraq tal-lingwa mifhuma bħala damma ta' regoli; jew mod ieħor, il-grammatika hija d-deskrizzjoni tal-istruttura ta' lingwa u l-mod kif elementi morfoloġiċi differenti jsawru unitajiet li jagħmlu sens.[1] Il-fonoloġija hija dik il-fergħa tal-lingwistika li tistudja s-sistema tal-ħsejjes distintivi fi lsien partikolari; dixxiplina li tispjega kif fid-diskors minn livell ta' ħoss il-kelliem ta' lingwa speċifika jasal għal-livell ta' tifsir.[2] Ħafna lingwisti jagħmlu differenza netta bejn il-fonetika u l-fonoloġija, anki jekk oħrajn jaraw biss differenza fil-livell ta' analiżi. Madankollu huwa leġittimu li nitkellmu fuq 'il-fonetika u l-fonoloġija tat-Taljan jew tal-Malti'.

Jekk il-kunjomijiet jitqiesu bħala realizzazzjoni mikrokożmika tal-lingwa, allura jistgħu jiġu studjati grammatikalment bl-istess mekkaniżmi loġiċi u bl-istess tassonomija sistematika. Bl-istess mod, il-kunjomijiet huma suġġett ukoll għal sett vast ta' konvenzjonijiet fonetiċi u restrizzjonijiet fonotattiċi. Fl-istess waqt, ma nistgħux nifirdu l-komponent strettament formali tal-kunjom minn kunsiderazzjonijiet etimoloġiċi. Il-problema hija li l-etimoloġija hija l-aktar fergħa prekarja tal-lingwistika għax fiha element qawwi ta' konġettura. It-tifsiriet li sa nagħti ta' ċerti kunjomijiet mhux bilfors li huma assoluti. Ħafna drabi, jien stess ikolli toroq alternattivi ta' interpretazzjoni. Meta nuża l-kelmiet 'jekk' jew 'forsi' jfisser li hemm derivazzjonijiet oħrajn. L-istess diskors jgħodd għal meta ngħid li l-eżempju konċernat huwa 'problematiku'.

Għalkemm il-kunjomijiet li sa niddiskuti jidhru li huma Taljani fil-forma preżenti tagħhom, jista' jkunu addattamenti Taljani ta' kunjomijiet imnissla minn għejun oħra (eż. Spanjoli, Franċiżi jew Griegi). Fl-epoka tal-Kavallieri nafu li kunjomijiet stranġiera kienu normalment jiġu Taljanizzati. *Trigance* sar *Triganza*; *Pantalleresque* sar *Pantalleresco*, eċċ.[3]

## Kunjomijiet bl-artiklu definit

L-artiklu definit huwa determinatur li l-funzjoni bażika tiegħu hija li jispeċifika jew jikkwalifika n-nomi. Xi kultant, fil-kunjomijiet, l-artiklu jibqa' maqtugħ għalih, filwaqt li f'każijiet oħra jiġi agglutinat man-nom segwenti.[4]

L-artiklu maskil **Lo** jidher fil-kunjomijiet *Loporto* (*lo* + *porto*) [23] u *Lofaro* (*lo* + *faro*) [22].[5]

L-artiklu femminil **La** jidher fil-kunjomijiet *La Corte* [3][6], *Laferla/La Ferla* [135], *Laspina* (*la* + *spina*) [10],[7] *Lapira* (*la* + *pira*) [69], *La Grasta* [9], u *La Rosa* [34].

L-artiklu mqassar quddiem vokali **L'** jidher fil-kunjom *Lungaro* (< *L'Ungaro*) [40].[8]

M'għandniex kunjomijiet bl-artikli **Li** (forma ta' **Gli** fl-Isqalli u fit-Toskan arkajku), **Le**, **Lu** (fid-djaletti tan-Nofsinhar), u **Il**. *Lubrano* [9] huwa problematiku għax is-sekwenza inizjali *Lu-* mhux bilfors għandha valur ta' artiklu.[9]

Kunjomijiet Taljani bl-artiklu definit huma meridjonali, evidenti ħafna fil-Campania, il-Puglia, il-Basilicata, u Sqallija. Fi Sqallija huma aktar komuni l-forom magħżulin (e.g. *La Rosa*, bl-elementi mhux agglutinati), filwaqt li fit-tliet reġjuni l-oħra huma aktar komuni l-forom univerbati (e.g. *Larosa*, bl-elementi agglutinati).[10]

## Kunjomijiet bil-prepożizzjonijiet

L-aktar prepożizzjonijiet komuni li jidhru fl-antroponimija Taljana huma **De** (kultant **Di** jew **D'**) u **Da**. Għal darb'oħra jeżistu forom magħżulin u forom mehmużin.[11]

Kunjomijiet bil-prepożizzjoni **De**: *De Leonardo* [23], *De Lorenzo/Delorenzo* [15], *De Domenico/Dedomenico* [22], *De Felice/Defelice* [9], *De Lucca*

[6]; *Debono/De Bono* [3,775], *Debattista/De Battista* [1,305], *Debrincat/ De Brincat* [379], *Decarlo/De Carlo* [45], *Decesare/De Cesare* [58], *Depasquale* [131], *Degabriele/De Gabriele* [483], *Degiovanni/De Giovanni* [98], *Demarco/De Marco* [124], *De Maria* [12], *Demartino/ DeMartino* [36], *Degaetano/De Gaetano* [75], *Demanuele/D'Emanuele* [441], *De Raffaele* [19], eċċ.[12]

Kunjomijiet bil-prepożizzjoni **Di**: *Distefano* [28], *Dimech* (< *Di Meco* < *Domenico* jew *Michele*) [1,638].

Kunjomijiet bil-prepożizzjoni **D'** (quddiem vokali): *D'Alfonso* [53], *D'Agata* [12], *D'Alessandro* [10], *D'Ambrogio* [10], *D'Amico* [25], *D'Anastasi* [106], *D'Angelo* [6], *D'Arrigo* [3], *D'Ancona* [6], *D'Ugo* [28]; *Darmanin* (< *D'Armanino*) [1,438], *Delia* (< *D'Elia*) [510], *Darmenia* (< *D'Armenia*) [35], *Dandria* (< *D'Andria*) [8], *D'Amato/Damato* [688].[13]

M'għandniex kunjomijiet bil-prepożizzjoni **Da**.

Xi kultant dawn il-prepożizzjonijiet għandhom funzjoni patronimika jew matronimika, jiġifieri jindikaw l-isem tal-missier jew tal-omm (e.g. *De Lorenzo, Degaetano, Deflavia, De Maria*); drabi oħra, jindikaw il-provenjenza (e.g. *De Lucca, D'Ancona, Darmenia*). Aktarx li *Delicata* [133] tnissel minn *De Licata*, u mhuwiex il-forma femminili ta' *Delicato*, filwaqt li *Denaro* [5] aktarx li tnissel minn *De Naro*, u mhuwiex rifless tan-nom komuni *denaro*. Għalhekk anki dawn it-tnejn huma kunjomijiet ta' provenjenza. Licata u Naro, fil-fatt, huma bliet fi Sqallija. *Depiro* [4] jista' jkun patronimku jekk ħareġ minn *De Piro* (< *Piero* jew *Pirro*)[14], u jista' jkun appellativ etniku jekk ħareġ minn *D'Epiro* (< Epiros, distrett Grieg). *Desira* [859] jista' jkun matronimiku jekk ħareġ minn *De Sira* (isem personali femminili), u jista' jkun toponimiku jekk ħareġ minn *De Sira* (< Syra, gżira Griega). L-istess *Dandria* [8]; jista' jkun patronimiku jekk ħareġ minn *Andria* (forma reġjonali ta' *Andrea*), jew toponimiku jekk ħareġ minn Andria (belt f'Bari). Meta niltaqgħu ma' kunjomijiet bħal *Gabriele* [34], *Giorgio* [39], *Napoli* [11], eċċ. nistgħu nissoponu li tilfu l-prepożizzjoni **De/Di** maż-żmien.

Il-fatt li l-ismijiet wara l-prepożizzjoni **De** fil-kunjomijiet lokali jidhru fis-singular u mhux fil-plural jindika affinità akbar man-Nofsinhar tal-Italja (e.g. *De Carlo* huwa aktarx meridjonali filwaqt li *De Carli* huwa aktarx settentrjonali u effettivament Malta ma ssibux).

Il-prepożizzjonijiet, imbagħad, jistgħu jingħaqdu mal-artiklu.[15]

Kunjomijiet bil-prepożizzjoni **Del**: *Delceppo* (*del* + *ceppo*) [105], *Delmar* (jekk minn *Del Mare*) [86].[16]

Kunjom bil-prepożizzjoni **Dal**: *Dalmas* (jekk minn *Dal Maso*) [57].[17]
M'għandniex kunjomijiet bil-prepożizzjonijiet *Dello, Della, Dell', Degli, Delli, Delle, De'* (flok *Dei), Dalla, Dall', Dalli, Dalle.*

**Kunjomijiet bi prefissi jew psewdoprefissi oħra**

Il-kunjomijiet *Amaira* [51] u *Arapa* [36] huma interessanti għax probabbilment evolvew b'dan il-mod: *Amaira* < *L'Amaira* < *La Maira; Arapa* < *L'Arapa* < *La Rapa*. F'dawn il-każijiet il-prefiss *A-* huwa riżultat ta' miżdiviżjoni tal-artiklu oriġinali. Jista' jagħti l-każ ukoll li l-artiklu sempliċiment tilef il-*l* inizjali skont il-konswetudni tad-djaletti meridjonali, biex imbagħad seħħet l-agglutinazzjoni (e.g. *Arapa* < *a rapa* < *la rapa*).[18]

Psewdoprefissi komuni oħra fl-antroponimija Taljana huma **Bon-/Bona-/ Buon** (li jitfaċċaw fil-kunjomijiet *Bonanno* [349], *Bongiovanni* [10], *Bonavia* [556], *Bonavita*)[19] u **San-/Sant'** (li jidher biss fil-kunjom *Santangelo/ Sant'Angelo* [10]). M'għandniex kunjomijiet bil-prefiss **Mal-/Mala**- (eż. *Malvento, Malaspina, Malatesta*).

Prefissi veri huma **In-, Inter-** u **Intra-** (eż. *Incardona, Incarbone, Incremona, Intrabartolo, Internicola*); dawn ifissru normalment 'membru tal-familja N' jew 'miżżewweġ fil-familja N'.[20] L-uniku eżempju mingħajr ebda ekwivoku li nsibu f'Malta huwa *Incorvaja* (< *Corvaja*) [197]. *Imbroll* [31] huwa problematiku għax jista' jkun rifless ta' **In Brollo*, daqskemm forma modifikata ta' *Imbrogli* (kunjom medjevali) jew rifless ta' *imbroglio* (sostantiv).

Il-prepożizzjoni **In-** tista' tiġi interpretata wkoll f'termini fonoloġiċi. F'Palermo u l-madwar, iħobbu jżidu *-n-* jew *-m-* eskrexxenti bejn il-prepożizzjoni u l-element segwenti. Hekk *Di Corvaja* u *Di Brollo* jitlissnu 'Dincorvaja' u 'Dimbrollo', li meta jiġu riinterpretati bħala *D'Incorvaja u D'Imbrollo*, finalment jagħtu l-forom *Incorvaja* u *Imbroll*.[21]

Ħadd s'issa għadu ma ppropona spjegazzjoni konvinċenti tal-kunjom lokali *Zrinzo* [26]. L-awtur preżenti qed jissuġġerixxi r-rifless prostetiku (b'*S-/Z-*) tal-kunjom *Rinzo* (varjant Taljan tal-Franċiż *Rince*; jew forma parallela ta' *Renzo* < *Lorenzo,* imsaħħa bl-attestazzjoni medjevali tal-kunjom *Zrenzo* < **Srenzo*). Il-valur tal-konsonanti inizjali mhuwiex privattiv, kif forsi wieħed jista' jobsor, imma awmentattiv-intensiv jew saħansitra peġorattiv. Hekk huwa l-każ f'kunjomijiet Taljani bħal *Sgobbo* (< *Gobbo*), *Sbergamo* (< *Bergamo*), *Sbarbaro* (< *Barbaro*), *Sbrizzi* (< *Brizzi*), *Sgrillo* (< *Grillo*), u *Scarlo* (< *Carlo*).[22]

**Forom maskili u femminili**

L-aktar forma komuni ta' kunjom maskili tispiċċa bid-desinenza -**o**: *Grasso* [57], *Magro* [1.494], *Longo* [10], *Ungaro* [33], *Calafato* [88], *Carbonaro* [128], *Ghirlando* [18], *Mansueto* [95], *Rizzo* [439], *Peresso* [42], eċċ. Xi kunjomijiet maskili oħra jispiċċaw bit-tarf -**e**: *Conte* [9], *Vitale* [15], *Valente* [10], *Maione* [8], *Forte* [14], *Leone* [56], eċċ. Normalment il-forma femminili tingħaraf bis-suffiss -**a**. Għalhekk il-kunjomijiet *Aquilina* [3,559], *Calvagna* [22], *Giardina* [32], *Castorina* [12], *Cristina* [82], *Formosa* [2,118], *Lofreda/Loffreda* [28], *Mirabella* [9], *Ricca* [12], *Sevasta/Savasta* [40 flimkien], *Taliana* [239], eċċ. huma l-ekwivalenti femminili ta' *Aquilino, Calvagno, Giardino, Castorino, Cristino, Formoso, Lofredo, Mirabello, Ricco, Sebastio*, u *Taliano* rispettivament – dawn kollha ma jokkorrux f'Malta. Il-kunjom *Abela* [5,059] aktarx huma l-forma femminili ta' *Abele*. M'għandniex kunjomijiet bis-suffissi femminili -**ice** (e.g. *Imperatrice*) u -**essa** (e.g. *Principessa*).

**Forom diminuttivi**

Is-suffissi diminuttivi normalment jinsinwaw ċokon, imma kultant anki sens ta' għożża. L-antroponimija Taljana hija miżgħuda b'dawn il-forom diminuttivi. Dan hu, fil-fatt, wieħed mill-fatturi li jispjega għala f'dan il-pajjiż jeżistu daqstant derivazzjonijiet tal-istess kunjom.

Kunjomijiet bis-suffissi **-ello/-ella/-elli**:[23] *Bonello* [2,414] < *Bono, Tortell*(a) [32] < *Torta, Pecorella* [19] < *Pecora, Martinelli* [38] < *Martino, Mazzitelli* [24] < *Mazzi, Portelli* [3,267] (jekk minn < *Porta*),[24] *Privitelli* [37] < *Prevete, Antonelli* [29] < *Antonio.*

Kunjomijiet bis-suffissi **-illo/-illa/-illi** (tipikament meridjonali): *Santillo* [13], *Melillo* [13].

Kunjomijiet bis-suffissi **-etto/-etta/-etti**:[25] *Gabarretta* (jekk minn *gabarra*) [17], *Gruppetta* (jekk minn *groppa*) [52], *Marchett* [22] < *Marco, Castelletti* < *Castello,*[26] *Valletta* [157] < *Valle, Parretti* [6] < *Parri* < *Gaspare.*

Kunjomijiet bis-suffissi **-itto/-itta/-itti** (tipikament meridjonali): *Cappitta* ( < *Cappa*) [15].

Kunjomijiet bis-suffissi **-olo/-ola/-oli/-uolo**: *Tomasuolo* (< *Tommaso*) [9], *Raniolo* (< *Raino*) [4], *Facciol* (jekk minn *Facio*) [74],[27] *Coppola* (<

*Coppa*) [70]. *Cricchiola* [15] huwa problematiku.[28]

Kunjomijiet bis-suffissi **-uccio/-uccia/-ucci**: *Santucci* (< *Santo*) [9], *Ballucci* < *Balducci* < *Baldo*) [10].

Kunjomijiet bis-suffissi **-otto/-otta/-otti** (tipikament settentrjonali jew Sqallin):[29] *Giacomotto* [16], *Perotti* [13], *Fiott*(o) [66], *Bellotti* [41], *Carabott*(o) (jekk minn *carabba*) [715], *Scotto* (jekk minn *Francescotto*) [13].

Kunjomijiet bis-suffissi **-ozzo/-ozza/-ozzi**: *Albanozzo* [10].

Kunjomijiet bis-suffissi **-ano/-ana/-ani**: *Giuliano* [42], *Quintano* [48], *Florian*(o) [21], *Mariani* [17].

L-aktar suffiss diminuttiv komuni huwa kif mistenni **-ino/-ina/-ini**:[30] *Valentino* [43], *Pandolfino* [34], *Baldacchino* [1,962], *Battistino* [26], *Audino* [4], *Giacchino* [21], *Alfino* [23], *Maurin*(o) [19], *Magrin*(o) [96], *Pullicino* [513], *Serpina* [10], *Aquilina* [3,559], *Castorina* [12], *Cordina* (jekk minn *Corda*) [559], *Fiorini* [93], *Masini* [47], *Orsini* [50], *Perini* [20], *Stellini* [228], *Ruffini* [3], *Coppini* [103], eċċ.

Is-suffiss **-ino**, madankollu, f'xi każijiet, jista' jkollu funzjoni patronimika, bħallikieku l-iben jitqies bħala minjatura ta' missieru. Ngħidu aħna, jekk il-missier jismu *Costanzo*, it-tifel tiegħu jibda jissejjaħ *Costantino* [20].[31]

M'għandniex eżempji li jispiċċaw bis-suffissi: **-acchio, -icchio, -icco, -occo, -ucco, -ulo, -ullo, -usso, -uzzo, -utto, -ucchio, -atto, -acco, -osso**, u **-izzo**.

Interessanti l-kunjom *Cacciattolo/Cacciottolo* [210 flimkien] li jħaddan żewġ suffissi diminuttivi **-otto** u **-olo**.[32]

## Suffissi awmentattivi

Suffiss awmentattiv jinsinwa sens ta' kobor u l-aktar wieħed komuni huwa bla dubju ta' xejn **-one/-oni**. F'Malta nsibu: *Ascione* [8] < *ascia*, *Cascun* (jekk minn *Cascone* < *casco*) [139], *Garroni* < *garro* [13], *Falzon* (jekk minn *falzo*) [3,404],[33] *Gaglione* (jekk minn *Gaglio*) [10], *Maione* < *Maio* [8], *Perrone* (jekk minn *Pero*) [11], *Pirrone* (< *Piro* jew *Pirro*) [19], *Petroni* < *Pietro* [40], *Moroni* < *Moro*,[34] *Lanzon* (< *Lanza* jew *Lanzo*) [258], *Schiavone* (< *Schiavo*) [158], eċċ.

### Suffissi spreġjattivi

Suffiss spreġjattiv għandu valur peġorattiv, kultant anki offensiv.
Kunjomijiet bis-suffiss **-azzo/-azzi**: *Varrazzo* [9], *Randazzo* [6].
Kunjomijiet bis-suffiss **-ardo/-ardi**: *Biancardi*.[35]

Suffissi oħra ta' din ix-xorta jinkludu **-ecchio**, **-accio**, **-aglio**, **-asso**, u **-astro**; madankollu, ebda wieħed minnhom ma jitfaċċa f'xi kunjom Malti. Apparti minn hekk, bosta studjużi tal-lingwa Taljana jsostnu li l-valur spreġjattiv ta' dawn is-suffissi mhux bilfors kien implikat mill-bidu nett, hekk li llum ħafna minnhom jitqiesu wkoll bħala suffissi diminuttivi.

### Suffissi nominali

Xi kunjomijiet huma denominali, fis-sens li huma mnissla minn kelmiet li fil-lingwa jaqdu l-funzjoni ta' nom konkret jew astratt. B'mod alternattiv, jistgħu jissejħu sostantivi (< Latin *nomen substantivum*). Suffissi Taljani li joħolqu nomi huma mill-aktar numerużi, u l-lista li ġejja tirrappreżenta biss kampjun żgħir.
Kunjomijiet bit-tarf **-agno/-agna/-agni**: *Compagno* [47], *Castagna* [23].
Kunjomijiet bit-tarf **-ale/-ali**: *Cardinali* [6].
Kunjomijiet bit-tarf **-anza**: *Speranza* [18].
Kunjomijeit bit-tarf **-aggio/-aggi**: *Selvaggi* [13].
Kunkomijiet bit-tarf **-iglio/-iglia**: *Consiglio* [47].
Kunjomijiet bit-tarf **-enza**: *Sapienza* [23].

Ma sibtx kunjomijiet b'desinenzi oħra bħal **-ezza**, **-izia**, u **-ore/-ori**.

### Suffissi aġġettivali jew suffissi parteċipjali b'valur aġġettivali

It-Taljan għandu numru vast ħafna ta' suffissi f'dan ir-repertorju. Il-funzjoni ta' aġġettiv hija sintendi dik li jimmodifika n-nom; madankollu, il-parteċipju, anki jekk jappartjeni għal klassi lessikali oħra, kemm-il darba jaqdi l-funzjoni grammatikali ta' aġġettiv.
Kunjomijiet bis-suffiss **-ente/-enti**: *Valente/Valenti* [16 flimkien].
Kunjomijiet bis-suffiss **-ato**: *Amato* [120, *Spampinato* [7].
Kunjomijiet bis-suffiss **-ito**: *Ferrito* [31].
Kunjomijiet bis-suffiss **-oso/-osa/-osi**: *Formosa* [2,118], *Preziosi* [7].

Kunjomijiet bis-suffiss -**uto/-uti**: *Barbuto* [8], *Pizzuto* [136], *Minuti* [42].
Kunjomijiet bis-suffiss -**ano/-ana**: *Morana* [16], *Balzan*(o) [721].
Kunjomijiet bis-suffiss -**abile**: *Mirabile* [5].
Kunjomijiet bis-suffiss -**ile**: *Gentile* [5].
Kunjomijiet bis-suffiss -**atico**: *Selvatico* [6].
Kunjomijiet bis-suffiss -**ibile**: *Terribile* [42].
Kunjomijiet bis-suffiss: -**uso**: *Callus* (jekk minn *Calluso*) [718].[36]

Ma sibtx kunjomijiet lokali li jispiċċaw bid-desinenzi **-ante, -ondo, -evole, -ico,** u **-ido.**

**Suffissi tal-mestier**

Dawn is-suffissi joħolqu *nomina agentis* (nomi tal-aġent) – nomi derivati li l-morfoloġija tagħhom issawwar is-sens ta' 'xi ħadd li jagħmel xi ħaġa'. Ħafna drabi jindikaw persuni ta' xi sengħa partikolari.

Kunjomijiet bis-suffiss -**aio/-ai** (tipikament Toskani): *Cossai* [13].
Kunjomijiet bis-suffiss -**aro/-ari**: *Carbonaro* [128], *Scolaro* [4], *Fondacaro* [9], *Montanaro* [139], *Spadaro* [4], *Cavallaro* [9], *Caligari* [89], *Olivari* [15].[37]
Kunjomijiet bis-suffiss -**erio**: *Oliverio* [3].
Kunjomijiet bis-suffiss -**ero/-eri**: *Oliveri* [6], *Camilleri* [13,033], *Spiteri* [7,587], *Ancilleri* [72], *Barberi* [9].
Kunjomijiet bis-suffiss -**iero/-ieri** (mill-Franċiż Normann *-ier*): *Barbieri* [14], *Bordieri* [15], *Bottiglieri* [9], *Corrieri* [8], *Portanier* (forsi direttament mill-Franċiż) [84].[38]
Kunjomijiet bis-suffiss -**tore**: *Cacciatore* [9].[39]

Ma sibtx kunjomijiet lokali li jispiċċaw bit-truf -**ario**, -**adro** u -**olo**.

**Suffissi etniċi**

Dawn is-suffissi joħolqu termini li l-morfoloġija tagħhom issawwar is-sens ta' 'xi ħadd li joqgħod xi mkien jew li oriġina min xi raħal, belt, reġjun, jew pajjiż'. Għalhekk joħolqu termini ta' provenjenza mingħajr il-ħtieġa tal-prepożizzjoni **De** (e.g. *Lucchese = De Lucca*).

Kunjomijiet bis-suffiss **-esco**: *Tedesco* [91], *Pantalleresco* (flok *Pantesco*) [77].

Kunjomijiet bis-suffiss **-ese/-esi**: *Albanese* [7], *Genovese* [276], *Milanes*(e),[40] *Ascolese* [8], *Lucchese* [17], *Ragonesi* [11], *Portughes*e [7].[41]

Kunjomijiet bis-suffiss **-ino**: *Fiorentino* [51].

Kunjomijiet bis-suffiss **-oto**: *Cipriott* [23].

Kunjomijiet bis-suffiss **-itano**: *Reitano* (< Reggio Calabria) [10], *Polidano* (< *Politano*) [504].

Kunjomijiet bis-suffiss **-eo**: *Romeo* < *Roma* [8], *Sarreo* (jekk minn *Sarro*) [4].

Kunjomijiet bis-suffiss **-ano/-ani**: *Romano* [34], *Catalano* [2], *Padovani* [55], *Veneziani* [33], *Pisani* [1,386], *Trevisan*(o) [9].

## Id-desinenza *-i*: plural jew ġenittiv?

Għaliex f'Malta jeżistu kunjomijiet bħal *Lombardo* u *Lombardi*, jew *Bartolo* u *Bartoli*? Id-desinenza *-i* fl-antroponimija Taljana hija suġġett ta' dibattitu jaħraq fost l-istudjużi. Hawn min isostni li hija sempliċiment l-eżitu tal-plural jew tal-kollettiv; b'hekk l-ismijiet *Giovanni* (*dei*) *Martini* jew *Marco* (*degli*) *Uberti* jindikaw grupp sħiħ ta' membri tal-istess familja u allura bl-istess kunjom, hekk kif fl-Ingliż nitkellmu dwar il-*Fords* u s-*Smiths*. Madankollu, oħrajn huma tal-fehma li l-*i* finali hija l-eżitu tal-ġenittiv Latin. Bil-Latin ngħidu *agnus dei* ('il-ħaruf t'Alla') u *stupor mundi* ('l-għaġeb tad-dinja'). Mela *Petrus filius Guidi* u *Johannes filius Martini* fil-proċess ta' dokumentazzjoni saru *Pietro Guidi* ('Pietru t-tifel ta' Guido') u *Giovanni Martini* (Ġanni t-tifel ta' Martin').[42] Għalkemm m'hemmx firxa ġeografika ċara u konsistenti, jidher li l-forom bl-*i* finali huma aktar komuni fit-Tramuntana tal-Italja (partikolarment fil-Lombardia u l-Emilia-Romagna), filwaqt li l-forom bl-*o* finali huma aktar kotrana fin-Nofsinhar tal-pajjiż (partikolarment fi Sqallija).[43] F'Malta jeżistu *Adami* [11], *Albani* [30], *Balbi* [10], *Costanzi*,[44] *Minuti* [42], *Preziosi* [7], *Fabri* [247], *Castaldi* [14], eċċ. (kollha bl-*i*); filwaqt li jeżistu *Amato* [120], *Barbuto* [8], *Bonanno* [349], *Giuliano* [42], *Vassallo* [3,469], *Battistino* [26], *Corrado* [12], eċċ. (kollha bl-*o*). Imbagħad għandna każijiet interessanti fejn jeżistu ż-żewġ forom: *Bartolo/Bartoli* [2,261/79], *Magro/Magri* [1,494/1,472], *Lauro/Lauri* [12/54], *Lombardo/Lombardi* [27/32]. Fl-istudju li għamilt fuq il-ġenealoġija (l-arblu tar-razza) ta' xi familji Maltin sibt li qabel ma kisbu l-forma kanonika preżenti, xi kunjomijiet ta' spiss kienu jinbidlu minn ġenerazzjoni għal oħra.[45]

Hawn ta' min ifakkar li kunjom Vassalli kien effettivament *Vassallo* [3,469]. Fir-reġistru tal-magħmudija, fil-fatt, huwa mniżżel bħala Michele Antonio Vassallo, bin Gabriele Vassallo u Catharina Mamo. It-tarf *-i* fil-każ ta' *Vassalli* aktarx jixhed il-ġenittiv Latin. Li nies ta' ċerta portata kienu jillatinizzaw kunjomhom f'dawn iż-żminijiet kienet użanza pjuttost komuni.[46]

## Metatesi

Metatesi hija bidla fis-sekwenza tal-ittri li jiffurmaw kelma – eż. *artal* < Tal. *altar*, *denfil* < Tal. *delfino*. Dan il-fenomenu huwa diġà evidenti fl-antroponimija Taljana; għalhekk, wieħed m'għandux għax jissuspetta li l-bidla saret lokalment. Pereżempju, il-kunjom *Orlando* [15] tnissel mill-isem medjevali *Rolando*; *La Grasta* [9] tnissel mill-Grieg Antik *gastra* (kif ngħiduha bil-Malti). *Brincat* [1,640] huwa addattament ta' *Brancato* li finalment tnissel mill-isem personali *Pancratio/Pancrazio*. *Torpiano* [26] huwa aktarx l-isem ta' post minuri f'La Spezia, iżda jista' jkun li l-kunjom huwa forma metatetika ta' **Tropiano* < *Tropeano* < *Tropea* (Vibo Valentia).

## Aferesi

L-aferesi tinvolvi t-tneħħija ta' ittra, ħoss jew sillaba mill-bidu ta' kelma – eż. *ħabba* < *minħabba*, *ġa* < *diġà*. Meta tintilef il-vokali inizjali (mhux aċċentwata) biss ngħidu li għandna każ ta' afesi. Fir-reportorju onomastiku Malti nsibu *Nastasi* [5] (< *Anastasi* [255]), *Lia* (< *Elia*) [455], *Riolo* (jekk minn *Oriolo*) [55], *Sacco* (jekk minn *Isacco*) [618], *Doneo* (< *Idoneo*) [19], *Piscopo* (< *Episcopo*) [492], *Ragonesi* (jekk minn *Aragonesi*) [11], *Griscti/Grixti* (< *Agresti*) [1,256 flimkien], u *Taliana* (jekk minn *italiana*) [239].[47]

F'każijiet oħra tintilef sillaba sħiħa jew saħansitra aktar minn waħda: *Masini* (< *Tomasini*) [47], *Millo* (< *Camillo*) [15], < *Meli* (jekk minn *Carmeli*) [492], *Vento* (jekk minn *Benevento*) [9], *Cilia* (jekk minn *Cecilia*) [1,315].[48]

Xi każijiet oħra jitolbu aktar kawtela għax il-possibiltajiet ta' interpretazzjoni huma multipli. *Scotto* [13] jista' jitnissel minn *Francescotto*, *Pascotto* u ismijiet oħrajn bl-istess tarf (apparti li jista' jfisser 'Skoċċiż'). *Fino* [31] jista' jitnissel minn *Serafino*, *Rodolfino*, *Adolfino* u tant ismijiet oħrajn bl-istess tarf (apparti s-sens aġġettivali ovvju li diġà għandu). *Izzo* [44] jista' jitnissel minn *Bonizzo*, *Tonizzo*, *Petrizzo* u tant ismijiet oħrajn bl-istess tarf (apparti li għandu tifsira trasparenti kif inhu).[49]

**Sinkope**

Is-sinkope tinvolvi t-tneħħija ta' ittra jew sillaba (mhux aċċentwata) mill-qalba tal-kelma – eż. *kamra* < Tal. *camera, pulptu* < Sq. *pulpitu*. *Benetti* [13], *Deguara* [937] u *Spiteri* [7,587] probabbilment huma forom sinkopati ta' *Benedetti*, *De Guevara* (proprjament Spanjol), u *Spitaleri*. Skont ċerti għejun *Mamo* [1,028] jista' jkun forma sinkopata ta' *Mamiliano* jew *Massimo* (sintendi jeżistu derivazzjonijiet oħrajn);[50] *Serpina* [10] jista' jkun forma sinkopata ta' *Serpentina*; filwaqt li *Cuomo* [13] huwa ċertament forma mqassra ta' *Cuosemo* < *Cosimo*. Kultant taqa' biss vokali waħda: *Frendo* [898] jista' jkun forma sinkopata ta' *Ferendo* (< *Ferrando/Ferdinando*); kultant taqa' biss konsonanti waħda: *Fauzza* [7] < *Favuzza*, *Gerada* [472] < *Gerarda*, *Rausi* [23] < *Ragusi*, *Grioli* [68] < *Grigoli* (< *Grigori* < *Gregorio*).

**Apokope**

L-apokope tinvolvi t-tneħħija ta' ittra, ħoss, jew sillaba (mhux aċċentwata) mit-tarf ta' kelma – eż. *destin* < Tal. *destino, avukat* < Sq. *avucatu*. L-aktar każ komuni li niltaqgħu miegħu fil-kunjomijiet Maltin huwa t-twaqqigħ tal-vokali aħħarija *-o*: *Attard*(o) [7,791], *Bondin*(o) [450], *Sant*(o) [955], *Spagnol*(o) [331], *Gatt*(o) [3,988], *Muscat*(o) [6,316], *Trevisan*(o) [9], *Florian*(o) [21], *Fiott*(o) [66], *Facciol*(o) [74], *Verzin*(o) [20], eċċ. Drabi oħra taqa' l-vokali aħħarija *-e* jew *-i*: *Randon*(e) [29], *Milanes*(e/i), *Lanzon*(e) [258], *Monreal*(e) [73], *Portughes*(e), *Falzon*(e) [3,404], *Paris*(i) [247],[51] *Pulis*(i) [498], *Barun*(i) [99], eċċ. Xi wħud waslu Malta diġà tronkati, imma f'każijiet oħrajn l-apokope setgħet seħħet lokalment, aktar u aktar meta nistgħu nivverifikaw li l-forma mqassra ma tinstabx l-Italja. Ma ninsewx li l-Malti nnifsu għandu predelizzjoni kbira għall-apokope, kemm fi kliem ta' nisel Rumanz (e.g. *strett* < Tal. *stretto, sinjal* < Sq. *signali*), kif ukoll ta' nisel Semitiku (e.g. *seraq* < Għar. *saraqa, wied* < Għar. *wadi*). Mill-bqija, fl-Italja l-kunjomijiet apokopati huma kotrana ferm fil-Padanja, speċjalment fl-inħawi tal-Veneto: *Sottil*(e), *Venturin*(i), *Bolzan*(o), *Pasqual*(e), eċċ.

**Forom prostetiċi, epentetiċi u epitetiċi**

Ittra prostetika tirrifletti ħoss li żviluppa storikament, normalment biex jiffaċilita l-pronunzja – *edawn* < *dawn, itgħid* < *tgħid*. Fl-Isqalli niltaqgħu mal-kelmiet

*arraggiu*, *arrigordu* u *arriposu*, f'konfront mat-Taljan *raggio*, *ricordo* u *riposo*. *Isgrò* (< *Sgrò*) u *Ariosto* (< toponimu Riosto) huma żewġ kunjomijiet Taljani (mhux attestati f'Malta) li akkwistaw din il-vokali prostetika. Il-kunjom *Aloisio* [77] tnissel mill-isem personali *Aloisius*, minn *Loois*; għaldaqstant, l-*A*- inizjali hija storikament vokali prostetika.

L-epentesi tirrifletti ż-żieda ta' ittra jew ħoss fil-qalba tal-kelma, għall-darba oħra bl-iskop li tittaffef l-pronunzja – eż. *nesewh* < *nsewh, ċkejkuna* < *ċkejkna*. Dan jidher fil-kliem Taljan *rovina* (< *ruina*) u *vedova* (< *vidua*), fit-toponimi Genova (< Genua) u Mantova (< Mantua), kif ukoll fil-kunjomijiet *Larganà* (< *Laganà* [29]) u *Celestri* (< *Celesti*). Il-kunjom *Boldarini* [9] huwa aktarx forma epentetika ta' *Boldrini*. *Cimiotta* u *Satriano* huma t-tnejn toponimi; għalhekk, il-kunjomiet lokali *Ciminiotta* [6] u *Satariano* [62] jistgħu faċilment jiġu interpretati bħala forom epentetiċi ta' dawn l-ismjiet.

L-epitesi tirrifletti l-iżvilupp storiku ta' ittra jew ħoss fit-tarf ta' kelma, anki hawn għall-ħeffa tal-pronunzja – eż. *blun* < *blu, leqq* < *le*. Terminu alternattiv għal epitesi huwa paragoge. Il-kunjom *Orlando* (< Fr. *Orland*) [15] huwa eżempju ċar ta' dan il-fenomenu. *Laganan* [11] jirrappreżenta forma epitetika ta' *Laganà* [29] biż-żieda tan-*n* finali. Ir-*r* finali ta' *Cutajar* [3,624] hija żieda epitetika li tmur lura lejn is-seklu 17; il-kunjom qabel kien *Cutaia*, l-isem ta' post fi Sqallija.[52]

Kull element prostetiku, epentetiku jew epitetiku huwa fis-sew eskrexxenti, fis-sens li mhuwiex etimoloġikament motivat.

## Forom komposti

Xi kunjomijiet jitfasslu bis-saħħa tat-tagħqid (jew fużjoni) ta' żewġ kelmiet awtonomi f'kelma waħda, normalment ta' nom u aġġettiv. F'Malta nsibu *Carnemolla* [10], *Testaferrata* [50],[53] *Panzavecchia* [33], *Montalto* [17], *Montebello* [483], *Montefort*(e) [24].

Forma oħra komuni tinvolvi l-inverżjoni ta' dawn iż-żewġ elementi (i.e. aġġettiv + nom): *Quattromani* [65], *Francalanza* [126], *Bonavia* [556], *Bonanno* [349], *Bonavita, Buontempo* [29], *Cacopardo* [15].

Ma sibtx eżempji lokali ta' dawn il-forom komposti: (a) nom + nom (kultant bil-prepożizzjoni intermedjarja) – *Barbagatto*, *Capodiferro*; (b) nom + verb – *Dioguardi*; (c) aġġettiv + aġġettiv – *Altobelli*; (d) aġġettiv + verb/parteċipju b'funzjoni verbali – *Carotenuto*; (e) aġġettiv + averbju – *Amatobene*; verb +

aġġettiv – *Mazzasette*; verb + verb – *Lascialandere*; verb + averbju – *Arrivabene*; avverbju + nom – *Oltremare*; avverbju + avverbju – *Assaibene*. Forma rari hija nom + avverbju: *Spadafora*. Il-lista fil-fatt hija itwal u l-eżempji li tajt hawnhekk jokkorru fl-Italja biss.

Madankollu, l-aktar forma interessanti hija dik li tgħaqqad verb ma' nom (li jiffunzjona bħala oġġett). Dawn jiffurmaw parti minn sett sostanzjali ta' kunjomojiet imsejħa kunjomijiet deverbali, appuntu għax jitnisslu minn verb. Fl-Italja nsibu *Battipiedi*, *Tagliaboschi*, *Frustalupi*, *Mazzacane*, *Acquistapace*, eċċ. F'Malta nsibu *Mangiafico* [9], *Tagliaferro* [49], *Pappalardo* [6], *Brancaleone* [20], *Parascandalo* [46]. L-aħħar żewġ eżempji huma problematiċi: *Branca* tista' tkun nom, mhux verb; filwaqt li teżisti interpretazzjoni differenti minbarra *parare* + *scandalo*.[54] Din l-istruttura morfoloġika partikolari (*verbum* + *nomen*) ħolqot dibattitu sħiħ qalb l-onomasti Taljani. Xi wħud jgħidu li l-verb huwa sempliċiment l-indikattiv (tat-tielet persuna singular); ngħidu aħna kunjom bħal *Tagliaferro* huwa l-eżitu elittiku ta' frażi bħal *quello che taglia il ferro*. Madankollu, oħrajn isostnu li l-verb huwa rifless tal-imperattiv (it-tieni persuna singular).

## Xi kunsiderazzjonijiet fonetiċi

Nixtieq inżid xi osservazzjonijiet ta' natura fonetika jew fonoloġika. F'Malta għandna kemm *Montalto* [17] kif ukoll *Montaldo*;[55] it-tieni huwa forma mleħħna (*voiced*) tal-ewwel. Anki *Polidano* (< *Politano*) [504], *Gaffarena* (< *Caffarena*) [60], *Gaffiero* (< *Caffiero*) [55], *Gusman*[o] (< *Cusmano*) [97], *Verzin* (< *Versino*) [20], *Bugelli* (jekk minn *Bucelli*) [133],[56] u *Bigeni* (jekk minn *Piceni*) [86][57] huma forom mleħħna. L-aħħar żewġ eżempji huma problematiċi.

Jeżisti wkoll il-proċess reċiproku ta' tniffis (*devoicing*); dan jidher ċar fil-kunjomijiet *Ciscaldi* (< *Giscardi*) [16] u *Urpani* (< *Urbani*) [40]. Dawn il-kunjomijiet li ġejjin huma problematiċi għax għandhom tifsiriet oħra fil-forma attwali tagħhom (i.e. jistgħu jiġu spjegati mingħajr rikors għall-proċess ta' tniffis): *Ciancio* (< *Giangio*) [47], *Peralta* (< *Peraldo*) [8], *Penza* (< *Benzo*) [135], *Cilia* < *Gilia*/*Giglia* [1,315], *Cucciardi* < *Gucciardi* [142].

Fenomenu fonetiku komuni huwa l-assimilazzjoni: tibdil fil-leħen ta' xi konsonanti minħabba l-qrubija jew il-preżenza ta' konsonanti oħra fl-istess kelma; il-moviment ta' ħoss partikolari lejn il-post jew il-manjiera ta' artikolazzjoni ta' ħoss ieħor biswitu. Dan il-proċess jitfaċċa f'kunjomijiet bħal

*Ballucci* (< *Balducci*) [10], *Tonna* (< *Tonda*) [1,095], *Scannura* (*Scandura*) [3], *Ferrando* (< *Fernando*) [24], *Ferrito* (< *Ferlito*) [31] – kollha jinvolvu assimilazzjoni progressiva. Eżempju rari ta' assimilazzjoni rigressiva huwa *Corrado* (mill-Ġermaniku *Konrad*) [12].

## Ġeminazzjoni u deġeminazzjoni

Il-ġeminazzjoni tinvolvi proċess li bih konsonanti ssir doppja – eż. *appostlu* < Sq. *apostulu*; għalhekk, konsonanti ġeminata hija konsonanti mtennija. F'Malta nsibu *De Lucca* [6] (li tista' tkun l-eżitu ta' *De Luca* [7]) u *Cappello* (li tista' tkun l-eżitu ta' *capello*) [46]. Fiż-żewġ każijiet, imma, nippreferi l-interpretazzjonijiet ovvji, jiġifieri t-tifsiriet marbuta mal-forom ġeminati.

Id-deġeminazzjoni tinvolvi proċess li bih konsonanti ġeminata (doppja) tispiċċa konsonanti waħda – eż. *kafè* < Tal. *caffè*. F'Malta nsibu *Fabri* (< *Fabbri*) [247], *Nani* (jekk minn *Nanni*) [12], u *Mamo* (jekk minn *mammo*) [1,028].

Dawn il-fenomeni ħolqu għadd ta' forom allotropiċi (varjanti ortografiċi tal-istess kunjom). Lokalment insibu *Toreggiani/Torreggiani* (*r/rr*),[58] *Casingena/Cassingena* [62/5] (*s/ss*), *Gabaretta/Gabarretta* [6/17] (*r/rr*), *Baluci/Ballucci* [22/10] (*l/ll – c/cc*), *Benetti/Bennetti* [13/17] (*n/nn*), *Ferando/Ferrando* [6/24] (*r/rr*), *Selvagi/Selvaggi* [11/13] (g/gg), u *Seracino/Serracino* [10/35] (*r/rr*).[59]

## Betaċiżmu u rotaċiżmu

Il-betaċiżmu jinvolvi s-sostituzzjoni tal-ittra *v* bl-ittra *b* – eż. ***biżibilju*** flok ***viżibilju***, *balabostra* flok *balavostra*. F'Malta nsibu l-kunjomijiet *Libreri* (< *Livreri*) [58] u *Gabaretta* (jekk minn **Gavaretta* < *Cavaretta*) [6]. Il-proċess jista' jkun reċiproku – eż. *rvilla* < *ribellare*. F'Malta nsibu l-kunjomijiet *Sevasta* (< *Sebasta*) [35], *Valvo* (< *Balbo*) [6] u *Vella* (< *Bella*) [12,383]. Fl-Italja tan-Nofsinhar insibu l-kunjomijiet *Varvaro* (< *Barbaro*), *Vellotti* (< *Bellotti*) u *Vartolo* (< *Bartolo*).

Ir-rotaċiżmu jinvolvi s-sostituzzjoni ta' xi ittra (aktarx il-likwidi *m*, *n* u *l* jew *d*) bl-ittra *r* – eż. *pinnur* < Sq. *pinnuni*, *spiżjar* < Tal. *speziale*. F'Malta nsibu *Cristauro* (< *Cristaudo*) [6], *Curmi* (jekk minn *colmo*) [1,133], *Grioli* (< *Grigoli* < *Grigori*) [68]. Fil-każ ta' *Ciscaldi* (< *Giscardi*) [16], il-proċess huwa reċiproku.

**Vokalizzazzjoni**

Il-vokalizzazzjoni sseħħ meta xi vokali tissostitwixxi xi konsonanti għal raġunijiet fonotattiċi, prinċipalment biex tħaffef il-pronunzja tal-kliem. Dan il-fenomenu huwa evidenti fit-Taljan Toskan innifsu, hekk li *fiamma*, *fiume* u *piombo* huma derivati rispettivament mil-Latin *flamma*, *flumen* u *plumbum*. Fl-Italja, kunjomijiet bħal *La Fauce*, *Autieri* u *Mauta* huma għalhekk forom allotropiċi ta' *La Falce*, *Malta* u *Altieri* rispettivament.[60] F'Malta, imbagħad, il-kunjomijiet *Audino* [4], *Aufieri* [12], *Cristauro* [6], u *Naudi* [228] huma forom allotropiċi ta' *Aldino* (< *Aldo*), *Alfieri*, *Cristaldo* (*r* < *d*), u *Naldi* rispettivament.

Il-kunjom *Coleiro* [579] huma forma modifikata ta' *Calògero* (isem personali), imsejjes fuq id-derivattiv intermedju *Calòiero*. Il-forma preżenti, għalhekk, jidher li segwiet dan l-itinerarju etimoloġiku: *Calogero* > *Caloghero* > *Caloiero* > *Caloiro* > *Calojro/Caloyro* (attestati f'dokumenti medjevali Maltin bħala forom paralleli ta' *Colairo* u *Coloyro*).[61]

**Spustament tal-aċċent u devjazzonijiet fonetiċi oħra**

L-aċċentwazzjoni ta' ċerti kunjomijiet f'Malta hija bbażata fuq analoġiji intuwittivi aktar milli fuq kriterji dijakroniċi. Diġà rajna li *Délmar* [86] u *Dálmas* [57] (dejjem jekk derivati rispettivament minn *Del Mare* u *Dal Maso* jew *Dalmasso*) huma ppronunzjati bħallikieku maħsuba biex jikkorrispondu mal-forma prosodika ta' grupp ta' verbi kwadrilitteri Semitiċi bħal *ħánxar* u *qártas*.

Kunjomijiet oħrajn jidher li akkwistaw l-aċċent idjosinkratiku tagħhom sforz l-influwenza tal-Ingliż (eż. *Trévisan* [9] u *Stílon* [23], flok *Trevisán* u *Stilón*), jew sforz xi kriterju ieħor (eż. *Portúghes* u *Milánes*, flok *Portughés* u *Milanés*).[62] L-onomastikon Taljan innifsu mhuwiex nieqes minn proċessi simili; ngħidu aħna, *Quasimòdo* u *Bàresi* huma attwalment ippronunzjati *Quasìmodo* u *Barèsi* (minħabba l-influwenza tat-toponimu Bari).[63] Kunjomijiet oħra bħal *Benettòn* u *Stefanèl* (pronunzja 'kanonika') mhux l-ewwel darba u tnejn li tismagħhom jingħadu *Bènetton* u *Stèfanel*.[64]

Il-pronunzja partikolari ta' xi kunjomijiet oħra setgħet kienet influwenzata mix-xebh grafiku ma' vokabuli komuni. Pereżempju, il-kunjom *Manara* [27] lokalment huwa ppronunzjat 'Mannara' (bil-ġeminazzjoni tan-*n* intervokalika) minħabba l-prossimità man-nom komuni derivat mill-Isqalli *mannara*.[65]

Fit-tranżizzjoni ta' kliem missellef (mit-Taljan għall-Malti), id-dittong *ie* f'pożizzjoni penultima (eż. *barbiere, argentiere, bandiera, frontiera*) jinkiser f'*ī*. Għaldaqstant, kliem bħal *barbier*, *arġentier*, *bandiera*, u *fruntiera* huma ppronunzjati b'*i* twila.[66] Dan jispjega r-rendiment lokali ta' kunjomijiet bħal *Palmier* (< *Palmiere*) [99] u *Ruggier* (< *Ruggiero*) [49] bis-sillabi aħħarija *-mīr* u *-ġīr*.

## Appendiċi: Itinirarju morfoloġiku ta' xi kunjomijiet Maltin

| Kunjom | Proċess morfoloġiku |
|---|---|
| Armano => Armanino | + suffiss diminuttiv |
| Armanino => D'Armanino | + prepożizzjoni patronimika |
| D'Armanino => Darmanino | agglutinazzjoini |
| Darmanino => **Darmanin** | apokope |

| Kunjom | Proċess morfoloġiku |
|---|---|
| Bonifacio => Facio | aferesi |
| Facio => Faccio | ġeminazzjoni |
| Faccio => Facciolo | + suffiss diminuttiv |
| Facciolo => **Facciol** | apokope |

| Kunjom | Proċess morfoloġiku |
|---|---|
| Tomaso => Maso | aferesi |
| Maso => Masino | + suffiss diminuttiv |
| Masino => **Masini** | forma patronimika jew kollettiva |

| Kunjom | Proċess morfoloġiku |
|---|---|
| Tarca => Tarchetta | + suffiss diminuttiv |
| Tarchetta => Tarchetti | forma patronimika jew kollettiva |
| Tarchetti => Tirchetti | metafonija (*i* < *a*)[67] |
| Tirchetti => **Tirchett** | apokope |

| Kunjom | Proċess morfoloġiku |
|---|---|
| Pancratio (Pancrazio) => Pancrat | apokope |
| Pancrat => Prancat | metatesi |
| Prancat => Brancat | tleħħin (*voicing*, *B* < *P*) |
| Brancat => **Brincat** | metafonija (*i* < *a*) |

| Kunjom | Proċess morfoloġiku |
|---|---|
| Procopio => Procop | apokope |
| Procop => Porcop | metatesi |
| Porcop => Corcop | assimilazzjoni rigressiva |
| Corcop => **Chircop/Kirkop** | metafonija (*i* < *o*) |

| Kunjom | Proċess morfoloġiku |
|---|---|
| Terenzio => Terenzo => Tirenzo | *i* < *e* + *o* < *io* |
| Tirenzo => Zirenzo | assimilazzjoni rigressiva |
| Zirenzo => Zrenzo | sinkope + tleħħin taż-żewġ zejiet |
| Zrenzo => **Zrinzo** | metafonija (*i* < *e*)[68] |

**Noti:**

In-numri fil-parentesi kwadri jindikaw l-frekwenza (jew l-okkorrenzi) tal-kunjom partikolari fiċ-Ċensiment Nazzjonali tal-2005. B'hekk wieħed ikollu idea ta' kemm hu komuni (jew rari) l-istess kunjom f'Malta. L-aktar kunjomijiet Rumanzi komuni f'Malta huma: *Camilleri* [13,033], *Vella* [12,383] u *Grech* [8,136] (< *Greco* [7]). B'hekk wieħed jista' jkun jaf kemm huma komuni (jew rari) il-kunjomijiet l-oħra meta mqabblin ma' dawn it-tlieta. Kunjomijiet b'anqas minn għoxrin okkorrenza jistgħu jitqiesu rarissimi.

Il-komunikazzjonijiet personali kollha ta' Enzo Caffarelli kellhom jidhru fil-ktieb *Manuale di onomastica*, Roma: Aracne Editrice (collona 'Biblioteca di Linguistica').

1 Cf. P.H. Matthews, *The Concise Oxford Dictionary of Linguistics*, Oxford University Press, 1997, 150, *sub* 'grammar': *Any systematic account of the structure of a language; the patterns that it describes; the branch of linguistics concerned with such patterns.*

2 Cf. Matthews (1997): 279, *sub* 'phonology'; 277, *sub* 'phonetics': *Phonology is the study of the sound system of individual languages and of the nature of such*

*systems generally. Distinguished as such from phonetics ... the study of the nature, production, and perception of sounds of speech, in abstraction from the phonology of any specific language.*

3 Bl-istess mod, ismijiet personali bħal *Juan*, *Jean* u *Iannis* kienu kollha, b'mod konvenjenti, jinbidlu f' *Giovanni*.

4 L-aktar ħames kunjomijiet komuni bl-artiklu definit fl-Italja huma: *La Rosa, Lorusso, La Rocca, Lo Presti* u *La Torre*. E. Caffarelli, komuminkazzjoni personali. L-aħħar erbgħa ma jeżistux f'Malta.

5 *Locano* [10] huwa problematiku (forsi minn *lo* + **cano*), imma l-etimoloġija ta' dan il-kunjom mhijiex ċara biżżejjed. Fil-fatt, jista' jirrifletti forma iperkorretta ta' *Lucano* (< Lucania).

6 Jokkorri aktar spiss bħala t-tieni element fil-kunjom doppju *Cilia La Corte* [36].

7 Il-kunjom *Spina* (mingħajr l-artiklu) [23] huwa aktar komuni f'Malta.

8 Xi onomasti jidhrilhom li dan il-kunjom huwa forma derivattiva ta' *Lungo* (+ *aro*).

9 *Lu branu* fil-Korsikan tfisser 'in-nixxiegħa'. Altrimenti, il-kunjom jista' jkun marbut mat-toponimi Lobra jew Lubriano, jekk mhux rifless imleħħen ta' *Luprano*.

10 J.G. Fucilla, *Our Italian Surnames*, Baltimore: Genealogical Publishing, 2003, 257.

11 L-aktar ħames kunjomijiet komuni fl-Italja bil-prepożizzjoni **De** huma: *De Luca, De Santis, De Angelis, De Rosa*, u *De Simone*. E. Caffarelli, komunikazzjoni personali. L-aħħar erbgħa ma jeżistux hawn Malta. L-aktar ħames kunjomijiet komuni fl-Italja bil-prepożizzjoni **Di** huma: *Di Stefano, Di Marco, Di Pietro, Di Martino*, u *Di Benedetto*. E. Caffareli, komunikazzjoni personali. L-aħħar erbgħa ma jeżistux hawn Malta. L-aktar ħames kunjomijiet komuni fl-Italja bil-prepożizzjoni **D'** huma: *D'Angelo, D'Amico, D'Agostino, D'Alessandro* u *D'Ambrosio*. E. Caffarelli, komunikazzjoni personali. Għajr għall-aħħar wieħed, dawn insibuhom hawn Malta wkoll.

12 Il-forma magħżula ta' kunjom ħafna drabi tokkorri b'mod parallel mal-forma mehmuża (eż. *De Gabriele/Degabriele*); dan jikkonferma li l-kunjom jinkiteb skont il-preferenza tal-familja inpartikolari. Il-kunjomijiet *Felice* [333], *Brincat* (< *Brancato* < **Prancato* < *Pancratio/Pancrazio*) [1,640], *Cesare* [150] u *Gabriele* [34] (mingħajr prepożizzjoni) jeżistu wkoll f'Malta.

13 Il-kunjomijiet *Alessandro* [18], *Ambrogio* [14], *Anastasi* [255], *Arrigo* [55], u *Amato* [120] (mingħajr il-prepożizzjoni) jeżistu wkoll f'Malta.

14 Aktarx jokkorri bħala t-tieni element f'xi kunjomijiet doppji bħal *Buttigieg De Piro* [7] u *Mompalao De Piro* [6].

15 L-aktar ħames kunjomijiet komuni li jibdew bil-prepożizzjoni **Del** fl-Italja huma:

*Del Vecchio, Del Prete, Del Giudice, Del Monte,* u *Del Gaudio.* E. CAFFARELLI, komunikazzjoni personali. Ebda wieħed ma jokkorri f'Malta.

16 Il-problema hija li *Délmar* u *Del Már(e)* ma jsegwux l-istess prosodija; jista' jkun li hawn għandna każ ta' addattament fonoloġiku. Mill-bqija *Delmar* jista' jkun rifless aferetiku u apokopat tal-isem personali *Adelmaro.*

17 Il-problema hija li *Dálmas* u *Dal Máso* ma jsegwux l-istess prosodija; jista' jkun li hawn għandna każ ta' addattament fonoloġiku. Mill-bqija *Dalmas* jista' jkun rifless deġeminat u apokopat ta' *Dalmasso,* appellattiv etniku li jindika xi ħadd mid-Dalmazja.

18 Il-kunjom *Rapa* [347] jeżisti wkoll f'Malta; huwa pjuttost komuni f'Għawdex.

19 Jokkorri biss bħala t-tieni element f'xi kunjomijiet doppji bħal *Chetcuti Bonavita* [8].

20 Il-kunjomijiet oriġinali *Cardona* [882], *Carbone* [46], *Cremona* [699], u *Bartolo* [2,261] jeżistu f'Malta.

21 FUCILLA 2003: 31.

22 Il-kunjomijiet oriġinali *Barbaro* u *Grillo* [46] jeżistu f'Malta, imma Barbaro jokkorri biss fil-kunjom doppju *Barbaro Sant* [17].

23 Xi kliem Rumanz fil-Malti li jsegwi dal-mudell morfoloġiku jinkludi *kurdiċella* u *partiċella.*

24 Il-kunjom jista' jkun forma modifikata ta' *Bertelli* (< *Berto*).

25 Xi kliem Rumanz fil-Malti li jsegwi dal-mudell morfoloġiku jinkludi *pakkett, mannarett, statwetta, ċavetta,* u *banketta.*

26 Jokkorri biss bħala t-tieni element f'kunjomijiet doppji bħal *Theuma Castelletti* [6] u *Cachia Castelletti* [9].

27 Altrimenti, jista' jkun sempliċiment l-eżitu apokopat tal-kelma Siċiljana u Kalabriża *facciolu* 'ipokrita' (Mal. *faċċol*).

28 Forsi minn *cricchiolo* 'persuna biżbetika' (< *cricchiare*), jew minn *cricchio* 'qassis' + *olo,* jew minn *Crocchiolo* (< Sq. *crucchiulu* 'kranju').

29 Xi kliem Rumanz fil-Malti li jsegwi dal-mudell morfoloġiku jinkludi *puliżjott* u *ġuvnott.*

30 Xi kliem Rumanz fil-Malti li jsegwi dal-mudell morfoloġiku jinkludi *berettin, biskuttin, figorin, ċikkulatina,* u *sinjorina.*

31 Din il-konvenzjoni kienet diġà popolari fost ir-Rumani – eż. *Carinus* 'bin Carus' jew *Messalina* 'bint Messala'.

32 Fl-Italja ssib il-kunjomijiet *Guglieminetti* (*Guglielmo* + *ino* + *etti*) u *Marcuccilli* (*Marco* + *uccio* + *illi*). Eżempji mogħtija minn FUCILLA 2003: 33.

33 Xi forom qodma tal-kunjom (eż. *De Falcono*, *Fauczono* u *Fauczone*) jistgħu

jindikaw rabta mal-Franċiż Antik *faucon*, *falcun* 'bies' (ornit.)

34 Jokkorri biss bħala l-ewwel element f'kunjomijiet trippli bħal *Testaferrata Moroni Viani* [21].

35 Jokkorri biss bħala t-tieni element f'kunjomijiet doppji bħal *Attard Biancardi* [21].

36 Altrimenti, *Callus* seta tnissel mill-kunjom Grieg *Kallos* < *kallós* < *kalós* 'sabiħ' jew 'tajjeb'.

37 Xi kliem Rumanz li fil-Malti jsegwi dal-mudell morfoloġiku jinkludi *furnar*, *burdnar* u *nutar*.

38 Xi kliem Rumanz li fil-Malti jsegwi dal-mudell morfoloġiku jinkludi *arġentier*, *kuċċier*, *barbier*, *parrukkier*, u *bankier*.

39 Xi kliem Rumanz li fil-Malti jsegwi dal-mudell morfoloġiku jinkludi: *kaċċatur*, *induratur*, u *skultur*.

40 Jokkorri biss bħala t-tieni element fil-kunjom doppju *Mallia Milanes* [20].

41 Il-forma apokopata *Portughes* tokkorri biss fil-kunjom doppju *Attard Portughes* [34].

42 Jekk dan huwa l-każ, *Martini* jkollu l-istess valur semantiku ta' *De Martino*.

43 E. Caffarelli, 'Italian Family Names', f'*Dictionary of American Family Names* (ed. P. Hanks), Oxford & New York: Oxford University Press, 2003, lxx. Fuq dan is-suġġett, ara wkoll P. Aebischer, 'Les origines de la finale -i des noms de famille italiens', f'*Onomastica* 2 (1947): 90–106.

44 Jokkorri biss bħala t-tieni element fil-kunjom doppju *Borg Costanzi* [43].

45 Il-proġenitur tal-familja *Adami* kien Giovanni de Adami, imma ibnu jissemma bħala Emanuele de Adamo. Fl-istess linja, aktar tard, niltaqgħu kemm ma' Gio Batta Adamo kif ukoll ma' Teresa Adami. Cf. S. Mercieca, 'In Search of the Roots of the *Unione Politica Maltese* (U.P..M): Religion, Identity and Social Consciousness', f'*Inservi: Ħidma Politika 1969–2009. Ġabra ta' Kitbiet f'Ġieħ Eddie Fenech Adami* (eds M. Schiavone, J. Schiavone & L. Callus), Malta: PIN, 2009, 334–35, 348–49.

46 Cf. J.M. Wismayer, 'Is It Vassallo or Vassalli (b, 1774–d. 1829)', f'*A Miscellanea of Historical Records*, Malta, 2003, 191–93. Anki il-Kan. Gian Francesco Agius Sultana biddel kunjomu għal Agius De Soldanis.

47 Il-kunjom *Riolo* seta' tnissel ukoll minn (a) *rio* 'nixxiegħa' + *olo*; (b) Sq. *rriolu* 'xgħira tal-għajn'; jew (ċ) Riolo (lokalità minuri fil-provinċja ta' Modena). *Sacco* jista' jkun il-kontinwazzjoni ta' *sacco* 'xkora' jew 'borża'. *Taliana* jista' jkun forma aferetika tal-isem personali femminili *Vitaliana* (< *Vitalis*). Fil-każ ta' *Doneo*, wieħed irid jakkomoda l-ispustament tal-aċċent (*Idóneo* > *Donéo*).

48 Il-kunjom *Meli* jista' wkoll jirrifletti l-isem personali Grieg *Mélis* (< *méli*, *-itos*

'għasel'). Il-kunjom *Cilia* jista' jintrabat mal-kelma djalettali *cilia* (< Grieg Antik *koilía* 'żaqq' jew 'ġuf').

49 Il-kunjom *Izzo* jista' jkun ukoll rifless tal-isem personali *Izzu* 'ilsir' jew tat-terminu Sqalli *izzu* (a) 'astun/spanjulett' (ornit.) jew (b) 'bebbuxu'.

50 Il-kunjom *Mamo* jista' jkun ukoll forma deġeminata ta' *Mammo* (a) < Grieg *mám(m) os* 'ostetriku' jew (b) < Sq. *mammu* 'tfajjel'. Lanqas ma nistgħu ninjoraw ir-rabta possibbli mal-kunjom Katalan u Lhudi Sefardi *Mamó* (< Ebrajk *Maimo* < Għarbi *maymūn* 'xorti tajba').

51 *Parisi* [6] jeżisti wkoll hawn Malta.

52 S. FIORINI, 'Sicilian Connexions of Some Medieval Maltese Surnmaes', fil-*Journal of Maltese Studies* 17–18, 1987–1988, 112.

53 Jokkorri wkoll bħala l-ewwel element f'kunjomijiet doppji bħal *Testaferrata De Noto* [26] u *Testaferrata Moroni Viani* [20].

54 Altrimenti, *parascalmo* hija varjant ta' *palischermo* 'dgħajsa' filwaqt li **parascannolo* (forma dissimilata) tlaqqa' l-elementi *para* + **scannolo* < *scanno* 'sikka tar-ramel'. F'Malta jeżisti wkoll il-varjant *Parascandolo* [24].

55 Jokkorri biss fil-kunjom doppju *Caruana Montaldo* [30].

56 Fl-arkivju ġenealoġiku tal-familja Lanfranco ltqajt ma' ċertu Sebastiano D'Uccelli, Isem ibnu, imbagħad, jidher bħala Salvatore Bugelli. Għaldaqstant, il-kunjom seta' kiseb il-forma preżenti tiegħu bi żball klerikali (miżrappreżentazzjoni ta' *B* < *D*). Hu x'inhu xorta seħħet is-sonorizzazzjoni tal-konsonanti palatali.

57 Bigeni huwa l-isem ta' frazzjoni fil-provinċja ta' Sqallija.

58 Jokkorru biss bħala t-tieni element fil-kunjomijiet doppji *Cassar Torregiani* [25] u Cassar *Torreggiani* [44].

59 Anki hawn il-forom allotropiċi normalment jindikaw il-preferenzi ortografiċi tal-familji inpartikolari.

60 Ebda minn dawn il-kunjomijiet ma jokkorri f'Malta.

61 Qabbel ma' *magister* > *maiestro*, *fragile* > *fraile* u *sagitta* > *saietta*. Il-passaġġ minn *Calogero* għal *Coleiro* jikkostitwixxi eżempju rarissimu li jinvolvi t-twaqqigħ ta' vokali aċċentwata.

62 Il-forom oriġinali Taljani jitleħħnu *Trevisáno*, *Stilóne, Portughése,* u *Milanése*.

63 E. CAFFARELLI, komunikazzjoni personali.

64 J.M. BRINCAT, komunikazzjoni personali.

65 Il-kunjom (ta' nisel Grieg) *Petrocochino* huwa inspjegabilment ippronunzjat 'Petrococchino'.

66 J. AQUILINA, 'Some Phonetic Changes of Maltese', f'*Papers in Maltese Linguistics*, Malta: The University of Malta, 1988, 165.

67 Il-metafonija tirrappreżenta bidla fonetika f'xi vokali tal-kelma; aktarx isseħħ minħabba l-armonija vokalika, imma tista' tkun motivata minn fatturi oħra.

68 Ħajr lis-Sur Geoffrey Hull li ġentilment għaddieli din l-ipotesi. Jeżistu spjegazzjonijiet alternattivi – eż. *Lorenzo* => *Renzo* (aferesi) => *Rinzo* (metafonija *i* < *e*) => **Zrinzo** (protesi + tleħħin taż-żewġ zejiet).

# Il-varjazzjoni lessikali fir-reġistru tal-piroteknika Maltija

Carlston Grima

L-għan ta' dan l-artiklu hu li nagħti ħarsa dettaljata lejn il-varjazzjoni lessikali li nsibu fir-reġistru tal-piroteknika Maltija; togħma żgħira ta' dak li ssib fit-teżi tal-Maġisteru fil-Malti bit-titlu 'Studju Soċjolingwistiku fuq ir-reġistru tal-Piroteknika Maltija'. Dan l-artiklu jinqasam fi tliet taqsimiet. L-ewwel taqsima tħares lejn il-varjetajiet tal-lingwa, l-età u l-ġeografija bħala varjabbli soċjali, id-djalett u r-reġistru. It-tieni taqsima tittratta l-metodoloġija u l-intervisti. Din it-taqsima tispjega kif bnejt il-metodoloġija u l-intervisti u tinvolvi metodi oħrajn barranin li għenuni nagħżel liema wieħed se nuża, l-għażla tat-termini, l-għażla tal-informanti u l-lokalitajiet, u l-istudju pilota. It-tielet taqsima tinkludi l-analiżi tar-riżultati maqsuma fil-varjazzjoni tal-ġeografija jew tal-lokalità, il-varjazzjoni fonetika, morfoloġika u lessikali fir-reġistru tal-piroteknika, it-tqassim ġeografiku tal-*NSO* u l-varjazzjoni lingwistika, il-varjazzjoni tal-età, il-varjazzjoni bejn kmamar tal-istess raħal, il-varjazzjoni u l-glossarju, u kliem ieħor li daħal fil-glossarju tal-piroteknika matul l-intervisti.

## Il-varjazzjoni, id-djalett u r-reġistru

Il-varjetà hija minsuġa fil-lingwa umana. In-nies jużaw forom lingwistiċi differenti f'okkażjonijiet differenti, u kelliema tal-lingwa differenti jgħidu l-istess ħaġa b'modi differenti (Biber u Conrad, 256). Hudson jiddefinixxi l-varjetà f'lingwa bħala sett ta' elementi lingwistiċi b'firxa simili. Għaldaqstant

nistgħu nittrattaw il-lingwi kollha ta' kelliema multilingwi u ta' komunità bħala varjetà waħda. Għal Ferguson, varjetà hija ġabra ta' lingwaġġ omoġenju biżżejjed biex tanalizzah bis-sistemi ta' deskrizzjoni sinkronika, b'repertorju kbir biżżejjed ta' elementi u proċessi li jiffunzjonaw fil-kuntesti formali kollha tal-komunikazzjoni (*Language Structure* 30).

Il-varjetajiet lingwistiċi jirreferu għalihom ukoll bħala djaletti (Biber u Conrad, 5). Għal ħafna nies, id-differenza bejn lingwa u djalett hija ta' prestiġju ladarba l-lingwa titqies fuq skala ogħla, madanakollu, id-djalett jagħti identità u individwalità reġjonali u soċjali lill-kelliema. Fil-fatt Briffa jgħid illi djalett huwa varjetà tal-lingwa użata minn komunità żgħira ta' nies relattivament mal-lingwa, b'karatteristiċi partikolari (fil-pronunzja, il-vokabularju, u l-grammatika), li jitnisslu minn ċirkustanzi soċjali, ġeografiċi u storiċi li jagħżluha minn oħrajn (18).

Wardhaugh u Holmes jagħżlu bejn djaletti reġjonali u djaletti soċjali (Wardhaugh 5; Holmes, *An introduction to*); tal-ewwel huma l-varjetajiet affettwati mill-ġeografija u l-oħrajn ivarjaw skont il-klassijiet jew il-gruppi soċjali. Djaletti reġjonali jvarjaw mhux biss fil-pronunzja imma wkoll fl-għażliet lessikali u l-istrutturi grammatikali. Ivarjaw ukoll fil-kliem li n-nies jużaw għall-istess oġġett jew kunċett, kif ukoll fil-fonoloġija. Id-djaletti reġjonali jistgħu jintgħażlu minn xulxin permezz ta' differenzi sintattiċi. Mill-banda l-oħra d-djaletti soċjali jinħolqu minħabba fatturi soċjali; l-istatus soċjoekonomiku, ir-reliġjon, id-differenzi etniċi jew razzjali, il-ġeografija u anke s-sess. Madankollu, hemm aspetti reġjonali għad-djaletti soċjali u bl-istess mod hemm aspetti soċjali għad-djaletti reġjonali.

Għalhekk, l-ebda djalett mhu lingwistikament superjuri jew inferjuri minn djalett jew lingwa oħra (Chamber u Trudgill, 1998). Meta norbtu d-djaletti ma' prestiġju jew edukazzjoni, inkunu qed nitkellmu fuq varjetà soċjali.

Biex varjetà tissejjaħ djalett, irid ikollha differenzi fonetiċi u fonoloġiċi, lessikali, morfoloġiċi u sintattiċi (Albert Borg, *Language and socialization*; *Lectal Variation*). Id-differenzi fil-pronunzja biss jagħmlu aċċent. Kliem marbut ma' qasam partikolari jissejjaħ reġistru u jagħmel parti mid-djaletti soċjali. L-idjolett jagħti lill-individwu identità personali u t-taħdit jirrifletti l-personalità.

L-istudju tad-djalett kellu sehem fil-varjazzjoni lingwistika fir-reġistru pirotekniku. Dan għax skont ħafna mill-informanti, id-djalett huwa l-ewwel preferenza tal-membri. B'varjetà nattiva nifhem l-ewwel ilsien li titgħallem il-persuna. L-istudju tiegħi jistħarreġ ir-rabta bejn djalett soċjali u reġjonali. L-informanti kollha jafu r-reġistru tal-piroteknika, imma ġejjin minn inħawi differenti (djaletti ġeografiċi) u huma ta' etajiet differenti (djaletti soċjali).

**L-età u l-ġeografija bħala varjabbli soċjali**

Il-bidla fl-użu tal-lingwa tiftaħ diversi varjabbli soċjali, ngħidu aħna, l-edukazzjoni, l-età, is-sess, ir-razza, il-klassi soċjali, u l-ġeografija. Ċerti studji soċjolingwistiċi juru differenzi bejn is-sessi (Wardhaugh 3: 310, 314, 321; Sciriha, 'The glass ceiling' 48-49; Trudgill, *Sociolinguistics: An Introduction* 3: 62) imma dan il-varjabbli soċjali ma kienx relevanti għall-istudju u għal dan l-artiklu għax il-maġġoranza tal-informanti kienu rġiel u ftit li xejn hemm nisa li jaħdmu n-nar. Il-varjabbli soċjali tal-età u tal-ġeografija kienu l-aktar relevanti għall-istudju tiegħi.

Ħafna studji soċjolingwistiċi juru differenzi fl-età. Dan hu fattur soċjolingwistiku importanti għax, kif jispjegaw Milroy u Gordon, id-differenza fl-età taffettwa l-mod kif in-nies jitkellmu għax jirrappreżentaw żminijiet differenti. Jekk, bħala regola, gruppi ta' kliem norbtuhom ma' etajiet partikolari, allura nsejħulhom "age-graded" (Meyerhoff ١٤٥). Madankollu ma nistgħux nieħdu dan l-argument bħala ġenerali għax mhux il-kliem kollu jgħaddi minn din il-fażi. Mill-banda l-oħra, jekk m'hemm l-ebda evidenza, ngħidu aħna, bidla fil-ġenerazzjoni, li varjant ikun qed ikeċċi varjant ieħor, allura l-varjabbli jkun wieħed stabbli (١٤٥).

Wardhaugh jikkwota studju li sar ġo Trondheim fin-Norveġja minn Chambers u Trudgill li juri li nisa ta' età żgħira għandhom attitudni differenti mill-kbar lejn ċerti tipi ta' mġibiet lingwistiċi (ikkwotati fi 3: 198). Sabu wkoll li l-perċentwali t'użanzi ta' ċerti forom tal-lingwa jvarjaw direttament mal-età għax hu fatt magħruf li ż-żgħażagħ jużaw lingwa differenti mill-anzjani (3: 10, 192, 198). Jista' jkun riżultat ta' fatturi oħra, bħal, pereżempju, li ż-żgħażagħ iħaddmu aktar mezzi teknoloġiċi imma l-anzjani għandhom tendenza li jkollhom stil ta' ħajja aktar fiss, u għalhekk jitkellmu b'mod konservattiv.

Fl-istudju tiegħi ttrattajt kelliema minn tliet gruppi ta' etajiet. Dan peress li kkunsidrajt il-gradi tal-età, ladarba hija relevanti għal dak li għamilt. Il-gradi tal-età jintużaw minħabba l-mod kif l-individwu juża l-lingwa jvarja b'mod gradwali skont l-età, u kif wieħed irid jikkontrolla meta jittratta l-varjazzjoni maħruġa minn differenzi fl-età bejn l-informanti fl-istudju (Wardhaugh 3: 204).

Fl-istudju inkludejt tliet gruppi ta' etajiet differenti; taħt il-31 sena, minn 31 sa 50 sena u 'l fuq minn 50. Il-maġġoranza tal-informanti kienu dilettanti sa minn età żgħira, tgħallmu s-sengħa u l-għodod li hemm bżonn; fil-fatt, issib numru kbir ta' piroteknici li jaħdmu b'mod regolari u volontarju. Huma familjari ma' x'hemm fir-ritratti jew filmati u tonqos il-probabilità li ma jkunux jafu

x'qed jaraw. Fil-qasam tal-piroteknika m'hemmx xi grupp ta' età partikolari għax ħafna nies jieħdu sehem fil-manifattura tan-nar biex kull sena jagħtu spettaklu. B'hekk, tistudja l-varjazzjoni lessikali fil-qasam tal-logħob tan-nar ikun aktar faċli u produttiv meta tikkonsidra dawn it-tliet firxiet.

Hemm numru konsiderevoli ta' nies li għandhom aktar minn 50 sena li għadhom jaħdmu n-nar. Dawn għandhom esperjenza wiesgħa u għalkemm sibt xi diffikultajiet meta intervistajthom, dawn taw kontribut siewi meta wrejthom il-materjal li ħejjejt.

Għalkemm hawn ħafna tfal u żgħażagħ dilettanti, inkludejt żgħażagħ minn tmintax-il sena 'l fuq, li għandhom il-liċenzja piroteknika meħtieġa, u żammejt f'moħħi li għadhom mhumiex tal-esperjenza u jista' jkun li ma kinux jafu t-teknikalitajiet, l-għodod kollha u l-użu differenti tal-lessemi.

Il-fattur tal-ġeografija huwa l-varjabbli soċjali prinċipali li stħarriġt biex nara l-varjazzjoni lessikali f'għalqa semantika partikolari permezz tal-lokalità tal-informanti. F'ħafna studji li saru, il-ġeografija l-aktar li taffettwa l-mod kif jitkellmu n-nies. Min-naħa għal oħra ta' pajjiż kbir aktarx issib differenzi kbar fl-użu tal-lingwa imma minn raħal għal raħal ieħor, qrib xulxin, jista' jkun li d-differenzi ma jidhrux daqshekk. Din id-differenza minn post għall-ieħor tissejjaħ *Geographical Dialect Continuum* (Chambers u Trudgill 6). Id-differenza tal-lokalità hija l-aktar fattur li tingħata importanza fil-qasam tad-djalettoloġija, ix-xjenza li tistudja d-djaletti (14).

Minkejja ċ-ċokon ta' gżiritna, stħarriġt il-kmamar kollha ta' Malta u Għawdex. B'hekk id-differenzi djalettali fuq livell lessikali mil-lokalitajiet kollha joħorġu aktar ċari. F'Malta u Għawdex hawn 32 kamra tan-nar, li huma attivi u jaħdmu b'mod volontarju. Is-sengħa tintiret mill-familja u ħafna mill-pirotekniċi jmorru fl-istess kmamar tan-nar li kienet taħdem fihom familthom. Biex l-istudju kien iktar speċifiku, il-kamra u l-persuna kienu tal-istess lokalità u b'hekk ksibt stampa komprensiva tat-terminoloġija użata mill-informanti minn kull parti differenti tal-gżejjer.

## Id-djalett

Ilsienna mhuwiex realtà omoġenja iżda mogħni b'ħafna varjazzjonijiet djalettali; hija ħaġa naturali nistaqsu kif waħda minnhom saret standard, kif se naraw f'din it-taqsima.

Ħafna nies jaħsbu li d-djaletti huma forma t'espressjoni lingwistika li ma għandhiex tintuża f'diskors formali anzi jqisuhom inferjuri għall-Istandard. Fil-fatt Chambers u Trudgill jgħidu:

*In common usage, of course, a dialect is a substandard, low status, often rustic form of language, generally associated with the peasantry, the working class, or other groups lacking in prestige. Dialect is also a term which is often applied to forms of language, particularly those spoken in more isolated parts of the world, which have no written form. And dialects are also often regarded as some kind of (often erroneous) deviation from a norm as aberrations of a correct or standard form of language. (3)*

L-istudjużi ma jaqblux ma' din it-tifsira popolari u l-istess kittieba jaqsmu fehmithom fuq is-suġġett:

*We will, on the contrary, accept the notion that all speakers are speakers of at least one dialect – that standard English, for example is just as much a dialect as any other form of English – and that it does not make any kind of sense to suppose that any one dialect is in any way linguistically superior to any other. (3)*

Albert Borg jaqbel ukoll u jassumi li matul iż-żmien, wieħed mid-djaletti sar il-Malti Standard:

"Madankollu nistgħu nissoponu li biex varjetà waħda saret Malti Standard kien hemm imdaħħla fin-nofs fatturi ta' natura soċjali." (*The Maintenance of Maltese 9*)

### X'jagħmel il-varjetajiet tal-lingwa djaletti u mhux aċċenti?

Minkejja ċ-ċokon ta' pajjiżna, xorta mogħni b'għadd ta' djaletti. Id-djalett huwa marbut mar-raħal minħabba l-avvenimenti storiċi li jgħaddu minnhom dak ir-raħal u n-nies tiegħu. Il-varjetajiet mhux daqshekk sempliċi biex jiġu identifikati għax insibu numru mdaqqas ta' djaletti differenti. Ħafna drabi osservawhom mil-lat fonoloġiku u dejqu l-istudju. Id-differenzi fil-pronunzja biss mhumiex biżżejjed biex varjetà tissejjaħ djalett imma tista' tkun aċċent (Wardhaugh 5: 46). Chambers u Trudgill jirreferu għall-aċċent bħala

"l-mod kif il-kelliem jippronunzja, u għalhekk hija varjetà li fonetikament u fonoloġikament tagħmilha differenti minn varjetajiet oħra. Min-naħa l-oħra djalett jirreferi għall-varjetajiet li huma grammatikalment, lessikalment u kif ukoll fonoloġikament differenti minn varjetajiet oħra. Id-djaletti u l-aċċenti spiss jidħlu f'xulxin (*Dialectology* 5).

Borg (*Lectal Variation in Maltese*, 2009) jgħid li l-varjetajiet tal-Malti mhumiex aċċenti differenti iżda djaletti differenti. Djaletti mhumiex biss fil-pronunzja, imma jistgħu jkunu fuq il-bażi ta' struttura morfosintattika u/jew kif ir-relazzjonijiet semantiċi huma identifikati fis-sintassi.

Għalhekk, minkejja li l-akbar differenzi jinħassu fis-sistema fonetika, Borg isemmi wkoll diversi varjazzjonijiet morfoloġiċi, sintattiċi u lessikali (*Ilsienna*); kollha flimkien jagħmlu l-varjetajiet djaletti u mhux sempliċiment aċċenti.

Borg jagħti bosta differenzi li għandhom id-djaletti Maltin mill-Istandard; dawn li ġejjin huma xi eżempji:

**Tabella 1**: Il-Varjazzjonijiet lessikali

| Il-Malti Standard | Id-Djalett |
|---|---|
| ***biskuttell*** | *qarmeċ* (Ħal Għargħur) |
| | *fettul* u *bezzun* (l-Għarb) |
| | *felli* (ix-Xewkija) |
| ***laħlaħt*** | *saffejt* (il-Bidnija) |
| ***straġi*** | *sintina* (in-Nadur) |
| ***kummiedji*** | *trampi* (ir-Rabat, Għawdex) |
| ***pitazz*** | *skritt* |
| ***antiporta*** | *boxxla* |
| ***labar tal-inxir*** | ċombini |

Is-sors: Borg, Albert (*Ilsienna* 5; *Lectal Variation in Maltese* 14)

**Tabella 2**: Il-Varjazzjonijiet idjomatiċi f'Għawdex

| Il-Malti Standard | Id-Djalett |
|---|---|
| ***sar il-ħin*** | *għamel il-ħin* |
| ***mort naqta' xagħri*** | *mort naqta' x-xagħar* |
| ***oqgħod bilqiegħda*** | *oqgħod baxx* |

Is-sors: Borg, Albert (*Ilsienna* 5; *Lectal Variation in Maltese* 14-15)

**Tabella 3**: Il-Varjazzjonijiet morfoloġiċi

| Il-Malti Standard | Id-Djalett |
|---|---|
| ***purtieri*** | *prieter* (in-Nadur) |
| ***karozzi*** | *kroroz* (in-Nadur) |
| ***torti*** | *torot* (in-Nadur) |
| ***sefturi*** | *sfieter* (San Ġiljan) |
| ***kutri*** | *kwieter* (Birkirkara) |

Is-sors: Borg, Albert (*Ilsienna* 6; *Lectal Variation in Maltese* 10-11)

**Tabella 4**: Il-Varjazzjonijiet sintattiċi

<table>
<tr><th>Il-Malti Standard</th><th colspan="2">Id-Djalett</th></tr>
<tr><td>mhux qed imur / mhux qiegħed imur</td><td colspan="2">ma qedx imur (l-Imġarr)</td></tr>
<tr><td>kont għoddni żlaqt / kont kważi żlaqt</td><td>kont żlaqt</td><td rowspan="2">(F'xi djaletti jintuża biss il-verb kien)</td></tr>
<tr><td>kien għoddu miet / kien kważi miet</td><td>kien miet</td></tr>
</table>

Is-sors: Camilleri ("Language, Education and Socialisation") u Borg, Albert (*Lectal Variation in Maltese* 11)

Dawn kollha xhieda ta' kemm id-differenzi fit-taħdit bejn l-irħula mhumiex biss fil-pronunzja, u iktar 'il quddiem jiena wkoll nuri l-varjazzjonijiet fonetiċi, morfoloġiċi u lessikali li sibt fir-reġistru tal-piroteknika.

## Il-Maltin kif iħarsu lejn id-djaletti?

Il-Maltin għandhom termini popolari biex jirreferu għall-varjazzjoni lingwistika, fil-lingwa tagħhom. Il-Malti Standard isejħulu "pulit" filwaqt li nisimgħu b'ħafna laqmijiet li jintużaw għad-djalett, bħal "imgħawweġ", "imkisser", "imfarrak" u "ikrah". Skont Albert Borg, in-nies ta' Ħal Qormi jużaw l-espressjoni "jitkellem bit-tuf" għal min jitkellem bid-djalett (*Lectal Variation in Maltese* 1) u Incorvaja qal li f'Marsaxlokk tingħad l-espressjoni "jitkellem bit-tu" ('Ix-Xlukkajr'). Dawn it-titli mhumiex ġejjin biss min-nies li jitkellmu bl-Istandard għax, kultant, dawk li jitkellmu bid-djalett ukoll jgħidu li jgħawġu, ikissru, ifarrku jew jitkellmu bl-ikrah.

Alexander Borg argumenta li, probabbilment, id-djaletti jispiċċaw fil-ġenerazzjoni ta' warajh ('Reflexes of Pausal Forms') imma sal-lum, għadhom ħajjin. Jista' jkun li d-djalett naqas minħabba raġunijiet soċjali bħalma huma ż-żwiġijiet bejn persuni minn irħula differenti u ċ-ċaqliq demografiku.

Illum indunajna li d-djaletti għandhom importanza kbira fil-qasam lingwistiku; għalkemm domna, konna fil-ħin ladarba għadhom magħna. Xi Kunsilli Lokali jħarsu lejn id-djalett bħala parti mill-identità tar-raħal u jorganizzaw diversi programmi u festivals marbutin magħhom, bħal fiż-Żejtun, il-Munxar u l-Għarb. Il-problema hi li f'dawn l-okkażjonijiet xi nies jiddejqu jitkellmu bid-djalett fil-pubbliku minħabba l-istigma li għadha teżisti, mhux għax m'hemmx nies li jużawh.

## Ir-reġistru

Mill-perspettiva tal-lingwa, ir-reġistru hu stat jew tip ta' varjazzjoni lingwistika li mhuwiex assoċjat ma' post ġeografiku imma ma' gruppi ta' nies li għandhom l-istess interessi jew ma' ċirkustanzi ta' użu partikolari bħalma huwa xogħol, sengħa jew kultura. Mill-perspettiva tar-reġistru, il-lingwa hija grupp ta' reġistri flimkien (Ghadessy, 282). Trudgill ifisser reġistru bħala "varjazzjonijiet lingwistiċi li huma marbuta ma' professjonijiet, okkupazzjonijiet u anke suġġetti"

(*On dialect* 101). Ir-reġistri huma karatterizzati minn differenzi fl-użu ta' kliem partikolari jew fl-użu tal-kliem f'sens partikolari (Biber u Conrad, 46). De Beaugrande jgħid li l-ekwivalenti ta' 'reġistru' tista' tkun 'lingwa ristretta' u jiddefiniha bħala qasam ta' esperjenzi jew azzjonijiet, li jkollu 'l-grammatika u d-dizzjunarju tiegħu' (Ghadessy, 8). Min-naħa l-oħra Halliday (1964) kif ikkwotat minn Leckie-Tarry, ifissru bħala konfigurazzjoni ta' riżorsi semantiċi li membru f'soċjetà kulturali jassoċjah ma' sitwazzjoni partikolari. Dan ikun aċċessibbli f'kuntest soċjali (Ghaddessy, 29).

Xi eżempji jinkludu r-reġistru mediku, tas-sajd, tal-biedja, tal-bini, tal-ekonomija, tal-mużika, tal-isport, tal-qorti, u tal-internet. Nies li jmissu ma' oqsma bħal dawn jaddottaw terminoloġija speċjalizzata biex jiftiehmu bejniethom malajr u b'mod preċiż. Biż-żmien, il-lingwa tagħhom tiżviluppa aktar karatteristiċi - sintattiċi, fonoloġiċi u anke morfoloġiċi - li jiddistingwuhom minn gruppi oħrajn. Eventwalment, reġistri speċjalizzati jistgħu jsiru diffiċli għal min ma jkunx midħla tagħhom u tal-qasam fejn jitħaddmu (Holmes, *An introduction to Sociolinguistics* 276).

Jekk persuna tkun parti minn grupp li juża reġistru partikolari u jkollha esperjenza personali li tuża r-reġistru b'mod effettiv, l-għarfien tagħha se jkun ikbar (Biber u Conrad, 37). Jista' jkun li xi persuni jkunu midħla ta' iktar minn reġistru wieħed għax ikunu jagħmlu parti minn gruppi differenti. Pereżempju wieħed jista' jkun kaxxier ta' bank u plejer tal-futbol. L-użu tar-reġistru jgħin biex wieħed jesprimi l-identità tiegħu f'ħin u f'post partikolari, jiġifieri kif jixtieq li jippreżenta lilu nnifsu lill-oħrajn.

Ir-reġistru pirotekniku huwa wieħed mill-aktar taqsimiet importanti fl-istudju soċjolingwistiku, l-għaliex wieħed mill-għanijiet tal-istudju kien li niġbor kliem u espressjonijiet mill-qasam tal-logħob tan-nar. Ħadli sentejn biex bnejtu għax ridt li jkun xogħol kemm jista' jkun sħiħ. Ippruvajt niġbor termini marbutin mal-logħob tan-nar. Ħadt ħsieb li jkolli l-lessiku rreġistrat f'xogħlijiet akkademiċi, oħrajn ippubblikati u elettroniċi, u ma setax jonqos li stħarriġt it-taħdit tal-piroteknici li jipprattikaw is-sengħa.

Ir-reġistru pirotekniku qsamtu fi ħdax-il qasam taħt erba' kategoriji. It-termini niżżilthom l-ewwel skont il-qasam li jaqgħu fih u mbagħad f'ordni alfabetiku. B'hekk organizzajt kollox b'mod li min ifittex fil-glossarju ma jintilifx. Ir-reġistru qassamtu hekk:

| L-istadju bikri fil-Piroteknika | |
|---|---|
| 1.1. | L-elementi kimiċi |
| 1.2. | Is-sustanzi kimiċi |
| 1.3. | It-taħlit |

| Spjega tal-proċessi ewlenin fil-Piroteknika | |
|---|---|
| 2.1. | Il-proċess tal-porvli |
| 2.2. | Il-proċess tal-berqa |
| 2.3. | Il-proċess tal-istilla |
| 2.4. | Il-proċess tal-logħob tan-nar |

| Il-varjetà ta' logħob tan-nar f'Malta | |
|---|---|
| 3.1. | In-nar tal-ajru |
| 3.2. | In-nar tal-art |

| Tagħrif ġenerali fuq il-Piroteknika | |
|---|---|
| 4.1. | Informazzjoni oħra |
| 4.2. | Verbi użati fil-logħob tan-nar |

Kull varjant poġġejtu taħt l-aktar kelma popolari fost il-pirotekniċi. B'hekk, min jikkonsulta l-glossarju u jara l-kelma li jixtieq, barra t-tifsira u s-sors, ikollu tagħrif fuq lessiku differenti li kmamar tan-nar oħrajn jużaw. Meta jkun hemm nota li kelma tinsab f'qasam ieħor, dan mhux xi nuqqas, imma għax l-oġġett jintuża għal affarijiet oħra, u jkollu tifsira simili jew differenti. Ngħidu aħna, il-kelma *murtal* tinsab fl-oqsma tan-*Nar tal-ajru* u f'tan-*Nar tal-art* għax il-kelma hija polisemika (kelma li għandha żewġ tifsiriet).

Il-glossarju pirotekniku ta' 1207 termini jurina li din hi sengħa ħajja, imħaddma minn piroteknici żgħażagħ u anzjani, li jaħdmu lejl u nhar. Is-sodisfazzjon tagħhom jidher fil-prodott finali li jinħaraq f'temp ta' ftit ħin. Barra minn hekk, dan kollu huwa xhieda kemm l-ilsien Malti huwa mogħni lessikalment f'oqsma li jmissu magħhom bosta fil-ħajja ta' kuljum.

## Il-Metodoloġija

Is-soċjolingwistiċi jużaw firxa ta' metodi biex jiġu analizzati l-lingwa u l-attitudnijiet li l-kelliema jkollhom lejn il-lingwa. Dawn jinqdew kemm b'metodoloġiji kwalitattivi, li jfittxu fil-wisa', u kemm b'metodi kwantitattivi, b'tiftix fil-fond (Wimmer u Dominick 40).

Jien iddeċidejt li nużahom it-tnejn għax, skont Neuman, dawn iż-żewġ metodi, għalkemm differenti jikkumplimentaw lil xulxin (*Social Research Methods* 151). Silverman jgħid li meta flimkien joħorġu iktar il-validità tar-riċerka (43-38).

Għamilt l-iktar studju kwalitattiv għax permezz tal-intervisti ġbart l-informazzjoni mingħand l-informanti li setgħu jwieġbu kif iridu; dan għenni niġbor dak li kelli bżonn. Huwa wkoll studju kwantitattiv minħabba li analizzajt l-informazzjoni li nkun ġbart fl-intervisti u qed nippreżentaha bħala statistika. L-istudju wettaqtu permezz ta' intervisti billi wrejt lill-informanti ritratti u filmati tal-affarijiet li qed nistħarreġ. Għamilt mill-aħjar li stajt biex ma ninfluwenzax il-lessiku li slitt mill-informanti, jew li tal-inqas ma nħallix daqshekk effett, u għalhekk ġbart l-informazzjoni indirettament. Ħafna riċerkaturi jimxu bl-istess mod, tant li Neuman isostni li l-azzjonijiet jew l-imġiba tal-intervistatur m'għandhomx jaffettwaw ir-rispons tal-informanti, anki jekk jerġa' jistaqsihom ħaddieħor (*Social Research Methods* 308-9). Fil-fatt, ma ggwidajtx lill-informanti biex jagħtu risposta definita imma ħallejthom jgħidu li jridu skont l-għarfien personali.

Il-mod indirett, li ma jeħtieġx irrekordjar, bdewh Jaberg u Jud u r-riċerkatur li jużah ma jużax kliem li għandu x'jaqsam mal-varjanti li qed jipprova jislet, jiġifieri ma jgħidx xi ħaġa bħal: "Kif tgħid fetqa?", iżda juri stampa jew jipponta lejn l-oġġett u jistaqsi mistoqsijiet bħal, "Din x'tgħidilha?" (Chambers u Trudgill 22). Il-kliem li għażilt ħadtu mill-11-il taqsima tal-glossarju. Dan jammonta għal 150 ritratt jew filmat ta' affarijiet marbutin mas-sengħa bil-varjanti tagħhom wara xulxin skont il-qasam jew l-oqsma li jinsabu fih. Ħafna mill-kliem; kemm nomi kif ukoll verbi, jintqal u jintuża mill-piroteknici Maltin.

L-informanti kienu minn tliet gruppi differenti ta' età; wieħed taħt it-tletin sena, it-tieni minn wieħed u tletin sa ħamsin sena u l-ieħor minn wieħed u ħamsin 'il fuq. Meta bdejt ngħidilhom bl-iskop tar-riċerka tiegħi kollha aċċettaw bil-qalb. L-informanti f'dawn il-gruppi ħadthom mill-kmamar tan-nar kollha ta' Malta u Għawdex u ħadt ħsieb inkellimhom wiċċ imb wiċċ biex niftiehmu meta ħa niltaqgħu għall-intervista. Jien għażilt nies li joqogħdu fl-istess raħal fejn tinsab il-kamra tan-nar u pprovajt ma ninkludix dilettanti li ma baqgħux jgħixu fir-raħal jew fil-belt fejn trabbew. F'Malta u Għawdex hawn 32 kamra tan-nar differenti, li huma attivi u jaħdmu b'mod volontarju, u biex ikolli stampa ċara tal-varjazzjoni lessikali, żorthom kollha. Il-maġġoranza tal-irħula u l-ibliet Maltin għandhom tradizzjoni twila fil-piroteknika li ntirtet sal-lum il-ġurnata. Bil-kontribut tiegħi qed niżgura li tinkiseb deħra komprensiva tat-terminoloġija minn kull parti tal-gżejjer f'dan il-qasam semantiku.

Qabel bdejt l-intervisti, għamilt studju pilota billi ppruvajt il-metodoloġija u mort f'5 kmamar tan-nar imbegħdin minn xulxin u ħadt 3 informanti minn kull waħda, ilkoll bil-kriterji meħtieġa, biex ikolli kampjun ta' 15-il persuna, u biex jekk ikun hemm xi difetti jew bżonn li nbiddel xi stampi nkun nista' nagħmel dan qabel ma nagħmel l-intervisti propja.

Mill-istudju pilota indunajt li kelli nbiddel xi stampi biex ikunu jiftiehmu u jintgħarfu aktar, ridt inżid stampi oħra u definizzjonijiet qosra għal uħud mit-termini li juru element jew sustanza kimika, peress li kienu ambigwi ħafna u damu xi ftit ma weġbuhom. Il-ħin ta' kemm iddum l-intervista jiddependi ħafna mill-informant kemm jaf u kemm idum biex jiddiskrivilek l-istampa jew jgħidlek il-kelma.

Apparti li kelli bżonn nagħmel dawn il-bidliet, l-istudju pilota wrieni li għalkemm hemm għadd ta' varjanti, l-intervisti jimxu u ma jeħdux daqshekk fit-tul; għaldaqstant għażilt li nżommhom kollha, u l-informanti ma ddejqux jikkontribwixxu u taw sehemhom kemm setgħu, avolja kien hemm għadd ġmielu ta' ritratti u filmati. B'dan kollu żgurajt li l-metodoloġija tkun soda u tkun tista' tħalli l-frott mixtieq.

## Il-varjazzjoni tal-ġeografija

L-istudju tal-varjazzjoni f'reġistru huwa punt importanti fis-soċjolingwistika. Dan minħabba li hemm żewġ varjetajiet ewlenin ta' lingwa fi kwalunkwe komunità; varjetajiet assoċjati ma' gruppi differenti – id-djaletti, u varjetajiet assoċjati

ma' użu f'sitwazzjonijiet differenti – ir-reġistri. Ħafna lingwisti, bħal Hymes, Halliday, Crystal, Ferguson u Pike, taw importanza lil dawn iż-żewġ varjetajiet.

Uħud mis-soċjolingwisti jinjoraw il-varjazzjoni fir-reġistru u jiffukaw fuq il-varjazzjoni djalettali. Ħafna studji soċjolingwisti jagħtu kapitli sħaħ fuq il-varjazzjoni djalettali reġjonali u soċjali u jagħtu diskussjonijiet qosra fuq il-varjazzjoni fir-reġistru. Madankollu, fil-varjazzjoni soċjolingwistika tradizzjonali, il-komunità lingwistika ġiet studjata kważi esklussivament b'referenza għall-varjazzjoni bejn il-kelliema tagħha, u mhux madwar is-sitwazzjonijiet li fihom dawk il-kelliema jużaw il-lingwa (Biber u Conrad, 264).

Halliday jagħmel differenza bejn reġistru u djalett. Id-djalett hu varjetà tal-lingwa li tagħmel referenza għall-kelliem; li turi int min int, waqt li r-reġistru fis-soċjolingwistika hu varjetà li tirreferi għall-kuntest soċjali tal-kelliem; juri xi jkun qed jagħmel f'dak il-ħin (Halliday, 157). Iżid ukoll li d-djaletti jvarjaw fil-fonetika, fil-fonoloġija u fil-grammatika lessikali imma mhux fis-semantika. Min-naħa l-oħra r-reġistri jvarjaw fis-semantika, fil-grammatika, fil-lessiku u kultant fil-fonoloġija. Għalhekk, għal reġistru, is-semantika hija l-fattur ta' kontroll skont it-tip ta' sitwazzjoni jew esperjenza (Ghadessy, 10).

Kemm id-djalett kif ukoll ir-reġistru għandhom x'jaqsmu ma' varjetajiet tal-lingwa Standard. Id-djalett mhuwiex xi ħaġa mejta imma huwa ħaj u jiġi mitħaddet kuljum kif jixhed il-kliem użat fl-intervisti u l-analiżi tiegħu. Id-djalett iservi sabiex in-nies ta' dik il-komunità jkunu jistgħu jinftiehmu bejniethom u li jkun komdu għalihom. Id-djalett joħroġ iktar b'mod spontanju speċjalment fejn il-kelliem ikun f'ambjent familjari jew fil-preżenza ta' xi kelliem ieħor tad-djalett. Din nittrattaha f'iktar dettall fit-taqsima li jmiss. Normalment, id-djalett, ikun ibbażat fuq varjazzjonijiet reġjonali, jiġifieri skont fejn tkun trabbejt. Ir-reġistru għandu x'jaqsam mat-tip ta' xogħol jew delizzju tal-persuna, indipendentement minn fejn tkun il-persuna. Ir-reġistru jista' jkompli jżejjen id-djalett u jagħmlu iktar uniku.

Meta d-djaletti jiġu studjati, ħafna jiffukaw fuq fatturi lingwistiċi li mhumiex assoċjati ma' differenzi fit-tifsira. Differenzi fonoloġiċi pereżempju jagħtu identità fuq il-grupp reġjonali jew soċjali li l-kelliem jidentifika ruħu miegħu. L-istess għal differenzi grammatikali u lessikali. Uħud mid-differenzi lingwistiċi mhumiex funzjonali, imma xi forma lingwistika tkun assoċjata ma' grupp soċjali partikolari (Biber u Conrad, 11).

Għal Biber u Conrad, il-varjazzjonijiet lingwistiċi użati fi studji tar-reġistri huma l-oppost minn dawk użati għal studji djalettali. Il-varjazzjonijiet fir-reġistri

huma funzjonali kuntrarju għal varjazzjonijiet djalettali li huma purament konvenzjonali (11).

Għalkemm ħafna mill-istudji soċjolingwistiċi jiffukaw fuq differenzi lingwistiċi bejn id-djaletti, id-differenzi lingwistiċi bejn ir-reġistri huma iktar estensivi. Differenzi djalettali juru l-identità tal-persuna fi ħdan il-grupp soċjali. Irrispettivament minn kwalunkwe differenzi djalettali, kelliema li jużaw l-istess reġistru qed jagħmlu eżerċizzju komunikattiv simili. Għalhekk il-fatturi lingwistiċi użati f'sitwazzjoni partikolari huma simili għall-kelliema minn djaletti differenti (Biber u Conrad, 12).

F'pajjiżna, ir-reġistru tal-piroteknika tista' tgħid li huwa parti mid-djalett ta' kull lokalità. Madanakollu mhux kull kelliem li jħaddmu jitkellem bid-djalett ta' fejn trabba, għax hemm postijiet li m'għandhomx wieħed. Fil-fatt, dan ir-reġistru mhuwiex popolari ma' kulħadd imma ma' dawk li jaħdmu n-nar biss.

Waqt dan l-istudju soċjolingwistiku ġew intervistati 32 kamra tan-nar f'Malta u Għawdex. Għall-iskop tal-analiżi, il-kmamar tqassmu f'sitt gruppi skont kif ġew imqiegħda fiċ-ċensiment li sar fl-2011 mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika; Għawdex, in-naħa ta' fuq ta' Malta, il-Punent ta' Malta, ix-Xlokk ta' Malta, in-naħa ta' fuq tal-Port u n-naħa t'isfel tal-Port.



Mill-istudju li sar irriżulta li hemm tliet xejriet ewlenin fil-varjazzjoni ġeografika:

- varjazzjoni minima: Il-maġġoranza (80% jew aktar) tal-parteċipanti ta' kull grupp ġeografiku jużaw l-istess terminu. Dawn jammontaw għal 35%.
- varjazzjoni ċara: Il-gruppi ġeografiċi jużaw terminu differenti għall-istess ritratt jew vidjow. Dawn jammontaw għal 63%.
- varjazzjoni mingħajr tendenza ċara: il-qbil ma jkunx muri ladarba l-persentaġġ tal-parteċipanti jkun tqassam mat-termini kollha fis-sitt gruppi. Dawn jammontaw għal 1%.

Fir-reġistru tal-piroteknika nsibu numru ta' kliem li kemm hu kif ukoll tifsirietu mhuwiex parti mill-Malti Standard u lanqas huwa mniżżel fid-dizzjunarji tal-Malti. Dan il-kliem jinftiehem mill-kelliema li jaħdmu n-nar u n-nies qrib tagħhom. Fost il-piroteknici nsibu xi varjazzjonijiet fonetiċi u lessikali fi kliem li għandu x'jaqsam mal-qasam tal-logħob tan-nar bħalma nistgħu naraw fit-tabella li jmiss. Uħud minn dawn it-termini naħseb li jintużaw f'varjazzjoni ħielsa jew il-kelliem ikun juża tnejn jew tlieta minnhom f'varjazzjoni ħielsa. Imma t-termini l-oħra nissuspetta li jintużaw f'distribuzzjoni komplimentarja, speċjalment fejn hemm varjazzjonijiet fonetiċi, għax ftit huma dawk li jużaw żewġ termini jew iktar.

Mit-termini li ngħataw waqt l-intervisti meta l-piroteknici ġew murija r-ritratti u l-vidjows, ħareġ li 5% huma ta' varjazzjoni fonetika biss, 15% huma ta' varjazzjoni fonetika kif ukoll lessikali, waqt li 81%, il-maġġoranza, huma ta' varjazzjoni lessikali biss. Għal aktar tagħrif fuq dawn id-differenzi fonetiċi u lessikali, ara t-taqsima *Aspetti lessikali u grammatikali li nsibu f'dan il-glossarju* f'kapitlu 3 fit-teżi tal-*MA*.

| Varjazzjonijiet fonetiċi biss fi kliem marbut mar-reġistru tal-piroteknika | It-tifsiriet tat-termini |
|---|---|
| *kkumlikar*$_1$ / *kkumnikar*$_1$ | Il-proċess li tgħaqqad il-mazzi tal-fetqiet tal-kaxxi flimkien. |
| *miċċa* / *niċċa* | Spag u tajjar midluk bil-porvli magħġun fl-ilma u l-gomma. In-niċċa ssir fi ħxuniet differenti skont l-użu. Fil-fatt il-miċċa tintuża ħafna fix-xogħol tan-nar. |
| *pajlar* / *parlar* | Tip ta' għoqda li tissikka biss użata ħafna fix-xogħol tan-nar. |
| *raġġetta* / *ruġġetta* | Berqa li ttajjar raxx abjad. Hija magħmula minn taħlita tal-berqa imma l-materjal li jintuża jtajjar raxx daqsxejn bajdani u jagħmel effett sabiħ fl-ajru bħal bukketti tal-kulur. |
| *funtana* / *fintuna* / *funtuna* | Skartoċċ ikkargat bil-porvli jew titanju jew bit-taħlita tal-kulur b'tarf wieħed ikun issiġillat b'tapp tat-tafal u mit-tarf l-ieħor ikun magħluq permezz ta' takka tat-tafal imtaqqba b'niċċa rqiqa ġo fiha, li tipprovdi s-saħħa biex iddawwar il-mekkaniżmi jew l-irdieden. |
| **Varjazzjonijiet fonetiċi u lessikali fi kliem marbut mar-reġistru tal-piroteknika** | **It-tifsiriet tat-termini** |
| *marżebba* / *marżeppa* / *mazza* / *mazza tal-injam* | Tip ta' mazza li tintuża biex waqt it-tkeskis tal-porvli, wara li l-porvli jitħallat mal-ilma u jingħaġen, jissawwat biha biex jiġi ħaġa waħda. |
| *bukkett*$_1$ / *bukkett tal-kulur* / *kurċetta* / *pukkett* / *misluta tal-kulur* | Il-fetqiet tal-kulur żgħar li jkun hemm fil-murtali tal-logħob, li jew ikunu ppustjati fi skrataċ żgħar jew tintefa' l-istilla mal-porvli. |
| *sfiera* / *sfera* / *raġġiera*$_1$ / *ruġġiera* | Qasma ċilindrika li jkollha stilla li tħalli r-raxx jew denb. |
| *masklu* / *kavallett* / *murtalett*$_2$ / *murtarett* | Reċipjent tal-bronż jew ħadid li kienu jaħarqu n-nar fih il-kavallieri. |

| Varjazzjonijiet lessikali biss fi kliem marbut mar-reġistru tal-piroteknika | It-tifsiriet tat-termini |
|---|---|
| *faħam / karbonju* | Element involut fis-sustanzi kimiċi li jintużaw fil-manifattura tan-nar. Dan huwa fjuwil mhux metalliku u għalhekk iktar stabbli. Il-faħam għandu ħafna forom bħall-grafit u faħam tal-kannol. Dan l-element huwa wieħed mit-tliet komponenti biex isir il-porvli. |
| *stilla / tapp tal-kulur / ċappa kulur* | Il-kulur magħmul mit-taħlit. Hi waħda mill-ħafna tikek li jkun fih murtal tal-kulur fis-sema. Stilla ċċilindrata tkun ippustjata fil-fetqiet u stilla tonda fil-ballun. |
| *plakka*$_1$ / *takka tal-injam / sopratakka / takka tat-tir* | Takka tal-injam x'aktarx ħoxna xi tliet pulzieri jew erba' jew aktar, li titqiegħed taħt il-kawwara fejn magħha jħabbat l-iskartoċċ tat-tir. |
| *murtal bandieri / murtal maqsum / murtal flieli* | Meta jkollok murtal bi tliet fetqiet u bomba, illi jkunu nofs kulur mod u nofs kulur mod ieħor jew maqsumin f'żewġ kuluri. |
| *barrama / barma / barramina / karga*$_1$ */ kargiera*$_1$ | Għodda għall-brim tal-iskrataċ tal-fetqiet ta' kull xogħol tan-nar tal-ajru ta' daqsijiet varji. |
| *ċentru*$_1$ */ għanqbuta* | Iċ-ċentru ta' kull fetqa kulur jew beraq li jkun magħmul minn stilla rqiqa. |
| *qronfla/ ġummiema* | Biċċiet ta' niċċa bejn fetqa u oħra mat-temp. |
| *tlugħ / prinċipal / sfera ta' murtal* | It-temp imnejn jibda jaħdem murtal. |
| *mrewħa / kanun* | Disinn maħdum fil-ħadid f'forma ta' mrewħa illi jintrabtu magħha għadd ta' kanen żgħar jew sensiela ta' kolpi singli normalment bi fjammi jew żbruffaturi. |
| *musketterija / trikkitrakk*$_1$ | Ħafna bombi żgħar trikkitrakki. Din tinħaraq biex tagħti sinjal lill-piroteknići biex jaħarqu l-kaxxa tal-ħruġ meta toħroġ l-istatwa u anke tinħaraq mill-każini meta tgħaddi l-istatwa minn quddiemhom jew għal xi briju ta'marċ. |

| | |
|---|---|
| *bott* / *tank$_3$* / *tanbur* | Forma ta' tank użat fin-nar tal-art, fejn fih jidħlu l-ingranaġġi u meta jdur, wieħed idawwar lil ieħor. |

Għal aktar eżempji ta' differenzi lessikali, ara l-glossarju f'kapitlu 4 tat-teżi tal-*MA*.

L-aktar varjazzjonijiet li jidhru bejn il-Malti Standard u d-djaletti huma fonetiċi u lessikali. Madankollu wieħed jista' jsib xi varjazzjonijiet morfoloġiċi. Dawn huma wħud mill-varjazzjonijiet morfoloġiċi li nsibu fir-reġistru pirotekniku:

| Varjazzjonijiet morfoloġiċi fi kliem marbut mar-reġistru tal-piroteknika | Malti Standard |
|---|---|
| *bombiet* **(plural sħiħ)** | *bombi* |
| *użini*, *inżulijiet* **(plural sħiħ)** | Jista' jkun **ma jingħadux** |
| *kanni* **(plural sħiħ)** | *kanen* |
| *fnatan* **(plural miksur)** | *funtani* |
| *mrewwaħ* **(plural miksur)** | *mriewaħ* |
| *sfejjer* **(plural miksur)** | *sferi* |
| *stilla*, *niċċa* **(kollettiv)** | Użati fis-**singular** |
| *porvli* **(kollettiv)** | Użata fil-**plural** |
| *nharu*, *lejlitu* **(nom bil-pronom meħmuż)** | Jista' jkun **ma jingħadux** |

Għal aktar tagħrif fuq dawn id-differenzi morfoloġiċi, ara taqsima *Aspetti lessikali u grammatikali li nsibu f'dan il-glossarju* f'kapitlu 3 tat-teżi tal-*MA*.

Joħroġ ċar li r-reġistru pirotekniku għandu sistemi fonetiċi u fonoloġiċi li huma differenti minn tal-Malti Standard. Barra minn hekk, ir-reġistru għandu varjanti lessikali li ma ssibhomx fil-Malti Standard u għalhekk dan il-lessiku jinftiehem mill-kelliema li jimmanifatturaw il-logħob tan-nar. Dan juri li l-qasam tal-logħob tan-nar għandu identità lingwistika li tiddistingwih mill-Malti Standard u mid-djalett.

## It-tqassim ġeografiku taċ-ċensiment u l-varjazzjoni lingwistika

Għalkemm għall-analiżi t-tqassim tal-kmamar tan-nar sar skont iċ-ċensiment tal-2011, mhux kull grupp ġeografiku neċessarjament jirrifletti r-realtà tal-

varjazzjoni lingwistika. Fi kliem ieħor, jista' jkollok reġjun li fiċ-ċensiment jitqies bħala grupp ġeografiku wieħed, eżempju x-Xlokk, iżda f'dan l-istħarriġ soċjolingwistiku deher kemm-il darba bħala żewġ gruppi lingwistiċi jew aktar. Fil-fatt, mill-ħames eżempji li użajt f'din it-taqsima, li ftit jew wisq jirriflettu s-sitwazzjoni ġenerali, joħroġ b'mod ċar li mhux dejjem hemm qbil bejn il-varjazzjoni lingwistika fil-qasam tal-piroteknika u t-tqassim ġeografiku tal-NSO. Fi kliem ieħor, minn perspettiva lingwistika xi gruppi ġeografiċi tal-NSO huma wesgħin wisq, fis-sens li hemm varjazzjoni rikorrenti fi ħdan l-istess reġjun. Mill-banda l-oħra, xi gruppi ġeografiċi tal-NSO jidher li huma ristretti għax kemm-il darba jkollok żewġ reġjuni jew aktar li jaqblu bejniethom.

(Għal aktar informazzjoni ara kapitlu 3 tat-teżi tal-*MA*)

## Il-varjazzjoni tal-età

Din il-parti kienet maqsuma fi tnejn: *M'hemmx varjazzjoni* u *varjazzjoni ċara*. Fil-kategorija *m'hemmx varjazzjoni*, il-maġġoranza tal-parteċipanti jkunu qablu fit-tweġiba tagħhom. Dawn jammontaw għal 79%. Dan jista' jkun riżultat ta' parteċipant anzjan li jgħallem liż-żgħir l-istess lessiku li jkun tgħallem hu maż-żmien. Għalhekk għal uħud minnhom, il-kamra tan-nar ikollha terminu wieħed biss. Jista' jkun ukoll illi t-tliet kategoriji jkollhom qbil bejniethom mhux biss f'terminu wieħed imma anke f'iktar. Tal-aħħar hija xi ftit rari anke l-għaliex uħud mit-termini ma jkunux jafuhom il-pirotekniċi kollha imma dawk li għandhom esperjenza kbira f'dan il-qasam speċjalment fejn tidħol il-Kimika. F'din il-parti ġbart il-maġġoranza sħiħa tat-tabelli (119-il tabella) li juru qbil f'terminu wieħed jew iktar bejn il-parteċipanti ta' etajiet differenti.

Fil-kategorija *varjazzjoni ċara* naraw li ma jkunx hemm qbil bejn il-parteċipanti ta' età differenti. Dawn jammontaw għal 21%. F'din il-parti ċerti termini jingħadu minn kategorija waħda biss, jiġifieri jkun hemm qbil bejn żewġ kategoriji minn tlieta jew huma differenti f'kull waħda mit-tliet kategoriji. Dan hu riżultat ta' taħlit lessikali bejn il-kmamar tan-nar speċjalment mill-ewwel kategorija. Il-pirotekniċi żgħażagħ jassorbu kliem ieħor illi mhuwiex nattiv għall-kamra tagħhom minn kmamar oħra. B'hekk issib dawk li jgħidu iktar minn kelma jew espressjoni waħda biex jirreferu għal oġġett partikolari jew li jaqtgħu l-kelma li jkunu tgħallmu mill-kamra tan-nar tagħhom u jużaw dik li jkunu ppreferew jew li l-kategorija tagħhom tuża. Issib każi fejn iż-żewġ kategoriji l-oħra jħossu li għandhom jagħmlu tibdil fil-lingwaġġ tagħhom,

kemm biex iħossuhom parti mill-pirotekniċi żgħażagħ jew għax it-terminu jkun qed imut bil-mod il-mod sakemm jinqata' minn fomm il-piroteknikú.

Mir-riżultati jidher biċ-ċar li l-kategorija ta' parteċipanti ta' taħt il-31 sena għandhom tendenza li jvarjaw mill-bqija tal-kategoriji. Il-każi fejn iż-żgħażagħ jużaw termini differenti milli jużaw iż-żewġ kategoriji l-oħra jammontaw għal 36%. Hemm ukoll xi każi, li jammontaw għal 30%, fejn il-pirotekniċi ta' 51 sena 'l fuq ivarjaw miż-żewġ kategoriji l-oħra. Dan jindika li ċerti termini jinbidlu mal-medda taż-żmien.

### Il-varjazzjoni tal-kamra

Għalkemm f'Malta l-ispazju huwa ristrett, ngħixu f'realtà fil-piroteknika, fejn insibu iktar minn kamra waħda f'raħal wieħed. F'Malta nsibu 11-il raħal (min-naħa ta' fuq ta' Malta, mill-Punent ta' Malta, mix-Xlokk ta' Malta u min-naħa ta' fuq u t'isfel tal-port) li għandhom żewġ kmamar tan-nar jew tlieta. Dawn huma: Il-Mosta, ir-Rabat, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żurrieq, Ħal Kirkop, il-Qrendi, l-Imqabba, Ħal Għaxaq, il-Gudja, Ħal Luqa u Ħal Qormi. Il-gżira t'Għawdex, għalkemm hawn min iqisha bħala lokalità waħda u hemm żewġt ikmamar tan-nar fi rħula differenti, għall-fini ta' dan l-istudju mhux se jkun hekk u allura mhux se tidħol fil-fattur tal-kamra.

F'din il-parti se naraw li f'Malta nsibu wkoll varjazzjoni bejn il-kmamar tal-istess raħal. Dan jagħmlu iktar importanti l-għaliex mhux biss għandna varjazzjoni fil-ġeografija, kif semmejt iktar 'il fuq, imma anke fil-lokalità. Ġew mistħarrġa r-ritratti u l-filmati kollha biex tinħareġ jekk hemmx dan it-tip ta' varjazzjoni. Minn 150 ritratt u vidjow, 98 minnhom, li jammontaw għal 65%, insibu 'l Ħal Qormi bi 32 każ ta' varjazzjoni, iż-Żurrieq b'29 każ ta' varjazzjoni, Ħaż-Żebbuġ bi 28 każ ta' varjazzjoni, Ħal Kirkop u Ħal Għaxaq b'27 każ ta' varjazzjoni, Ħal Luqa, il-Gudja u r-Rabat b'24 każ ta' varjazzjoni, l-Imqabba b'20 każ ta' varjazzjoni, il-Qrendi b'19-il każ ta' varjazzjoni u fl-aħħar nett il-Mosta bi 17-il każ ta' varjazzjoni.

### Il-glossarju u l-varjazzjoni

Wara li stħarriġt il-fattur tal-ġeografija, tal-età u anke tal-kamra, nista' ngħid liema taqsima jew taqsimiet mill-glossarju ġew l-iktar affettwati mill-varjazzjoni.

Fil-fatt it-taqsima tal-Elementi Kimiċi u tas-Sustanzi Kimiċi kienu l-inqas li ġew affettwati għall-fatt li ħafna mit-terminoloġija tiġi mgħallma kullimkien l-istess, apparti li wħud mit-termini speċifiċi jkunu jafuhom dawk il-pirotekniċi li kisbu l-liċenzja A, u li tagħmilhom eliġibbli li jħalltu l-elementi u s-sustanzi kimiċi.

L-iktar tliet taqsimiet li ġew affettwati mill-varjazzjoni huma l-Proċess tal-logħob tan-nar, in-Nar tal-ajru u n-Nar tal-art.

Il-ħeġġa għat-tiftix u t-trawwim fix-xogħol tan-nar kompla jġiegħel lill-piroteknikU jitgħallem u javvanza f'xogħlu. Dan kollu wessa' mhux biss il-lingwaġġ pirotekniku imma wkoll il-varjazzjoni lessikali. Il-pirotekniċi anzjani ħaddmu lsienhom mal-pirotekniċi żgħażagħ billi, mhux biss għaddewlhom it-termini li tgħallmu huma, imma anke spiċċaw assorbew il-lingwaġġ imsejjaħ ġdid taż-żgħażagħ imtella' f'dinja teknoloġika tal-magni u għodod li jtaffu t-tbatija tax-xogħol tal-id.

Min-naħa l-oħra, iż-żgħażagħ saħħew dak li kisbu u qed jagħmlu l-almu tagħhom biex ikabbru d-delizzju pirotekniku mhux biss f'Malta imma anke barra minn xtutna.

## Tagħrif ieħor interessanti

Ġie osservat li għadd ta' kliem mill-glossarju, jew mhux reġistrat fid-dizzjunarji, jew inkella d-dizzjunarji ma jagħtux tifsira marbuta mal-logħob tan-nar. Uħud minnhom huma dawn:

| Kliem mhux reġistrat | Kategorija |
|---|---|
| *mmursjar / mmastirar / mmustrar* | Il-Proċess tal-berqa |
| *ffrenża* | Verbi użati fil-logħob tan-nar |
| *fnatan* | Nar tal-Art |
| ġenisur | Nar tal-Art |
| ġiljuwa | Il-Proċess tal-logħob tan-nar |

(Għal aktar informazzjoni ara taqsima *Aspetti lessikali u grammatikali li nsibu f'dan il-glossarju* f'kapitlu 3 tat-teżi tal-*MA*)

## Konklużjoni

B'dan l-istudju soċjolingwistiku, ippruvajt nuri li x-xogħol tan-nar ma jinħaraqx malajr u jispiċċa fix-xejn f'minuta, għax b'dan kollu se jkompli jikber u jissaħħaħ dan id-delizzju. Barra minn hekk, mill-perspettiva tal-lingwa, ġiet żviluppata mappa djalettali tal-qasam lessikali tal-logħob tan-nar billi, f'kuntrast ma' studji lessikali oħra li ġeneralment jiffukaw fuq ftit lokalitajiet, dan l-istudju jifrex l-analiżi lingwistika fuq skala ferm ikbar ta' 32 kamra tan-nar minn 20 lokalità f'Malta u Għawdex. Dan ix-xogħol se jkun utli wkoll għad-dizzjunarju Malti l-għaliex id-dizzjunarji preżenti huma sajmin ħafna mill-kliem u t-tifsiriet ta' din is-sengħa.

## Biblijografija


Aquilina, Ġużè. *The structure of Maltese: A study in mixed grammar and vocabulary*. Malta: Progress P, 1959. Stampat.

—. *Maltese Linguistic Surveys*. Malta: L-U ta' Malta, 1976. Stampat.

Biber, Douglas u Susan Conrad. *Register, Genre and Style*. New York: Cambridge UP, 2009. Stampat.

Borg, Albert. J. *Language and socialization in developing Malta*. L-U ta' Edinburgh: Id-Dipartiment tal-Lingwistika, 1980. Stampat.

—. *Ilsienna: studju grammatikali*. Malta: Ħas-Sajjied, 1988.

—. *The Maintenance of Maltese as a Language: what chances*. Strażburgu: European Workshop on Multicultural Studies in Higher Education, 1988.

—. *Lectal Variation in Maltese*, Bremen: It-Tieni konferenza Internazzjonali, 2009.

Borg, Alexander. 'Reflexes of Pausal Forms in Maltese Rural Dialects?.' *Israel Oriental Studies* VII (1977): 211-25. Stampat.

—. 'A Historical and Comparative Phonology and Morphology of Maltese.' Teżi tal-Ph.D, L-U ta' Iżrael, 1978. Stampat.

—. 'Language.' *Malta: Culture and Identity* (1994): 32-6 Stampat.

Briffa, Charles. *Il-Varjetajiet tal-Malti*, Malta: PIN, 2011. Stampat.

Chambers, Jack K. *Sociolinguistic Theory: Linguistic Variation and its Social Significance*. It-2ni ed.i. Oxford: Blackwell, 2003.

Chambers, Jack K. u Peter Trudgill. *Dialectology*, Ir-Renju Unit: Cambridge UP,

1980. Stampat.

—. *Dialectology.* Ir-Renju Unit: Cambridge UP, 1998. Stampat.

Ferguson, Charles. A. 'Diglossia.' Word 15 (1959): 325-40. Stampat.

—. *Language Structure and Language Use.* Stanford: Stanford UP, 1972.

—. 'Dialect, Register, and Genre: Working assumptions about Conventionalization.' *Sociolinguistics Perspectives on Register*: 15-30. Oxford: Oxford UP, 1994. Stampat.

Ghadessy, Mohsen. *Register Analysis: Theory and Practice.* Londra u New York: Pubblikazzjoni Pinter, 1993. Stampat.

Holmes, Janet. *An introduction to Sociolinguistics*, Londra: Longman, 1992. Stampat.

Mifsud, Manwel. Bord għall-Ilsien Malti, Strateġija għal-Lingwa Nazzjonali, Ministeru tal-Edukazzjoni.

Milroy, Lesley u Matthew Gordon. *Sociolinguistics: Method and Interpretation*, Oxford: Blackwell, 2003. Stampat.

Neubeck, Kenneth. J. u Davita Silfen Glasberg. *Sociology - Diversity, Conflict, and Change.* New York: Mc Graw Hill, 2005. Stampat.

Neuman, W. Lawrence. *Social Research Methods - Qualitative and Quantitative Approaches* (il-5es ed.i). Boston: Allyn and Bacon, 2003. Stampat.

—. *Social Research Methods: Qualitative and Quantitative approaches* (is-6t ed.i, Pearson International, 2006.

O'Grady, William et. al. *Contemporary Linguistics: An Introduction* (it-3et ed.i), Londra: Longman, 1996. Stampat.

Saussuer, Ferdinand. *Course in General Linguistics* (it-3et edizzjoni). Trad. R. Harris, Chicago: Open Court, 1986. Stampat.

Sciriha, Lydia. 'A sociolinguistic study of Monophthongisation in Maltese.' Teżi tal-Ph.D, L-U ta' Victoria, 1986. Stampata.

—. 'The glass ceiling: Maltese women in academia.' *Humanitas, Journal of the Faculty of Arts* 1 (1999): 37-51. Stampat.

—. *Lingwa u Lingwistika.* Il-Gudja: Gutenberg Press, 1998. Stampat.

Silverman, D. *Interpreting Qualitative Data* (it-3et ed.i). SAGE, 2006. Stampat.

Southerland, Ronald H. u Francis Katamba. 'Language in social contexts.' *Contemporary Linguistics: An Introduction* (it-3et edizzjoni) (1996): 540-90. Stampat.

Tagliamonte, Sali A. *Analysing Sociolinguistic Variation.* L-Istati Uniti: Cambridge UP, 2006. Stampat.

Trudgill, Peter. *Sociolinguistics, An Introduction.* Harmondsworth: Penguin, 1974. Stampat.

—. *On dialect: social and geographical perspectives*, Oxford: Blackwell, 1974. Stampat.

—. *Sociolinguistics: an introduction to Language and Society*, Harmondsworth:

Penguin 1983. Stampat.

—. *Sociolinguistics: An Introduction to Language and Society* (it-3et ed.i). Harmondsworth: Penguin, 1995. Stampat.

—. *A Glossary of Sociolinguistics*, Oxford: Oxford UP, 2003. Stampat.

Vanhove, M. 'La dialectologie du maltais et son historie.' *Revue d'Ethnolinguistique. Diasystème et longue durèe* (*Cahiers du Lacito*) (1999): 171-91. Stampat.

Wardhaugh, R. *An introduction to Sociolinguistics* (it-3et u l-5es ed.i). Oxford: Blackwell, 1998, 2006. Stampati.

Wimmer, R. D. u J. R. Dominick. *Mass Media Research - An Introduction*. L-Istati Uniti: Wordsworth, 1994. Stampat.

# NEKROLOĢIJA

# P. Mikiel Fsadni OP (1916 – 2013)

P. Pawl Gatt OP

Mas-sebħ tal-Ħamis, 18 ta' April 2013, il-Mulej sejjaħ għal għandu lil P. Mikiel Fsadni OP, li, fl-età ta' 97 sena (kien għadu kif għalaqhom tlett ijiem qabel), kien l-ixjaħ membru li qatt kellha l-Provinċja Dumnikana Maltija.

P. Mikiel twieled il-Birgu fil-15 ta' April 1916 minn Joseph u Giovanna née Cassano. Hu daħal bħala novizz fil-Kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat fl-1933 u għamel l-Ewwel Professjoni fil-21 ta' Ottubru 1934. Ġie ordnat saċerdot fil-11 ta' Ġunju 1939.

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija hu kien jifforma parti mill-komunità Dumnikana tal-Kunvent tal-Lunzjata tal-Birgu u kien hemm meta partijiet tal-kunvent iġġarrfu bil-bombi tal-għadu fl-attakk fuq l-*HMS Illustrious* f'Jannar tal-1941. F'dawk iċ-ċirkustanzi, il-patrijiet ingħataw il-permess li jitilgħu r-Rabat, fejn baqgħu sakemm saru arranġamenti biex niżlu, l-ewwel f'dar ġewwa Birkirkara, imbagħad, mill-ġdid fil-Birgu f'parti mill-Palazz tal-Inkwiżitur. P. Mikiel, għaldaqstant, bħal sħabu, mir-Rabat niżel Birkirkara u mbagħad mill-ġdid f'belt twelidu. Wara l-gwerra, imma, hu ġie assenjat definittivament fil-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar tar-Rabat, fejn baqa' sa ftit xhur qabel miet, meta kellu jiġi rikoverat ftit passi bogħod, f'Villa Messina.

Fi ħdan il-Provinċja P. Mikiel jibqa' magħruf għas-snin twal ta' riċerka li huwa għamel fuq il-kunventi tagħna li wassluh ukoll biex ippubblika monografiji dwarhom, partikularment dwar it-tlieta l-iktar antiki.

Isem P. Mikiel jintrabat ukoll mad-devozzjoni kbira li hu kellu lejn il-Madonna tal-Għar u l-ħidma biex din id-devozzjoni tinxtered mhux biss f'pajjiżna imma wkoll barra. Fi żmien l-Inkurunazzjoni Solenni tax-xbieha tagħha fl-1957, hu, personali, ħadem għadd kbir ta' xbihat tal-ġibs tal-Madonna. Minn wara l-Inkurunazzjoni sakemm tatu saħħtu, kien jara li l-materjal devozzjonali ma jonqosx: santi, kwadri, xbihat taċ-ċeramika, żejt. Fuq kollox, kien iżomm nota tal-pellegrinaġġi kollha li kienu jiġu għand il-Madonna, u jiġbor, mingħand il-fidili, ir-rakkonti tagħhom ta' grazzji li jkunu qalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Għar. Ippubblika wkoll kotba, bil-Malti u bl-Ingliż, dwar il-Madonna tal-Għar, partikularment wara l-fenomenu tal-qtar tad-dmugħ li dehru taħt għajnejn ix-xbieha tagħha meta din kienet armata fil-knisja għall-festa f'Mejju tal-1999.

Patri Mikiel kellu wkoll imħabba kbira għall-ħajja tal-kunvent u tal-komunità. Għalkemm il-mard kien jimpedih milli jkun attiv fil-ministeru saċerdotali, imma xorta waħda kien jinteressa ruħu f'kull attività li jkunu hemm fil-knisja, li ħafna drabi kien isegwi mit-tieqa tax-xellug li, fil-kappella interna tal-kunvent ('korin') hemm tagħti għall-kor tal-knisja. Sakemm seta', hu baqa' jingħaqad mal-patrijiet għat-talb u għall-ikel. Kien jagħmel premura kbira għas-sigurtà tal-kunvent tant li sal-aħħar snin ta' ħajtu kien iqisu bħala inkarigu tiegħu li, fit-tard, filgħaxija jinżel fil-kjostru biex jara li l-bibien kienu magħluqin.

Il-ħidma ta' P. Mikiel imma kellha tħalli impatt lil hinn mill-affarijiet li jirrigwardaw il-kunventi u l-provinċja tagħna. Bla mistenni u bla ma kien ippjanat, infatti. P. Mikiel ta sehem importanti għall-iżvilupp tal-Letteratura u l-Kultura Maltija. Dan, b'mod speċjali bis-sejba, fl-1966, flimkien mal-Professur Godfrey Wettinger, ta' dik li s'issa għadha meqjusa bħala l-eqdem poeżija bil-Malti Medjevali – il-Kantilena ta' Pietru Caxaro, kif ukoll, iktar tard, bil-pubblikazzjoni tar-riċerka li kien hu għamel dwar wirt arkitettoniku partikolari Malti: il-Giren (FSADNI, Mikiel OP: *IL-GIRNA, Wirt Arkitettoniku u Etniku Malti*, Pubblikazzjoni Dumnikana, 1990), liema xogħol ġie wkoll tradott u ppubblikat fil-Lingwa Ingliża.

Patri Mikiel kellu wkoll passjoni għall-fotografija. L-interess tiegħu f'dan il-qasam beda meta hu taha għall-kitba u xtaq li pubblikazzjonijiet tiegħu jkunu mżewqin b'xi illustrazzjonijiet. Għal dan il-għan kien jissellef il-*camera* ta' patri ieħor (P. Ġużepp Gauci) sakemm xtara tiegħu fis-snin 70, flimkien mal-apparat biex ikun jista' jiżviluppa hu stess ir-ritratti li jieħu. Il-proficjenza tiegħu f'dan il-qasam, frott l-eżattezza u l-perfezzjoniżmu li kienu jikkaratterizza

lil dan ħuna, wassluh biex saħansitra jirbaħ l-ewwel premju fit-taqsima D ta' kompetizzjoni tas-slajds kuluriti mnedija mill-Ministeru tat-Turiżmu u s-Soċjetà Fotografika, fl-1988.

Għal xi żmien, P. Mikiel Fsadni kien ikkollabora wkoll ma' Dun Ġorġ Preca, fundatur tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. – illum kanonizzat – fil-kitba tar-Regola għas-Soċjetà tiegħu, partikolarment fit-taqsima dwar it-Tmexxija.

Minħabba r-riċerki u l-pubblikazzjonijiet tiegħu, P. Mikiel ingħata diversi unuri: l-ikbar fosthom ċertament huwa l-ħatra tiegħu bħala Membru tal-Ordni tal-Mertu tar-Repubblika ta' Malta, nhar it-13 ta' Diċembru 2008. Fl-1975 hu kien diġà ngħata l-premju *Rothmans* għal-Letteratura, filwaqt li, għal ktieb dwar il-*Girna*, fl-1990 ingħata l-Midalja tad-Deheb fil-premjijiet letterarji tal-Gvern ta' Malta. Fis-7 ta' Settembru 2000 ingħata Ġieħ il-Birgu. Dan minbarra l-premju għall-fotografija li ssemma qabel.

P. Mikiel kellu karattru sod u determinat f'kollox. Ried jagħmel kollox eżatt u jekk jista' jkun mingħajr difett. Ma kienx tip li jċedi malajr – anki quddiem in-nuqqas ta' saħħa li dan l-aħħar kien qed iġorr. Imma fl-età ta' 97 sena, il-forzi ħallewh għalkollox u radd ruħu lill-Mulej, kif għedna fil-bidu, nhar it-18 ta' April 2013. Il-funeral sar is-Sibt, 20 ta' April, fil-knisja tal-Madonna tal-Għar fir-Rabat. Kienu diversi l-qraba u l-ħbieb li attendew biex jagħtuh l-aħħar tislima. Kienu wkoll ħafna l-Aħwa tal-Provinċja li kkonċelebraw flimkien mal-Provinċjal. Fl-omelija ma naqasx li tissemma ħidmietu u l-kwalitajiet li kienu jispikkaw fih.

*Din in-nekroloġija dehret għall-ewwel darba fir-rivista Knisja Elfejn, Sena XXV, nru 105, Lulju-Settembru 2013*

# Valentin V. Barbara (1920-2004)

Frank Zammit

Ġużeppi Barbara, bin Grezzju, minn Bormla u Katerina née Micallef, mill-Isla, twieled Bormla fid-29 ta' Marzu 1920. Missieru kien shipwright fit-tarzna ta' Bormla "paga miżera ta' tliet liri fil-ġimgħa ... ma kienx ta' skola". Ommu, aktar magħrufa bħala Kitty, "kienet ta' ftit skola", ġejja minn familja numeruża, iżda kienet ta' dixxiplina kbira.

Ġużeppi beda l-edukazzjoni tiegħu mas-Sorijiet Franġiskani f'Bormla. Minn hemm għall-iskola infantili mbagħad għall-primarja, ta' Bormla wkoll. Fl-istess żmien kien jara żewġt aħwa patrijiet Dumnikani li kienu sikwit iżuru l-familja tagħhom fl-istess triq tiegħu, u jgħid li "Il-kappa sewda tagħhom tperper mar-riħ ħajritni". Sadattant, fl-1930 daħal il-Liċeo tal-Belt u kien jaqbad id-dgħajsa jew il-lanċa kuljum bejn Bormla u l-Belt. Għamel xi żmien qasir il-M.U.S.E.U.M., iżda malajr tħajjar "għat-teatrin tal-Kantur ta' Bormla", fejn jgħid li dejjem tawh "il-parti tat-tifel".

F'noti awtobijografiċi li ħalla f'idejn l-awtur ta' din il-kitba, huwa jistqarr li l-istudju formali qatt ma ħamlu – fatt li sikwit tellfu opportunitajiet li b'danakollu ma jisgħobbihx li tilef. Fil-Liċeo kellu surmastrijiet mill-aqwa, u jgħid, pereżempju, li kien grazzi għall-ħeġġa li nissel fih il-professur tat-Taljan Fabriani li huwa tħabbeb mal-letteratura Taljana, u wara ftit, għal dik Maltija. Il-kors fil-Liċeo xejn ma kien ta' suċċess għax sa minn kmieni ttraskura l-istudju u baqa' sejjer lura sakemm kellu jirrepeti l-Quarta. Iżda billi sa dak iż-żmien kien diġà waħħal f'moħħu li jsir patri, ma ħadhiex bi kbira,

għalkemm it-tbeżbiża rabbietlu l-għaqal. Fil-fatt, ta' 15-il sena, fl-1935 bidel l-iskola u daħal St. Paul's School, fi Triq l-Ifran, il-Belt, fejn għamel il-Quinta u f'kull eżami kien jiġi minn ta' quddiem nett. Dak iż-żmien jgħid li rrealizza li "Kelli talent u rmejtu!" Iżda mbagħad ikompli jgħid "kull deni ħudu b'ġid" u jispjega li kieku mar l-università x'aktarx li kien jaqbad xi rotta oħra u kien "jitlef is-sodisfazzjon li gawdejt bix-xogħol li għamilt f'ħajti".

Ġużeppi beda n-novizzjat mad-Dumnikani fir-Rabat fl-1936, meta tawh l-isem ta' Fra Valentin Vinċenz. Tgħallem idoqq l-orgni taħt id-direzzjoni ta' Patri Ġjaċint Darmanin u fost karigi oħra, baqa' dejjem jaqdi dmiru bħala organista sakemm dam mad-Dumnikani. Fid-19 ta' Diċembru 1942 ordna saċerdot, b'dispensa speċjali billi kien għad għandu 22 sena u għalhekk kien taħt l-età preskritta ta' 24 sena qabel seta' jieħu l-quddiesa.

L-ewwel poeżija li kiteb kienet "Lil Dun Karm", li ma żammx kopja tagħha, iżda jiftakar li kien kitibha "f'inqas minn xahar wara li qaddist". Patri Valentin isemmi lil Dun Karm, Ġużè Chetcuti u Karmenu Vassallo li minħabba kitbiethom tħeġġeġ biex jikteb il-poeżiji bil-Malti. Kien mar tajjeb ħafna f'xi konkorsi tal-poeżija u meta saru jafu bih tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (L-Akkademja tal-Malti), il-Kunsill ħatru membru akkademiku tal-Għaqda, u aktar 'il quddiem serva fil-Kunsill ukoll.

L-ewwel xogħol letterarju aktar serju tiegħu kien it-traduzzjoni "Ġulju Ċesri" ta' Shakespeare. Meta s-superjuri indunaw bit-talent tiegħu, ma damux ma bdew jgħabbuh bix-xogħol. Kien żmien il-gwerra u tqis kollox ma' kollox Patri Valentin ħassu għajjien sewwa, meta kiteb waħda mill-isbaħ poeżiji tiegħu "Nistrieħu Ftit". Permezz ta' Dun Karm, il-Provinċjal wissa lil Patri Valentin biex "ma jiktibx poeżiji pessimisti bħal dik", iżda l-Pirjol tal-kunvent fehem il-poeżija b'mod aktar xieraq u naqqaslu xi ftit mix-xogħol li kien wisq mgħobbi bih. Imbagħad, wara l-gwerra, waqt li kien residenti fil-kunvent tal-Birgu, l-Arċisqof Gonzi ħatru Kappillan tas-Sorijiet Dumnikani fl-orfanatrofju ta' Ħaż-Żabbar, fejn kellu esperjenzi li ħallewlu memorji x'aktarx negattivi tal-qagħda tiegħu twila hemmhekk.

F'Jannar tal-1947 intgħażel biex imur jagħmel kors Ruma fl-Istituto Pontificio di Musica Sacra. Patri Valentin ħass li ma kienx ippreparat biżżejjed għal kors ta' dak il-livell, iżda ta' patri li kien obda u mar. Hawn itenni l-inkompatibbiltà li kellu mal-istudju formali, u xejn ma qata' figura sabiħa f'din it-tentattiva, għalkemm fl-aħħar spiċċa biex kiseb Baċellarat fil-Kant Gregorjan.

Fl-1948 beda jgħallem il-Malti fil-Kulleġġ San Albert il-Kbir, il-Belt, u fl-istess żmien beda jgħin bħala assistent editur tar-rivista "Ir-Rużarju", li

aktar 'il quddiem sar l-editur tagħha. Sal-1953 laħaq ittraduċa u ppubblikawlu l-ewwel tliet kotba tal-"Confessiones" ta' Santu Wistin, waqt li safa mkaxkar ma' għadd ta' kittieba oħra Maltin li dak iż-żmien kienu jħaddnu l-prinċipju tas-Safiżmu – ħaġa li jgħid li ma damx m'abbanduna meta ntebaħ li kien impossibbli li juża dejjem l-għeruq Maltin biex ifisser moħħ Latin ikkomplikat.

Kien ilu diġà ftit snin sewwa ħabib ta' Rużar Briffa, u ma' xi oħrajn kien ilu jħajjar lil Rużar jippubblika l-poeżiji tiegħu. Fl-aħħar, fl-1960 f'laqgħa każwali fit-triq qrib Putirjal, Rużar aċċetta, u ħalla kollox f'idejn Valentin, anki biex idurlu l-poeżiji għall-ortografija u jlestihomlu għall-istampa. Sadattant Louisette, mart Rużar, kienet qiegħda tfittex, tiġbor u tittajpja dawn il-poeżiji oriġinali. Meta fis-6 ta' Diċembru 1960 Valentin ħa l-ewwel kopji tal-ktieb lil Rużar, dan "Ħadhom f'idejh bi tbissima ħelwa ta' sodisfazzjon u kważi bid-dmugħ ta' ferħ f'għajnejh". Rużar miet fit-22 ta' Frar tal-1963. Ftit ġimgħat wara Patri Valentin ħa sehem attiv fit-tfakkira li saritlu fl-Università l-Belt.

Fil-bidu tas-sittinijiet Patri Valentin kien mitlub mis-Sorijiet Dumnikani biex jgħinhom fl-applikazzjoni tagħhom biex minn kongregazzjoni djoċesana jgħaddu għal waħda ta' ġuriżdizzjoni diretta tar-Reliġjużi. Dan għamlu b'sagrifiċċju kbir u b'ħila bbażata fuq l-istudju li kien għamel qabel dwar id-dritt kanoniku.

It-Tieni Konċilju Vatikan donnu fetaħ djarju ġdid fil-ħajja reliġjuża u akkademika ta' Valentin Barbara. L-inklużjoni tal-Malti f'mitt ħaġa reliġjuża u l-ħtieġa ta' Bibbja aktar ħafifa għal moħħ il-poplu tefgħu lil dan il-bniedem għaref u ħabrieki f'baħar miftuħ ta' ħidma sfiqa li għalkemm kienet ta' sodisfazzjon kbir għalih, sikwit heddetu bl-għarqa!

Fuq rakkomandazzjoni ta' ħabibu Dun Karm Sant, il-President tal-Kummissjoni Liturġika, il-Professur Mons. Ġużeppi Lupi, ħatru membru tal-kummissjoni ġdida tat-tradutturi. Bdew xogħol immedjat fuq il-Missal u l-Liturġija tal-Kelma, meta Valentin iddaħħal ukoll fil-Kummissjoni Liturġika. Ma damx ma tgħabba b'xogħol bla qies. Ittraduċa r-rit tas-Sagramenti kważi waħdu, kif ukoll il-Liturġija tas-Sigħat (il-Brevjar). Barra minn hekk tħallew f'idejh ukoll l-arranġamenti tal-istampar, u kien jeċċita ruħu wisq minħabba l-possibiltà li jaħarbu xi żbalji dottrinali jew oħrajn fit-tbigħ jew l-impaġinazzjoni ta' kull dokument tradott! Dan għalih kien piż tremend u kien jagħtih ġewwa!

Valentin isemmi żewġ inċidenti ta' nuqqas ta' qbil aktar prominenti minn xi oħrajn fil-karriera tiegħu twila fil-qasam tat-traduzzjoni. L-aktar każ importanti kien meta l-Kongregazzjoni Mqaddsa tal-Vatikan ma aċċettatx it-traduzzjoni tiegħu tas-Sagrament tal-Morda. Dan għax hu ħass li l-parteċipju

passiv li t-test Latin juża biex jindika li l-maħfra tad-dnubiet hija 'indiretta', ma jagħmilx sens ċar fil-Malti, għalhekk huwa uża l-indikattiv attiv. F'dan l-argument Valentin kiseb l-appoġġ tal-presidenti u l-professuri kollha involuti fl-awtorità tal-liturġija f'Malta, inkluż l-Arċisqof Gonzi. Mons. Lupi mar Ruma biex jiċċara aktar ir-raġuni. Fl-aħħar il-Kongregazzjoni aċċettat il-verżjoni ta' Valentin bla ebda tibdil.

L-inċident l-ieħor ġara fl-istess żmien ta' għaġla biex isiru ħafna traduzzjonijiet tal-liturġija wara l-Konċilju. Malta ma setgħux jistennew aktar lill-Vatikan biex jibagħtilhom it-test Latin tar-riti tat-Tliet Ijiem Wara l-Għid, u għalhekk l-awtoritajiet ekkleżjastiċi Maltin awtorizzaw lill-Patri Valentin biex jittraduċihom mit-traduzzjoni ġdida u lesta Taljana, li x-xitan ried li bi żball kienet nieqsa mill-isem ta' San Lawrenz. Patri Valentin ma indunax b'dan in-nuqqas, u bħat-Taljani ħalla lil San Lawrenz barra. Min għandu xi ħjiel tal-livell tal-pika tradizzjonali li teżisti fil-Birgu bejn Ta' San Duminku ta' Ta' San Lawrenz jista' jaħseb x'pandemonju nqala' malli dehret it-traduzzjoni ta' Valentin! Dan kien saħansitra rrappurtat lill-Vatikan għall-vendikazzjoni li għamel lilhom u lill-Patrun tagħhom San Lawrenz, u povru Valentin, b'appoġġ sħiħ mill-Vatikan stess, kellu jispjega l-biċċa biex jikkalma t-theddida ta' rivoluzzjoni li kienet riesqa lejn il-belt dejjem trankwilla tal-Birgu!

L-Arċisqof Gonzi tant kellu fiduċja f'Patri Valentin, li malli waqqaf is-senat presbiterjali ħatru President ta' wieħed mid-distretti u hekk, forsi bla ma ħaseb, kompla għabbieh b'aktar xogħol, tant, li fil-bidu tas-sebgħinijiet huwa stqarr li kien "fgat bix-xogħol" u li "ix-xogħol beda jagħmel tiegħu". Dawn kienu stqarrijiet qawwija minn bniedem li qatt ma beża' mix-xogħol, anzi dejjem daħal għalih b'ħeġġa kbira u konvinzjoni sħiħa sakemm ilestih.

Fl-istess epoka jsemmi xi nuqqas ta' ftehim ma' xi superjuri immedjati tiegħu u jirreferi għal xi inkwiet fl-orfanatrofju ta' Ħaż-Żabbar fejn kien baqa' jmur iqaddes. Sadattant l-Arċisqof ħass id-dmir li b'xi mod juri l-apprezzament tal-Knisja għal dak kollu li kien qiegħed jagħmel dan is-saċerdot ħabrieki u ta' ħila kbira, u għalhekk imbagħad, fuq rakkomandazzjoni ta' Dun Karm Sant irrakkomandah lill-Vatikan biex f'Ġunju tal-1974 ingħata d-dekorazzjoni prestiġjuża Pro Ecclesia et Pontifice (P.E.P.). Ironikament, kien biss ftit xhur wara, fit-22 ta' Ottubru tal-istess sena, li Patri Valentin ħalla 'l Malta biex imur iqatta' ftit xhur ta' mistrieħ fl-Awstralja fejn seta' wkoll igawdi 'l ħutu u l-familji tagħhom.

Jgħid li ħutu l-bniet bilkemm għarfuh u qabdu jibku xħin rawh hekk mixrub u għajjien, (u dan ġie kkonfermat lill-awtur mill-istess ħutu). Tilef ħafna piż

u kien fuq medikatura stretta ta' kalmanti. Iżda malli waħda minn ħutu ġew f'idejha dawn il-pilloli li kien qed jibla', ramithomlu "barra bir-rabja fit-triq". Ma damx wisq ma ħass ruħu ta' piż żejjed fuq il-familja t'oħtu li żammitu magħha, għalhekk ra l-ħtieġa li jsib xogħol biex jgħin ruħu u lill-familja t'oħtu wkoll. Sab xogħol ta' assistent skrivan il-Posta. Imbagħad wasallu ż-żmien serju li kien ilu jkiddu, tad-deċiżjoni li ma kienet xejn faċli għalih, u jgħid: "... rajt li kelli naqtagħha darba għal dejjem u nikteb lill-Provinċjal għad-dispensa". Minn dak il-ħin Valentin Vinċenz Barbara sar ukoll persuna eminentissima fl-istorja tal-Maltin emigranti fl-Awstralja – sa ċertu punt b'telfa kbira għal Malta, iżda ċertament b'xorti akbar għalina l-Maltin emigranti, speċjalment fl-Istat ta' New South Wales!

Bil-mod il-mod Valentin, li għalkemm l-Awstralja sar magħruf bħala Joe Barbara, xorta baqa' jżomm l-isem tal-pinna Val. V. Barbara, ma damx ma stejqen mid-dipressjoni qawwija li kienet ħakmitu. Beda jitħallat mal-komunità. Għaqqad kumpanija tat-teatrin u anki ssieħeb fil-Programm Malti tar-radju tal-iSpecial Broadcasting Services (S.B.S.) f'Sydney bħala producer u xandar tal-letteratura Maltija, fejn baqa' sakemm il-ħin kien jippermettilu.

Sħabu u l-ex superjuri tiegħu reliġjużi f'Malta, bil-fatti jekk mhux bi kliemhom ċar, issimpatizzaw miegħu għal dak li għadda minnu bħala vittma taċ-ċirkustanzi, u ma damux biex għal darba oħra bdew jerġgħu jittantawh u jgħabbuh bix-xogħol. Iżda issa ħaseb li kien hemm differenza għax (forsi!) tgħallem mill-passat u qagħad ftit aktar attent x'jaċċetta u kemm jaċċetta xogħol. Sakemm ħalliena, wara għoxrin sena oħra ta' ħidma sfiqa letterarja, wettaq wisq aktar xogħol letterarju fl-Awstralja milli kien wettaq f'Malta.

Ftit wara li wasal l-Awstralja, Patri Valentin kien mar jara lid-delegat tar-reliġjużi lokali u sar ħabib tiegħu, kif baqa' sal-aħħar ta' ħajtu. Dan sa mill-ewwel laqgħa li kellhom flimkien fehem sewwa l-qagħda tiegħu u għenu f'kulma seta', tant li meta wasal iż-żmien laqqgħu ma' mara eżemplari bi ħsieb ta' żwieġ, għax hu ma riedx jibqa' jgħabbi lil ħutu bil-piż tiegħu. L-għerusija għaddiet għaż-żwieġ li sar fil-5 ta' Marzu 1977. Kellhom tarbija waħda li b'sogħba mill-akbar għalihom mietet ftit sigħat biss wara li twieldet u laħqu għammduha b'talba urġenti u semmewha Katerina. Xtraw dar li kienet għadha qed tinbena fi Blacktown, NSW, u flimkien sawru ġnien madwarha li kien l-għaxqa tagħhom, dejjem miżmum pinna.

Sadattant Malta laħaq Provinċjal ġdid tad-Dumnikani Patri Pawl Cremona (l-Arċisqof preżenti) li tħabat ħafna biex isib il-kotba li Patri Valentin kien ħalla warajh fil-kunvent tal-Birgu. Sablu xi wħud minnhom li bagħatlu Sydney

minnufih. Dawn kienu għodda wisq siewja f'idejh, u sikwit kien jibki t-telfa tal-kumplament tagħhom li kien tilef. Dan il-fatt kien għen biex tibda korrispondenza twila u wisq siewja bejn dawn iż-żewġ persuni eminenti u ħabrieka li wasslet għal bosta ġid li minnu gawdew l-Ordni Dumnikan u l-letteratura Maltija.

Flimkien ma' din il-korrispondenza nbdiet oħra mal-ħbieb qodma, ex superjuri, professuri u oħrajn, u din irriżultat f'aktar xogħol iebes għal Joe, li reġa' beda jgħaġġeb lil kulħadd bl-interess ġenwin, bil-ħeġġa, l-urġenza u s-serjetà li bihom kien jaħdem mingħajr heda. Il-qatla tiegħu kienet meta ta' Malta, minkejja li jkun qed jipprova jaqdi lilhom, idumu tant ma jweġbuh jew jittardjaw b'xi materjal li jkunu ilhom li wegħduh. Arah bil-geddum jiftaħ u jagħlaq l-*e-mail*; tiela' u nieżel bis-sigarett f'idu, jiċċekkja l-kaxxa tal-ittri u jgerger bit-traskuraġni u n-nuqqas ta' ħeġġa ta' xi wħud. (Dan jien nafu għax b'xorti kbira, ftit wara li ġie l-Awstralja, sirt wieħed fost il-ftit ħbieb tal-qalb li kellu, kif bqajt sal-aħħar nifs ta' ħajtu). Irnexxielu wkoll jitgħallem waħdu l-kompjuter, u fi ftit żmien sar tant effiċjenti li beda jipproduċi l-master b'mod professjonali mill-bidu sal-aħħar, lest għat-tbigħ.

Fit-28 ta' Marzu 1990, waqt lejla letterarja organizzata f'ġieħu f'għeluq is-70 sena minn twelidu u għall-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tat-traduzzjoni tiegħu tal-Istqarrijiet ta' Santu Wistin, Frank Zammit, President tal-Għaqda Kulturali Maltija ta' NSW, ippreżentalu l-Premju Kulturali Malti b'apprezzament għal ħidmietu b'risq il-letteratura u l-kultura Maltija.

Fost għadd ta' ittri ta' awguri għal din l-okkażjoni, f'waħda minnhom il-Professur Oliver Friggieri stqarr li Valentin V. Barbara. jinsab "fil-filliera ta' quddiem nett fl-istorja tat-tradutturi Maltin".

Wara ħafna snin oħra ta' ħidma intensiva u marda qasira, (Joe) Val. V. Barbara, ikkonfortat mis-Sagramenti amministrati minn Fr Luke, patri Dumnikan Awstraljan, u mdawwar mill-familjari tiegħu u ftit ħbieb, ħalla dan il-qasam dinji ta' ħidmietu fis-6 ta' Mejju, 2004.

## TRADUZZJONIJIET TA' VAL. V. BARBARA

*Mil-Latin*

L-ewwel żminijiet tal-Ordni tal-Predikaturi, tal-Beatu Ġordan tas-Sassonja O.P.
Fjuretti Dumnikani (*Vitae Fratorum*), ta' G. Frachet O.P.

L-Istqarrijiet ta' Santu Wistin.
Id-Digriet tat-II Konċilju Vatikan fuq il-formazzjoni saċerdotali *Optatam Totius*.
Id-Digriet tat-II Konċilju Vatikan fuq il-misteru u l-ħajja tas-saċerdoti *Presbyterorum Ordinis*.
Għaqda fl-imħabba – l-Ewkaristija u ż-Żwieġ imfissrin minn V. V. Barbara u Ġ. Frendo O.P.
Innijiet Liturġiċi – ġabra użata fil-Liturġija tas-Sigħat skont ir-rit Ruman u r-rit Dumnikan.
Il-Belt ta' Alla – Civitas Dei, ta' Santu Wistin.
Il-Prietka tal-Muntanja – De Sermone in Monte, ta' Santu Wistin.

*Mill-Ingliż*

Lacordaire, ta' M. V. Woodgate.
Ġulju Ċesri, minn Julius Caesar, ta' William Shakespeare.
Dar tal-Pupa, minn traduzzjoni Ingliża tad-dramm ta' Henrik Ibsen (mhix Stampata).
Id-Djabete, ktieb maħruġ mill-Kummissjoni tal-Affarijiet Etniċi u d-Dipartiment tas-Saħħa ta' N.S.W.
Mill-Franċiż
Fis-Skiet Quddiem Alla, ta' M. Philippon O.P.
Mit-Taljan
Il-Ħabib Divin, ta' G. Shryvers C.SS.R.
Agħtini Ruħek, ta' G. Shryvers C.SS.R.
Ommi Marija, ta' G. Shryvers C.SS.R.
Erwieħ ta' Fiduċja, ta' G. Shryvers C.SS.R.
Għaxar Snin Ħabs, ta' S. Pellico.
Il-Lukandiera, kummiedja ta' C. Goldoni (mhix stampata).
Il-ħajja ta' San Martin de Porres

*Mill-Ispanjol*

It-Triq, ta' J. M. Escriva.
Agħtina x-Xita, ta' M. Descalzo.

**Bħala membru tal-Kummissjoni tal-Għaqda Biblika għat-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti:**

*Mil-Lhudi*
Il-Għanja tal-Għanjiet.
Il-ktieb tal-Profeta Hosegħa.
Il-ktieb tal-Profeta Ġoel.
Il-ktieb tal-Profeta Għamos.
Il-ktieb tal-Profeta Għabdija.
Il-ktieb tal-Profeta Ġona.
Il-ktieb tal-Profeta Mikea.
Il-ktieb tal-Profeta Naħum.
Il-ktieb tal-Profeta Ħabakkuk.
Il-ktieb tal-Profeta Sofonija.
Il-ktieb tal-Profeta Ħaggaj.
Il-ktieb tal-Profeta Żakkarija.
Il-ktieb tal-Profeta Malakija.

*Mil-Lhudi u l-Aramajk*
Il-ktieb tal-Profeta Danjel.

*Mill-Grieg*
Il-Vanġelu ta' San Mattew.
Il-Vanġelu ta' San Mark.
Il-Vanġelu ta' San Luqa.
Il-Vanġelu ta' San Ġwann.
L-Ittra ta' San Ġakbu.
L-I, it-II, u t-III Ittra ta' San Ġwann.
L-Apokalissi ta' San Ġwann.

**Kotba liturġiċi maqlubin mil-Latin u użati uffiċjalment fil-Liturġija (N.B. It-testi bibliċi ttieħdu mit-traduzzjoni tal-Għaqda Biblika):**

Il-Missal (l-ordinarju tal-quddiesa u t-tliet kanoni ewlenin inħadmu flimkien ma' membri oħra ta' kummissjoni apposta).

Il-Liturġija tas-Sigħat (xi innijiet u għadd ta' lezzjonijiet għall-Uffiċċju tal-qari nqalbu minn oħrajn).
Ir-Rit tal-Magħmudija.
Ir-Rit tas-Sagrament tal-Morda.
Ir-Rit taż-Żwieġ.
L-Ordni tal-Funerali.
L-Ordni tal-Professjoni Reliġjuża.
Il-Liturġija tas-Sigħat skondt ir-Rit Dumnikan.
Il-Ktieb tat-Talb tal-Ordni tal-Predikaturi.
Kotba oriġinali ta' V.V.B
Min Kienu, tagħrif fuq persuni li jissemmew fil-Bibbja, Media Centre, Malta 1997.
Persons in the Bible, verżjoni bl-Ingliż ta' 'Min Kienu' (lest għall-istampa).
Versi Marjani u Dumnikani, edizzjoni limitata privata li mhix ippubblikata.
Intietef, ġabra ta' poeżiji ta' V.V.B., edizzjoni limitata privata li mhix ippubblikata.
Intietef Oħra, ġabra ta' proża ta' V.V.B., edizzjoni limitata privata li mhix ippubblikata.

Minbarra dan kollu Val. V. Barbara pprepara u ssettja l-master lest għall-istampa ta' kotba u xogħlijiet diversi għal awturi oħrajn, bħal: *Is-Sagramenti*, ta' Patri Ġorġ Frendo u Patri Ġwann Frendo O.P. u għadd ġmielu ta' kotba ta' ħabibu Frank Zammit, l-awtur ta' din il-kitba.

# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



*Silenzju*
pastelli fuq karta, 2010, 75 x 110 cm
**Anthony Catania**

Manwel **Mifsud** Rev. Glen
**Attard** Dorianne **Bartolo**
Manuel J. **Ellul** David **Aloisio**
Paul **Zahra** David **Agius**
**Muscat** Mons. **Lawrenz**
**Cachia** Oliver **Friggieri** Mario
**Cassar** Carlston **Grima** P. Pawl
**Gatt OP** Frank **Zammit** Mario
**Cassar** Achille **Mizzi** Manwel
**Mifsud** Rev. Glen **Attard**
Dorianne **Bartolo** Manuel
J. **Ellul** David **Aloisio** Paul
**Zahra** David **Agius** **Muscat**
Mons. **Lawrenz** **Cachia**
Oliver **Friggieri** Mario **Cassar**
Carlston **Grima** P. Pawl **Gatt OP**
Frank **Zammit** Mario **Cassar**
Achille **Mizzi** Manwel **Mifsud**
Rev. Glen **Attard** Dorianne
**Bartolo** Manuel J. **Ellul** David
**Aloisio** Paul **Zahra** David
**Agius Muscat** Mons. **Lawrenz**
**Cachia** Oliver **Friggieri** Mario
**Cassar** Carlston **Grima** P. Pawl
**Gatt OP** Frank **Zammit** Mario
**Cassar** Achille **Mizzi** Manwel
**Mifsud** Rev. Glen **Attard**
Dorianne **Bartolo** Manuel
J. **Ellul** David **Aloisio** Paul
**Zahra** David **Agius** **Muscat**
Mons. **Lawrenz** **Cachia**
Oliver **Friggieri** Mario **Cassar**
Carlston **Grima** P. Pawl **Gatt OP**
Frank **Zammit** Mario **Cassar**
Achille **Mizzi** Manwel **Mifsud**
Rev. Glen **Attard** Dorianne
**Bartolo** Manuel J. **Ellul** David
**Aloisio** Paul **Zahra** David
**Agius Muscat** Mons. **Lawrenz**
**Cachia** Oliver **Friggieri** Mario
**Cassar** Carlston **Grima** P. Pawl

ISBN 978-99932-7-648-7
9 789993 276487

**klabb kotba maltin**
L-AKKADEMJA TAL-MALTI